# “Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż”

*(At 20,7)*



***Sussidju għall-Avvent 2010***

***Djoċesi ta’ Għawdex***

# “Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż”

*(At 20,7)*

***Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għall-Avvent***

***Segreterija Pastorali***

***Djoċesi ta’ Għawdex (2010)***

# DAĦLA

L-għan ta' dan is-sussidju hu li joffri għajnuna għar-riflessjoni u għall-ħidma pastorali tal-operaturi pastorali matul iż-żmien tal-Avvent f'rabta mal-Pjan Pastorali Djoċesan (tad-Djoċesi ta' Għawdex). Wieħed mill-għanijiet pastorali li nixtiequ nilħqu din is-sena jittratta l-Ewkaristija li tiġi ċċelebrata f'Jum il-Mulej.

L-Avvent hu ż-żmien ta' tħejjija għall-Miġja tal-Mulej li aħna niċċelebraw fil-Milied. Il-Mulej hu dejjem preżenti fil-Knisja tiegħu u magħha, imma fl-istess waqt hu dejjem ġej. Għalhekk il-Knisja hi mistiedna tishar matul l-Avvent. Din il-verità tal-Mulej li hu preżenti u fl-istess ħin dejjem ġej titwettaq b'mod speċjali fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Il-Mulej twieled f'Betlehem – id-Dar tal-Ħobż; il-Mulej jagħmel lilu nnifsu preżenti u ħaj fil-Ħobż Ewkaristiku.

L-isem ta' dan is-sussidju – *"Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż" (Atti 20:7)* – irid jesprimi propju dan li għidna. Is-silta hi meħuda mir-rakkont tal-Atti tal-Appostli, fejn fil-Jum tal-Ħadd, l-Ewwel Jum tal-ġimgħa, l-Appostlu jingħaqad mal-komunità Nisranija ta' Troas biex jiċċelebra l-Ewkaristija. Din il-laqgħa tal-komunità Nisranija, li tinġabar fl-ewwel jum tal-ġimgħa biex "taqsam il-ħobż", hi l-bażi tal-istess ħajja tal-Knisja. L-ikona tas-sussidju turi affresk tal-*"fractio panis"* li jinsab fil-katakombi ta' Santa Prixxilla, f'Ruma, xhieda viżiva taċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja.

Il-materjal tas-sussidju hu marbut mal-Ewkaristija. Is-sussidju hu maqsum f'erba' taqsimiet:

a. l-ewwel taqsima tittratta l-Ewkaristija fil-Kotba Mqaddsa;
b. it-tieni taqsima titkellem fuq l-aspett liturġiku kemm tal-Avvent u kemm tal-Quddiesa;
ċ. it-tielet taqsima toffri għajnuna għal-laqgħat ta' katekeżi tal-adulti u għat-tħejjija tal-omelija tal-Ħdud tal-Avvent;
d. ir-raba' taqsima toffri skemi ta' ċelebrazzjonijiet u attivitajiet pastorali, kemm għall-adulti u kemm għaż-żgħar.

Il-werrej, fuq in-naħa ta' wara tas-sussidju, jagħti tagħrif dettaljat ta' x'fih dan is-sussidju.

Nixtieq nirringrazzja lid-diversi kollaboraturi li kkontribwew materjal varju għal dan is-sussidju, u lil Francesco Pio Attard li ħa ħsieb il-korrezzjoni tal-ortografija tal-materjal kollu.

**Dun Giovanni Curmi**
*Segretarju Pastorali*

# L-EWWEL TAQSIMA: L-EWKARISTIJA U JUM IL-ĦADD FIL-KOTBA MQADDSA

## 1. L-EWKARISTIJA PPREFIGURATA FIT-TESTMENT IL-QADIM

Mons. Lawrenz Sciberras

### Daħla

Biex wieħed jifhem it-Testment il-Ġdid u l-ermenewtika li jdomm fih, hemm bżonn l-ewwel li jsir jaf aktar it-Testment il-Qadim. Hekk biex wieħed seta' jippermetti li l-ilma jiġi mibdul f'inbid tajjeb, kien hemm il-ħtieġa li l-ewwel wieħed ikollu l-ilma. Kristu huwa t-triq li twassal għand il-Missier. Imma din il-mixja titlob li l-ewwel wieħed ineħħi l-qorq bħalma għamel Mosè biex jifhem b'mod ħieles u mingħajr ebda preġudizzju l-Kelma Rivelata.

Santu Wistin ukoll jagħmel riflessjoni dwar il-qbil li jeżisti bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid: din ir-riflessjoni tgħinna ħafna biex nifmhu aħjar dak li ser niktbu, naħsbu u nitolbu dwaru. Jgħid Santu Wistin: "Meta wieħed jerġa' jġib fi ħsiebu dawk il-ħwejjeġ li jkun sema' u bil-ħlewwa kollha jagħmel dixxerniment dwarhom f'qalbu, ikun jixbah lil dak li qed jixtarr". U hekk se nagħmlu aħna f'dan l-artiklu: se niftakru f'persunaġġi, sinjali u ġrajjiet kollha meħudin mit-Testment il-Qadim, u naraw kif minn taħt aspett u minn taħt aspett ieħor jixħtu dawl leqqien fuq l-Ewkaristija (ara F. MANNS, *Sinfonia della Parola*, 2008, 6-10).

Issa rigward dawn il-ħwejjeġ li huma sempliċement tip, sewwa li niftakru x'jgħallem il-Biblista San Ġlormu: *"Typus partem indicat"* – it-tip biċċa biss ifisser u juri mir-realtà. Dawn kollha huma "dell tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu, imma r-realtà hija Kristu", jgħallem San Pawl (Kol 2:17). B'dan il-ħsieb fundamentali u dominanti ħalli nibdew neżaminaw numru minn dawn il-ħwejjeġ tal-qedem u naraw kif jiċċaraw f'dak li huwa ġdid. Is-suġġett li se niktbu dwaru f'din il-kitba huwa s-sagrament tal-Ewkaristija.

Iżda meta ngħidu l-kelma "Ewkaristija", m'għandux jigi f'moħħna dak biss li Ġesù għamel u waqqaf awl il-lejl qabel ma bata hemm fl-għorfa ta' fuq, jiġifieri l-ikla speċjali mat-Tnax u daqshekk; imma għandna nżidu wkoll l-agunija fil-Ġetsemani, il-flaġellazzjoni u l-kundanna fil-Fortizza Antonja, il-passjoni, il-mewt fuq is-salib u l-qawmien glorjuż tiegħu. Dan huwa misteru sħiħ u komplut meta ppreżentat flimkien u qatt ma jista' jiġi mifrud wieħed mill-ieħor. F'kelma waħda dan huwa l-Misteru tal-Għid. F'dan l-artiklu se nsaħħu u niċċaraw dan ukoll bit-tagħlim tas-Santi Padri, kemm Griegi u kemm Latini. Kienu huma l-ewwel fissiera tal-Iskrittura, fissiera u ragħajja spiritwali ta' merħliet kbar ta' Nsara, bnedmin li l-kelma tagħhom għad fadal postha llum ukoll, għaliex hija l-kelma ta' bnedmin qaddisa.

### 1. IS-SAGRIFIĊĊJU TA' IŻAKK

Iżakk huwa wieħed mill-ftit eżempji fil-Bibbja fejn Alla b'mod dirett għażel isem lil persuna u ħabbarhulha qabel ma twieldet. Isem dan il-patrijarka jidher miktub għal mija u erbgħin darba fil-Kotba Mqaddsa. Imma Alla ried jgħaddi lil Abraham, missier it-tifel, minn prova u waħda iebsa tassew: dik li joffrilu lil ibnu l-waħdieni. Iżakk kien għal Abraham iben il-wegħda u iben ix-xjuħija. Mela altru li t-talba li għamel Alla lill-Patrijarka Abraham dwar id-debħa ta' ibnu Iżakk kienet waħda għolja tassew! Alla lil Abraham talbu kollox: it-tkomplija tar-razza, il-wirt, il-barka, u l-bqija, u dan għaliex talbu ħajjet ibnu Iżakk stess.

Il-Ġenesi huwa ċar ħafna dwar din il-prova hekk diffiċli: "U waslu fil-post li kien semmielu Alla, u hemm Abraham bena l-altar u firex il-ħatab fuqu, u rabat lil ibnu Iżakk u qiegħdu fuq l-altar, fuq il-ħatab. U Abraham medd idu u qabad is-sikkina biex joqtol lil ibnu. U sejjaħlu l-anġlu tal-Mulej mis-smewwiet u qallu: 'Abraham, Abraham!'. U dan wieġbu: 'Hawn jien'. U qallu: 'La tmiddx idejk fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li int tibża' minn Alla u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni'" (Ġen 22:9-13).

F'termini ta' xebh u tipoloġija, Iżakk isir it-tip ta' Ġesù, tiela' fuq l-għolja tal-Kalvarju bl-għuda tas-salib fuq spallejh. L-awtur tal-ittra lil-Lhud jikteb hekk dwar Abraham u ibnu Iżakk: "Kienet il-fidi li ġiegħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien se joffri lil ibnu l-waħdieni sewwa sew dak li kien ħa l-wegħdiet" (Lhud 11:17). Kemm kellu raġun Santu Wistin meta qal li t-Testment il-Ġdid huwa moħbi fit-Testment il-Qadim, u t-Testment il-Qadim huwa mikxuf fit-Testment il-Ġdid. Diġà l-awtur tal-Ittra lil-Lhud qed jagħmel dan ix-xebh bejn Iżakk u Kristu! Kull tiġbid ta' argumenti oħra li ma jaqblux ma' dan ir-raġunament huwa superfluwu.

Hemm xebh ieħor profond bejn Iżakk, iben Abraham, u Ġesù, Iben Alla l-Missier. Dan ix-xebh qiegħed fl-aġġettiv "waħdieni" u l-avverbju "li tħobb". Fil-Ġenesi naqraw: "Aqbad lil ibnek **il-waħdieni**, **li inti tħobb**, lil Iżakk…" (Ġen 22:2). Fid-djalogu li Ġesù kellu ma' Nikodemu prattikament qallu l-istess ħaġa: "Għax Alla hekk **ħabb** lid-dinja li ta lil Ibnu **l-waħdieni**…" (Ġw 3:16). Kliem Ġesù lil Nikodemu jissiġilla l-ogħla offerta li Alla talab minn Abraham. U din l-ogħla u l-eqdes debħa issa saret fil-milja sħiħa tagħha minn Ġesù.

Missirijiet il-Knisja wkoll komplew jgħallmu dwar din it-tipoloġija. Hekk Sant'Irinew: "Abraham, imqanqal mill-fidi, fuq l-amar ta' Alla, offra lil ibnu l-waħdieni u tant maħbub minnu, sabiex jogħġob lil Alla li joffri lil ibnu l-waħdieni u maħbub għall-fidwa sħiħa tagħna bnedmin".

Tertulljanu: "Iżakk, offrut minn missieru Abraham, iġorr il-qatta tal-ħatab, huwa figura ta' Kristu offrut mill-Missier, filwaqt li jġorr is-salib lejn l-għolja tal-Kalvarju. Iżakk iġorr il-ħatab, imma billi dan kien biss figura, it-twettiq sħiħ kellu jsir fi Kristu; floku kien hemm il-ħaruf imwaħħal minn qrunu, xbieha ta' Kristu msallab bil-kuruna tax-xewk fuq rasu".

San Ġwann Kriżostmu jikteb hekk: "Huwa qatel lil Ibnu u ħammar l-art bid-demm, kif ukoll ċappas ix-xabla tiegħu; huwa kollu veru li fir-realtà dan ma setax jagħmel dan is-sagrifiċċju, imma komplieh kollu fir-rieda sħiħa tiegħu. Abraham ma qatilx b'idu, imma qatel bir-rieda sħiħa tiegħu. Dan is-sagrifiċċju spiritwali jirrappreżenta s-sagrifiċċju tas-salib. Dan huwa s-sinjal l-aktar nobbli tal-offerta tiegħu nnifsu, biex hekk ta valur divin lid-demm li xerred fuq il-Kalvarju".

## 2. MELKISEDEK

Melkisedek l-ewwel ifisser "sultan tal-ġustizzja", imbagħad "sultan ta' Salem", jiġifieri sultan tas-sliem (ara Lhud 7:2). Dan il-qassis huwa bniedem imgeżwer sħiħ fiċ-ċpar tal-misteru, u dan għaliex "hu jidher bla missier, bla omm, bla nisel, qisu la għandu bidu u lanqas tmiem ta' ħajtu. Imma, biex ikun jixbah lill-Iben ta' Alla, jibqa' qassis għal dejjem" (Lhud 7:3). Diġà l-awtur sagru jsaħħaħ il-karattru li Melkisedek huwa qassis, u mhux sempliċement wieħed bħal dawk il-qassisin tat-Testment il-Qadim, imma totalment differenti għaliex marbuta miegħu hemm l-eternità.

Hemm rabta bejn Abraham u Melkisedek (ara L. SCIBERRAS, *Personaġġi rġiel fil-Bibbja*, 2010, 261-262). Saret laqgħa bejn Melkisedek u Abraham, u dan tal-aħħar offra l-għexur lil Melkisedek. Dan il-persunaġġ imbagħad ħareġ isellem lill-Patrijarka bil-ħobż u l-inbid, żewġ elementi li huwa kien joffrihom lil Alla. U dan għaliex Melkisedek kien qasiss ta' El-

għeljon, Alla l-għoli (ara Ġen 14:18). San Ewsebju ta' Ċesarija fuq is-sagrifiċċju ta' Melkisedek jikkonkludi li dawn iż-żewġ elementi, ħobż u nbid, għandhom tassew tifsira teoloġika vera. Dan għaliex il-ħobż u l-inbid għandhom karattru universali, mhux marbut ma ebda post partikulari.

L-awtur tal-Ittra lil-Lhud, meta jargumenta dwar il-qassis Melkisedek, jikkwota s-Salmi 2 u 110. Dawn iż-żewġ salmi jorbothom flimkien għax iħossu aktar f'postu, minħabba l-interpretazzjoni regali tal-Lhud. Hekk l-awtur jikkwota Salm 2:7: "Ibni int, jien illum nissiltek". U wara jikkwota Salm 110:4: "Int qassis għal dejjem skont l-ordni ta' Melkisedek". Dawn iż-żewġ salmi jitkellmu fuq is-sultan, għalhekk l-awtur dritt jikkonkludi li ż-żewġ versi jistgħu jiġu applikati għal Kristu, Sultan tas-slaten. Mela l-awtur jasal għall-konklużjoni li Ġesù huwa qassis skont l-ordni ta' Melkisedek.

Dan ifisser li s-saċerdozju ta' Ġesù Kristu m'għandux għeruq fil-bniedem, għax Ġesù kien ġej mit-tribù ta' Ġuda u mhux mit-tribù ta' Levi. Mela Ġesù għandu saċerdozju perpetwu u etern, żgurat mill-ħalfa ta' Alla li qatt ma ġiet imreġġgħa lura.

Hemm raġuni oħra għaliex is-saċerdozju ta' Kristu huwa etern u perpetwu. Dan għax ġej mill-ordni ta' Melkisedek. Issa t-tradizzjoni Lhudija dejjem żammet li dan is-saċerdot, Melkisedek, li la nafu minn fejn ġie u lanqas it-tmiem tiegħu, kien saċerdot etern u mhux marbut ma' xi ġeneoloġija ta' din id-dinja.

Element ieħor ta' xebh bejn is-saċerdozju ta' Melkisedek u dak ta' Ġesù qiegħed fl-offerti li t-tnejn li huma offrew lil Alla: ħobż u nbid. Hawn it-tipoloġija hija fl-aqwa tagħha: xejn mistur jew imċajpar. Kellu jkun qassis ieħor, din id-darba dak tat-Testment il-Ġdid, Ġesù Kristu, li offra lil Alla Missieru l-ħobż u l-inbid meta kien fl-aħħar ikla mal-Appostli (1 Kor 11:23-26). Id-dell li bih kien imgeżwer il-qassis tar-Rabta l-Qadima, Melkisedek, issa jiċċara u jitwettaq darba għal dejjem f'Ġesù, is-Saċerdot etern.

Il-liturġija tal-Knisja wkoll rat dan is-simboliżmu ċar u qawwi. Hekk jagħmel id-duttur tal-Knisja San Tumas minn Aquino, meta fis-Sekwenza tal-Quddiesa tas-solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù – il-Korpus – b'mod indirett jagħmel riferenza għall-ħobż u l-inbid. Fil-Kanoni Ruman naqraw hekk ukoll: "L-offerta tal-qaddej tiegħek Abel, is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham, u s-sagrifiċċju li offrielek il-qassis il-kbir tiegħek Melkisedek". Tip u antip – Melkisedek u Ġesù – jixxebilku ġo xulxin, imma fl-istess waqt ukoll jiċċaraw wieħed bl-ieħor.

### 3. Il-MANNA

Nibda dan it-tagħrif billi nitlaq minn dak li tgħidilna l-Iskrittura stess: "Ara, se nibagħtilkom xita ta' ħobż mis-Sema. Il-poplu kollu joħroġ u jiġbor minn jum għal ieħor kemm ikun jinħtieġ għall-ġurnata, biex hekk inġarrabhom u nara jimxux mal-Liġi tiegħi jew le" (Eż 16:4). "U dar Israel semmiet dan l-ikel 'manna'; kienet qisha bħal żerriegħa bajda tal-kożbor, u t-togħma tagħha kienet bħal ftira bl-għasel" (Eż 16:31; ara wkoll Num 11:6-7,9; Dewt 8:3).

Il-kuntest ta' dan il-kliem ispirat huwa wieħed ċar ħafna. Il-poplu magħżul qed iterraq fid-deżert, imkien ħarr, niexef, sħun u bla ilma! Hawn naqsu l-ikel, l-ilma, il-kenn mill-qilla tas-sħana, kif ukoll l-ilqugħ mill-bhejjem ta' matul il-lejl. Beda jgerger u jmaqmaq kif kien soltu jagħmel. Mosè reġa' għamilha ta' medjatur u Alla sema' t-talba tiegħu u pprovdielhom l-ikel u l-manna. Dan l-ikel kompla jaqa' mis-sema sakemm il-poplu Lhudi wasal biex jidħol fl-Art Imwiegħda.

Dan il-fatt storiku li għajjex il-ġisem tal-Lhud meta dawn kienu fid-deżert tas-Sinaj, ikkummenta dwaru fit-tul Ġesù stess. U hawn jidħol ir-raġunament ta' dak li huwa tip u l-antitip tiegħu, fil-każ speċifiku tagħna l-manna u l-Ewkaristija. Il-kuntest li fih Ġesù għamel dan kien dritt wara l-miraklu tal-multiplikazzjoni tal-ħobż hemm f'Kafarnahum. Ara kliem Ġesù kemm huwa ċar u kull tifsir ieħor huwa superfluwu: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Missirijietkom kielu l-manna fid-deżert u mietu; dan hu l-Ħobż nieżel mis-Sema, biex min jiekol minnu ma jmutx" (Ġw 6:48-50).

Hemm differenza kbira u ontoloġika bejn il-manna u l-Ġisem ta' Ġesù. (a) Il-manna kienu jieklu minnha l-Lhud biss; il-Ġisem ta' Ġesù jieklu minnu dawk kollha li jemmnu fih, mela hu stedina universali kif jgħallem San Tumas minn Aquino. (b) Il-manna xebbgħet il-ġisem biss: imlew żaqqhom u daqshekk; l-Ewkaristija xxebba' r-ruħ. (ċ) Il-manna baqgħet tinżel mis-Sema sakemm il-Lhud waslu fl-Art Imwiegħda; l-Ewkaristija tibqa' magħna sal-aħħar tad-dinja.

Sant'Ambroġ jikkummenta hekk dwar din it-tipoloġija *manna-Ewkaristija*: "Hija tassew meravilja li Alla bagħat il-manna kuljum u xebba' tant nies. Madankollu dawk xorta mietu. Il-ħobż li se tirċievi, dan il-Ħobż ħaj nieżel mis-Sema, jagħtik il-qawwa għall-ħajja eterna, u kulmin jieklu dan ma jmut qatt". Altru, mela, li l-manna kienet prefigurazzjoni tal-Ewkaristija.

## 4. IL-FTAJJAR TA' ELIJA

Elija hu figura ta' profeta b'karattru tan-nar, tant li n-nies ta' żmien Ġwanni l-Battista ħasbuh Elija, filwaqt li Ġesù stess ġie mibdul mal-profeta tan-nar (Mt 16:14). Isem Elija jidher għal mija u tlettax-il darba. Ta' min iżid jgħid li isem dan il-profeta fost il-persunaġġi tat-Testment il-Qadim huwa l-aktar imsemmi fit-Testment il-Ġdid. Fost iż-żewġ persunaġġi li dehru jitħaddtu maġenb Ġesù fuq it-Tabor, kien hemm Elija.

Fost il-persunaġġi li tant fixklu lill-profeta fil-missjoni tiegħu ta' xandar, kien hemm ir-reġina Ġesabel, mart Aħab. Kienet mill-Feniċja, bint ir-Re ta' Sidon. Din Ġesabel tant għodsot 'l isfel li bdiet "teqred il-profeti tal-Mulej" (1 Slat 8:4). U hawn jidħol Elija bl-oppożizzjoni ħarxa li kellu lil din ir-reġina pagana!

Dan il-profeta, dejjem bl-għajnuna ta' Alla, rebaħ l-imħatra li jinżel in-nar fuq il-gniedes li kien ħejja fuq l-altar apposta hemm fuq il-muntanja tal-Karmelu (1 Slat 18:38). Wara dan, Elija amar biex joqtlu l-profeti kollha bix-xabla. Ġesabel semgħet b'dan kollu u ħalfet li issa teħles darba għal dejjem minn Elija. Meta l-profeta sema' b'dan kollu, huwa beża' u qabad u telaq biex isalva ħajtu, u mar Birsaba. Wara jum miexi, waqaf, inxteħet taħt siġra tal-ġummar, u talab li jmut. Ġara l-istess ħaġa wara t-tieni jum. Iżda Alla wieġeb u farraġ lil Elija. Kif? Alla nnifsu pprovdielu l-ikel u x-xorb meħtieġ għal ħajtu. "Elija qam, kiel u xorob għal erbgħin jum u erbgħin lejl, sa ma wasal Ħoreb, il-muntanja tal-Mulej" (1 Slat 19:8).

Bosta fissiera tal-Iskrittura f'dan ir-rakkont jaraw ukoll xebh kbir mal-Ewkaristija, din id-darba bħala ikel. Ibda biex, hawn imsemmi n-numru erbgħin. Dan huwa numru perfett, fis-sens li jista' jkun aktar u jista' jkun anqas. (Għal aktar riferenzi fejn jissemma n-numru erbgħin, ara Ġen 8:6; 25:20; Eż 16:35; Dewt 10:10; Mħal 13:1; 1 Slat 2:11; Salm 95:10; Mt 4:2; Atti 1:3; 2 Kor 11:24; Lhud 3:17). Alla, imma, kompla jipprovdilu l-ftajjar sakemm Elija kellu bżonn li jasal fuq il-muntanja tal-Mulej.

It-tieni espressjoni li turi r-rabta mal-Ewkaristija hija "il-muntanja tal-Mulej". Issa din l-espressjoni tista' tinftiehem li hi Ġerusalemm, il-belt il-qaddisa, imma tista' tinftiehem ukoll bħala s-Sema pajjiżna. Hekk ukoll hija l-Ewkaristija: nibqgħu nieklu minn dan l-ikel sa ma

naslu l-Ġenna. Jekk ma niklux minn dan l-ikel, it-triq tkun aktar diffiċli u għat-telgħa. L-Ewkaristija hija garanzija żgura tal-ikel tal-ħajja ta' dejjem.

## 5. IL-ĦOBŻ TAL-PREŻENZA

Is-sultan Salamun kompla fuq l-eżempju ta' missieru David u bena l-ewwel Tempju ta' Ġerusalemm. Salamun qassam dan il-maqdes fi tliet taqsimiet prinċipali. L-ewwel waħda kienet il-bitħa, waħda mikxufa. Hawn kien hemm altar merfugħ fl-għoli, titla' għalih bit-taraġ u li fuqu l-qassisin jissagrifikaw numru kbir ta' debħiet kuljum lil Alla. Il-kelma teknika għal din il-parti tal-maqdes hi *ulam*.

Fit-tieni parti, u li din issa kienet imsaqqfa, kien hemm tliet oġġetti ta' għożża l-aktar kbira. Dawn kienu l-kandelabru, *menorah* b'seba' friegħi li kienu jixegħlu; l-altar tal-inċens, dak li madwaru l-qassis kull filgħodu u filgħaxija jagħmel il-funzjoni tal-inċens (ara Lq 1:11); u l-mejda tal-gażżi bi tnax-il ħobża tal-wiri, jew tal-preżenza, fuqha. Hawn ġew setgħu jidħlu biss il-qassisin u l-Leviti. Il-kelma teknika għal din il-parti hija *ħekal*.

It-tielet parti, imbagħad, kienet kmajra mdallma; kien hemm ġo fiha l-Arka tal-Patt. Hawn darba biss fis-sena, fil-festa tal-Espjazzjoni jew tal-*Jom Kippur*, kien jidħol il-qassis il-kbir bid-demm tal-bodbod u jroxx l-ewwel fuq l-arka u mbagħad joħroġ u jroxx fuq in-nies. Kien hawn li l-qassis il-kbir jippronunzja l-isem ta' Alla. Il-kelma teknika hija *debir*.

Issa t-tnax-il ħobża tal-preżenza, li kienu jagħmluhom minn dqiq l-aktar fin (ara Lev 24:5), kienu jinbidlu kull nhar ta' Sibt. Il-qassisin biss setgħu jieklu dawn il-ħobżiet. B'eċċezzjonijiet kbar tassew, u wara li jkunu astjenew mir-rapporti sesswali, setgħu jieklu minn dawn il-ħobżiet anki s-sekulari (1 Sam 21:1-8). Naturalment in-numru ta' tnax-il ħobża jfisser it-tnax-il tribù ta' Israel; dawn kollha qegħdin fil-preżenza ta' Alla wieħed u veru. Il-ktieb tal-Eżodu huwa ċar dwar din il-ħaġa: "Agħmel mejda tal-injam tal-gażżi… u fuqha tqiegħed quddiemi għal dejjem il-ħobż tal-preżenza" (Eż 25:30).

Issa dan il-ħobż tal-preżenza huwa wkoll figura tal-ħobż l-ieħor ikkonsagrat tal-Ewkaristija. Dan il-ħobż ukoll għandu jinżamm b'għożża l-aktar kbira, u f'post fejn wieħed jista' jinduna sew bih u jagħtih qima u adorazzjoni. Hekk kif fit-Testment il-Qadim il-qassisin biss setgħu jaħsbu għad-dqiq fin, u jneħħu l-ħobż il-qadim kull ġimgħa biex jagħmlu l-ġdid, hekk ukoll huma l-qassisin biss li jikkonsagraw u jqassmu minn dan il-ħobż tal-anġli lin-nies li jkun tassew jixirqilhom li jieklu minn dan il-ħobż ikkonsagrat.

## 6. ID-DEMM TAL-PATT

Fost il-popli tal-Lvant hija qawwija ħafna l-parentela, jiġifieri li wieħed jiġi mill-ieħor: jibda dan il-Patrijarka. Mela dan ifisser ukoll li hemm demm kważi komuni fil-vini ta' familji sħaħ. Il-forma l-aktar qadima u arkajka tal-patt bid-demm hija meta tnejn jaqtgħu ħdejn il-polz ta' jdejhom, imbagħad it-tnejn li huma jressqu l-feriti fondi ħdejn xulxin bid-demm ħiereġ u hekk jaħsbu li d-demm ta' wieħed jgħaddi fil-ġisem tal-ieħor. Mela sar ftehim, il-patt, u dan ġie ffirmat bid-demm. Gwaj kbir jekk issa dan il-patt jinkiser, għax hemm konsegwenzi tassew ħorox.

Anki Alla għamel patt mal-poplu tiegħu u dan issiġillah bid-demm (ara Eż 24). Għalhekk il-patt nistgħu ngħidu li jikkonsisti f'kuntratt li jsir bejn tnejn min-nies individwali, jew żewġ gruppi, jew żewġ partijiet, u dan dwar xi ħaġa partikulari. Dan il-ftehim, li aħna nsejħulu *berit*, kien jiġi ssiġillat, illum ngħidu ffirmat, bid-demm.

Il-patt li sar, u li qiegħed f'Eżodu 24, fih dawn l-elementi partikulari: (a) Mosè waqqaf tnax-il plier, mela wieħed għal kull tribù ta' Israel, (b) joqtol għoġiela bħala sagrifiċċji tas-sliem lill-

Mulej, (ċ) Mosè ħa nofs id-demm u qiegħdu fi bwieqi, (d) Mosè ħa nofs id-demm u, waqt li raxxu fuq il-poplu, qal: "Hawn hu d-demm tal-patt li l-Mulej għamel magħkom skont dan il-kliem" (Eż 24:8).
Fl-Aħħar Ikla, Kristu wkoll l-ewwel biddel l-inbid f'demmu, u dan ma kienx biżżejjed, imma qal l-istess kliem li Mosè qal dwar il-patt: "Għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" (Mt 26:28). Mela dak li fit-Testment il-Qadim kien biss figura, issa jsir realtà, u dan bid-Demm divin ta' Kristu. Imma Ġesù żied il-kelma "ġdid", kelma li tagħmel id-differenza kollha; u dan għaliex il-Patt tħattem b'demmu, demm divin, id-demm ta' Iben Alla.

Dan il-kliem teoloġiku ta' Ġesù tant ħalla impressjoni li l-evanġelisti Sinottiċi kollha ġabuh fir-rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija.

**a.** "Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: 'Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" (Mt 26:27-28).

**b.** "Imbagħad ħa kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu. U qalilhom: 'Dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għal ħafna'" (Mk 14:24).

**ċ.** "Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: 'Dan il-kalċi huwa l-Patt il-ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom'" (Lq 22:20).

**d.** Magħhom hemm ukoll San Pawl, li kronoloġikament kiteb qabel l-istess vanġeli: "Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: 'Dan il-kalċi hu l-Patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi'" (1 Kor 11:25).

Missirijiet il-Knisja wkoll komplew ifissru u jqabblu d-demm tal-bhejjem ma' dak ta' Ġesù. Hekk Sant'Irinew: (i) "Id-demm tiegħu jsaffi d-demm tagħna"; (ii) San Ġwann Kriżostmu: "L-ilsien tagħna qed iħammar b'dan id-demm terribbli. Huwa jgħajjixna bid-demm tiegħu. Ġesù jistedinna biex nixorbu, iżda dan mhux ilma, imma d-demm ħaj tiegħu stess"; (iii) San Klement ta' Ruma: "Żommu sħiħ il-ħarsa tagħkom fuq id-demm ta' Kristu u kkunsidraw ftit kemm huwa tassew prezzjuż għal Alla l-Missier, u dan għaliex meta xtered għas-salvazzjoni tagħna ġab lid-dinja kollha l-grazzja tal-konverżjoni" (ara L. SCIBERRAS, *B'Demmek fdejt id-dinja*, 2005, 90-91).

## 7. L-IKLA TAL-GĦID TAL-LHUD

Id-deskrizzjoni fl-oriġinal tagħha, jiġifieri kif Alla kellem lil Mosè u x'ordnalu biex jagħmel dik l-ikla ta' tifkira, qiegħda f'Eżodu 12. Tajjeb li wieħed l-ewwl jaqra dan il-kapitlu.

Il-Lhud li kienu fl-Eġittu mal-għabex għamlu ikla speċjali. L-elementi prinċipali kienu l-ħobż ażżmu, mela bla ħmira, il-ħaruf mixwi, l-inbid iswed, u d-demm. Meta l-kap ta' kull familja jiskarna l-ħaruf, huwa kellu jiġbor id-demm tiegħu biex imbagħad "iċappas il-blata u l-ġnub tal-bieb bid-demm ta' ġol-bieqja" (Eż 12:22). Dak il-lejl, li kien wieħed kollu kemm hu speċjali daqskemm uniku, kellu jgħaddi "il-Mulej biex jidrob l-Eġizzjani; imma meta jara d-demm mal-blata u l-ġnub tal-bieb, il-Mulej jaqbeż lil bwiebkom u ma jħallix lill-qerried jidħol jidrobkom fi djarkom" (Eż 12:23) – *pasah*.

Filfatt hekk ġara, tant li meta l-Eġizzjani qamu u raw fi djarhom dik il-ħerba, waħx u orrur kollu, ħallew lil-Lhud biex dawn jiksbu l-ħelsien sħiħ billi jibdew it-triq tal-libertà, it-triq li wasslithom sal-art li tnixxi ħalib u għasel (ara Eż 3:17; Num 14:8; Dewt 11:9; Ġer 11:5).

Din l-ikla baqgħet issir sena waħda wara l-oħra, sakemm wasal ukoll żmien Ġesù. Dan Ġesù, li kien Lhudi – mela obbligat li jħares il-liġijiet tat-*Torah*, għamel ukoll l-ikla tal-Għid. Imma matul dik l-aħħar ikla tiegħu tal-Għid, Ġesù għamel xi ħaġa kollha kemm hi speċjali, tant li kellha tibqa' ssir matul iż-żminijiet kollha: tifkira, *zikkaron*. Ġesù wera din ix-xewqa b'mod l-aktar ċar: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati!" (Lq 21:15) (ara J. JEREMIAS, *Le parole dell'Ultima Cena*, 1973, 63-65).

Saru t-tħejjijiet meħtieġa għall-ikla tal-Għid, u xħin wasal il-ħin preskritt mit-*Torah*, Ġesù flimkien mat-Tnax mar fl-għorfa ta' fuq imħejjija apposta u hemm għamel l-aħħar ikla tal-Għid u tal-Mogħdija magħhom. Kienet l-aħħar ikla tiegħu, ikla li kellha timmarka żmien ġdid fl-istorja tad-dinja Nisranija.

Iżda waqt din l-istess ikla Ġesù qabad biċċa minn dak il-ħobż ażżmu li kellu quddiemu – forsi aħjar ngħidu ftira –, qasmu u tahulhom biex jikluh, imma bid-differenza li dak il-ħobż kien sar il-Ġisem tiegħu. L-istess għamel b'dak l-inbid iswed li kellu quddiemu: qabad kalċi, it-tielet wieħed, qal fuqu l-barka u tahulhom biex jixorbuh, imma din id-darba bħala Demmu. U Ġesù kompla: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (1 Kor 11:24). Ta' min ikompli jgħid li Ġesù la kiel minn dak il-ħobż mibdul f'ġismu u anqas ma xorob minn dak l-inbid mibdul f'demmu.

Minn dan wieħed jista' jikkonkludi kemm tassew l-ikla tal-Lhud, li għamlu f'art il-jasar tal-Eġittu, kienet figura ċara u sħiħa tal-ikla li għamel Ġesù mad-dixxipli tiegħu awl il-lejl li fih kien ittradut (1 Kor 11:23).

Il-kelma "Għid", bil-Lhudi *pasah*, tfisser mogħdija. Il-Lhud għaddew minn art il-jasar għal-libertà, mill-iskjavitù għall-ħelsien. L-Ewkaristija wkoll hija mogħdija, imma mid-dnub għall-grazzja, mill-jasar tax-Xitan għall-ħelsien fi Kristu. U din l-ewwel mogħdija saret ukoll meta Ġesù għadda mill-mewt għall-ħajja fil-qawmien glorjuż tiegħu.

## 8. IL-ĦARUF TAL-GĦID

Ftit mumenti biss qabel ma jitqarben is-saċerdot, huwa jgħolli l-ostja 'l fuq u b'vuċi għolja jgħid dan il-kliem: "Dan huwa l-Ħaruf ta' Alla". Tajjeb li hawn wieħed jistaqsi u jirrifletti. Għaliex il-qassis lil Ġesù Ostja f'dak il-waqt hekk solenni jiddefinih bħala "il-Ħaruf" u mhux taħt xi forma oħra ta' annimal? Dan li se naraw f'dan l-aħħar punt tal-prefigurazzjoni tal-Ewkaristija mit-Testment il-Qadim.

**Annimal tant maħbub:** Il-ħaruf huwa annimal ġwejjed, leġġ, abjad, nadif: annimal li ma jagħmilx reżistenza, annimal li m'għandekx għax tibża' minnu. Hekk Isaija jgħid: "Il-lupu jgħix mal-ħaruf" (Is 11:1). Il-parabbola li Natan qal lil David biex jurih kemm kien kbir dnubu wkoll tiġbor fiha l-għożża u l-imħabba tal-bniedem xwejjaħ u fqir lejn l-uniku ħaruf li kellu (ara 2 Slat 12). Dan l-annimal jidher miktub għal mija u ħames darbiet fis-singular u għal sebgħa u tmenin darba fil-plural. Mela l-importanza tiegħu mhix żgħira.

Jekk il-figura tal-ħaruf hija waħda komuni, matul żmien il-Għid din il-figura taqbeż bil-qawwa kollha tagħha. Ix-xena ċentrali li tidher f'din il-figura tal-ħaruf bla dubju ta' xejn hija l-ikla li għamel Mosè, dejjem fuq l-ordni ta' Alla (ara Eż 12). Dejjem fuq l-amar ta' Alla, lil dan il-ħaruf tal-Għid tal-Lhud assolutament ma kellhom jiksrulu ebda għadma. Aktar, imbagħad, grazzi għad-demm tal-ħaruf li Mosè u sħabu ċappsu mal-blata u l-ġnub tal-bibien tagħhom, li l-mewt ta' kull iben il-kbir ma daħlitx hemm. Mhux hekk ġara fid-djar tal-Eġizzjani, fejn dan id-demm ma deherx imċappas mal-ġnub tal-bibien. Mela demm il-ħaruf safa ta' fidwa għall-poplu Lhudi kollu.

Għalhekk l-importanza tal-ħaruf tant kibret li ma setgħetx togħla aktar 'il fuq minn daqshekk. Demm il-ħaruf serva ta' ħelsien mill-mewt lil kull iben il-kbir tal-poplu l-magħżul.

Ħafna u ħafna snin wara, ħdejn it-Tempju ta' Ġerusalemm, fejn fuq l-altar kienu jaħarqu l-offerti tagħhom, il-Lhud ħaffru ħofra mdaqqsa, li kienet timtela bl-ilma tax-xita, u propju qabel ma n-nies jieħdu l-ħrief u nagħaġ tagħhom għas-sagrifiċċju, dawn kienu jaħsluhom hemmhekk. Il-vanġelu ta' Ġwanni jagħmel riferenza għal din l-għadira bl-isem ta' Betzata (ara Ġw 5).

L-ewwel profeta li applika għalih stess il-figura ta' ħaruf kien Ġeremija, bniedem li għex qalb tant persekuzzjoni ħarxa minn niesu stess, tant li wasal biex qal: "U jien bħal ħaruf ġwejjed meħud għall-qatla, ma kontx naf li kienu jonsbu kontrija" (Ġer 11:18).

L-istess ħsieb jidher f'Isaija, li qiegħed fil-kuntest tal-eżilju tal-Babilonja: "Ħaqruh, u hu qagħad għalihom, bla biss ma fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu" (Is 53:7). Issa dawn il-kelmiet profetiċi ġew applikati għal Kristu, ħaruf ġwejjed, maħqur u sieket, matul jiem il-passjoni ħarxa tiegħu: "Iżda hu baqa' sieket u ma wieġeb xejn" (Mk 14:61; Mt 26:63). Dawn iż-żewġ evanġelisti raw li dak li ħabbar it-Tieni Isaija twettaq tassew fi Kristu, l-aktar waqt il-passjoni u l-mewt tiegħu.

It-tema tal-ħaruf fit-Testment il-Ġdid tidher bil-qawwa kollha f'San Ġwann. Preċiżament fl-ewwel kapitli l-Battista jindirizza hekk lil Ġesù: "Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1:29). F'dan il-mument tal-magħmudija ta' Ġesù hawn xi ħaġa ġdida li bħalha qatt ma kien għadu ġara: Ġesù ried jitgħammed, hekk li hu daħal fil-folla tal-midinbin li kienu qegħdin jistennew fuq ix-xatt tax-xmara Ġordan (ara J. RATZINGER, *Ġesù ta' Nazareth*, 40-41).

Interessanti kif Ġwanni jiftaħ il-vanġelu tiegħu bl-indirizz lejn Ġesù bħala l-Ħaruf (ara Ġw 1:29) u jagħlaq il-vanġelu tiegħu bil-provi kollha fejn juri li Ġesù huwa tassew il-Ħaruf. Din stilistikament tissejjaħ "inklużjoni". San Ġwann jagħtina tliet provi sodi li Ġesù huwa tassew il-Ħaruf, mhux aktar annimal, iżda l-Ħaruf veru tal-Għid il-ġdid li jerfa' dnubiet id-dinja, il-Ħaruf li grazzi għat-tixrid kollu ta' demmu aħna ksibna ħelsien tassew:

**a.** L-agunija u l-mewt ta' Ġesù fuq is-salib ġraw lejlet il-festa kbira u sinifikanti tal-Għid tal-Lhud. F'dak l-istess ħin tal-agunija u l-mewt ta' Ġesù fuq is-salib, fil-bitħa tat-Tempju ħafna missirijiet kienu qegħdin jiskarnaw il-ħrief tagħhom biex filgħaxija, wara li jixwuhom, jikluhom waqt l-ikla tal-Għid! Dan kellu jsir hekk għaliex il-ħaruf kien meqjus bħala annimal sagru tat-tieni grad. Mela għal Ġwanni ifisser li spiċċaw il-qtil u l-offerti ta' dawk il-ħrief annimali, għax baqa' *biss* ħaruf wieħed: Dak li qed imut imdendel mas-salib 'il barra mill-ħitan tal-Belt il-Qaddisa. Dan il-ħaruf isir il-vittma biex hekk ineħħi tassew id-dnubiet. Dak li kien it-tip sab it-tifsira tiegħu fl-antitip. Żgur li xejn ma jiġri bl-addoċċ!

**b.** Il-ħaruf ma kellha tibqa' fih ebda qatra demm. Għalhekk l-ewwel kienu jiskarnawh, imbagħad jagħtuh daqqa ta' sikkina u jolqtuh f'qalbu. Hekk ikunu żgur li ma jifdal fih xejn mid-demm. Issa hawn tirritorna b'qawwa kbira u tinftiehem aħjar id-daqqa ta' lanza (ara Ġw 19:31-37). Din ix-xena jiktibha *biss* Ġwanni. Tant baqa' impressjonat li, barra li jgħid li minn ġenbu dritt ħarġu demm u ilma, Ġwanni jissiġilla, anzi kważi jagħmel ħalfa, billi jgħid: "Dan qiegħed jixhdu minn ra b'għajnejh, u x-xhieda tiegħu hija minnha" (Ġw 19:37).

**ċ.** Lil Ġesù ma jkissrulu ebda għadma. Hekk kien amar Alla lil Mosè hemm fl-Eġittu: "U la tkissrulu ebda għadma minnu" (Eż 12:46). Dak is-suldat Ruman, li ried jeħles mill-imsallbin billi kien dieħel jum is-Sibt u xejn anqas l-aktar festa importanti tal-Lhud, dik tal-Għid jew tal-Mogħdija, b'qawwa kbira jkisser saqajn iż-żewġ ħallelin, u ma' dak tan-nofs

dan ma għamlux. B'kumbinazzjoni? Altru li le. Imma billi Ġesù huwa tassew il-ħaruf tal-Għid u tal-Mogħdija tagħna l-Insara, assolutament ma kellhom ikissrulu ebda għadma, kif filfatt ġara.

Għalhekk ma jifdal ebda dubju dwar Kristu l-Ħaruf veru. Dak li kien imxandar fit-Testment il-Qadim isib it-tifsira u l-milja sħiħa kollha tiegħu fit-Testment il-Ġdid. Ġwanni dan ma jgħidux fil-vanġelu, imma jurih b'modi u fatti oħrajn. Ġwanni jitlaq dejjem mit-Testment il-Qadim, anki jekk dan ma jgħidux, biex jipprova dak li għandu f'moħħu li seħħ tassew fi Kristu.

Nagħlaq billi nikkwota x'jgħallmu ż-żewġ Appostli dwar Kristu l-Ħaruf veru. San Pietru: "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (1 Pt 1:19). L-istess jagħmel San Pawl: "Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul. Nagħmlu festa, mhux bil-ħmira l-qadima, anqas bil-ħmira tal-qerq u tal-ħażen, imma bil-ħobż bla ħmira tas-safa u tas-sewwa" (1 Kor 5:7).

Hekk ukoll fl-Apokalissi: "Ġesù Kristu, ix-xhud ta' min joqgħod fuqu, il-kbir fost il-mejtin, il-prinċep tas-slaten tad-dinja, li ħabbna u ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu" (Apok 1:5); kif ukoll: "Jistħoqqlu l-Ħaruf li kien maqtul li jirċievi l-qawwa u l-għana u l-għerf u s-saħħa u l-ġieħ u l-glorja u t-tifħir" (Apk 5:12). Innota li hawn jiġu mogħtija lil dan il-Ħaruf is-seba' aġġettivi, mela l-milja ta' kollox.

Bir-raġun kollu, għalhekk, teoloġikament huma f'posthom il-kelmiet tas-saċerdot: "Dan hu l-Ħaruf ta' Alla".

# 2. L-EWKARISTIJA FI ŻMIEN L-APPOSTLI

**Mons Anton Mizzi**

L-Ewkaristija hija speċifikament Kristjana. L-oriġni tagħha jinsab fil-ħajja, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù u għalhekk hi tiġbor fiha l-misteru kollu ta' Kristu. Għalkemm ma kinitx teżisti fit-Testment il-Qadim, bħal ħafna realtajiet oħra tat-Testment il-Ġdid, l-Ewkaristija għandha għeruq u t-tixbihat tagħha fit-Testment il-Qadim. Fl-Ewkaristija naraw għalhekk l-għaqda taż-żewġ Testmenti u din tidher b'mod ċar u b'qawwa kbira.

## It-testi tal-Ewkaristija fit-Testment il-Ġdid

It-testi li jitkellmu jew jirreferu għall-Ewkaristija fit-Testment il-Ġdid nistgħu nikklassifikawhom fi tliet taqsimiet.

### a. Ir-rakkonti tal-istituzzjoni

L-ewwel għandna erba' testi li tradizzjonalment huma meqjusa bħala rakkonti tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija, kif aktar tard bdiet tissejjaħ fil-Knisja tal-bidu. Dawn huma: Mt 26:26-29; Mk 14:22-25; Lq 22:15-20; u 1 Kor 11:23-25. Kull wieħed minn dawn l-erba' forom differenti tal-istituzzjoni jirrifletti l-ħsieb teoloġiku li l-awtur irid jesprimi fl-opra tiegħu u wkoll jindirizza l-ħtiġijiet pastorali tal-komunità li għaliha qed jikteb. Dawn l-erba' rakkonti nistgħu niġbruhom f'żewġ gruppi. Dawk ta' Pawlu u ta' Luqa jinġabru fi grupp. It-test Pawlin hu l-eqdem u f'1 Kor 11:23 jirreferi għat-tradizzjoni li tasal sal-Mulej. Din hi t-tradizzjoni ta' Antjokja. Rigward it-test ta' Luqa wieħed ma jistax jgħid li fir-rakkont tiegħu hu jiddependi fuq it-test ta' 1 Kor, imma li t-tnejn ġejjin minn tradizzjoni komuni. Fost l-istudjużi hemm diskussjoni dwar it-test ta' Luqa, jiġifieri liema hi l-verżjoni oriġinali, jekk hux it-test il-qasir (v. 15-19a) jew it-test it-twil (v. 15-20). Imma llum dan tal-aħħar hu ġeneralment meqjus bħala l-verżjoni awtentika u wieħed jista' jilmaħ żewġ stadji differenti fl-iżvilupp tagħha. Fil-grupp l-ieħor jinġabru r-rakkonti ta' Mark u Mattew, it-tieni jsegwi lill-ewwel wieħed. Ir-rakkonti ta' Mark u Mattew huma marbuta mat-tradizzjoni ta' Ġerusalemm jew Palestinjana.

Ir-rakkonti tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija nistgħu nqisuhom bħala forom stabbiliti li kienu jintużaw fiċ-ċelebrazzjonijiet fost l-ewwel komunitajiet Insara. Huma jħaddnu elementi essenzjali li jmorru lura għall-ewwel snin tal-Kristjaneżmu. Filwaqt li jagħtu rakkont storiku ta' dak li ġara fl-Aħħar Ċena, dawn ir-rakkonti għandhom l-iskop li jqiegħdu ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija bħala mibnija fuq l-istess azzjonijiet ta' Ġesù.

### b. Il-wegħda tal-Ewkaristija fi Ġwanni

Għandna wkoll il-vanġelu ta' Ġwanni, li għalkemm m'għandux rakkont tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija, meta wieħed iqis id-dimensjoni ekkleżjali ta' dan il-vanġelu jilmaħ tagħlim dwar l-Ewkaristija. Id-diskors tat-tluq fl-aħħar ikla tiegħu (Ġw 13-17) fih tixbihat u kontenut li għalkemm ma jirreferux primarjament għall-Ewkaristija, jippresupponu r-rakkont tal-istituzzjoni. Hekk fil-ħasil tas-saqajn tad-dixxipli (Ġw 13:1-30) u fit-talba ta' Ġesù għad-dixxipli (Ġw 17: it-talba saċerdotali) Ġesù qed jinterpreta l-mewt tiegħu. Iżda f'rabta mal-miraklu tat-tkattir tal-ħobż (Ġw 6:1-14) il-vanġelu jagħtina diskors ta' Ġesù fejn hu jfisser is-sens Ewkaristiku tas-sinjal (Ġw 6:25-71), li ċertament jirrifletti l-Aħħar Ikla. Fid-diskors l-ewwel jitkellem fuq il-ħobż tal-ħajja li l-Missier jagħti lil min jemmen (v. 25-51a), imbagħad fil-versi 51b-60, li għandhom sens Ewkaristiku, Ġesù jwiegħed li jagħti Ġismu bħala ikel u Demmu bħala xorb li jiswa għall-ħajja eterna. Hawnhekk għandna materjal tradizzjonali li mbagħad ġie adattat minn Ġwanni fl-istil tiegħu bħala parti mill-vanġelu tiegħu.

### ċ. L-ikliet sagri fost l-ewwel Insara

Imbagħad għandna t-testi li huma marbuta mal-ikliet sagri fost l-ewwel Insara. Fl-Atti tal-Appostli għandna diversi testi li jitkellmu fuq il-qsim tal-ħobż. Hekk l-ikliet komunali fost l-ewwel Insara ta' Ġerusalemm u madwar, Luqa jirreferi għalihom bħala "qsim tal-ħobż" (Atti 2:42) jew "jaqsmu l-ħobż" (Atti 2:46), u aktar tard anki fost il-komunitajiet ġentili Insara ("jaqsmu l-ħobż": Atti 20:7,11). Din l-espressjoni tirreferi għal drawwa antika fil-Palestina fejn kienu jaqsmu l-ħobż b'idejhom (Ġer 16:7). Fl-ikliet fost il-Lhud, din l-espressjoni tirreferi għall-parti li tinawgura l-parti ewlenija fl-ikla u għalhekk tiġbor fiha kemm il-barka preċedenti u kemm it-tqassim li jiġi wara. Din kienet meqjusa bħala azzjoni sagra. Hekk fl-ikliet ordinarji jew fil-festi ritwali, bħal dawk tal-Għid jew il-bidu tas-Sibt, il-kap tal-familja l-ewwel kien ibierek il-ħobż, imbagħad jaqsmu u wara jqassam il-biċċiet tal-ħobż lil dawk li jkunu madwar il-mejda miegħu. Din id-drawwa tal-Lhud kienet segwita wkoll minn Ġesù fil-mirakli tal-ħobż (Mk 6:41; 8:6; Mt 14:19; Lq 9:16), fl-Aħħar Ikla (1 Kor 11:24 u paral.), u anki mad-dixxipli ta' Għemmaws (Lq 24:30,35).

Meta Luqa jsemmi l-"qsim tal-ħobż" f'Atti 2:42,46 fil-kuntest Kristjan, hu qed jirreferi għall-Ewkaristija, tant li jiddistingwiha minn ikliet oħra bl-espressjoni "jissieħbu fl-ikel" (Atti 2:46). Anki Atti 20:7,11 tirreferi għall-Ewkaristija, meta wieħed jikkunsidraha fil-kuntest taċ-ċelebrazzjoni tal-Ikla tal-Mulej fil-komunitajiet Pawlini (ara 1 Kor 11:20). F'rabta ma' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ikla tal-Mulej, Pawlu jitkellem direttament fit-tul dwar l-Ewkaristija f'1 Kor 10:1-13,14-22; 11:17-34. Nistgħu inżidu wkoll 1 Kor 16:20b,22b, u b'mod indirett ninkludu wkoll 1 Kor 5:7-8.

Kelma oħra li nsibu fit-Testment il-Ġdid hi *"agape"* (Ġuda 12; ara wkoll lezzjoni varjanti f'test parallel ta' 2 Piet 2:13) użata darba biss. Din kienet tirreferi għall-ikla fost l-ewwel Insara fejn kienu jaqsmu l-ikel b'sens reliġjuż ta' għaqda u karità mal-foqra tal-komunità, simili għal dawk li kienu jsiru fost il-Lhud, u li aktarx għandha għeruq fl-ikliet komuni ta' Ġesù mad-dixxipli jew fil-ministeru tiegħu meta kien jitma' l-folol (Mk 6:34s u paral). Din l-*agape* kienet marbuta mal-Ikla tal-Mulej (ara Atti 2 u 1 Kor 11) fost l-ewwel Insara tal-bidu u fil-komunitajiet Pawlini, tant li aktar tard dan l-isem beda jirreferi għall-ikla u għall-Ikla tal-Mulej bla distinzjoni sa nofs it-tieni seklu.

Hemm testi oħra li xi drabi jitqiesu bħala riferenza għall-Ewkaristija, iżda dawn huma dubjużi jew mingħajr fundament, bħal: 1 Kor 12:13; 1 Piet 2:3; Lhud 13:9s; Apok 3:20; Ġw 15:1s; 21:9s.

### Aspetti varji tal-Ewkaristija

Biex nifhmu ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-Knisja tal-ewwel Insara, irridu nħarsu lejn kif inhi ppreżentata fit-testi li għadna kemm semmejna. L-Insara kienu jiċċelebraw l-Ewkaristija, li Ġesù stess kien wiegħed (ara Ġw 6) u li mbagħad għamel fl-Aħħar Ikla fil-lejl qabel ma miet, jiġifieri waqt li kien qed jiekol mad-dixxipli, meta ħa l-ħobż u l-inbid, u bil-kelmiet li hu tenna fuqhom hu waqqaf l-Ewkaristija (1 Kor 11:23s u paral). Fuq il-bażi ta' din il-ġrajja tat-twaqqif, l-Insara tal-bidu bdew jiċċelebraw l-Ewkaristija fil-laqgħat sagri tagħhom u komplew iwettqu din it-tradizzjoni (1 Kor 11:23: *"paradosis"*, li hu terminu rabbiniku li juri tradizzjoni li tgħaddi minn wieħed għall-ieħor; ara wkoll 1 Kor 15:3) li taf il-bidu tagħha minn Ġesù stess. Din iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija kienet issir mhux biss fost il-Lhud Insara tal-Palestina, imma aktar 'il quddiem anki fost l-Insara ta' oriġni pagana 'l barra mill-Palestina, bħalma kienu l-komunitajiet Pawlini, fosthom Korintu. Billi r-rakkonti tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija huma reċitattivi, jiġifieri kienu jiġu mtennija bħala l-qofol f'dawn il-laqgħat liturġiċi tal-ewwel komunitajiet Insara, huma tradizzjonali, kif jindika l-influss semitiku fihom.

Mela biex naraw aħjar x'kienu jifhmu fil-Knisja tal-bidu bir-realtà kollha taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-laqgħat sagri tagħhom, irridu nistudjaw dawk l-aspetti varji marbuta mal-Ewkaristija, kif fehem li jagħmel Ġesù fl-Aħħar Ikla u li fisser bil-kliem li hu qal f'din l-okkażjoni.

## a. L-Ewkaristija hija Ikla

Wieħed jista' jitkellem fuq l-Ewkaristija bħala ikla qaddisa, ikla sagrifikali jew bħala ikla Ewkaristika. Dan ifisser li rridu naraw fid-dettall l-għeruq ta' dan l-aspett tal-ikla.

Meta nitkellmu fuq l-Ewkaristija bħala ikla, wieħed jistaqsi jekk l-ikla li Ġesù għamel fl-Aħħar Ċena saritx fil-festa ritwali tal-Lhud. Din għandha importanza mhux biss kronoloġika, imma fuq kollox teoloġika, biex nifhmu aħjar il-kliem ta' Ġesù dwar l-Ewkaristija u r-rabta li għandhom mal-istorja tas-salvazzjoni. L-ewwel nett nistgħu ngħidu li din l-aħħar ikla ta' Ġesù kellha dehra ta' festa. Filfatt l-ikla saret fil-kamra ta' fuq f'Ġerusalemm (Mk 14:15; Lq 22:12) u dawk preżenti qagħdu fuq il-mejda (Mk 14:18; Ġw 13:23). Waqt l-ikla kien użat l-inbid (1 Kor 11:25; Mk 14:23s; Lq 22:17s). Din l-Aħħar Ikla kienet tfisser għal Ġesù ikla tat-tluq (Lq 22:15-16). Imma qabel it-tluq, Ġesù jagħmel testment (Lq 22:20; 1 Kor 11:25), li kellu jkun issiġillat b'demmu stess. Fl-aħħar hu jħalli r-rigal lid-dixxipli (Lq 22:19; 1 Kor 11:24s) li jikkonsisti fit-twaqqif tas-sagrament tal-Ewkaristija.

Is-Sinottiċi jindikaw li kienet ikla tal-Għid. Hekk Mk 14:12-17: "Fl-ewwel jum tal-Ażżmi, meta kienu jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid… għall-ħin ta' filgħaxija…" (propjament l-ewwel jum tal-Ażżmi ma kienx il-jum li fih kienu joqtlu l-ħrief; tal-aħħar kien l-14 ta' Nisan, filwaqt li tal-ewwel kien il-15 ta' Nisan; ara Lq. 22:15). Min-naħa l-oħra Ġwanni jidher li jiddiferixxi mis-Sinottiċi rigward id-data u jidher li għalih saret fil-ġurnata li tippreċedi l-festa uffiċjali tal-Għid (ara Ġw 18:28: "Huma ma daħlux fil-Pretorju, għax ma ridux jitniġġsu, biex ikunu jistgħu jagħmlu l-ikla tal-Għid"; 19:l4: "Kien jum it-Tħejjija tal-Għid", il-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu, jiġifieri il-Ġimgħa filgħodu (14 ta' Nisan); u wkoll 19:35). F'dan il-mument il-ħrief tal-Għid kienu għadhom ma ttiklux. Mingħajr ma nidħlu iżjed fid-dettall tal-problema u s-soluzzjonijiet proposti, jidher imma li kemm fis-Sinottiċi u kemm fi Ġwanni hemm ħafna indikazzjonijiet għall-fatt li din l-ikla kellha l-impronta tal-Għid tal-Lhud.

L-interpretazzjoni tal-elementi fl-ikla, kif espressa minn Ġesù fuq il-ħobż u 1-inbid, kienet ħaġa importanti u tirreferi għall-parti tal-kap tal-familja fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għid tal-Lhud. Ir-ritwal tal-ikla tal-Lhud kellu erba' partijiet. L-ewwel kien hemm il-kors tal-bidu: jibda bil-barka mill-kap tal-familja fuq l-ewwel tazza (tal-*kiddus*). Imbagħad jittieħed il-ħaxix aħdar, ħaxix morr u zalza tal-frott (magħsur: *haroset*). Hawn jitqassam l-ikel u t-tieni tazza bla ma jintmessu mal-ħalq. F'dan il-mument tibda l-liturġija tal-Għid: jiġi rrakkontat il-*haggadah* tal-Għid mill-kap tal-familja (bl-Aramajk) li fih jinterpreta din il-ġrajja li qed jiċċelebraw. Dritt tingħad l-ewwel parti tal-*hallel* (Salm 113) tal-Għid (bl-Għebrajk) u jixorbu t-tieni tazza (tal-*haggadah*). Imbagħad issir l-ikla, li hi l-qofol: il-kap tal-familja jagħmel il-barka fuq il-ħobż ażżmu u ssir l-ikla bil-ħaruf tal-Għid, ħobż ażżmu, ħaxix morr, frott u nbid. Hawn tingħad il-barka fuq it-tielet tazza (tal-*barka*). Bħala għeluq tingħad it-tieni parti tal-*hallel* (Salmi 114-118) tal-Għid (bl-Għebrajk) u kollox jispiċċa bit-tifħir fuq ir-raba' tazza (tal-*hallel*).

Dan ir-ritwal kien sostanzjalment dak li kien isir fi żmien Ġesù kif preskritt f'Eż 12:8. Meta niġu biex naraw x'jagħmel Ġesù fl-Aħħar Ikla, u ladarba din nikkunsidrawha bħala ikla tal-Għid, żgur li Ġesù interpreta l-azzjoni partikulari tiegħu bħalma kien jagħmel il-kap tal-familja f'din l-okkażjoni, bid-differenza li Ġesù ma jibqax marbut mal-Għid tal-imgħoddi, imma inawgura Għid ġdid b'elementi ġodda. F'kull waħda mill-forom tar-rakkonti tal-istituzzjoni għandna żewġ partijiet: l-ewwel waħda tirrigwarda l-ħobż u t-tieni parti l-kalċi (l-inbid). F'kull parti l-ewwel hemm l-azzjoni ta' Ġesù, imbagħad isegwi dak li qal Ġesù.

Hekk: "**Il-Mulej Ġesù… ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal**: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi'. **Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal**: 'Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi: agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi'" (1 Kor 11:23-25).

Mela dak li għamel Ġesù hu marbut mal-parti prinċipali tal-ikla. Din tibda bil-barka fuq il-ħobż ażżmu. Ġesù wkoll "ħa l-ħobż" u għamel ir-"radd il-ħajr", u f'rabta ma' din il-barka għamel l-interpretazzjoni fuq il-ħobż. Sa qabel dan il-mument kien għadu ma ttiekel l-ebda ħobż. Ninnotaw li f'din l-azzjoni marbuta mal-ħobż, għandna l-verbi "radd il-ħajr" (*eucharistesas*) u "qasmu" (*eklasen*), li aktar 'il quddiem saru l-ismijiet li bihom bdew jirreferu għall-ġrajja kollha tal-Ewkaristija. Wara l-ħobż, Ġesù jieħu l-inbid. L-interpretazzjoni li Ġesù jagħmel fuq it-tazza tal-inbid hi marbuta mal-barka fuq it-tielet tazza, li tiġi dritt fit-tmiem tal-ikla prinċipali. F'Mattew u Mark iż-żewġ azzjonijiet tal-Ewkaristija huma magħqudin; hekk Mk 14:22: **"Huma u jieklu**, ħa l-**ħobż** f'idejh, qal il-barka…", v. 23: Imbagħad ħa **kalċi** f'idejh, radd il-ħajr…" (l-istess Mt 26:26-27). F'Luqa u Pawlu ż-żewġ azzjonijiet huma mifrudin: hekk Lq 22:19: "Imbagħad ħa l-**ħobż**, radd il-ħajr…", v. 20: "Hekk ukoll **wara l-ikla** ħa l-**kalċi** u qal…"; 1 Kor 11:23-24: "Ġesù… ħa l-**ħobż** u wara li radd il-ħajr…", v. 25: "Hekk ukoll għamel bil-**kalċi wara li kiel** u qal…". Nosservaw hawn li, filwaqt li Luqa u Pawlu jgħidu li wara l-ikla Ġesù "hekk ukoll għamel bil-kalċi", jiġifieri bħalma fuq il-ħobż qal il-barka u qasmu, hekk ukoll għamel għall-inbid, Mattew u Mark itennu l-barka fuq il-ħobż u r-radd il-ħajr fuq il-kalċi. Ladarba qed jgħidu li kien wara l-ikla, allura l-interpretazzjoni li għamel Ġesù hi marbuta mal-barka fuq it-tielet tazza tal-inbid fi tmiem l-ikla, jiġifieri mar-radd il-ħajr li Ġesù għamel fuq il-kalċi bl-inbid, imma qabel il-*hallel* tal-Għid (ara Mk 14:26: "Imbagħad kantaw is-salmi u ħarġu…"). Ħaġa oħra li jsemmi Pawlu hi meta jgħid: "il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka" (1 Kor 10:16) u din tikkonferma dan il-kwadru. Mela Ġesù għamel użu mit-talbiet ta' qabel u wara l-ikla prinċipali tal-Għid u fihom żied l-interpretazzjoni tiegħu dwar il-ħobż u l-inbid.

**b. L-Ewkaristija bħala sagrifiċċju**

Għalkemm fit-Testment il-Ġdid il-kelma "sagrifiċċju" mhijiex użata biex tirreferi direttament għall-Ewkaristija, il-karattru sagrifikali tal-Ewkaristija joħroġ mill-fatt li fl-Aħħar Ikla, Ġesù qabad il-ħobż u l-inbid u qal il-kliem li bihom hu rabathom mal-offerta tal-Ġisem u d-Demm tiegħu fuq is-salib, kif insibu fir-rakkonti tal-istituzzjoni. Anzi, l-Ewkaristija stess hi meqjusa bħala ikla sagrifikali li tagħmel preżenti s-sagrifiċċju tas-salib. B'din l-ikla ġdida Ġesù ried ifakkar il-ġrajja tiegħu li "ġismi… jingħata" (Luqa u Pawlu) u li "demmi… jixxerred" (Luqa, Mattew u Mark) għall-ħelsien tal-"ħafna" (Mark) jew tal-"kotra" (Mattew: *pollon*). Din hi forma semitika li ma teskludix totalità. Wieħed jista' jara wkoll Mt 20:28 fejn għandna l-istess kelma: "jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra". Din mhijiex opposta għal kulħadd, imma tfisser kulħadd, li huma ħafna. Fil-ħsieb semitiku hu aktar prominenti l-fatt tan-numru kbir milli l-fatt tat-totalità. Mattew ikompli: "għall-maħfra tad-dnubiet". Dan hu l-ħelsien imħabbar mill-profeti (ara Is 53), mill-anġlu fl-għoti tal-isem (Mt 1:17: "għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom"), minn Ġwanni l-Battista (Ġw 1:29: "li jneħħi d-dnub tad-dinja") u minn Ġesù stess (ara Mt 20:28).

Ġesù stess kien wera din it-tifsira tas-sagrifiċċju bħala espjatorju, meta qal li l-mewt tiegħu kienet ħa tkun waħda vigarja, bħala tpattija għad-dnubiet tad-dinja. Dan joħroġ anki mir-riferiment ċar, fir-rakkonti tal-istituzzjoni, għall-kantiċi tal-Qaddej ta' Jaħweh (Is 42:1-4; 49:1-7; 50:4-11; 52:13-53:12) li t-tradizzjoni dejjem rat fih lil Ġesù stess. L-ewwel nett ninnotaw li l-prepożizzjoni "għal" (*huper*) bil-ġenettiv f'Pawlu (1 Kor 11:24: "għalikom"), tindika fit-Testment il-Ġdid formola Kristoloġika komuni li tirreferi għall-mewt ta' Ġesù għalina (ara Rum 5:6,8; 8:32; Gal 1:4; 2:20; 3:13; u oħrajn). F'Lq 22:19-20 l-istess prepożizzjoni hi marbuta ma' żewġ passivi: "jingħata" u "jixxerred", li jirreferu għall-ġisem u d-demm rispettivament (ara Is 53:6-12). Anki f'Mk 14:24 din il-prepożizzjoni, flimkien ma'

*pollon*, tkompli ma' dak li nsibu f'Is 53:11-12 (wieħed mill-kantiċi tal-Qaddej sofferenti, figura tal-Messija sofferenti), kemm fit-test Għebrajk u kemm fit-test Grieg tas-*LXX*, fejn insibu l-kelma "kotra" darbtejn. Mela Ġesù kien iddestinat li joffri lilu nnifsu bħala sagrifiċċju ta' tpattija (ara Is 53:10) permezz tat-tbatija u l-mewt tiegħu. Hu wera kemm-il darba lid-dixxipli li hu kien il-Qaddej ta' Alla kif kien imħabbar mill-profeta (ara Mt 8:17; 11:4s; 12:18-21; 20:28; Lq 4:17-21; 22:37).

Dan il-Qaddej ta' Alla hu wkoll medjatur tal-Patt (Is 42:6). Fil-kliem fuq il-kalċi hu muri b'mod ċar l-aspett tas-sagrifiċċju tal-Patt: Mattew u Mark jirreferu għall-"patt", li jaqbel ħafna mal-konklużjoni tal-Patt tas-Sinaj (Eż 24:8), filwaqt li Luqa u Pawlu jirreferu għall-"patt il-ġdid", li jirreferi għal Ġer 31:31-4. Għalkemm iż-żewġ formoli għandhom aċċenti differenti, il-qofol hu l-istess: li jippreżenta l-Ewkaristija bħala sagrifiċċju tal-patt. Filfatt l-ikla Ewkaristika hija t-twettiq tal-ikla tal-patt. L-ikla tal-patt kienet tagħmel parti mis-sagrifiċċju tas-sliem (Eż 24:5; v. 11: "u kielu u xorbu") li kien ifisser ħbiberija bejn Alla u l-bniedem. Dan is-sagrifiċċju kien wieħed minn dawk is-sagrifiċċji tas-sliem (Lev 3: *"zebah shelamim"*), sagrifiċċju kruwenti li fih parti mill-vittma kienet tinħaraq fuq l-altar bħala "riħa tfuħ lill-Mulej" (v. 3), filwaqt li l-parti l-oħra kienet isservi għall-ikla sagra, u kienet tittiekel minn dak li jagħmel l-offerta flimkien ma' ħbiebu bħala sinjal ta' ħbiberija u għaqda ma' Alla u mal-komunità; u biċċa oħra kienet tmur għall-qassisin. Dawn is-sagrifiċċji għandhom l-iskop li jġibu l-komunjoni ma' Alla, jiġifieri rabta intima ma' Alla, tant li jissejħu sagrifiċċji ta' komunjoni. Dan is-sagrifiċċju huwa tip jew figura tal-Ewkaristija. Mela l-Ewkaristija hija l-ikla sagrifikali tat-Testment il-Ġdid. Bis-sehem tagħna fil-vittma, li hija l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, dan iwassal għall-għaqda jew komunjoni ma' Kristu (*koinonia*) u bejn l-Insara bħala "ġisem wieħed" (1 Kor 10:16-21; ara Rum 12:5). Minn hawn l-espressjoni li tirreferi għall-Ewkaristija bħala komunjoni. Mela m'hemm l-ebda dubju li Ġesù kellu quddiemu l-patt tas-Sinaj, fejn naraw rabta bejn is-sagrifiċċju tas-sliem, il-patt li hu f'rabta mal-ħelsien mill-Eġittu u l-Għid, iċċelebrat fl-ikla tal-Għid tal-Lhud, u d-demm imxerred fuq l-altar u l-poplu. Dawn it-tliet elementi jsibu riferiment qawwi fil-kliem Ewkaristiku li Ġesù tenna fl-Aħħar Ikla.

Jekk il-Lhud kienu jiċċelebraw l-Għid tagħhom bil-ħaruf, f'din l-ikla l-ġdida mhux ser ikun hemm iżjed il-ħaruf annimal. Fit-Testment il-Ġdid, Kristu nnifsu hu simbolikament il-ħaruf u hu msejjaħ "il-ħaruf" (Ġw 1:29; 1 Piet 1:19; Apok 5:6c; 1 Kor 5:7). Din l-idea tal-ħaruf bla dubju għandha l-għeruq mill-ħaruf tal-Għid tal-Lhud u wkoll f'Is 53:7: "il-ħaruf meħud għall-qatla". Pawlu jgħid b'mod ċar: "Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul. Nagħmlu festa…" (1 Kor 5:7-8). Ġesù ċertament irrefera għalih innifsu bħala l-ħaruf tal-Għid fil-kelmiet tal-istituzzjoni. Meta hu ħa l-ħobż u l-inbid, tahom interpretazzjoni ġdida u f'din l-interpretazzjoni jagħmel użu minn terminoloġija tas-sagrifiċċju, bħalma huma "ġisem-demm", "jingħata" u "imxerred". Għalhekk din l-ikla tal-Għid li ċċelebra Ġesù kienet ikla sagrifikali (ara Lq 22:7: "…il-jum li fih kien ikollhom **jissagrifikaw** il-ħaruf tal-Għid"; Mk 14:12; Dewt 16:1-8). Anki meta jitkellem dwar il-"Patt il-ġdid", jindika l-karattru eskatoloġiku ta' dan il-patt. Permezz tal-ikla Ewkaristika, li għandha bħala ċentru lil Kristu nnifsu, dak li kien imwiegħed fil-patt il-qadim issa ġie mwettaq u fl-istess waqt feġġet it-tama eskatoloġika.

### ċ. L-Ewkaristija bħala tifkira

Ġesù jagħti l-ordni biex ikomplu jfakkru l-Ewkaristija matul iż-żmien: "Agħmlu dan b'tifkira [*anamnesis*] tiegħi" (Lq 22:19; 1 Kor 11:24-25). Dan l-ordni nsibuh biss f'Luqa u Pawlu: f'Luqa l-kelmiet qegħdin wara 1-ħobż, filwaqt li f'Pawlu qegħdin kemm wara l-ħobż u kemm wara l-inbid. Mattew u Mark m'għandhomx dan l-ordni, x'aktarx minħabba li ċ-ċelebrazzjoni kienet fil-prattika kontinwament fil-Knisja primittiva. Pawlu jirrepetih darbtejn biex jinsisti mal-Korintin illi l-Ikla tal-Mulej, jiġifieri l-Ewkaristija, kienet imwaqqfa minn Ġesù stess u hekk għandhom iqisuha.

Fl-idea tal-Griegi, il-verb "tiftakar" (bil-Grieg *mnemoneuein*) hu applikat biss għall-passat, iżda fil-Bibbja, kemm fit-Testment il-Qadim u kemm fil-Ġdid, japplika mhux biss għall-passat imma anki għall-preżent u l-futur. Ninnotaw li fil-verżjoni Griega tas-*LXX*, il-verb *mnemoneuein* ġeneralment jittraduċi l-verb Għebrajk *zakar* (tiftakar). Barra l-verb Għebrajk hemm is-sostantiv derivat *zikkaron*, li għalih tikkorrispondi l-kelma Griega *anamnesis*. Il-kunċett ta' *anamnesis* li nsibuh fir-rakkonti tal-istituzzjoni ġej mill-verb Għebrajk *zakar*, li nsibu fit-Testment il-Qadim. Dan il-verb Għebrajk, l-aktar fil-kuntest kultwali, m'għandu qatt it-tifsira ta' sempliċi tifkira, kommemorazzjoni, imma għandu evokazzjoni kultwali li tagħmel preżenti dak li tfakkar. Anki 'l barra mill-kuntest kultwali għandu s-sens li terġa' tagħmel ħajja ġrajjiet jew persuni mfakkra. Filfatt meta jgħid li Alla jiftakar fil-patt (ara Eż 2:24; 6:5; Lq 1:72), ifisser li hu jintervieni skont dan il-patt; jew inkella li Alla jiftakar f'persuna (Ġen 30:22; Eż 32:13), ifisser li hu jintervieni favur tagħha. Imma hu l-aktar fil-kult li jidher is-sens ta' *anamnesis*. Hekk fil-festi l-kbar tal-Lhud, l-aktar tal-Għid u tat-Tabernakli, permezz ta' riti u kliem huma kienu jfakkru kemm Alla immanifesta lilu nnifsu fl-istorja ta' Israel (ara Eż 12:14; 13:3,9), iġeddu l-preżenza speċjali ta' Alla; is-salvazzjoni tkun preżenti u attwali. F'din l-attwalizzazzjoni jidħol kemm il-passat u kemm il-futur.

Meta nqisu t-tradizzjoni tat-Testment il-Qadim u wkoll li l-Aħħar Ikla saret fil-kuntest ta' ikla tal-Għid, din l-*anamnesis* li ried Ġesù takkwista valur fid-dawl tal-istorja tas-salvazzjoni. Il-kelma li Ġesù jlissen b'awtorità ma tirreferix biss għall-ġrajjiet tal-imgħoddi, imma fuq kollox għall-kelma u l-azzjoni tiegħu nnifsu, biex ikunu bħala tifkira għall-komunità. Fl-Ewkaristija għandna azzjoni kultwali ġdida li tkun imwettqa mill-komunità Kristjana bil-kliem u l-azzjoni biex tkun tifkira tiegħu (*zikkaron*, *anamnesis*, *mnemosunon*). Permezz tal-ġisem li jingħata u d-demm imxerred, għandna azzjoni salvifika attwalizzata li ma tikkonsistix f'dik imwettqa bil-ħruġ mill-Eġittu li kienu jiċċelebraw il-Lhud fil-festa tal-Għid, imma fidwa ġdida b'patt ġdid. L-Ewkaristija hija għalhekk memorjal tad-don suprem ta' Kristu nnifsu kif istitwit fl-Aħħar Ikla u mwettaq bil-mewt u t-tixrid ta' demmu fil-Passjoni; mhux sempliċi memorjal bil-ħsieb u l-kliem biss, imma Ġesù nnifsu hu preżenti fiċ-ċelebrazzjoni tal-ikla Ewkaristika.

Din il-preżenza mhijiex waħda simbolika, ma tikkonsistix biss f'wegħda ta' preżenza spiritwali jew sempliċi attività min-naħa ta' Kristu fil-komunità, imma hi reali. Hu qed joffri Ġismu u Demmu bħala ikel u xorb, mela fl-Ewkaristija għandna l-preżenza sagramentali ta' Ġesù. Meta wiegħed dan id-don wara l-miraklu tal-ħobż, hu jopponih għall-manna mogħtija lil-Lhud fid-deżert li kienet isservi bħala ikel tal-ġisem biss (li hi tip tal-ikel Ewkaristiku; ara 1 Kor 10:1-4), imma fl-istess waqt jagħmel li tidher ukoll ir-rabta mal-ġrajjiet il-kbar tal-Eżodu (ara Ġw 6:1-58). Issa, fiċ-ċelebrazzjoni liturġika mill-komunità tal-Insara, Kristu jkun preżenti u ħaj permezz tas-sagrifiċċju tiegħu fil-ħajja tagħhom, għaliex jipparteċipaw mis-sagrifiċċju tiegħu, billi jieklu minn dan il-Ġisem u jixorbu mill-kalċi ta' Demmu li jiswew għall-ħajja ta' dejjem.

F'din it-tifkira liturġika tidħol ukoll il-proklamazzjoni ta' dak li darba seħħ u issa qed jiġi attwalizzat: "Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11:26). Kull meta jipparteċipaw f'dan l-ikel u x-xorb Ewkaristiku jkunu qed juru l-fidi fil-mewt salvifika u l-qawmien tal-Mulej u jipproklamawh. Bir-ripetizzjoni ta' dan ir-rit sal-Parusija, "sa ma jiġi", juru wkoll it-twemmin fir-ritorn tal-Mulej. Il-mewt u l-qawmien ta' Kristu għandhom implikazzjoni għas-salvazzjoni tagħna bil-prospett eskatoloġiku tal-glorifikazzjoni.

### L-Ewkaristija fil-komunità tal-bidu

Meta l-Insara tal-bidu kienu jiċċelebraw l-Ewkaristija, kellhom quddiemhom dawn l-aspetti kollha li għadna kemm semmejna, u li fl-aħħar mill-aħħar joħorġu mit-testi tat-Testment il-

Ġdid infushom. Ma’ dawk li semmejna, hawn ser inżidu biss fil-qosor xi aspetti oħra li huma marbuta maċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-Knisja tal-bidu.

Fl-Aħħar Ċena, Ġesù għamel dan ir-rit bi skop u kontenut ġdid, kif jidher mill-interpretazzjoni fil-kliem li jgħid f’din l-okkażjoni. Imbagħad dan kompla jsir ukoll fl-ikliet komuni tal-Insara fil-Palestina fi żmien l-Appostli (Atti 2:42-46; 20:7,11), tant li, kif diġà semmejna qabel, ir-rakkonti tal-istituzzjoni kienu forom stabbiliti li kienu qed jiġu rreċitati fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Insara tal-bidu. Fost l-ismijiet li nsibu fit-Testment il-Ġdid għall-Ewkaristija, insibu li kienet imsejħa bl-espressjoni antika Palestinjana tal-“qsim tal-ħobż”. Dan it-titlu, forsi l-eqdem wieħed fost oħrajn, kien jirreferi għall-ikla liturġika komunali Kristjana fil-Knisja tal-bidu. Għaliex l-isem “Ewkaristija” (bil-Grieg *eucharistia*) li bih nifhmu r-rit sagramentali li fih jiġu offruti u kkunsmati l-ħobż u l-inbid, ma nsibuhx fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid. Dan insibuh mill-bidu tat-tieni seklu, l-ewwel fid-*Didache* (lejn il-bidu tat-tieni seklu), imbagħad anki f’Injazju ta’ Antjokja u Ġustinu.

Fl-ewwel komunità Kristjana, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, għalkemm kienet meħlusa mir-rabta tal-festa tal-Għid tal-Lhud, kienet marbuta ma’ ikla li tesprimi t-tama tar-ritorn tal-Mulej. Hekk fil-komunitajiet Pawlini l-ikla Ewkaristika kienet parti minn festa, allura ikla, imsejħa l-Ikla tal-Mulej; l-ewwel kienet issir l-ikla, imbagħad tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija (1 Kor 11:17s; Atti 2:42,46; 20:7). X’aktarx li f’dawn il-versi l-Appostlu qed jitkellem fuq l-*agape* li kienet marbuta mal-Ewkaristija, li kienet festa bejn l-aħwa jew festa ta’ mħabba. Għalkemm seta’ kellha karattru liturġiku, ma jidhirx li l-*agape* akkwistat funzjoni realment sagramentali. L-iskop ewlieni tagħha kien li tkabbar l-għaqda fraterna mibnija fuq il-Magħmudija u l-Ewkaristija, u li tgħin lil dawk il-membri li kienu jeħtieġu l-għajnuna. Mhuwiex żgur jekk l-*agape* kinitx festa indipendenti mill-Ikla tal-Mulej jew kinitx issir qabel, jew inkella, kif jimplika t-test ta’ 1 Kor 11:17s, kinitx magħquda bħala azzjoni unika. Jidher għalhekk li fost l-Insara ta’ Korintu daħlet id-drawwa li jagħmlu l-Ewkaristija waqt ikla bħalma kien għamel Ġesù fl-Aħħar Ikla meta waqqaf l-Ewkaristija.

Minn dak li nsibu fl-Atti, jissuġġerixxu li din l-ikla kienet issir kuljum fost l-ewwel Insara Lhud: “U kuljum kienu jmorru fit-Tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom” (Atti 2:46-47). Il-Knisja kienet qiegħda tgħix l-esperjenza kontinwa tal-fidwa Paskwali, imqawwija mill-manifestazzjoni tal-Ispirtu s-Santu li kien imsawwab fuqhom kif imħabbar mill-profeta (Atti 2:17-21; ara Ġoel 2:28-32). Imma mbagħad, meta beda jgħaddi aktar żmien u l-komunitajiet Insara ħarġu ’l barra minn Ġerusalemm u bdew jixterdu f’inħawi aktar ’il bogħod, dawn il-laqgħat aktarx ma baqgħux daqshekk frekwenti. Ma nistgħux inkunu nafu dan l-iżvilupp fid-dettall. Jidher imma li aktar tard fi żmien l-Appostli, l-Insara kienu bdew jiltaqgħu fil-jum tal-Ħadd. L-Atti jgħid li fi Troas, Pawlu u sħabu “fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż… Qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofsillejl… Imbagħad raġa’ tela’ fuq, qasam il-ħobż u kiel; u ssokta jitkellem magħhom sa ma sebaħ” (Atti 20:7-11). Din il-laqgħa saret fl-ewwel jum tal-ġimgħa, jiġifieri l-Ħadd, fil-lejl ta’ bejn is-Sibt u l-Ħadd, peress li l-Lhud kienu jkejlu l-ġurnata minn filgħaxija sa filgħaxija ta’ wara. Aktar tard il-jum tal-Ħadd beda jissejjaħ mill-Insara “Jum il-Mulej” (Apok 1:10; ara wkoll Did 14:1), f’rabta mat-twemmin tagħhom fil-Qawmien ta’ Kristu, billi dan kien il-jum li fih Kristu rxoxta (ara Mt 28:1; Mk 16:9; Lq 24:1; Ġw 20:1,19; 1 Kor 16:2).

Filfatt wieħed jista’ jara ċerta rabta bejn id-dehriet ta’ Kristu u l-ikliet flimkien mad-dixxipli (Atti 10:41; Lq 30:43; Ġw 21:13). Jekk il-Lhud Insara, li fil-bidu kienu fil-maġġoranza, forsi baqgħu jmorru jitolbu fit-Tempju (ara Atti 3:1; 21:26) u fis-sinagoga fil-jum tas-Sibt (ara Atti 13:14; 17:2; 18:4), imbagħad lejn tmiem is-Sibt, fi nżul ix-xemx, kien jibda l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, u għalhekk l-Insara kienu jiltaqgħu biex jagħmlu ċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom, ewlenija fosthom il-“qsim tal-ħobż”. Din saret aktar fl-osservanza meta n-numru tal-Insara minn fost il-ġentili beda jikber sew u min-naħa l-oħra l-Lhud Insara bdew bil-mod

il-mod jonqsu u jinqatgħu mis-sinagoga, kif filfatt ġara lejn tmiem l-ewwel seklu. Għalhekk il-laqgħat fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd (l-ewwel jum tal-ġimgħa) bdew jieħdu aktar fit-tul, sa kmieni filgħodu. Din ir-rabta bejn il-jum tal-Ħadd u ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, jew l-Ikla tal-Mulej, kompliet tikber matul l-istorja tal-Knisja. Dan il-fatt mela juri li l-Insara tal-bidu kienu jifhmu li l-Ikla tal-Mulej mhijiex biss tifkira tal-mewt ta' Ġesù, imma tal-qawmien tiegħu wkoll.

Fl-espressjoni "Ikla tal-Mulej" (*kuriakon deipnon*: 1 Kor 11:20; ara wkoll Apok 1:10: "Jum il-Mulej"), minflok in-nom *kurios* (Mulej) għandna l-aġġettiv *kuriakon* (tal-Mulej) li għalhekk jirreferi għall-ikla li tirrifletti l-kwalitajiet tal-ħajja ta' Kristu Rxoxt. Issa hu għandu ġisem spiritwali li jagħti l-ħajja (1 Kor 15:44-45) li jwarrab kull firda u jġib l-għaqda. Għalhekk fil-Knisja tal-bidu kien hemm l-insistenza biex l-Ewkaristija tkun iċċelebrata b'mod xieraq, jiġifieri mingħajr firdiet (1 Kor 11:18-22), u għandhom jagħżluha minn ikel ieħor ordinarju (1 Kor 11:27,29). Hekk tkun qed tinżamm verament bħala tifkira tal-Mulej li fiha Kristu hu preżenti, u fl-istess waqt tkun ipproklamata sal-Parusija (1 Kor 11:26). Din il-preżenza ta' Kristu fl-Ikla tal-Mulej kienet meqjusa mill-Knisja tal-bidu bħala don, tant li fil-liturġija tagħhom kienu jtennu l-espressjoni bl-Aramajk *maranatha* (1 Kor 16:22; Did 10:6; ara Apok 22:20), li tfisser "Ejja, Mulejna". Din is-sejħa għall-Mulej sabiex jiġi kienet talba li tagħmel parti mil-liturġija tal-Ikla tal-Mulej. Din l-esperjenza tal-preżenza hija diġà wegħda tal-għaqda eterna mal-Mulej fil-glorja. Dawn it-testi juru din il-prospettiva eskatoloġika.

Element ieħor li probabbilment ġej mill-istess liturġija, imsemmi bħala anatema f'1 Kor 16:22, huwa li Pawlu aktarx qed jagħmel użu minn formola tal-ikla Ewkaristika li fil-forma pożittiva tgħid: dawk biss li jħobbu lill-Mulej huma mistiedna għall-Ikla (ara formola relatata f'Ef 6:24). Din hija formola li probabbilment żviluppat fil-liturġija Ewkaristika u aktarx għalhekk li mhijiex ta' Pawlu, imma hu jagħmel użu minnha. Ħaġa oħra ta' min isemmi hija l-espressjoni li tirrifletti l-bewsa liturġika u li nsibu ħames darbiet fl-għeluq tal-ittri: "bewsa qaddisa" (1 Tess 5:26; 1 Kor 16:20; 2 Kor 13:12; Rum 16:16), u "bewsa ta' mħabba" (1 Piet 5:14). Il-bewsa qaddisa turi s-sens ta' maħfra bejn l-aħwa u għalhekk hi dispożizzjoni meħtieġa għall-Ewkaristija, u dawn it-tnejn flimkien f'kull okkażjoni jaffermaw u jattwalizzaw l-għaqda fil-komunità bħala l-familja eskatoloġika ta' Alla. B'dawn l-espressjonijiet f'1 Kor 16:20,22 jista' jkun li Pawlu qed jindika li, meta l-komunità tkun qrat l-ittra, tkompli tiċċelebra l-Ikla tal-Mulej. Mela fil-Knisja tal-bidu l-bewsa qaddisa flimkien mal-formoli tal-anatema u l-*maranatha* kienu aktarx elementi li jintroduċu l-liturġija tal-Ikla.

Sa tmiem l-ewwel seklu t-tagħrif dwar id-duttrina u ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija nsibuh esklussivament fil-kotba tat-Testment il-Ġdid. Mal-bidu tat-tieni seklu l-Knisja tibqa' tiċċelebra l-Ewkaristija. It-tradizzjoni Kristjana tkompli wkoll tiżviluppa d-duttrina Biblika tal-Ewkaristija. Hi tara fiha mhux biss twettiq tas-sagrifiċċji kollha tat-Testment il-Qadim, imma fuq kollox preżenza fil-misteru ta' Kristu Rxoxt fost il-komunità Ewkaristika li tiċċelebra l-Ewkaristija.

# 3. L-EWKARISTIJA FIR-RABA' VANĠELU

Dun Charles Buttigieg

*"Jiena hu l-Ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx" (Ġw 6:35).*

## Is-sagrament tal-Ewkaristija

Il-kelma "Ewkaristija" ġejja mill-Grieg *"eucharistein"* li tfisser "radd il-ħajr". L-Ewkaristija hija tassew radd ta' ħajr lil Alla għal dak kollu li wettaq permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu, li salvana u baqa' magħna.

Fl-Aħħar Ċena Ġesù għamel użu minn ħobż u nbid. L-ewwel nett insemmu r-rispett kbir li jgawdi l-ħobż fid-dinja Biblika, il-ħobż li ma jingħatax lill-annimali, il-ħobż li meta jaqa' fl-art jinġabar u jitnaddaf. U anki sal-lum xi komunitajiet Għarab ma jużawx is-sikkina biex jaqsmu l-ħobż, biex "ma joqtluhx", għax iħarsu lejh bħallikieku kien xi ħlejqa ħajja. U xi ngħidu għall-inbid, simbolu ta' ferħ u ta' festa, "li jferraħ qalb il-bniedem" (Salm 104:5)? Ma tistax timmaġina festa mingħajr inbid: "M'għandhomx inbid", qalet Marija lil Binha fit-Tieġ ta' Kana (ara Ġw 2:1-11). Għalhekk fid-dinja Biblika l-ħobż u l-inbid huma l-elementi l-iktar universali u l-iktar bażiċi biex wieħed jiekol ma' sħabu u jagħmel festa. Fil-Quddiesa Ġesù jbiddel quddiem għajnejna l-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tiegħu, għax Hu tassew jixtieq jibqa' magħna biex jagħmlilna festa u jkollna tassew il-ferħ veru (ara Ġw 15:1-11).

## Il-komunità ta' San Ġwann l-Evanġelista

Il-komunità li fforma San Ġwann l-Appostlu u li għaliha kiteb l-opra tiegħu kienet tgħix u temmen li Kristu kien tassew ħaj fosthom. Din il-preżenza ta' Kristu fil-Qsim tal-Ħobż (l-*agape*) kienet importanti ħafna għal din il-komunità għax kienet temmen tassew li "din hi tabilħaqq ir-rieda tal-Missier: li kull min jara lill-Iben u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem…" (Ġw 6:40). Żgur li din il-komunità kienet tuża l-frażijiet li nsibu fis-sitt kapitlu ta' San Ġwann, fit-talba Ewkaristika taċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom tal-Ewkaristija. Għalhekk nistgħu ngħidu li Ġwanni kiteb il-vanġelu tiegħu biex ikabbar il-fidi tal-komunità tiegħu fl-Ewkaristija u b'hekk ikollhom il-ħajja ta' dejjem, kif naraw f'20:30-31: "Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li m'humiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu".

## Il-Vanġelu ta' San Ġwann

Minħabba l-importanza tal-Ewkaristija għall-komunità ta' San Ġwann, il-vanġelu tiegħu jitkellem ħafna drabi fuq l-Ewkaristija, u biex ngħidu hekk huwa mibni fuq l-Ewkaristija. Anzi nkun eżatt meta ngħid li ċ-ċentru tal-vanġelu tiegħu huwa l-Ewkaristija, kif ser naraw.

F'San Ġwann għandna seba' diskorsi, li huma dawn: ma' Nikodemu f'kap. 3; mas-Samaritana f'kap. 4; fl-okkażjoni tal-fejqan tal-magħtub f'Betżata f'kap. 5; tal-ħobż tal-ħajja f'kap. 6; tal-festa tal-Għerejjex f'kap. 7; tal-adultera f'kap 8; u tal-Aħħar Ikla f'kap. 13-16. In-numru sebgħa hu importanti, numru perfett, fejn ir-raba' wieħed, dak tan-nofs, aktarx ikun l-iktar importanti. Issa hawnhekk id-diskors ċentrali, dak l-iktar importanti, li hu r-raba' wieħed, huwa fuq l-Ewkaristija.

San Ġwann ma jużax il-kelma “miraklu” (bil-Grieg *“dynamis”*) għall-mirakli, imma l-kelma “sinjal” (bil-Grieg *“semeion”*), li nsibuha sbatax-il darba fil-vanġelu. U għal darb’oħra nsibu seba’ sinjali li huma: ta’ Kana; tal-fejqan tat-tifel tal-funzjonarju; tal-fejqan tal-paralitiku f’Betżata; tat-tkattir tal-ħobż; ta’ meta mexa fuq l-ilma; tal-għami; tal-qawmien ta’ Lazzru. Mill-ġdid ir-raba’ wieħed, dak ċentrali, huwa marbut mal-Ewkaristija.

Dan kollu mela juri li l-messaġġi kollha li jrid iwassal San Ġwann huma mibnija u marbutin mal-Ewkaristija.

**Kapitlu 6: Id-diskors ta’ Ġesù fuq l-Ewkaristija**

Wara li Ġesù għamel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, insibu diskors twil dwar l-Ewkaristija f’kap. 6, li huwa għamel fis-sinagoga ta’ Kafarnahum. Hawnhekk Ġesù issa qiegħed jitkellem fuq ikel li ma jispiċċax, mhux bħall-manna tad-deżert li kienet tispiċċa, imma fuq ħobż li jibqa’ għal dejjem (ara Eż 16:1-12): “Tassew tassew ngħidilkom, mhux Mosè takom il-ħobż mis-Sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-Sema, għaliex il-ħobż ta’ Alla huwa dak li jinżel mis-Sema u jagħti l-ħajja lid-dinja” (Ġw 6:32-33).

Il-kapitlu, li huwa twil mhux ħażin, fih wieħed u sebgħin vers, fih ħames episodji li ċ-ċentru tagħhom huwa d-djalogu fuq il-Ħobż tal-ħajja:
vv. 1-15 – it-tkattir tal-ħobż (l-ewwel episodju);
vv. 16-21 – Ġesù jimxi fuq l-ilma (it-tieni episodju);
vv. 22-60 – Ġesù jitkellem fuq l-ikel ta’ Ġismu u x-xorb ta’ Demmu bħala Ewkaristija (it-tielet episodju);
vv. 61-66 – l-isfida li titlob il-fidi fl-Ewkaristija (ir-raba’ episodju);
vv. 67-71 – Ġesù jitkellem mal-Appostli (il-ħames episodju).

Fil-qalba ta’ dan id-diskors għandna l-kliem sabiħ ta’ Ġesù li hu l-qofol ta’ kollox: “Jiena hu l-Ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx” (v. 35). Il-frażi “Jien Hu” (bil-Grieg *“ego eimi”*) hija ta’ importanza kbira teoloġika, liema frażi l-Lhud kienu japplikawha biss għal Alla, għax huwa biss kien jista’ jgħid: “Jiena Hu”.

**L-Ewkaristija fir-Raba’ Vanġelu**

**1. L-Ewkaristija: il-ħajja ta’ Kristu fina**

L-Ewkaristija tgħaqqadna ma’ Kristu, li jagħtina l-ħajja bl-abbundanza, kif naraw f’Ġw 10:10: “Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u l-ħajja bil-kotra”. Din ir-rabta ma’ Kristu narawha b’mod ċar f’kap. 15, fl-allegorija tad-dielja, fejn il-verb “tibqa’” insibuh tnax-il darba. Il-kelma Griega għal dan il-verb hija *“menein”*, li tfisser aktar minn “tibqa’”, imma “toqgħod biex tgħix” jew “tibqa’ biex ikollok il-ħajja”, u nsibuha 40 darba fil-vanġelu, 27 darba fl-ittri tiegħu u darba fl-Apokalissi, b’total ta’ 68 darba fl-opri kollha ta’ San Ġwann, mill-118-il darba fit-Testment il-Ġdid; jiġifieri iktar minn nofs tal-frekwenza ta’ dan il-verb importanti jinsab f’San Ġwann. “Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta’ Bin il-Bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom” (Ġw 6:53).

**2. L-Ewkaristija: ikel għall-ħajja ta’ dejjem**

F’kap. 6 rajna li Ġesù jitkellem fuq il-ħobż tassew u veru (bil-Grieg *“alethinos”*), ħobż perfett, mingħajr difett. Fit-Testment il-Qadim għandna l-ħobż mis-Sema, il-ħobż tal-manna li kien imur bil-moffa; issa għandna l-Ħobż ta’ Alla, il-ħobż divin li ma jispiċċax: “Aħdmu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa’ għall-ħajja ta’ dejjem” (Ġw 6:27).

L-Ewkaristija hi mela rahan għall-ħajja ta' dejjem: "Min jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem" (Ġw 6:58).

### 3. L-Ewkaristija: Ġesù huwa l-Ħaruf ta' Alla

Fil-vanġeli Sinottiċi naraw li l-Aħħar Ċena ta' Ġesù mad-dixxipli tiegħu kienet l-ikla tal-Għid, fejn il-ħaruf ma jissemmiex għaliex propju Ġesù huwa l-Ħaruf: "Morru hejjulna l-ikla tal-Għid ħalli nieklu l-ħaruf" (Lq 22:9). San Ġwann jantiċipa din l-ikla qabel il-jum propju tal-festa tal-Għid, biex juri l-mument kollu tal-passjoni – mill-ħasil tal-riġlejn sal-mewt tas-salib – bħala l-glorja tal-Ħaruf ta' Alla: "Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu… hu li kien ħabb lil tiegħu… ħabbhom għall-aħħar. Kienu qegħdin għall-ikel" (Ġw 13:1-2). "Imbagħad ħadu lil Ġesù mingħand Kajfa għall-Pretorju. Kien filgħodu kmieni. Huma ma daħlux fil-Pretorju, għax ma ridux jitniġġsu, biex ikunu jistgħu jagħmlu l-ikla tal-Għid" (Ġw 18:28). Dan juri mela li l-ikla tal-Għid kienet għadha ser issir.

Naraw fil-kundanna ta' Ġesù: "Kien jum it-tħejjija tal-Għid, għall-ħabta tas-sitt siegħa. Pilatu qal lil-Lhud: 'Arawh is-sultan tagħkom'" (Ġw 19:14). Il-ħaruf tal-Għid kien jinqatel fil-bitħa tat-Tempju fejn il-kap tal-familja kien jiskarnah u l-qassisin kienu jiġbru d-demm tiegħu. Ġesù propju jmut fuq is-salib xħin kienu qegħdin jinqatlu l-ħrief fil-bitħa tat-Tempju għall-festa tal-Għid tal-Lhud… Ġesù, li fuq is-salib ma tinkisirlu ebda għadma, l-istess bħall-ħaruf tal-Għid: "Ġew is-suldati u kissru r-riġlejn tal-ewwel u tat-tieni wieħed li kienu msallbin miegħu. Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien ġa mejjet, ma kissrulux riġlejh… Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: 'Ebda waħda minn għadmu ma jkissrulu'" (Ġw 19:32-36).

### 4. L-Ewkaristija: sagrifiċċju ta' tpattija għal dnubietna

Ġesù, il-Ħaruf il-ġdid issagrifikat bħala vittma u li ċarċar demmu fuq is-salib, ħelisna mid-dnub tagħna bħalma ġie salvat il-poplu Lhudi fl-Eżodu, meta ċarċru d-demm tal-ħaruf fuq il-bibien ta' djarhom. L-Ewkaristija hija għalhekk is-sagrifiċċju ta' Kristu għas-salvazzjoni tagħna, li jeħlisna mid-dnubiet tagħna. San Ġwann qed jurina issa li huwa d-demm ta' Ġesù Kristu, id-demm tal-Ħaruf ta' Alla, li jsalva lill-popli kollha: "Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1:29).

### 5. L-Ewkaristija: sfida u impenn

Kienet provokazzjoni kbira għal-Lhud dik li għamel Ġesù meta ta ġismu u fuq kollox demmu, meta fil-Ġenesi 9:4 naraw il-projbizzjoni li ma jiklux laħam bil-ħajja tiegħu ġo fih, jiġifieri bid-demm. F'Ġw 6:60-69 għandna dik li nsejħulha l-kriżi tal-Galilija: "Minn dakinhar bosta mid-dixxipli tiegħu telquh u ma baqgħux imorru warajh. Imbagħad Ġesù qal lit-tnax: 'Tridux tmorru intom ukoll?'" (Ġw 6:66). Jalla aħna ma nagħmlux bħal dawn id-dixxipli imma noqogħdu dejjem qrib ta' Ġesù fl-Ewkaristija, għax huwa biss jista' jagħtina l-paċi, isolvi verament il-problemi tagħna, għaliex huwa biss jagħtina l-ħajja, u għalhekk ma' San Pietru ngħidulu: "Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6:68).

### 6. L-Ewkaristija: festa għan-Nisrani

Il-ferħ li ġab Ġesù xħin bidel l-ilma fl-inbid fl-ewwel sinjal fit-Tieġ ta' Kana, għandu jkun il-ferħ tagħna bħalma kien għall-Appostli u għall-ewwel Insara li kienu jgħixu l-Ewkaristija. L-Ewkaristija hija tassew festa, għaliex Kristu nnifsu jrid jibqa' magħna. Ejjew bħala poplu Nisrani nersqu lejn dan il-mument tal-Ewkaristija fi spirtu ta' festa, b'mod partikulari fl-Ewkaristija tal-Jum tal-Ħadd, li hu Jum il-Mulej, il-festa tal-Għid ta' kull ġimgħa, li tressaqna dejjem għall-festa tal-Ewkaristija bla tmiem fis-Sema pajjiżna.

**Bibljografija**

BARRET, C.K., *The Gospel according to St John*, London 1970.
BROWN, R.E., *The Gospel according to St John*, I, II, AB 29-29a, New York 1966.
CARDELLINO, L., *Leggere Giovanni*, in *Bibbia e Oriente* 38 (1996), 129-201.
RAVASI, G., *Secondo le Scritture. Doppio commento alle letture della Domenica. Anno B,* Casale Monferrato (AL) 1999.
SCHNEIDER, J., *Das Evangelium nach Johannes*, Berlin 1976.

# 4. LECTIO DIVINA: L-EWWEL JUM TAL-ĠIMGĦA
## Ġw 20,19-23 u Atti 20,7-12

Kan Joseph Sultana

<u>**Qari**</u>:

**Ġw 20,19-23:**

*"Dakinhar filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Mbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."*

**Atti 20,7-12:**

*"Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimien biex naqsmu l-ħobż. Pawlu, li kellu jitlaq l-għada, qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofsillejl. Kien hemm ħafna msiebaħ fil-kamra ta' fuq fejn konna miġburin. Wieħed żagħżugħ, jismu Ewtiku, kien bilqiegħda f'ħoġor it-tieqa, u ħadu n-ngħas sewwa, għax Pawlu ġibed fit-tul fi kliemu. Fl-aħħar in-ngħas għelbu u waqa' għal isfel mit-tielet sular, u refgħuh mejjet. Pawlu niżel isfel, tbaxxa fuqu, refgħu f'dirgħajh u qal: "Tibżgħu xejn, għax ruħu għadha fih." Mbagħad raġa' tela' fuq, qasam il-ħobż u kiel; u ssokta jitkellem magħhom sa ma sebaħ. Mbaghad telaq. Lil dak iż-żagħżugħ ħaduh ħaj, u tfarrġu mhux ftit."*

<u>**Lectio**</u>:

F'din il-*lectio divina* sejrin inpoġġu flimkien żewġ siltiet mit-Testment il-Ġdid, mill-Vanġelu skont San Ġwann u mill-Atti tal-Appostli. Minkejja li fil-kanoni l-Vanġelu skont San Ġwann jiġi qabel l-Atti tal-Apposti, imma storikament il-ktieb tal-Atti tal-Appostli miktub minn Luqa nkiteb qabel. Normalment waqt li d-data tal-kitba tal-Atti hija lejn is-sena 80 w.K., il-Vanġelu skont San Ġwann huwa aktar tardiv u huwa ddatat lejn is-sena 95 w.K.

Anke l-kuntest letterarju taż-żewġ siltiet huwa differenti. Is-silta mill-Vanġelu skont San Ġwann hija parti mir-rakkonti tad-dehriet ta' Kristu Rxoxt, waqt li s-silta mill-Atti tal-Appostli hija kwadru tal-ħidma appostolika mwettqa minn Pawlu. Ninsabu fit-tielet vjaġġ missjunarju fi Troas lejn is-sena 57-58 w.K. Nissupponu li Pawlu nnifsu jippresiedi din l-Ewkaristija. X'aktarx hija l-aħħar ikla tiegħu mal-komunità qabel ma jitlaq. Din hija silta li tagħmel parti mis-sezzjoni tal-Atti tal-Appostli fejn ir-rakkont huwa fl-ewwel persuna plural (*we sections*), indikazzjoni li Luqa kien preżenti għal din ix-xena.

Dawn iż-żewġ siltiet qegħdin nikkunsidrawhom flimkien għax jagħtuna ħjiel tal-valur u t-tifsira ewlenija marbuta mal-jum tal-Ħadd. Iż-żewġ siltiet huma marbutin flimkien mill-indikazzjoni temporali li nsibu fil-bidu ta' kull silta: "fl-ewwel jum tal-ġimgħa" (Ġw 20,19, Atti 20,7). Joffrulna diversi aspetti ta' dan il-jum.

### 1. L-ewwel jum tal-ġimgħa:
F'kuntrast mas-Sibt Lhudi, l-ewwel jum tal-ġimgħa jiddistingwi l-komunità Kristjana sa mill-bidu. Jimmarka n-novità tal-ġrajja ta' Kristu: dak li ma kienx u li issa hu; dak li issa hu ħa post dak li kien sa issa! Il-Vanġeli kollha jaqblu li Ġesù jqum mill-mewt fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Imma Ġwanni, mal-ewwel dehra ta' Kristu Rxoxt jorbot ukoll id-don tal-Ispirtu s-

Santu (Ġw 20,19). Fi ftit kliem, għal Ġwanni, il-qabar vojt, id-dehriet u d-don tal-Ispirtu s-Santu kollha jseħħu fl-ewwel jum tal-ġimgħa.

Il-Kristjani ħadu r-ritmu tal-ġimgħa Lhudija, mfassla fuq sebat'ijiem, imma dan ir-ritmu jitlaq bil-qawwa tal-qawmien ta' Kristu. Għal-Lhud, il-ġimgħa tagħhom kienet tilħaq il-milja lejn tmiemha fil-jum tas-Sibt (*sabbaton*) imma għall-Kristjani kollox kien jitlaq u jitnissel mill-ewwel jum tal-ġimgħa.

**2. Jum il-miġemgħa:**
Ġw 20,19b u Atti 20,7 jistqarru b'mod ċar il-komunjoni li tiddistingwi l-komunità Kristjana: "meta d-dixxipli kienu flimkien" u "nġbarna flimkien". Fl-ewwel jum tal-ġimgħa tissawwar, tinġabar u tidher il-Knisja. Il-Kristjan joħroġ mill-anonimat u l-individwaliżmu tiegħu, biex Kristu Rxoxt jidher fil-komunità li tissawwar. Il-verb Grieg *synagoghein* jittraduċi l-verb Lhudi *qahal* li jfisser "tiġbor", u għalhekk minnu jitnissel is-sostantiv miġemgħa.

**3. Jum il-qsim tal-ħobż:**
Atti 20,7 jitkellem mill-miġemgħa li nġabret biex taqsam il-ħobż. Fi Ġwanni, Ġesù rxoxt joqgħod għall-mejda magħhom. Dan huwa allużjoni ċara li l-Ewkaristija li jinġabru biex jiċċelebraw hija f'kontinwità mal-ikla li Ġesù kien qasam magħhom qabel il-mewt tiegħu. Dak li tħabbar fi profezija fl-aħħar ċena issa kien seħħ, u għalhekk minn issa 'il quddiem il-qsim tal-ħobż huwa l-ġest li bih u fih Kristu ħaj jagħmel lilu nnifsu preżenti. L-Ewkaristija ssir għalhekk bħal ħolqa li tgħaqqadna mal-ewwel jum tal-ġimgħa u permezz tagħha taslilna l-qawwa tal-istess qawmien. L-Ewkaristija hija ċ-ċelebrazzjoni ta' kull ġimgħa tal-misteru tal-Għid.

**4. Jum il-faraġ:**
Il-*fractio panis* hija msieħba wkoll mis-smigħ tal-kelma. Atti 20,7-12 huwa msawwar fuq l-istess dinamika letterarja tal-eżodu tat-Testment il-Qadim – passaġġ bil-lejl sat-tbexbix, mogħdija mid-dlam għad-dawl, mill-mewt għall-ħajja. L-enerġija ta' Kristu rxoxt tidher taħdem fil-komunità, tant li s-smigħ tal-kelma għall-ħin abbundanti jimla bil-faraġ l-istess komunità. Dan il-faraġ huwa l-opra tal-Ispirtu s-Santu, li jagħmel il-ħajja l-ġdida tal-qawmien preżenti fid-dixxipli tiegħu.

**5. Jum il-maħfra:**
Fl-ewwel jum tal-ġimgħa, Ġesù jħabbar u jġedded is-*shalom*. Ir-rikonċiljazzjoni mwettqa fi Kristu titlob bħala kundizzjoni neċessarja r-rikonċiljazzjoni reċiproka qalb dawk kollha li jemmnu.

Hija frażi msawra fuq struttura Semitika li ħafna interpretawha matul l-istorja bħala l-bażi tas-sagrament tal-qrar. Imma kif ħallihielna San Ġwann, hija turija li Ġesù rxoxt fada t-totalità tal-qawwa tal-ħniena u għaddieha lid-dixxipli. Alla huwa l-għajn ta' din il-maħfra mingħajr qies! Il-komunità tamministra din il-maħfra għax Alla fi Kristu nieda din il-maħfra: "Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija." (2 Kor 5,19)

**Konklużjoni:**
L-ewwel jum tal-ġimgħa jistabilixxi ruħu fil-qalba tal-komunità Kristjana li kienet qegħda titwieled sakemm jibda jissejjaħ Jum il-Mulej. Dan b'mod partikolari fil-ktieb tal-Apokalissi: "Darba f'jum il-Mulej…" Din hija stqarrija tal-knisja li tixhed li dan huwa l-jum li fih il-qawwa tar-rebħa ta' Kristu terġa' ssir preżenti u ħajja fil-miġemgħa li tinġabar għall-qsim tal-ħobż u għas-smigħ tal-kelma t'Alla. Hekk Kristu rxoxt jsir ħaj fil-komunità li tiċċelebrah, ixxandru u tgħixu!

# *IT-TIENI TAQSIMA:*
# *IL-LITURĠIJA TAL-AVVENT U TAL-QUDDIESA*

## 5. NOTAMENTI DWAR L-AVVENT U L-MILIED

Dun Inzjazju Borg

**Żmien l-Avvent għandu żewġ karatteristiċi**

1. Fl-ewwel parti, mill-ewwel Ħadd sas-16 ta' Diċembru, il-Knisja torjentana u tħeġġiġna sabiex inħejju ruħna għat-tieni miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żmien, li skont San Ċirillu ta' Ġerusalemm hija ta' importanza kbira: "Aħna ma nserrħux rasna bl-ewwel miġja biss, iżda nistennew it-tieni wkoll". Għaliex in-Nisrani huwa l-bniedem tas-sahra u tal-istennija, ħajtu kollha hija Avvent kontinwu tal-Mulej li ġej; għalhekk il-Mulej jgħidilna: "Ishru, mela, u itolbu l-ħin kollu, biex tkunu tifilħu tgħaddu minn kulma għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-Bniedem" (Lq 21:36).
2. Fit-tieni parti tal-Avvent, mis-17 sal-24 ta' Diċembru, il-Knisja torjentana u tħeġġiġna sabiex inħejju ruħna għaċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira tat-Twelid tal-Mulej fl-istorja, kif jistqarr San Ġwann fil-Vanġelu: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu…" (Ġw 1:14). Minħabba dawn iż-żewġ raġunijiet żmien l-Avvent huwa meqjus bħala żmien ta' stennija ferrieħa tal-Mulej li ġej.

**Xi notamenti għal żmien l-Avvent sas-16 ta' Diċembru**

1. Fil-ferja li fiha jkun hemm tifkira fakultattiva, tista' tagħżel l-Uffiċċju u l-Quddiesa tal-ferja, jew l-Uffiċċju u l-Quddiesa tat-tifkira, jew anki qaddis miktub f'dak il-jum fil-Martiroloġju (*Prinċipji u Normi għal-Liturġija tas-Sigħat*, 244; 355b).
2. Quddies għal diversi ċirkustanzi jew votiv ma jistax jiġi ċċelebrat jekk ma jkunx hemm vera ħtieġa u utilità pastorali (Daħla tal-*Missal Ruman*, 376). Il-Quddies tal-Mejtin ta' kuljum huwa pprojbit (Daħla tal-*Missal Ruman*, 381).
3. Il-kant matul iż-żmien tal-Avvent sat-tielet Ħadd għandu jkun marbut mal-istennija tal-Mulej li ġej u mas-sahra, u mhux kant marbut mat-Twelid ta' Sidna.
4. Il-proklamazzjoni wara l-Konsagrazzjoni fi żmien l-Avvent u l-Milied għandha tkun: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej…".
5. Fl-Uffiċċju ferjali l-antifona tal-Invitatorju, l-innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar, u l-antifona tat-Talba ta' Nofs il-Jum għandhom ikunu taż-Żmien.
6. L-orgni u l-istrumenti mużikali għandhom jintużaw b'moderazzjoni li turi l-istennija u s-sahra ferrieħa, iżda mhux fil-milja li jġib it-Twelid ta' Sidna. L-istess prinċipju jintuża fl-użu tal-fjuri (*Ċerimonjal tal-Isqfijiet*, 236).

Tajjeb li wieħed iġib quddiem għajnejh in-natura ta' żmien l-Avvent, anki fejn tidħol iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-Żwieġ (*Rit taż-Żwieġ*, 32).

**Is-solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**

Tajjeb li wieħed jifhem li l-akbar żmien Marjan tas-sena huwa l-Avvent. Marija hija l-figura tal-Avvent *per eccellenza*, għaliex hi nisslet lil Ġesù f'moħħha, f'qalbha u f'ġufha. U għalhekk mhux ta' b'xejn li l-Knisja tiċċelebra waħda mill-akbar festi tal-Verġni Mbierka propju f'dan iż-żmien tal-Avvent: dik tat-8 ta' Diċembru, l-Immakulata. Barra minn hekk ir-raba' Ħadd tal-Avvent huwa meqjus mill-Knisja bħala l-akbar Ħadd Marjan tas-sena. Iżda ta' min ifakkar li l-Ħdud tal-Avvent huma jiem ipprivileġġjati fuq kull festa u solennità oħra.

**Xi notamenti għall-jiem ta' bejn is-17 u l-24 ta' Diċembru**

1. Il-Quddies għal ċirkustanzi partikulari jista' jiġi ċċelebrat biss f'każ ta' ħtieġa u ta' utilità pastorali partikularment gravi (Daħla tal-*Missal Ruman*, 374). Ma jistax jiġi ċċelebrat Quddies votiv jew tal-Mejtin (Daħla *Missal Ruman*, 381).
2. Il-Liturġija tas-Sigħat:

a. L-antifona tal-Invitatorju, l-innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar, u l-antifoni tat-Talba ta' Nofs il-Jum għandhom ikunu taż-żmien.

b. Is-salmi ferjali tat-Tifħir tas-Sbiħ il-Jum u tal-Għasar għandhom antifoni propji.

3. Fil-Quddies ferjali ta' dawn il-jiem hemm propost ċiklu ta' qari Bibliku.
4. Fid-19, l-20 u l-21 ta' Diċembru jiġu ċċelebrati l-*"Quattro tempore"* tax-Xitwa. Fil-Ktieb tal-Barkiet hemm talba għal din iċ-ċirkustanza partikulari. It-tradizzjoni tal-*"Quattro tempore"*, oriġinarjament marbuta mal-ħarsien ta' perjodu speċifiku ta' żmien, erba' darbiet fis-sena, tista' tiġi mfakkra b'mumenti ta' talb u riflessjoni. Waqt li tiftakar fil-misteru ta' Kristu, il-komunità Nisranija trodd ħajr lill-Missier għall-frott tal-art u xogħol il-bniedem (*Ktieb tal-Barkiet*, 1814).

**24 ta' Diċembru: Żmien il-Milied**

Wara l-għejxien tal-misteru l-kbir tal-Għid, il-Knisja m'għandha xejn aktar qaddis jekk mhux iċ-ċelebrazzjoni tat-Twelid ta' Sidna u tal-ewwel wirijiet tiegħu lid-dinja: l-hekk imsejjaħ Żmien il-Milied (*Normi għas-Sena Liturġika u għall-Kalendarju*, 32).

**Xi noti pastorali għall-Quddiesa ta' Nofsillejl u ta' jum il-Milied**

1. Fil-lejl tal-Milied, qabel il-Quddiesa, tkun ħaġa xierqa li wieħed jiċċelebra Velja permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Qari (Daħla tal-*Missal Ruman*, 215; ara 98 u 73). Għal dawk li jieħdu sehem f'din il-Velja tista' titħalla barra l-Kompieta (*Prinċipji u Normi għal-Liturġija tas-Sigħat*, 215).
2. Wara t-tislima tas-saċerdot, flok l-Att Penitenzjali, f'dawn l-ambjent u klima ta' ferħ li ġġib din iċ-ċelebrazzjoni, wieħed jista' jagħmel it-tħabbira tat-Twelid tas-Salvatur. Din it-tħabbira tista' tiġi magħquda mal-kant tal-*Glorja*.
3. Fil-Quddiesa tal-Vġili u tal-jum tal-Milied, waqt il-Kredu, għall-kelmiet "U bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu… sar bniedem", ninżlu għarkupptejna b'sinjal ta' fidi f'dan il-misteru (Daħla tal-*Missal Ruman*, 137).
4. Fi klima ta' ferħ li ġġib magħha din il-festa, waqt l-Offertorju, mal-ħobż u nbid, wieħed jista' jtella' oġġetti ta' ikel biex jingħataw karità lin-nies fil-bżonn, f'sens ta' solidarjetà mal-batut.
5. F'din iċ-ċelebrazzjoni partikulari wieħed jista' jagħti ċerta importanza lis-sinjal tal-paċi.
6. F'jum il-Milied is-saċerdoti jistgħu jqaddsu tliet Quddisiet; tajjeb iżda li jitqaddsu fil-ħin tagħhom, jiġifieri: il-Quddiesa ta' billejl, il-Quddiesa tas-sebħ, u l-Quddiesa tal-jum. Ma jagħmilx sens li dan il-Quddies jitqaddes wara xulxin, għax hekk ikun biss ċelebrazzjoni ta' devozzjoni personali.
7. In-nies għandhom jiġu mfakkra li jistgħu jitqarbnu fil-Quddiesa ta' Nofsillejl u jistgħu jerġgħu jitqarbnu darba oħra, f'Quddiesa oħra matul il-jum.

**It-Tħabbira tal-Milied waqt il-Quddiesa ta' Nofsillejl**

Iċ-ċelebrant, wara t-tislima tal-bidu, jibda billi jgħid:

> "Ħuti, f'dan il-lejl qaddis ħa jitla' quddiem Alla l-għana ta' radd il-ħajr u tifħir. Id-dawl ta' Alla s-Salvatur, Ġesù Kristu, bħal dejjem fl-istorja tal-bniedem, idawwal it-triq tal-bniedem mitluf.
>
> Kristu, imnissel qabel kull żmien, iwettaq b'imħabba l-pjan tal-Missier u jitwieled minn mara, il-Verġni Marija; bniedem bħalna jifdi l-umanità. L-Etern jidħol fiż-żmien u fl-istorja, u ż-żmien tal-bniedem isir għalqa għammiela mis-Salvatur tad-dinja.

Aħna, bħala Knisja li miexja l-mixja lejn il-futur ta' Alla, ejjew nilqgħu s-Salvatur. L-indiema sinċiera għan-nuqqasijiet tagħna tissarraf f'ċertezza li Alla jaħfrilna, u hekk niċċelebraw bħal aħwa 'il-Milied tas-Sinjur'".

Wara t-talba għall-maħfra ċ-ċelebrant jgħid:

"U issa, ħuti, inħabbrilkom aħbar tajba, ferħ kbir għall-poplu kollu: isimgħuha bil-ferħ".

Iċ-ċelebrant jew il-lettur iħabbar:

"Kienu għaddew ħafna sekli minn meta Alla kien ħalaq id-dinja u lill-bniedem xbieha tiegħu, u kienu għaddew ħafna sekli minn meta kien waqaf id-Dilluvju u Alla kien bagħat il-qawsalla bħala sinjal ta' paċi. Wieħed u għoxrin seklu wara t-twelid ta' Abraham missierna; tlettax-il seklu wara l-ħruġ ta' Israel, taħt it-tmexxija ta' Mosè, mill-Eġittu; madwar elf sena wara li David kien ġie midluk bħala sultan ta' Israel; fil-ħamsa u sittin ġimgħa, skont ma kien ħabbar il-Profeta Danjel; fi żmien il-mija u erbgħa u disgħin Olimpjadi; fis-sena 752 minn meta twaqqfet il-belt ta' Ruma; fit-tnejn u erbgħin sena tal-Imperatur Ċesri Ottavju Awgustu, meta fuq l-art kollha saltnet il-paċi… Ġesù Kristu, Iben il-Missier etern, ried iqaddes lid-dinja bil-miġja ħanina tiegħu, u tnissel bl-opra tal-Ispirtu s-Santu.

Wara disa' xhur, jitwieled f'Betlehem ta' Ġuda, minn Marija Verġni, u jsir bniedem. Dan hu l-Milied tas-Sinjur tagħna Ġesù skont il-ġisem".

Iċ-ċelebrant jgħid:

"Ħuti, ifirħu u ċċelebraw din l-isbaħ aħbar tal-istorja tal-umanità. U b'qalbna mimlija radd il-ħajr, flimkien mal-anġli ta' Betlehem u mal-Knisja mxerrda mad-dinja kollha, inkantaw: 'Glorja 'l Alla u paċi lill-bnedmin kollha'".

Isir il-kant tal-*Glorja*.

**Il-festa tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret**
Xieraq li ssir ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija għall-familji. Fiha wieħed jista' jġedded il-wegħdiet taż-Żwieġ kif ukoll isir talb speċjali għall-familja.

**31 ta' Diċembru: l-aħħar jum tas-sena**
F'kull komunità għandha ssir ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr 'l Alla tal-ġid li rċevejna matul is-sena. Fil-pajjiżi tal-Oċċident tiġi ċċelebrata fl-aħħar tas-sena. Dan il-jum iġegħilna naħsbu fuq il-"misteru taż-żmien", żmien li jgħaddi u li ma jistenna lil ħadd.

Dan iġibilna quddiemna żewġ sentimenti:
1. ta' ndiema u dispjaċir għall-ħtijiet tagħna u għall-grazzji li tlifna matul is-sena, li waslet għat-tmiem;
2. ta' radd il-ħajr 'l Alla għall-ġid li għamel magħna.

**Xi notamenti għall-ferji ta' żmien il-Milied**
1. Fil-ferji tal-Milied, mit-2 ta' Jannar 'il quddiem, fejn ma jkunx hemm tifkira obbligatorja, tista' tagħżel l-Uffiċċju u l-Quddiesa tal-ferja jew l-Uffiċċju u l-Quddiesa tat-tifkira, anki tal-qaddis miktub f'dak il-jum fil-Martiroloġju (*Prinċipji u Normi għal-Liturġija tas-Sigħat*, 244; Daħla tal-*Missal Ruman*, 355b).
2. Quddies "għal diversi ċirkustanzi" jew "votiv" jista' jiġi ċċelebrat biss jekk hemm tassew ħtieġa jew utilità pastorali (Daħla tal-*Missal Ruman*, 136). Il-Quddies tal-Mejtin huwa pprojbit (Daħla tal-*Missal Ruman*, 381).

3. Fl-Uffiċċju ferjali l-antifona tal-Invitatorju, l-innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar, kif ukoll l-antifona tat-Talba ta' Nofs il-Jum huma taż-Żmien, kemm qabel u kemm wara l-Epifanija.

**Is-solennità tal-Epifanija**

Fit-tmiem tal-Quddiesa wieħed jista' jistieden lill-fidili sabiex ibusu x-xbieha ta' Ġesù tarbija b'sens ta' qima u adorazzjoni kif għamlu l-Maġi.

**Il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej**

1. Din il-festa ġġib fi tmiemhom il-festi tal-Milied, u għalhekk hija ħaġa xierqa li sa din il-festa l-kant waqt il-Quddiesa jkun ta' żmien il-Milied.
2. Flok il-Kredu, waqt il-Quddiesa wieħed jista' jagħmel il-wegħdiet tal-Magħmudija (*Prinċipji u Normi għal-Liturġija tas-Sigħat*, 215).

# 6. TIFSIR TAL-LITURĠIJA TAL-QUDDIESA

Dun Injazju Borg

## I. DAĦLA

Għaliex wieħed jieħu sehem fil-Quddiesa? Għaliex niġu l-knisja? X'inhu l-iskop prinċipali?

Niġu hawn biex nistqarru l-fidi tagħna fi Kristu Ġesù! Min jgħid li jemmen f'Ġesù u ma jistqarrx dan fil-knisja flimkien mal-ġemgħa, mhux qed jistqarr tassew il-fidi Nisranija. Fuq kollox niġu hawnhekk għaliex aħna msejħa mill-Ispirtu s-Santu sabiex inkunu nistgħu nistqarru l-fidi tagħna f'Ġesù, fil-Knisja u mal-Knisja.

San Pawl jgħidilna: "Kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11:26).

L-Ewkaristija hija l-għajn u l-quċċata tat-tħabbir tal-Bxara t-Tajba. Permezz tal-Quddiesa aħna nxandru li Ġesù rebaħ il-mewt, huwa ħaj u qiegħed hawn fostna bil-Ġisem, id-Demm u d-divinità.

Aħna ma niġux hawn biex inkunu tajbin jew biex nagħmlu d-dmir tagħna biss, iżda għax min jistqarr il-fidi fi Kristu ma jistax jiġi għall-Quddiesa mingħajr ma jimpenja ruħu li jgħix il-fidi fil-ħajja ta' kuljum.

## II. IR-RIT TAL-BIDU

Il-Quddiesa tibda bl-Innu tad-Dħul, li huwa innu ta' merħba liċ-ċelebrant, li matul il-Quddiesa jirrappreżenta lil Kristu, ir-ras tal-ġisem li hu l-Knisja. Xħin jasal fuq il-presbiterju ċ-ċelebrant ibus l-altar, li jirrappreżenta lil Kristu li huwa l-ġebla tax-xewka li fuqu hi mibnija l-Knisja. Is-siġġu taċ-ċelebrant huwa msejjaħ sedja presidenzjali, għax iċ-ċelebrant li jmexxi l-ġemgħa u li qiegħed jaġixxi f'isem Kristu joqgħod fuqha matul iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Is-sedja taċ-ċelebrant trid tkun f'post li jiġbed l-attenzjoni tal-ġemgħa miġbura.

### A. L-Att Penitenzjali

L-Att Penitenzjali huwa ta' importanza fundamentali fil-Quddiesa. It-tifsira ta' dan l-att hija li kull wieħed ipoġġi lilu nnifsu quddiem Alla bħala midneb, imma b'xewqa kbira li jikseb l-għajnuna, id-dawl u l-maħfra. Ma ġejniex għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika għaliex aħna tajbin jew perfetti. Meta nagħrfu lilna nfusna bħala midinba, aħna nkunu qegħdin inħejju ruħna għal-laqgħa mal-Mulej li qiegħed hawn preżenti magħna taħt tliet aspetti.

**L-ewwel aspett:** Huwa preżenti fost il-ġemgħa għaliex "fejn hemm tnejn jew tlieta miġbura f'ismu, Huwa jinsab f'nofshom". Tant hu hekk li ċ-ċelebrant isellem lill-ġemgħa miġbura billi jgħid: "Il-Mulej magħkom".

**It-tieni aspett:** Il-Mulej huwa preżenti fix-xandir u fis-smigħ tal-Kelma tiegħu, li permezz tagħha huwa jkellem il-qalb tagħna u jmantni l-fidi tagħna.

**It-tielet aspett:** Hija preżenza reali fil-Ġisem u d-Demm tiegħu, taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid li nieklu u nixorbu waqt it-tqarbin sabiex immantnu ruħna bl-ikel tal-ħajja ta' dejjem.

Il-ġemgħa tilqa' liċ-ċelebrant bilwieqfa għaliex huwa qiegħed flok Kristu, li qed imexxi l-ġemgħa Ewkaristika.

### B. Il-Glorja
Permezz tal-Glorja nfaħħru 'l Alla għaliex huwa wera ħniena magħna u ħafer in-nuqqasijiet tagħna.

### C. Il-Kolletta
Wara, iċ-ċelebrant jgħid: "Nitolbu". Hawnhekk ikun hawn pawsa qasira ta' silenzju, imbagħad iċ-ċelebrant iressaq quddiem Alla l-Missier il-ġabra (Kolletta) tal-intenzjonijiet tal-ġemgħa miġbura flimkien ma' dik tal-Knisja kollha.

## III. IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

Il-Liturġija tal-Kelma hija fundamentali, għaliex hekk kif djalogu jseħħ meta tnejn jiltaqgħu, hekk il-kelmiet tal-Kotba Mqaddsa huma l-kliem (diskors) li l-Mulej jixtieq iwassal lilna li ninsabu miġbura għal din il-laqgħa.

Il-vuċi hija dik tal-lettur magħżul sabiex iħabbar din il-bxara, imma fil-verità huwa l-leħen ħaj ta' Alla li jitkellem mal-poplu tiegħu.

Il-Kelma tixxandar għaliex il-Mulej irid jitkellem magħna. Aħna nuru l-gratitudni għal dan billi nwieġbu: "Irroddu ħajr lil Alla".

### A. L-Ewwel Qari
L-Ewwel Qari jsir mit-Testment il-Qadim, filwaqt li fi żmien l-Għid isir mill-Atti tal-Appostli.

Wara dan il-qari jitkanta jew jingħad is-Salm Responsorjali. Dan il-kant huwa meditazzjoni, tweġiba u talba fuq il-Kelma ta' Alla mħabbra lilna.

### B. It-Tieni Qari
It-Tieni Qari jkun mill-Atti jew mill-Ittri tal-Appostli.

### C. It-Tielet Qari
Fit-Tielet Qari – il-Vanġelu – tiġi pproklamata l-Kelma u l-ħajja ta' Ġesù. Huwa għalhekk li din il-Kelma aħna nilqgħuha bilwieqfa, permezz tal-kant tal-Hallelujah, kant ta' ferħ li jfisser: "Hekku qiegħda sseħħ il-Kelma ta' Alla f'Ġesù". F'dan il-waqt aħna nkunu qegħdin nisimgħu l-Kelma u mhux nistudjawha. Dan għaliex il-Kelma ta' Alla permezz tal-widna tidħol u tinżel fil-qalb tagħna, issir ħaġa waħda magħna u tibdilna fl-imħabba, sabiex il-ħajja tagħna ssir aktar taqbel mal-fidi tagħna. Għalhekk xħin jibda x-xandir tal-Vanġelu s-saċerdot jagħmel salib fuq moħħu, fuq fommu u fuq sidru. Fl-aħħar tal-qari ċ-ċelebrant ibus il-ktieb b'sinjal ta' qima, rispett u fedeltà lejn il-Kelma ta' Alla.

Li nisimgħu biss b'widnejna f'dan il-waqt mhux biżżejjed. Jeħtieġ li nħallu l-Kelma tinżel fil-qalb tagħna, tixlina, u tistaqsina sabiex tgħinna naħsbu fuq dak li Alla jixtieq jgħidilna u mhux fuq dak li aħna nixtiequ ngħidulu.

Qabel il-Konċilju Vatikan II ma tantx kienet tingħata importanza lil din il-parti tal-Quddiesa, iżda issa għandna l-għodda tal-lingwa tal-post biex nifhmu, u jeħtieġ li ma nitilfux l-okkażjoni li nisimgħuha.

### D. L-Omelija
L-omelija ssir miċ-ċelebrant, fejn il-Kelma li għadha kif ġiet imxandra tiġi applikata għar-realtà tal-ħajja tagħna. Tkun ħaġa xierqa li wara l-omelija jkun hemm pawsa ta' skiet biex wieħed jirrifletti fuq dak li jkun sema'.

### E. Il-Kredu

Il-Liturġija tal-Kelma tagħlaq bl-Istqarrija tal-Fidi, billi flimkien ngħidu l-Kredu. Il-kliem tal-Kredu fih il-prinċipji tal-fidi Nisranija. Dan nistqarruh flimkien sabiex nuru l-fidi komuni tagħna f'Alla l-Missier, f'Ġesù Kristu, fl-Ispirtu s-Santu, fil-Knisja u fil-ħajja ta' dejjem.

### F. It-Talba tal-Fidili, jew tal-Ġemgħa

It-Talba tal-Fidili li tiġi wara l-Kredu hija l-waqt li fih, fi djalogu miftuħ mal-Mulej, aħna nistgħu nitkellmu miegħu u nesprimu x-xewqat u t-talb tagħna.

It-talbiet jistgħu jiġu mħejjija minn xi wħud mill-fidili u jinqraw minn persuna waħda. Fit-talbiet aħna nitolbu għall-Knisja, għall-paċi fid-dinja, għal dawk li huma fil-bżonn, għal dawk kollha li qegħdin jieħdu sehem fil-Quddiesa, u skont intenzjonijiet oħrajn. Ta' spiss is-saċerdot iħalli mument ta' silenzju biex kull wieħed jista' jagħmel it-talbiet personali tiegħu.

## IV. IL-LITURĠIJA TAL-EWKARISTIJA

It-tieni parti taċ-ċelebrazzjoni hija msejħa l-Liturġija tal-Ewkaristija. Il-kelma "Ewkaristija" tfisser ringrazzjament lil Alla.

### A. L-Offertorju

Ta' xiex għandna nirringrazzjaw lill Alla u kif? Nirringrazzjaw lil Alla għax tana l-ħajja u l-possibbiltà li nieħdu ħsieb tal-ħolqien. Dan nagħmluh billi noffru l-frott tal-art u tal-ħidma tagħna. Fis-sekli tal-bidu kienu joffru dan il-frott tal-art għall-għajxien tas-saċerdoti, għall-ħtiġijiet tal-foqra u għall-bżonnijiet tal-komunità Nisranija. Dan il-ġest ġej mit-tradizzjoni tal-Lhud li kienu jagħtu d-deċmi bħala offerta għat-Tempju. Illum il-"ferta" li tinġabar waqt il-Quddiesa tintuża biex insostnu u nissapportjaw il-knisja li aħna niffrekwentaw. Mal-ħobż u l-inbid nistgħu ntellgħu dawn l-offerti u nakkumpanjaw din il-purċissjoni bil-kant tal-Offertorju.

It-talba tal-Offertorju tibda propju bl-offerta tal-frott tal-art u tax-xogħol tagħna, u tispiċċa bid-Dossoloġija. Din hija kelma kemxejn diffiċli li tfisser it-talba ta' tifħir lil Alla l-Missier fi Kristu, ma' Kristu u bi Kristu, fejn imbagħad il-ġemgħa twieġeb "Amen", jiġifieri "Aħna naqblu u nikkonfermaw dak kollu li sar".

Normalment waqt il-purċissjoni tal-offerti kien isir il-kant, u hekk għadu jsir, imma l-kant f'dan il-waqt huwa kant ta' akkompanjament tal-offerti sal-altar. Ħafna drabi l-kant ma jħallix li niggustaw it-talba tant sabiħa tal-Offertorju u ma jħallix li aħna nisimgħu l-kliem taċ-ċelebrant li qiegħed joffri l-frott tal-art u tal-ħidma tagħna, li mbagħad se jinbidel f'ikel u xorb għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Ikun tajjeb li niftakru l-kliem ta' din it-talba: "Imbierek int, Mulej…".

Is-saċerdot hawn jagħmel ġest żgħir li ħafna drabi ma nintebħux bih. Huwa jżid ftit qtar tal-ilma fil-kalċi mal-inbid li jkun hemm. Dan il-ġest ċkejken ifisser l-ewwel nett li Kristu huwa Alla u bniedem; ifisser ukoll l-għaqda bejn il-bniedem u Alla. Il-kliem taċ-ċelebrant f'dan il-waqt huwa: "Bil-misteru ta' dan l-ilma u l-inbid ikollna…".

### B. Il-Ħasil tal-Idejn

Il-ġest tal-ħasil tal-idejn għandu tifsira penitenzjali, fejn is-saċerdot jgħid: "Naddafni, Mulej, minn ħżuniti…". F'dan il-waqt l-altar jiġi armat għall-ikla tal-Mulej; din hija t-tifsira tal-altar forma ta' mejda, għaliex madwar din il-mejda aħna lkoll ġejna mistiedna biex niċċelebraw l-ikla tal-Mulej, u biex bil-fidi u l-ġabra nisimgħu l-kliem li ċ-ċelebrant jgħid f'isimna.

Altar ifisser ukoll "ġebla" li fuqha l-Knisja toffri b'sagrifiċċju l-vittma – Ġesù – lil Alla l-Missier. Fuq il-ġebla tal-altar jiġġedded kull darba l-misteru tas-Sagrifiċċju tas-Salib.

### C. It-Talba fuq l-Offerti

Il-ġemgħa tqum bilwieqfa u ċ-ċelebrant jgħid it-tieni talba jew kolletta, jiġifieri l-ġabra tal-intenzjonijiet ta' dawk miġbura, u huwa jgħidha bħala l-president tal-ġemgħa.

### D. Il-Prefazju u t-Talba tal-Qaddis

Hawn jibda d-djalogu ta' tifħir lill-Mulej. Għal xi żmien din it-talba kienet kollha kantata; dan kien isir sabiex tintwera l-importanza ta' dan il-waqt fejn iċ-ċelebrant jiġbor il-ferħ u t-tbatija tal-ġemgħa preżenti u jressaqhom quddiem Alla l-Missier.

Għalhekk kulħadd huwa mistieden biex jieħu sehem f'dan id-djalogu ta' ringrazzjament li jesplodi bil-ferħ fil-kant tal-"Qaddis", fl-Istqarrija tal-Fidi u wara l-"Amen" il-kbira li tingħad jew titkanta fit-tmiem tat-Talba Ewkaristika ta' tifħir lil Alla.

### E. Il-Konsagrazzjoni u l-Elevazzjoni

Matul it-Talba Ewkaristika wieħed għandu joqgħod għarkupptejh. Aħna noqogħdu għarkupptejna sabiex, filwaqt li nħarsu lejn l-elevazzjoni tal-ħobż u l-inbid, naduraw bil-ferħ u l-imħabba l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù.

Huwa importanti li wieħed jifhem il-ġesti u l-kliem li jgħid iċ-ċelebrant, għax f'dan il-waqt hu jkun qiegħed jaġixxi flok Kristu (*"in persona Christi"*). Għalhekk meta jgħid "Ħudu u kulu: dan huwa Ġismi… Ħudu u ixorbu: dan huwa Demmi…", huwa Kristu nnifsu li qiegħed jagħti u joffri l-istess Ġisem u l-istess Demm tiegħu b'sagrifiċċju.

L-Ispirtu s-Santu jaġixxi fil-mument tat-tqegħid tal-idejn miċ-ċelebrant (l-Epiklesi – l-inżul tal-Ispirtu) fuq il-ħobż u fuq l-inbid. Dan il-ġest huwa l-iktar ġest importanti, għaliex hawn mhux biss tinżel il-barka fuq il-ħobż u fuq l-inbid, imma l-Ispirtu s-Santu qiegħed jibdel is-sustanza tal-istess ħobż u tal-istess inbid. Kien diffiċli li wieħed isib kelma li tista' tiddeskrivi b'mod xieraq din il-bidla, imma fl-aħħar il-Knisja Kattolika għażlet il-kelma "Transustanzazzjoni", jiġifieri li s-sustanza tal-ħobż tinbidel fis-sustanza tal-Ġisem ta' Kristu u s-sustanza tal-inbid tinbidel fis-sustanza tad-Demm ta' Kristu. Għalhekk dan il-waqt huwa tassew importanti.

Huwa l-mument li fih is-sustanza tal-Ġisem ta' Kristu hija preżenti fuq l-altar u tgħaqqadna flimkien miegħu fil-misteru tal-"Komunjoni", jew għaqda, u li flimkien miegħu tgħaqqadna ma' ħutna fis-Sema u fl-art, fil-fidwa miksuba permezz tas-sagrifiċċju tiegħu.

L-għaqda fi Kristu u miegħu, miksuba permezz tal-Magħmudija, tiġġedded u tissaħħaħ kontinwament bis-sehem fis-sagrifiċċju Ewkaristiku, speċjalment bis-sehem sħiħ fit-tqarbin imqaddes. Nistgħu ngħidu li mhux biss kull wieħed minna jirċievi lil Kristu, imma Huwa wkoll jidħol fi ħbiberija magħna: "Intom ħbiebi" (Ġw 15:14). Anzi, aħna ngħixu permezz tiegħu: "Hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija" (Ġw 6:57). Huwa permezz tat-tqarbina li aħna *ngħixu* f'xulxin, Kristu jgħix fina, u aħna, id-dixxipli tiegħu, ngħixu fih: "Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom" (Ġw 15:4).

## V. IR-RIT TAT-TQARBIN

### A. It-Talba tal-Missierna

Iċ-ċelebrant jistedinna sabiex nitolbu t-talba tal-ulied, il-"Missierna". Meta nagħrfu 'l Alla bħala Missierna jeħtieġ nagħrfu lil xulxin bħala aħwa, u nkunu aħwa jekk ngħixu flimkien fil-paċi.

### B. Is-Sinjal tal-Paċi

Meta aħna nagħtu sinjal ta' paċi lil xuxlin jeħtieġ nistaqsu kemm verament aħna nħossuna aħwa ta' xulxin u jekk tgħoddx għalina t-twissija ta' Ġesù: "Mela jekk tkun qiegħed ittella' l-

offerta tiegħek fuq l-altar u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-altar u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk, u mbagħad ejja tella' l-offerta tiegħek" (Mt 5:23).

**C. Il-Qsim tal-Ħobż**

Il-kant jew it-talba tal-"Ħaruf ta' Alla" ssir mill-ġemgħa sabiex takkumpanja t-talba personali li jkun qiegħed jagħmel iċ-ċelebrant. Il-ġest tant sabiħ tal-qsim tal-ħobż (l-ostja) jgħinna nagħrfu, kif għarfu d-dixxipli ta' Għemmaws, lil Kristu preżenti fl-Ewkaristija, li joffri lilu nnifsu lil kull wieħed minna.

**D. It-Tqarbin**

It-tqarbin huwa laqgħa intima li titlob is-sehem sħiħ tagħna, u għalhekk ma nħallux id-distrazzjonijiet ifixkluna. Għalhekk għandu jsir bil-ġabra u d-devozzjoni, akkumpanjati bil-kant jew bid-daqq tal-orgni.

Hu importanti li nitqarbnu sabiex il-grazzja ta' Kristu tgħinna fil-mixja tagħna ta' konverżjoni u ssaħħaħna fl-impenn tagħna sabiex nirrikonċiljaw ruħna ma' kulħadd. Mument ta' skiet wara t-tqarbin huwa rrakkomandat fil-Liturġija, sabiex isir it-talb personali ta' ringrazzjament. Dan il-mument ta' skiet jista' jintemm b'talba komunitarja, permezz ta' salm jew kant ta' radd il-ħajr.

## VI. IR-RIT TAL-GĦELUQ

**A. It-Talba wara t-Tqarbin**

Issa tingħad it-tielet talba taċ-ċelebrant, it-talba tal-ġemgħa magħquda, li tibda meta ċ-ċelebrant jgħid: "Nitolbu". Hawnhekk kulħadd iqum bilwieqfa, għaliex din hija t-talba tal-ġemgħa flimkien.

**B. Il-Barka**

Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika tispiċċa bil-barka, sabiex aħna ngħixu l-Ewkaristija fil-ħajja ta' kuljum, fid-dar, fuq il-post tax-xogħol, u kull fejn inkunu. Il-fidi li aħna stqarrejna fil-Knisja issa aħna mistiedna biex immorru u ngħixuha fil-ħajja ta' kuljum. Il-Quddiesa tibdel il-ġemgħa miġbura f'komunità missjunarja, u l-istedina "Morru fil-paċi ta' Kristu" tfisser: "Issa, wara li għextu l-Misteru, morru u għixuh qalb il-bnedmin".

Iċ-ċelebrant u l-ġemgħa joħorġu mill-knisja wara l-kant tal-aħħar.

# 7. IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-QUDDIESA

Kan Reuben Micallef

## 1. IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

"L-għana kotran tal-Kelma ta' Alla jidher b'mod tassew tal-għaġeb fil-ħafna ċelebrazzjonijiet, kif ukoll fil-laqgħat ta' kull sura tal-Insara, u li fihom jieħdu sehem" (mill-*Prinċipji Ġenerali dwar il-Kelma ta' Alla fil-Liturġija*, fl-Introduzzjoni tal-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa). L-istess paragrafu, intitolat *It-tifsira liturġika tal-Kelma ta' Alla*, ikompli jitkellem dwar l-attwalità salvifika ta' din il-Kelma meta jgħid li "b'hekk l-istess ċelebrazzjoni liturġika, li hi mibnija u msaħħa b'mod tal-għaġeb mill-Kelma ta' Alla, issir ġrajja ġdida, u tagħni b'tifsir ġdid u b'qawwa ġdida l-Kelma ta' Alla". Fil-Liturġija għalhekk il-Knisja, bil-mod kif taqra u tfisser l-Iskrittura Mqaddsa, tagħmel kif kien jagħmel Kristu, li jħeġġigna naraw fl-Iskrittura Mqaddsa kollha kemm hi l-"illum" tal-ġrajja kollha tiegħu!

Il-misteru u r-rigal tas-salvazzjoni, li l-Kelma ta' Alla bla heda tfakkar u xxandar, jiksbu t-tifsir sħiħ tagħhom fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, hekk li l-istess ċelebrazzjoni liturġika ssir it-tħabbira kontinwa, sħiħa u qawwija tal-Kelma ta' Alla, u bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu ssir ħajja u qawwija, u turi dik l-imħabba tal-Missier li taħdem fina l-bnedmin u li qatt ma tonqos mill-qawwa kollha tagħha.

Meta fiċ-ċelebrazzjoni liturġika xxandar kemm il-Patt il-Qadim u kemm il-Patt il-Ġdid, il-Knisja tħabbar l-istess misteru waħdieni ta' Kristu. Għax Kristu huwa ċ-ċentru u l-qofol tal-Iskrittura kollha u tal-istess ċelebrazzjoni liturġika, dawk kollha li qegħdin ifittxu s-salvazzjoni u l-ħajja jridu jixorbu mill-għejjun tiegħu.

Aktar ma tingħaraf sewwa x'inhi ċ-ċelebrazzjoni liturġika, aktar jingħarfu s-siwi u l-importanza tal-Kelma ta' Alla; u dak li ngħidu għall-Kelma ta' Alla nistgħu ngħiduh għal-Liturġija, għax it-tnejn ifakkru l-misteru ta' Kristu u t-tnejn skont is-sura tagħhom iżommuh ħaj tul iż-żminijiet.

Effettivament meta Alla jlissen Kelmtu, jistenna dejjem tweġiba. Iżda huwa l-Ispirtu s-Santu li jagħti qawwa lill-istess tweġiba, hekk li dak li jinstema' fiċ-ċelebrazzjoni liturġika jkollu tifsir fil-ħajja, skont kif insibu fl-Ewwel Ittra ta' San Ġakbu: li għandna nkunu "dawk li jagħmlu l-Kelma u mhux jisimgħuha biss".

Filfatt il-Knisja tinbena u tikber hija u tisma' l-Kelma ta' Alla. L-għeġubijiet li fl-imgħoddi Alla b'ħafna modi għamel fil-ġrajja tas-salvazzjoni, jiġġeddu taħt xbihat fil-verità mistika tagħhom waqt iċ-ċelebrazzjoni liturġika; min-naħa l-oħra Alla wkoll jinqeda bix-xirka tal-Insara, huma u jiċċelebraw il-Liturġija, biex il-Kelma tiegħu tiġri u tissebbaħ u ismu jkun kbir fost il-ġnus.

Għalhekk kull meta l-Knisja, miġbura f'xirka waħda mill-Ispirtu s-Santu għaċ-ċelebrazzjoni liturġika, tħabbar u xxandar il-Kelma ta' Alla, tagħraf li hi l-poplu l-ġdid, li fih il-Patt li seħħ fl-imgħoddi jsir fl-aħħar perfett u sħiħ. Min-naħa l-oħra l-Insara kollha, magħmulin ħabbara tal-Kelma ta' Alla bil-Magħmudija u l-Griżma fl-Ispirtu, wara li jkunu semgħu l-Kelma ta' Alla, bil-grazzja tiegħu, ikunu fid-dmir li jxandruha fil-Knisja u fid-dinja, għall-inqas bix-xhieda ta' ħajjithom.

L-istess Kelma ta' Alla, li titħabbar waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, mhux biss hi għaż-żmien tal-lum, imma tħares ukoll lejn l-imgħoddi u lejn il-ġejjieni, u tqanqal fina x-

xewqa u t-tama li fost it-taqlib kollu ta' din il-ħajja qlubna jkunu hemm fejn tassew jinsab il-hena.

Il-poplu l-ġdid ta' Alla hu magħmul, skont ir-rieda ta' Kristu stess, minn ħafna membri, mhux l-istess imma magħżulin minn xulxin b'mod tassew tal-għaġeb. Fih hemm ukoll bosta suriet ta' uffiċċji u dmirijiet, anki dwar il-Kelma ta' Alla, hekk li din jisimgħuha u jimmeditawha l-Insara kollha, imma jfissruha dawk biss li, permezz tal-ordinazzjoni sagra, għandhom il-mandat li jgħallmu, jew dawk li lilhom ġie fdat dan il-ministeru.

Hi fuq kollox meħtieġa l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, biex il-Kelma ta' Alla li tinstema' bil-widnejn taħdem fil-qlub. Hu bl-ispirazzjoni u bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li l-Kelma ta' Alla ssir il-pedament taċ-ċelebrazzjoni liturġika, u regola u għajnuna tal-ħajja.

Filfatt il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu mhux biss isseħħ qabel l-istess ċelebrazzjoni liturġika, timxi magħha u tkompli sseħħ wara li tintemm, iżda fil-qalb ta' kull Nisrani tnebbaħ dak li tħabbar fix-xandir tal-Kelma ta' Alla lix-xirka kollha tal-Insara, waqt li ssaħħaħ ir-rabta bejn kulħadd, tqawwi l-ħafna karizmi u tkabbar il-ħafna ħidmiet tal-membri.

Il-Knisja dejjem uriet l-istess venerazzjoni lill-Kelma ta' Alla u lill-misteru tal-Ewkaristija, għalkemm ma tathomx l-istess qima. Filfatt il-Knisja, imqanqla mill-eżempju ta' Kristu, qatt ma waqfet tiċċelebra l-Misteru tiegħu tal-Għid, waqt li tinġabar f'xirka waħda ħa taqra "kulma hemm fl-Iskrittura fuqu" (Lq 24:27) u twettaq il-misteru tas-salvazzjoni hija u tagħmel it-tifkira tal-Mulej u tiċċelebra s-sagramenti.

Il-Knisja titmantna spiritwalment miż-żewġ imwejjed, hekk li fil-Kelma ta' Alla jitħabbar il-Patt tiegħu, waqt li fl-Ewkaristija jiġġedded l-istess Patt tiegħu ġdid u għal dejjem. Għalhekk jeħtieġ li nżommu dejjem quddiem għajnejna li l-Kelma ta' Alla, li tinqara u titħabbar mill-Knisja fil-Liturġija, qisha twassal b'xi mod, bħallikieku dan l-għan tagħha, għas-sagrifiċċju tal-Patt, għall-ikla ta' radd il-ħajr, jiġifieri għall-Ewkaristija. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, li fiha tinstema' l-Kelma ta' Alla u ssir l-offerta tal-Ewkaristija li mbagħad titqassam fit-tqarbin, hija għalhekk att wieħed ta' qima li bih noffru s-sagrifiċċju ta' tifħir lil Alla.

Fit-tieni kapitlu tal-istess introduzzjoni diġà msemmija, taħt it-titlu *L-Elementi tal-Liturġija tal-Kelma u r-Riti tagħhom*, insibu li l-qari tal-Iskrittura, flimkien mal-kant meħud mill-Iskrittura, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, la għandhom qatt jonqsu jew jitnaqqsu, jew – u din ħaġa agħar – jinbidlu ma' qari ieħor li mhux mill-Iskrittura.

Alla, filfatt, għadu jkellem lill-poplu tiegħu permezz tal-Kelma ta' Alla miktuba, u mill-użu kuljum tal-Iskrittura l-poplu ta' Alla bid-dawl tal-fidi jkun dispost biex joqgħod għal dak li jnebbħu l-Ispirtu s-Santu, biex ikun jista' jagħti xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja bil-ħajja u bl-imġiba tiegħu.

Il-qari tal-Vanġelu hu l-qofol tal-Liturġija tal-Kelma: għalih iħejji lill-ġemgħa tal-Insara l-qari l-ieħor, jiġifieri l-ewwel il-qari mill-Patt il-Qadim u mbagħad dak mill-Patt il-Ġdid.

Il-kotba, li minnhom jinqraw il-lezzjonijiet tal-Kelma ta' Alla, flimkien mal-ministri… għandhom ifakkru lill-Insara li Alla jinsab f'nofs il-poplu tiegħu biex ikellmu. Għalhekk wieħed għandu jieħu ħsieb li l-kotba wżati fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi jkunu xierqa, sbieħ u ta' ġieħ, biex jidhru tassew bħala sinjal u simbolu tal-ħwejjeġ tas-Sema.

It-tħabbira tal-Vanġelu hi dejjem il-qofol tal-Liturġija tal-Kelma, u għalhekk it-Tradizzjoni kemm tal-Lvant u kemm tal-Punent dejjem għamlet distinzjoni bejn il-kotba tal-qari. Il-ktieb tal-Vanġelu dejjem kien jinħadem b'kura speċjali, u kien ikun imżejjen u meqjum, aktar

mill-kotba l-oħra kollha tal-qari. Jixraq għalhekk li fi żmienna wkoll… ikun hemm il-Ktieb tal-Vanġelu, differenti mill-kotba l-oħra tal-qari u mżejjen kif jixraq.

Il-kotba tal-qari li jintużaw fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, minħabba d-dinjità tal-Kelma ta' Alla, ma għandhomx jitwarrbu biex flokhom jintużaw pubblikazzjonijiet oħra pastorali, bħalma huma l-fuljetti u oħrajn…

Fit-tieni taqsima tal-istess introduzzjoni, taħt it-titlu *Id-Dmir tal-Fidili fil-Liturġija tal-Kelma*, insibu li l-poplu ta' Alla jinġabar, jikber u jitmantna bil-Kelma ta' Kristu; u jkompli li dan jgħodd l-aktar għal-Liturġija tal-Kelma fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, għaliex mhux biss meta jinqara "dak li nkiteb għat-tagħlim tagħna" (Rum 15:4), imma wkoll meta l-Knisja titlob, tkanta u tiċċelebra, il-fidi ta' dawk li qegħdin jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tissaħħaħ u l-ħsibijiet tagħhom jintrefgħu lejn Alla biex jagħtuh qima xierqa u jiksbu bil-kotra l-grazzji tiegħu.

L-Insara fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għandhom jisimgħu l-Kelma ta' Alla b'dik il-qima interna u esterna, li minn jum għall-ieħor tkabbar fihom il-ħajja u twassalhom biex jissieħbu dejjem aktar fil-misteru li jkun qiegħed jiġi ċċelebrat.

Biex ikunu jistgħu jiċċelebraw bil-ħeġġa kollha t-tifkira tal-Mulej, l-Insara għandhom jifhmu li Kristu hu dejjem fosthom, kemm hija u titħabbar il-Kelma ta' Alla, għaliex "Hu jkun jitkellem meta fil-Knisja jinqraw il-Kotba Mqaddsa", u kemm u "l-aktar taħt ix-xbihat tal-Ewkaristija" (*Sacrosanctum concilium*, 7).

Il-Kelma ta' Alla, biex tkun milqugħa u tagħmel għeruq fil-ħajja tal-Insara, titlob fidi ħajja – fidi li bla heda titqanqal bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla hija u titħabbar. L-Iskrittura Mqaddsa, l-aktar fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, hi għajn tal-ħajja u ta' virtù; għalhekk l-imħabba għall-Iskrittura hi qawwa u tiġdid għall-poplu kollu ta' Alla (*Dei Verbum*, 21). Il-Kelma ta' Alla, hija u titħabbar fil-Knisja u titwettaq fil-ħajja bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, iddawwal il-fidili u twassalhom biex jidħlu fil-misteru kollu ta' Kristu huwa u jseħħ. Il-Kelma ta' Alla, milqugħa bil-fedeltà kollha, tqanqal il-qalb u tħejjiha għall-konverżjoni u għal ħajja mdawla mill-fidi, għaliex hi ikel għall-ħajja Nisranija u għajn tat-talb għall-Knisja kollha.

Ir-rabta sħiħa li hemm bejn il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija tal-Ewkaristija fil-Quddiesa għandha twassal lill-Insara biex jieħdu sehem mill-bidu nett u b'mod attiv fiċ-ċelebrazzjoni. Ikun aħjar jekk il-fidili jitħejjew ħa jisimgħu l-Kelma ta' Alla l-aktar permezz ta' tagħrif fil-fond u minn qabel tal-Iskrittura Mqaddsa; b'hekk titqanqal ukoll ix-xewqa li wieħed jifhem it-testi liturġiċi li jinqraw u jwieġeb għalihom.

B'hekk l-Insara, għax ikunu semgħu l-Kelma ta' Alla u mmeditawha, iwieġbu b'mod ħaj għaliha bit-tweġiba kollha fidi, tama u mħabba, bit-talb u bl-offerta tagħhom stess, mhux biss waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, imma wkoll tul il-ħajja Nisranija kollha tagħhom.

### 1.1 IL-LETTUR

It-tradizzjoni liturġika tafda l-qari tal-lezzjonijiet mill-Iskrittura waqt il-Quddiesa lill-ministri tagħha: il-letturi, id-djaknu jew is-saċerdot.

Il-Papa Pawlu VI, bil-*Motu proprio* tal-15 ta' Awwissu 1972, reġa' qiegħed il-Lettorat fil-post tal-unur u bl-importanza li kellu fl-ewwel żminijiet tal-Knisja. skont dan il-*Motu proprio*, il-Lettorat huwa veru "ministeru" u jista' jsir mhux biss mill-kjeriċi, imma mil-lajċi wkoll. Dawn tal-aħħar isiru letturi b'deputazzjoni uffiċjali min-naħa tal-Knisja, u jkunu tassew "qaddejja fil-ministeru tal-Kelma".

Meta l-Quddiesa kienet għadha bil-Latin, il-qari kollu tal-Bibbja kien isir mis-saċerdot fil-Quddiesa "letta", u fil-każ tal-Quddiesa "solenni" id-djaknu u s-suddjaknu kienu jkantaw il-Vanġelu u l-Epistola rispettivament. Din l-użanza ma kenitx fl-ewwel sekli tal-Knisja. Nafu li fl-ewwel żminijiet il-ministri tal-qari kollu tal-Kelma kienu l-letturi. L-użu tal-qari tal-Vanġelu mid-djakni, li aktarx beda fil-Knejjes Orjentali, jissemma l-ewwel fil-*Kostituzzjonijiet Appostoliċi* (*c.* 380 WK). Imbagħad il-Konċilju ta' Ruma (595 WK) ordna li l-qari tal-Vanġelu jsir mid-djakni u l-qari ta' siltiet minn kotba oħra bil-kant tar-responsorji tagħhom mis-suddjakni, jew f'każ ta' bżonn minn "ministri oħra". U hekk ġara li l-uffiċċju tal-letturi tilef kważi għalkollox l-importanza li dejjem kellu fl-ewwel żminijiet tal-Knisja.

Il-lettur għandu dmir propju tiegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, u dan id-dmir għandu jaqdih hu, għalkemm ikun hemm ukoll ministru ta' grad ogħla. Il-ministeru ta' lettur, mogħti waqt ċelebrazzjoni liturġika, għandu jkollu l-ġieħ ta' kulħadd. Il-letturi li jkunu rċevew l-istituzzjoni ta' letturi għandhom jaqdu d-dmir tagħhom talinqas fil-Ħdud u fil-festi, u l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni ewlenija (KONGREGAZZJONI TAS-SAGRAMENTI U L-KULT DIVIN, Istruzzjoni *Inestimabile Donum*, 1980).

Il-ġemgħa liturġika teħtieġ il-letturi, ukoll jekk dawn ma jkunux istitwiti f'dan il-ministeru. Wieħed għandu għalhekk jaħseb biex ikun hemm xi lajċi tassew adatti, lesti biex jaqdu dan id-dmir.

Il-lettur għandu jkun tassew jinqala' għall-uffiċċju mogħti lilu, u jitħejja għalih bil-għaqal, ħalli l-fidili, huma u jisimgħuh jaqra l-Kelma ta' Alla, jitħeġġu bi mħabba ħajja u qawwija għall-Iskrittura Mqaddsa. Din it-tħejjija trid tkun l-ewwel nett tħejjija spiritwali, iżda hija meħtieġa wkoll tħejjija teknika. It-tħejjija spiritwali titlob tagħrif fuq l-Iskrittura u l-Liturġija. It-tagħrif fuq l-Iskrittura għandu jwassal lil-lettur biex jifhem il-qari fil-kuntest propju tiegħu, u jagħraf il-qofol tat-tħabbira li ġiet irrivelata minn Alla fid-dawl tal-fidi. It-tagħrif dwar il-Liturġija jgħin lil-lettur ħa jagħraf it-tifsir u l-istruttura tal-Liturġija tal-Kelma u r-rabta li hemm bejn il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija tal-Ewkaristija. It-tħejjija teknika twassal lil-lettur biex minn jum għall-ieħor ikollu dejjem aktar ħila jaqra quddiem in-nies, anki bl-għajnuna tal-mikrofonu.

Huwa għalhekk ta' importanza massima li kulmin hu responsabbli għandu jara sewwa li ħadd ma jitla' fuq l-għoli tal-ambone biex jaqra l-Kelma ta' Alla jekk għal xi raġuni jew oħra ma jistax iwassalha lil ħutu bil-mod li jixirqilha u bil-proklamazzjoni tajba, kif hu dritt tal-ġemgħa li tismagħha.

Għaldaqstant il-letturi jeħtieġ li jkunu kkwalifikati jew imżejnin b'dawk il-kwalitajiet li jagħmluhom ministri denji tal-Kelma li jxandru.

Il-*Motu proprio* tal-Papa Pawlu VI jitlob, fost kundizzjonijiet oħra, li l-letturi jkollhom età xierqa, kwalitajiet speċjali, rieda sħiħa li jaqdu 'l Alla u 'l ħuthom, impenn lejn l-istudju tal-Kotba Mqaddsa u mħabba lejhom.

Il-Knisja min-naħa tagħha għandha toffri opportunitajiet ta' korsijiet ta' formazzjoni u taħriġ minn żmien għal żmien għal-letturi u ministeri oħra liturġiċi.

Interessanti dak li kiteb Patri Donat Spiteri OFM fil-*Ktieb Manwal tal-Letturi*, fit-taqsima *Direttivi fil-qosor għal-Letturi*. Jgħid li l-ewwel nett il-lettur għandu jiftakar li…

a. il-Mulej qed jinqeda b'leħnu biex iwassal il-Kelma tiegħu lil uliedu li jersqu lejh biex jisimgħuha;
b. dan hu servizz/ministeru ta' responsabbiltà kbira lejn il-Kelma ta' Alla u lejn ħutu li permezz tiegħu jisimgħu lil Alla jkellimhom;
c. il-qari tal-Bibbja fil-Liturġija mhuwiex sempliċement reċitazzjoni;

d. il-fidi tiegħu fil-Kelma ta' Alla trid tinħass f'leħnu hu u jaqra;
e. għadu jkun midħla tal-qari tal-Bibbja;
f. qatt ma għandu jitla' jaqra jekk ma jkunx ippreparat, u għaldaqstant għandu jara minn qabel fejn se jaqra u x'se jaqra;
g. m'għandu qatt jgħaġġel hu u jaqra, ma jaħtafx il-kliem, jaqra b'leħen ċar u b'mod naturali u spontanju, b'tali mod li kulmin ikun jisma' jista' jifhem kull kelma u jkollu ċans jassimilha;
h. ir-rubriki, jew il-kliem bl-aħmar fil-Lezzjonarju, m'għandhomx jinqraw; mela m'għandekx tgħid: "L-1 Lezzjoni" jew "Salm Responsorjali", u l-bqija…;
i. għandek tmur biex taqra bi lbies pulit u diċenti.

Skont ir-ritwal il-ġdid *De Institutione Lectorum et Acolythorum* (*Editio Typica*, Città del Vaticano 1972), il-lettur li jxandar il-Kelma ta' Alla waqt il-Liturġija huwa ikona tal-Knisja li tħabbar il-Vanġelu lid-dinja kollha.

## 1.2 L-OMELIJA

Wara l-qari tal-Vanġelu s-saċerdot jew id-djaknu jagħmel l-omelija li fiha jfisser il-messaġġ tal-qari tal-Quddiesa. Sa minn żminijiet l-aktar qodma, kif jixhed San Ġustinu (*Apol.* 1, c1), wara l-Vanġelu kulħadd kien joqgħod bilqiegħda u b'attenzjoni jisma' l-omelija.

L-omelija, li matul is-sena liturġika għandha tfisser il-misteri tal-fidi u r-regoli tal-ħajja Nisranija mill-qari li jkun sar, hija parti importanti ħafna mil-Liturġija tal-Kelma, għaliex toffri l-opportunità li dak li forsi ma jiġix mifhum fil-qari tal-Kelma ta' Alla, jiġi mfisser u spjegat fiha.

Bħala regola l-omelija għandha ssir minn min jippresiedi, u fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa l-għan tagħha hu li l-Kelma ta' Alla li tkun tħabbret, flimkien mal-Liturġija tal-Ewkaristija, issir "qisha tħabbira tal-għeġubijiet ta' Alla fil-ġrajja tas-salvazzjoni jew il-misteru ta' Kristu" (*Sacrosanctum concilium*, 35). Il-misteru tal-Għid ta' Kristu li jitħabbar fil-qari u fl-omelija jseħħ bis-sagrifiċċju tal-Quddiesa. Kristu jinsab dejjem fil-predikazzjoni tal-Knisja tiegħu u jwettaqha bil-ħidma tiegħu (ara Enċiklika *Mysterium Fidei*, 36).

L-omelija għaldaqstant, kemm jekk tfisser il-Kelma tal-Iskrittura li tkun tħabbret u kemm jekk tfisser xi test liturġiku ieħor, trid twassal lill-ġemgħa tal-Insara għal ċelebrazzjoni ħajja tal-Ewkaristija b'mod li jgħixu f'ħajjithom dak li jiksbu bil-fidi.

B'dan it-tifsir ħaj tal-Kelma ta' Alla li tinqara, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja jiksbu qawwa akbar, jekk l-omelija tkun tassew frott ta' meditazzjoni, imħejjija tajjeb, la wisq fit-tul u lanqas fil-qosor, u fiha wieħed iqis sewwa 'l kulmin qiegħed jismagħha, kemm it-tfal u kemm in-nies bla skola (ara Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendæ*, 48).

Huwa rakkomandat bil-qawwa li l-omelija ssir għall-fidili li regolarment jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-ġranet tal-Għid, tar-Randan u tal-Avvent… (ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, 42).

Iċ-ċelebrant jagħmel l-omelija mis-sedja, bilwieqfa jew bilqiegħda, jew mill-ambone.

L-omelija għandha ssir biss minn ministru ordnat; jiġifieri isqof, saċerdot jew djaknu.

L-*Introduzzjoni għall-Missal* issemmi wkoll f'dan ir-rigward is-skiet imqaddes li tajjeb li jinżamm għal ftit ħin wara l-omelija bħala mument ta' meditazzjoni biex il-Kelma li tkun tħabbret u ġiet spjegata tidħol fil-moħħ u l-qalb tal-ġemgħa.

## 1.3 IL-KREDU

Il-Kredu, jew l-Istqarrija tal-Fidi, li jingħad skont ir-rubriki fil-Quddiesa, iservi biex il-ġemgħa tal-Insara, wara li tkun semgħet il-Kelma ta' Alla fil-qari u fl-omelija, tilqagħha u twieġeb għaliha, u tiftakar fir-"regola tal-fidi", fil-forma approvata mill-Knisja, qabel ma tgħaddi għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru tal-fidi fl-Ewkaristija.

L-Istqarrija tal-Fidi tista' tkun jew il-Kredu Niċeo-Kostantinopolitan, jew il-Kredu tal-Appostli, jew anki l-istqarrija tal-fidi li ssir f'forma ta' mistoqsija u tweġiba, bħal fir-rit tal-Magħmudija.

Id-drawwa li jingħad il-Kredu fil-Quddiesa kienet teżisti fil-Liturġija Griega sa mis-seklu sitta, u daħlet fil-Gallja (Franza) fis-seklu disgħa. Eventwalment f'Ruma beda jingħad fil-Quddiesa fis-seklu ħdax, meta fl-1014, fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tas-Sultan Neriku II, din id-drawwa ġiet aċċettata uffiċjalment mill-Papa Benedittu VIII.

Il-formuli tal-fidi huma importanti, għax permezz ta' lingwaġġ komuni jgħinuna nfissru l-fidi, nagħmluha tagħna, niċċelebrawha u naqsmuha mal-oħrajn. Il-Knisja, għalkemm magħmula minn nies ta' lsien, kultura u riti different, tistqarr b'vuċi waħda l-unika fidi li rċeviet minn għand Mulej wieħed – Missier, Iben u Spirtu s-Santu – u turi triq waħda biss tas-salvazzjoni. Għalhekk aħna nemmnu, b'qalb waħda u ruħ waħda, dak kollu li hemm fil-Kelma ta' Alla, mgħoddija lilna jew miktuba, u dak li l-Knisja tgħidilna nemmnu bħala rrivelat minn Alla.

Il-Kredu ġieli jissejjaħ ukoll s-Simbolu tal-Fidi (ara *Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 31-32).

## 1.4 IT-TALBA TAL-FIDILI

Fit-Talba tal-Fidili l-ġemgħa tal-Insara, imdawla mill-Kelma ta' Alla, li b'xi mod twieġeb għaliha, titlob, bħala regola għall-ħtiġijiet tal-Knisja kollha kemm hi u għal dawk tal-Knisja tal-post, għas-salvazzjoni tad-dinja u ta' dawk kollha li huma mġarrbin b'xi mod jew ieħor, u għal xi gruppi tal-bnedmin.

Taħt it-tmexxija taċ-ċelebrant, id-djaknu jew xi ministru, jew ukoll xi wħud mill-fidili, iħabbru lill-ġemgħa l-intenzjonijiet qosra u magħmulin bil-libertà kollha imma wkoll bil-għaqal: bihom "il-poplu jaqdi l-uffiċċju saċerdotali tiegħu u jitlob għall-bnedmin kollha" (*Institutio Generalis Missalis Romani*, 45) hekk li huwa u jilqa' l-frott tal-Liturġija tal-Kelma jkun jista' jgħaddi b'mod xieraq għaċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Ewkaristija.

Iċ-ċelebrant imexxi t-Talba tal-Fidili mis-sedja, waqt li l-intenzjonijiet jitħabbru mill-ambone. Il-ġemgħa tal-Insara tissieħeb fit-Talba tal-Fidili bilwieqfa billi ttenni jew tkanta t-tweġiba għal kull intenzjoni jew titlob fis-skiet.

Tajjeb li dawn l-invokazzjonijiet – li ma jridux ikunu talbiet personali, imma għall-komunità – jitħejjew sew minn qabel, biex iwieġbu tabilħaqq għall-bżonnijiet tal-ġemgħa preżenti. Fid-dawl tal-Kelma ta' Alla l-ġemgħa tal-fidili twieġeb billi titlob prinċipalment:

1. għall-bżonnijiet tal-Knisja,
2. għall-mexxejja tal-popli,
3. għal dawk li jinsabu fil-bżonn,
4. għall-komunità lokali.

Naturalment ma' dawn jistgħu jiżdiedu talbiet oħra għal ħtiġijiet oħra.

## 1.5 IS-SILENZJU

Il-Liturġija tal-Kelma trid tiġi "iċċelebrata b'mod li tgħin għall-meditazzjoni", u għalhekk għandha tiġi evitata għalkollox kull sura ta' għaġla li tfixkel il-ġabra. Id-djalogu bejn Alla u l-bniedem, imqanqal mill-Ispirtu s-Santu, jitlob waqtiet qosra ta' skiet, adatti għall-ġemgħa li tkun, biex il-Kelma ta' Alla tkun milqugħa bil-qalb u titħejja tweġiba għaliha fit-talb.

Dawn il-waqtiet ta' skiet fil-Liturġija tal-Kelma jistgħu jkunu bħal qabel ma tibda l-Liturġija tal-Kelma, wara l-ewwel u t-tieni lezzjoni, u fl-aħħar nett wara l-omelija. Anki qabel il-Kolletta tal-bidu u t-Talba ta' wara t-Tqarbin, wara li s-saċerdot jgħid "Nitolbu", huwa xieraq li jinżamm mument qasir ta' silenzju biex il-fidili jkunu jistgħu jesprimu lil Alla f'qalbhom l-intenzjonijiet tagħhom.

Is-silenzju huwa rrakkomandat u xieraq ukoll għal ftit waqtiet qosra wara t-tqarbin.

# 2. IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-EWKARISTIJA

## 2.1 IL-PURĊISSJONI TAL-OFFERTI

Il-Liturġija tal-Ewkaristija, jew it-tieni parti tal-Quddiesa, tiftaħ bil-purċissjoni tal-Offerti. Sas-seklu ħdax kien hemm l-użanza li l-Insara jġibu magħhom minn djarhom offerti ta' kull tip, kemm għall-bżonnijiet tal-foqra u kemm bħala għajnuna lis-saċerdoti. F'dan il-waqt tal-Quddiesa kienu jiffurmaw purċissjoni u joffruhom liċ-ċelebrant mal-offerti tal-ħobż, l-inbid u l-ilma. Fuq l-istess linja llum noffru l-offerta tagħna fi flus, li tkun ħaġa xierqa li jitwasslu lis-saċerdot f'din il-purċissjoni. Dan hu rit antikissmu li jmur lura saħansitra sa żmien l-Appostli, għall-fatt li jissemma fit-Testment il-Ġdid. Fl-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin (ara 1 Kor 16:2), San Pawl iħeġġeġ lill-Insara ta' din il-belt biex jgħinu mill-aħjar li jistgħu.

Spiritwalment mal-offerti tal-ħobż u l-inbid l-offerta ta' kull wieħed u waħda minna tagħmel parti miċ-ċelebrazzjoni liturġika.

Waqt il-purċissjoni tal-offerti għandu jsir xi kant, għallinqas sakemm is-saċerdot, bl-għajnuna tal-ministri, jirċievi l-offerti li jitqiegħdu fuq l-altar. L-offerta tal-flus, jew, jekk ikun hemm, ta' xi għotjiet ta' karità, titqiegħed f'xi post adattat qrib jew f'riġlejn l-altar.

Il-purċissjoni tal-offerti għandha tkun waħda dinjituża u għaldaqstant m'għandhiex titħalla f'idejn it-tfal iż-żgħar. Prinċipalment l-offerti huma dawk tal-ħobż (ostji) u l-inbid, u għaldaqstant għandhom jiġu evitati żidiet ta' oġġetti simboliċi bi spjegazzjonijiet magħhom li jistgħu jtellfu s-sens tal-Offertorju. Huwa rakkomandat li jekk jista' jkun fl-Offerti jiġi offrut ċiborju b'ostji biżżejjed biex jiġu kkonsagrati għal dik il-Quddiesa partikulari. Għandu jiġi evitat li jittella' l-kalċi vojt, anki jekk ikun sa jintuża għall-istess ċelebrazzjoni.

## 2.2 IT-TALBA FUQ L-OFFERTI

Bit-Talba fuq l-Offerti (*Super Oblata*) is-saċerdot f'isem il-ġemgħa jitlob lil Alla biex jilqa' u jqaddes l-offerti tal-ħobż u l-inbid u jibdilhom fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, biex aħna li nirċevuhom nitqaddsu u bihom niksbu l-ħajja ta' dejjem.

Interessanti li fi żmien ir-Randan din it-talba tieħu xejra ta' interċessjoni, fejn is-saċerdot jitlob li l-offerta tagħna taqlgħalna l-ħniena ta' Alla, filwaqt li matul iż-żmien tal-Għid jitlob li l-offerta tkun għalina għajn ta' ferħ bla tmiem. Drabi oħra t-Talba fuq l-Offerti titlob li aħna nsiru offerta li togħġob lil Alla.

## 2.3 IT-TALBA EWKARISTIKA

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jsejjaħ it-Talba Ewkarsitika "il-qalba u l-quċċata taċ-ċelebrazzjoni kollha". Hija tagħti glorja lil Alla l-Missier għall-għemil tal-fidwa jew għal xi aspett partikulari tiegħu, skont il-jum jew iż-żmien liturġiku li jkun. Fil-Missal Ruman, imġedded wara l-Konċilju Vatikan II, insibu diversi Talbiet Ewkaristiċi. Għaldaqstant f'kull waħda nsibu dawn l-elementi:

a. ir-radd ta' ħajr, imfisser l-aktar fil-Prefazju jew id-daħla għat-Talba Ewkaristika;
b. l-Akklamazzjoni "Qaddis, Qaddis, Qaddis";
c. l-Epiklesi, jiġifieri t-talba lill-Ispirtu s-Santu biex iqaddes l-offerti;
d. ir-rakkont tat-Twaqqif tal-Ewkaristija;
e. l-Anamnesi, jiġifieri t-tifkira tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu;
f. l-Offerta vera u propja ta' Kristu li magħha ngħaqqdu l-offerta tagħna nfusna;
g. it-Talb ta' Interċessjoni għall-ħajjin u għall-mejtin;
h. id-Dossoloġija ("Bi Kristu, ma' Krsitu u fi Kristu…").

## 2.4 MUMENTI OĦRA SINIFIKATTIVI

### A. L-EPIKLESI

L-Epiklesi hija kelma Griega li tfisser "karba ħerqana ta' għajnuna lil xi ħadd ikbar minnek". Hija t-talba li s-saċerdot jagħmel lil Alla l-Missier biex jibgħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-offerti tal-ħobż u l-inbid ħalli bil-qawwa tiegħu jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.

Filwaqt li s-saċerdot jgħid din it-talba, jiftaħ idejh u jqegħidhom fuq l-offerti. Dan hu ġest Bibliku antik ħafna li diġà nsibuh fit-Testment il-Qadim. Filfatt fil-ktieb tal-Levitiku nsibu li Mosè ordna lis-saċerdoti biex iqiegħdu jdejhom fuq il-vittmi għas-sagrifiċċju biex dawn ikunu milqugħa minn Alla.

Barra minn hekk, sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja t-tqegħid tal-idejn kien ifisser l-għoti tal-Ispirtu s-Santu, kif insibu fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli fejn naqraw li "kif Pawlu qegħdilhom idejh fuqhom, niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu" (Atti 19:6).

Santu Wistin jgħid li l-istess Spirtu s-Santu, li sawwar lil Ġesù bħala bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija, jagħmel li l-ħobż u l-inbid isiru għalina l-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu.

Minbarra din l-epiklesi, fil-Quddiesa teżisti speċi ta' epiklesi oħra meta, fit-Talba Ewkaristika, wara l-Konsagrazzjoni, is-saċerdot jitlob mill-ġdid lill-Missier biex jibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħu, din id-darba fuq il-ġemgħa, biex aħna lkoll li nkunu se nirċievu l-Ġisem ta' Kristu nsiru ħaġa waħda bejnietna. Filfatt huwa interessanti li l-Ewkarsitija mhux biss tgħaqqadna ħaġa waħda ma' Kristu, imma anki bejnietna.

### B. L-AKKLAMAZZJONI WARA L-KONSAGRAZZJONI

Dritt wara l-konsagrazzjoni l-ġemgħa tiġi mistiedna biex bilwieqfa tistqarr il-fidi tagħha fil-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej sa ma jerġa' jiġi. Dan isir permezz ta' waħda mit-tliet akklamazzjonijiet:

i. "Inħabbru l-Mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-Qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja".
ii. "Kull darba li nieklu dan il-Ħobż u nixorbu dan il-Kalċi, inħabbru l-Mewt tiegħek, Mulej, sa ma tiġi".
iii. "Salvana int, o Salvatur tad-dinja, għax bis-Salib u l-Qawmien tiegħek inti fdejtna".

L-Akklamazzjoni tista' wkoll issir permezz tal-kant, li madankollu jrid jesprimi l-fidi tagħna fil-misteru tal-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej u mhux ikun xi kant ieħor li ma jkollu x'jaqsam xejn ma' dan l-aspett partikulari tal-fidi tagħna. Tajjeb li nżommu ċar f'moħħna li dan mhux mument ta' adorazzjoni u għaldaqstant għandhom jiġu evitati kompletament innijiet li f'dan il-mument assolutament mhumiex f'posthom, imma jintużaw l-akklamazzjonijiet liturġiċi propji.

## 2.5 IL-MINISTRI STRAORDINARJI TAL-EWKARISTIJA

Bil-ħtieġa dejjem aktar tikber tad-diffikultà tal-ministri ordinarji tal-Ewkaristija (isqfijiet, presbiteri u djakni) biex jissodisfaw ix-xewqa ta' ħafna fidili li jitqarbnu, il-Kongregazzjoni għad-Dixxiplina tas-Sagramenti, permezz tal-Istruzzjoni *Immensæ caritatis* tal-1973, iddisponiet l-Istituzzjoni tal-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin.

Prinċipalment ix-xogħol tal-ministri straordinarji tat-tqarbin huwa dak li jgħinu fit-tqarbin tal-fidili waqt il-Quddiesa, meta l-kongregazzjoni hija relattivament imdaqqsa u l-ħin biex iqarben is-saċerdot waħdu jieħu żmien twil; u barra mill-Quddiesa jwasslu t-tqarbin lill-morda meta hu diffiċli għas-saċerdot biex jilħaq lil kulħadd, kif ukoll fl-isptarijiet u d-djar tal-anzjani meta ma jkunx possibbli għas-saċerdot li jagħmel dan.

Huwa importantissmu li l-persuni li jintgħażlu biex jassumu dan il-ministeru jkunu idonei biex jeżerċitaw dan l-uffiċċju, ikunu persuni maturi, tal-affari tagħhom u serji. Dawn imbgħad għandhom jiġu istruwiti minn żmien suffiċjenti qabel jibdew il-ħidma tagħhom.

Waqt l-eżerċizzju tal-ministeru tagħhom il-ministri straordinarji tat-tqarbin għandhom jagħmlu dan bid-devozzjoni li tixraq lil dan l-att qaddis u jfittxu li jkunu dejjem ta' eżempju għall-oħrajn fil-kliem u l-imġiba tagħhom.

Anki l-istess komunità fejn dawn ikunu se jeżerċitaw il-ministeru tagħhom għandha mhux biss tkun infurmata minn qabel dwar ir-rwol ta' dawn il-persuni, imma wkoll istruwita fuq is-sinifikat u l-valur tas-servizz li dawn il-ministri jkunu mibgħuta biex iwettqu.

Jeżisti wkoll rit speċifiku tal-istituzzjoni temporanja jew permanenti għall-ministri straodrinarji tat-tqarbin, li tista' ssir fil-liturġija stess tal-Quddiesa jew anki barra minnha.

# 8. DAK LI ĠARA FL-GĦAR TA' BETLEHEM… DAK LI JIĠRI FUQ L-ALTAR, F'KULL QUDDIESA, F'KULL ĦIN

Dun Mikiel Attard

Aħna, bir-raġun, niċċelebraw il-Milied imqaddes b'solennità kbira kull sena. Fl-għar ta' Betlehem seħħ il-Misteru kbir tas-Salvazzjoni tagħna. Alla immens, etern, li jista' kollox, isir bniedem, bħalna f'kollox barra d-dnub: *"Verbum Dei caro factum est"*.

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, barra dan il-Misteru, jitwettqu realment u verament, iżda b'manjiera mistika, tal-fidi, disa' Misteri oħra tal-Fidwa. F'kull Quddiesa valida li jiċċelebra kull saċerdot jiġu attwati u realizzati fiż-żmien u l-lok, spazju tagħna, għaxar ġrajjiet, movimenti, atti, proċessi fl-attwalizzazzjoni, it-tħaddim u l-applikazzjoni tas-salvazzjoni tagħna.

1. **It-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa tiġi fostna, issir l-Għimmanu-El, Alla magħna.**

a) Din l-"Inkarnazzjoni", din il-preżenza ta' Ġesù fostna, fil-Quddiesa ssir bil-preżenza tal-istess Ġisem u Demm li ħa minn Marija u li deher viżibbilment l-ewwel darba fl-għar ta' Betlehem, fl-ispeċi Ewkaristiċi kkonsagrati fil-Ġisem u Demm, imma gglorifikati. In-natura umana ta' Ġesù fl-għar ta' Betlehem kienet natura bħal tagħna, bl-elementi, il-bżonnijiet… Fl-Ewkaristija Ġesù hu ħaj f'Ġisem glorjuż.
b) Ġesù hu preżenti fis-Saċerdot: "Dan hu Ġismi. Dan hu Demmi".
c) Ġesù hu preżenti fil-komunità miġbura mill-Ispirtu Qaddis; jonqos ħafna l-ġid spiritwali f'min jieħu sehem fil-Quddiesa b'mentalità jew dispożizzjoni individwalista.
d) Ġesù hu preżenti fil-Kelma, fil-Vanġelu: tant hi espliċita din il-preżenza li nużaw il-*vocative case* qabel u wara t-tħabbira tal-Vanġelu: "Glorja lilek" – mhux "lilu" – "Mulej"; "It-tifħir lilek" – mhux "lilu" – "Kristu".

2. Barra l-ħajja moħbija, fil-Quddiesa jitwettqu l-għemil jew **l-atti prinċipali tal-ħajja pubblika, storika u salvifika ta' Ġesù**. Hekk tixxandar il-Bxara t-Tajba, titkompla fl-istorja u fiż-żmien ir-Rivelazzjoni divina, l-evanġelizzazzjoni, it-tħabbir tal-messaġġ, il-programm u l-ideal ta' Ġesù, Kristjan, Kattoliku u Appostoliku. Il-Liturġija tal-Kelma – il-qari tal-Bibbja – hi parti integrali mill-Quddiesa.

3. **Jitwettqu l-mirakli.** Mhux biss fit-Transustanzazzjoni – il-bidla minn ħobż u nbid – iżda anki mirakli spiritwali fir-ruħ tal-parteċipanti, li xi drabi huma mirakli sostanzjalment akbar minn dawk viżibbli, esterni u sensibbli.

4. **It-twaqqif u t-tiġdid ta' dak li ġara f'Ħamis ix-Xirka:** l-Ewkaristija propja.

5. **Il-mewt ta' Ġesù:** issimbolizzata mistikament fis-separazzjoni tal-ispeċi tal-ħobż u l-inbid u fl-*"oblatio"*, il-konsumazzjoni, il-"qerda" b'mod mistiku tal-Vittma fit-Tqarbin.

6. **Il-Qawmien,** l-Irxoxt: mhux biss għax, kif għidna qabel, fl-Ewkaristija Ġesù jinsab bil-Ġisem glorjuż tiegħu, iżda għax kull Quddiesa b'xi mod twettaq u tkompli l-proċess tal-qawmien spiritwali tal-Ġisem Mistiku ta' Ġesù, il-Knisja, tal-komunità parteċipanti, f'kull ruħ li tikkopera mal-grazzji sopranaturali li nakkwistaw mill-Quddiesa. Dan il-proċess ta' qawmien, imbagħad, jasal fil-qofol u l-ogħla punt tiegħu fil-qawmien personali tagħna, anki tal-ġisem, fil-qawmien universali mill-imwiet.

7. **L-inżul tal-Ispirtu s-Santu, it-twaqqif, il-prolungament fiż-żmien u fl-ispazju tal-Knisja ta' Kristu.**

a) L-Ispirtu s-Santu jifforma l-ġisem fiżiku ta' Ġesù fil-ġuf ta' Ommu Marija.

b) L-Ispirtu s-Santu jifforma l-ġisem Ewkaristiku ta' Ġesù: is-saċerdot f'kull Talba Ewkaristika jressaq idejh ma' xulxin u jżommhom miftuħa fuq l-offerti u jitlob biex jinżel l-Ispirtu ħa jwettaq it-Transustanzazzjoni. Ngħidu aħna, fit-Tieni Talba Ewkaristika jgħid: "Qaddes, għalhekk, nitolbuk, dawn l-offerti bil-barka tal-Ispirtu tiegħek", u kliem simili fit-Talbiet l-oħra.

c) L-Ispirtu s-Santu jifforma u jgħaqqad il-Ġisem Mistiku, il-Knisja. Anki hawn f'kull Talba Ewkaristika, speċi bħall-ewwel petizzjoni, wara l-Konsagrazzjoni hi t-talba għall-perseveranza u l-għaqda fil-Knisja. Ngħidu aħna, fit-Tieni Talba Ewkaristika s-saċerdot jittallab: "U miċ-ċokon tagħna nitolbu li l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna f'ġisem wieħed lilna li nieħdu sehem mill-Ġisem u d-Demm ta' Kristu".

8. **Is-sejħa individwali u komunitarja Kristjana:** il-vokazzjoni minn Ġesù u l-konsagrazzjoni Kristjana u saċerdotali, kemm bis-saċerdozju ministerjali – tal-qassisin – u kemm bis-saċerdozju komuni tal-fidili bil-Magħmudija: "Poplu saċerdotali". Dan l-att fil-proċess tas-salvazzjoni tagħna hu msaħħaħ bil-parteċipazzjoni fil-Quddiesa, għaliex min jiddeċiedi li jieħu sehem fil-Quddiesa impliċitament juri esternament li laqa' s-sejħa tal-grazzja divina ta' Ġesù; ikkonferma l-Magħmudija li f'ismu għażlu – għamlu l-għażla fundamentali – il-ġenituri; u ta' dan kollu nirringrazzjaw lill-Missier f'kull Talba Ewkaristika. Ngħidu aħna, fit-Tieni Talba s-saċerdot itenni f'isem kull preżenti: "U rroddulek ħajr għax għoġbok tilqagħna hawn quddiemek biex naqduk", u dan bħala Kristjani/Kattoliċi u b'xi mod bħala saċerdoti.

9. **It-tixrid tal-Knisja ta' Kristu.** F'kull Quddiesa, filfatt, nitolbu għat-twettiq u t-tisħiħ tal-Knisja: a) universali – imsemmi l-isem tal-Papa; b) lokali – imsemmi l-Isqof. Nitolbu wkoll għall-Knisja Purganti (għall-mejtin) u ningħaqdu mal-Knisja Trijunfanti, fil-Ġenna, billi nissieħbu fl-interċessjoni ta' Marija, l-Appostli u l-qaddisin kollha. Dan l-element jew paġna tal-Istorja tas-Salvazzjoni tista' tiġi osservata u mmeditata f'kull Talba Ewkaristika.

10. **Il-*"Missio"*:** il-mandat missjunarju u ta' appostolat. Imqawwijin, irxuxtati (b'xi mod u f'xi grad) spiritwalment; imsaħħin mill-ikel tal-Kelma u l-Ġisem ta' Ġesù, is-saċerdot, f'isem Ġesù u l-Knisja tiegħu, jibgħatna, jagħtina kummissjoni, speċi ta' ordni fir-rit tal-għeluq tal-Quddiesa: "Morru fil-paċi ta' Kristu". Morru ħabbu l-bnedmin ma' xulxin u mas-Sinjur Alla: fil-familji, fuq ix-xogħol, fil-każin, divertiment, sport, mard, u l-bqija, kull fejn tkunu, anki lil xi wħud f'pajjiżi oħra – missjunarji.

(PS Dan l-artiklu ta' Dun Mikiel Attard oriġinarjament kien meditazzjoni li hu kien qasam mas-seminaristi meta kien Direttur Spiritwali fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, Jannar 1986.)

# *IT-TIELET TAQSIMA: GĦAJNUNA GĦALL-OMELIJA U GĦALL-KATEKEŻI TAL-ADULTI*

## 9. TIFSIR TAL-QARI TAL-ĦDUD TAL-AVVENT (SENA A)

Kan Joseph Sultana

### 1. L-EWWEL ĦADD TAL-AVVENT (A)

*STENNIJA IMPENJATTIVA GĦALL-MULEJ*
*LI RIEĠA' ĠEJ*

### I QARI: IL-POPLI ĦERQANA U GĦATXANA FL-ISTENNIJA (Is 2:1-5)

Din is-silta mill-profeta Isaija tagħlaq is-sezzjoni ta' Is 1:2-2:5 li tikkonsisti f'orakli ta' ġudizzju u kundanna fuq Ġuda u Ġerusalemm. Interessanti li l-forma attwali, frott tar-redazzjoni finali tal-ktieb tal-Proto-Isaija (1-39), tindika binja li talterna bejn orakli ta' ġudizzju u orakli ta' salvazzjoni. Il-profeta huwa ħabbar ta' ġudizzju divin fuq il-poplu tiegħu, imma wkoll jara s-salvazzjoni li l-Mulej jipprova jibni. Dan jixhed li l-ktieb ħa r-redazzjoni finali tiegħu wara l-eżilju.

Is-sitwazzjoni politika ta' żmien Isaija kienet waħda ta' tensjoni. Jekk sa issa s-saltna ta' Israel u ta' Ġuda kienet gawdiet l-awtonomija, din intilfet meta s-setgħa tal-Assirja bdiet tinfirex u laħqet lis-Sirja u l-Palestina. Tiglatpilesar III kien diġà ħakem is-saltna ta' Ħamat fis-Sirja u ġiegħel lil Damasku u lil Israel iħallsu t-tribut, sinjal li kienu tilfu l-indipendenza tagħhom. Il-profeta jintervieni u jħabbar il-miġja ta' sultan-messija mir-razza ta' David li fost l-impenji tiegħu kellu dak li jagħti raġun u wisa' lid-dritt u lill-ġustizzja.

Iż-żminijiet glorjużi tas-slaten il-kbar, bħal David u Salamun, kienu għaddew u ntilfu! Fi żmien il-profeta Isaija (8 QK), Ġerusalemm kienet belt ċkejkna, mhedda minn tant popli aktar setgħana u bil-wisq akbar. Il-ħolma ta' saltna glorjuża kienet taret mar-riħ! Is-sitwazzjoni wasslithom biex jibdew jirraġunaw u jgħidu: Għaliex inkomplu nittamaw? Hemm raġunijiet biżżejjed biex intemmu t-tama tagħna fil-fedeltà ta' Alla lejna. U hekk bdew jiddubitaw mill-wegħdiet tiegħu!

Quddiem din is-sitwazzjoni ta' qtigħ ta' qalb, Isaija jgħin lill-poplu biex jibqa' jittama u jħabbarlu ġejjieni glorjuż. Jekk il-poplu l-magħżul jerġa' mill-ġdid għall-fedeltà tiegħu ma' Alla u lejn il-liġi tiegħu, il-belt il-qaddisa terġa' tieħu l-ħajja u ssir ċentru ta' pellegrinaġġi fil-fidi. Lejha jitilgħu l-popli kollha biex jiltaqgħu mal-Mulej Ġesù. Bl-għajnejn profetiċi tiegħu, il-profeta jiskopri d-destin ta' din il-belt biex jifhem u jiċċara l-mument preżenti.

Interessanti t-titlu "Il-ħwejjeġ li ra Isaija…". Filfatt il-profeta jilmaħ f'dehra folla enormi li kienet tielgħa lejn l-għolja tat-Tempju. Din id-dehra tal-profeta hija antiċipazzjoni taż-żminijiet li għad iridu jiġu. Dak li jisma' u jara "għad jiġri fl-aħħar jiem". Il-profeta huwa tabilħaqq il-bniedem li b'għajnejh, b'qalbu u bl-għerf ta' Alla jinfed l-istorja u l-ġrajjiet tagħha, biex jasal għat-tifsira l-aktar vera u sħiħa ta' kollox. Jara dak li għadu ma seħħx, imma li Alla b'fedeltà sħiħa għad ikompli sat-twettiq biex hekk iqawwi lil min għadu fil-mixja u fin-nisġa tal-ġrajjiet. Il-profeta jħabbar li tassew Alla ser ikun kollox f'kollox u jirbaħ kull reżistenza u tfixkil li l-istorja kienet ippruvat tagħmillu. Il-mixja hija għat-telgħa, jiġifieri titlob impenn. Imma l-verità ta' Alla tegħleb kollox, u "lejha għad jiġru l-ġnus kollha". Normalment ix-xmajjar jiġġerrew mill-għoli għall-fond tax-xaqliba. Imma l-attrazzjoni tal-

verità ta' Alla hija tant qawwija li tisboq l-istess liġijiet tal-gravità, hekk li x-xmara tal-ġnus timxi 'l fuq u tegħleb it-telgħa.

L-enerġija ta' dawn il-popli hija l-Kelma ta' Alla li toħloq fil-bniedem aspirazzjonijiet ġodda, u hekk tqanqal enerġiji ġodda. Mhix kelma faċli, għax f'Ġerusalemm il-popli sejrin ikunu ġġudikati minnha. Imma l-ġudizzju ta' Alla huwa l-verità, u meta l-bnedmin jiltaqgħu mal-verità jħossuhom ħielsa u kapaċi li jkomplu jimpenjaw ruħhom fil-binja ta' dinja ġdida, aħjar minn dik sa issa! Hija kelma li titlob bidliet li jistgħu jġibu għeja u tbatija – biex l-armi jitbiddlu f'sikek tal-moħriet – imma li jwasslu għall-binja ta' strumenti u għodda utli għall-promozzjoni ta' dak kollu li hu sabiħ u dinjituż għall-bniedem.

"Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej". Il-poplu ta' Alla, minkejja li huwa merħla ċkejkna, jara l-wiċċ ta' Alla u, imdawwal minnu, imexxi ġnus oħra "fid-dawl tal-Mulej". Dan hu l-pjan ta' Alla lil hemm minn kulma jipproġetta l-bniedem. U dan japplika għall-ġnus kollha, għax il-popli kollha jitilgħu biex jiltaqgħu mal-Mulej, mingħandu jkollhom il-ħaqq u jiddawlu mill-kelma tiegħu. Ikun biss f'dawn l-"aħħar jiem" li l-manifestazzjoni sħiħa tar-regalità universali tal-Mulej tidher bħala epoka definittiva ta' paċi, li ma tixxellef jew tonqos qatt. Ikun hemm belt waħda li tiġbor fiha lil kulħadd: jaqgħu ċ-ċittadinanzi u l-barrieri tad-differenzi kulturali u politiċi biex ikun hemm komunjoni, belt waħda li fiha jiltaqgħu l-popli kollha.

Il-ġnus li għandhom ġuħ u għatx tal-ġustizzja jsibu t-temma tax-xewqa tagħhom, għax jiltaqgħu mat-triq tal-Mulej li twassalhom għall-ġustizzja żgura. Il-ħażen fid-dinja ġej għax il-bniedem ifittex il-ħajja tiegħu akkost ta' kollox u ta' kulħadd. Dawn it-toroq ta' egoiżmu ma jwasslux għall-paċi imma jipprovokaw kunflitti u gwerer. Imma jekk kulħadd jirrikorri għand Alla, allura tassew tinstab triq li twassal għall-binja tal-armonija bejn kulħadd. Hekk biss ix-xewqat tal-gwerra, il-mibegħda, il-ħażen u r-rivalità jinbidlu fi tfittxija serja ta' mħabba, komprensjoni u kollaborazzjoni.

"Huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor, u s-sengħa tal-gwerra ma jgħallmuhiex iżjed". Żgur li mhix is-sitwazzjoni attwali. Kemm aħna 'l bogħod minn xena bħal din, f'sitwazzjoni fejn is-setgħanin tal-art, biex jipproduċu armi aktar qerrieda, iżommu ħafna popli neqsin mill-meħtieġ għall-ħajja. Fil-bniedem tal-lum hemm ħafna aspirazzjonijiet ta' paċi, imma ftit jidhru sinjali konkreti ta' dan! Ħafna b'għemilhom ibiegħdu l-ferħ u joħolqu dwejjaq, diżgrazzji u lutti! L-Avvent jeħtieġ li jwassalna biex Ġesù jiġbidna aktar lejh, biex il-passi ta' kull wieħed ikunu passi lejn il-binja ta' dinja aktar ġusta fejn isaltnu l-imħabba u r-rispett reċiproku. Hekk jitħejja l-Avvent tal-Mulej Ġesù, bennej waħdieni tal-vera paċi.

**II QARI: IL-JUM TAL-MIĠJA TAL-MULEJ HU FIL-QRIB (Rum 13:11-14)**

San Pawl ħallielna din l-eżortazzjoni biex jurina l-urġenza li nqumu min-ngħas għax wasal il-jum u l-lejl għadda. Il-Knisja tal-bidu kienet Knisja li kienet tistenna b'mod imminenti l-miġja tal-Mulej Ġesù u t-twaqqif tas-Saltna tiegħu. Imma San Pawl, waqt li jikteb lir-Rumani, jurihom li din il-miġja kienet għadha fil-bogħod, u ser tasal fi tmiem ta' storja twila. Dan il-proġett ta' Alla jibda jseħħ bil-bidla tal-qlub tal-bnedmin meta jiskopru lil Alla u jintrabtu miegħu. U hekk il-bniedem jakkwista l-vera ħajja, imdawla u msaħħa mill-Ispirtu s-Santu, u mifdija mill-ħażen. Id-dinja l-ġdida hija diġà inawgurata fil-qalb tal-mifdijin. Il-ħajja tal-fidi hija ħajja ta' formazzjoni u edukazzjoni fit-tfittxija tar-rigal tas-salvazzjoni.

Iż-żmien tal-Avvent huwa okkażjoni biex inħeġġu lill-komunitajiet tagħna jħallu lilhom infushom jiddawlu u jitqawwew mir-ritmu ta' din l-eżortazzjoni ta' Pawlu. Aħna wlied il-jum, għax il-lejl għadda minn fuqna. Aħna lkoll xhieda tas-sebħ li ġabet ix-Xemx tal-ġustizzja. Il-fidwa diġà twettqet fina fit-tama li din tnissel fina u fis-sahra li twassalna għaliha.

Għalhekk ejjew ngħixu f'taqbida kontinwa kontra d-dlam li jheddidna: "Intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù" (Rum 6:11).

Nilbsu lil Kristu jfisser nilbsu l-bniedem-Alla, jiġifieri kif kien jaħsibha, kif kien iħobb, kif kien jitkellem! L-Avvent huwa żmien ta' stennija mħeġġa li timpenjana b'mod mill-aktar konkret. Jekk inħobbu bis-serjetà lill-Mulej, nistennewh b'xewqa ħajja. Jekk inħobbu lilna nfusna, nieħdu direzzjoni oħra, u l-ħajja tagħna tibqa' bla frott!

Fil-bidu ta' dan l-Avvent il-Knisja tridna nkunu konxji minn din il-ħtieġa li nqumu min-ngħas spiritwali. Ma tridniex nifgaw fil-preokkupazzjonijiet materjali, imma huma meħtieġa preokkupazzjonijiet aktar validi. Bla dubju l-preokkupazzjonijiet materjali jagħmlu wkoll parti mill-ħajja, imma ma nħallux dawn isuquna. Dawn jeħtieġ li jservuna fl-orjentament tal-ħajja; u mhux il-ħajja sservi lilhom u hekk jeħduna fejn iridu!

Il-mument li qegħdin ngħixu hu mument mimli b'Alla u bil-grazzja tiegħu: hu *kairos*. Nagħtu valur lill-mixja li diġà mxejna sa issa. Ma narmu xejn, għax kollox ġej minn Alla! Inħossu aktar qawwija fina x-xewqa li ngħixu għalih! Diġà lbisna lil Kristu Ġesù, li tana personalità, direzzjoni u mħabba ġdida. Għaldaqstant, agħraf, o Nisrani, dak li int!

## VANĠELU: SAHRA FL-ISTENNIJA TAL-MULEJ LI GĦANDU JERĠA' JIĠI (Mt 24:37-44)

Din il-parabbola tagħmel parti mid-diskors eskatoloġiku li nsibu f'Mt 24-25. Dan huwa l-aħħar minn ħames diskorsi li fuqhom huwa msawwar il-vanġelu ta' San Mattew u li jinkludu fihom ħafna parabboli. Filfatt il-kuntest tas-silta ta' dan il-Ħadd jinkludi l-parabbola tat-tina (Mt 24:32-33), tal-għaxar verġni (Mt 25:1-13) u tat-talenti (Mt 25:14-30). Huma parabboli li lkoll jindikaw lill-komunità Nisranija l-atteġġjament u l-imġiba korretta fl-istennija tal-miġja mill-ġdid ta' Ġesù Kristu u tas-Saltna ta' Alla. Din it-tama kienet ħafna ħajja fl-ewwel ġenerazzjoni Nisranija, kif jixhdu diversi siltiet mill-ittri ta' San Pawl (1 Tess 4:13-18; 5:1-11). Imma l-istennija twalet, bil-konsegwenza li t-tama u l-ħeġġa naqsu. L-istennija titwal bla ma wieħed jaf eżattament meta ser jasal is-sid mistenni. Ħassewhom li ġew ittraduti; u għalhekk il-parabboli f'din is-sezzjoni tal-vanġelu ta' Mattew ifittxu li jirrispondu għal din is-sitwazzjoni.

L-istennija hija dimensjoni kostanti tal-ħajja tan-Nisrani. Il-miġja tal-Mulej fl-aħħar tal-istorja hija mqabbla ma' żmien Noè, meta bla ħadd ma kien jistenna seħħ id-dilluvju, f'mument għall-għarrieda. Mhux għax il-miġja tal-Mulej ser tkun ġrajja ta' diżastru bħalma kien id-dilluvju, imma sejra tkun għall-għarrieda bħalu. Huwa paragun li għamel Ġesù biex iqanqal atteġġjament personali ġdid fil-konfront tal-miġja tiegħu fl-aħħar tal-istorja. Is-saltna diġà ġiet imwaqqfa fl-opra ta' Ġesù. Kollox twettaq, u aħna ngħixu bit-tama tad-dehra glorjuża tas-Saltna fil-jum tat-tieni miġja tiegħu. Quddiem dan il-proġett, kull mistoqsija dwar il-ħin preċiż, jew il-kmieni jew it-tard ta' din il-miġja, titlef il-valur tagħha.

Żguri mill-miġja tal-Mulej, li tagħha la nafu l-jum u lanqas is-siegħa, jeħtieġ li ngħixu f'sahra kontinwa. Ġesù tana l-kmand: "Ishru, kunu lesti! Għax ma tafux il-jum li fih jiġi sidkom". Il-miġja tiegħu tkun f'ħin imprevedibbli, bħalma jagħmel il-ħalliel. Dan jitlob li wieħed mhux joqgħod iħares, imma jimpenja ruħu b'mod sħiħ, mingħajr ma jitlef id-direzzjoni ta' kollox: il-laqgħa aħħarija mal-Mulej Ġesù fit-tmiem tal-istorja! Meta jħabbat il-Mulej, in-Nisrani jkun lest biex jiftaħlu, ħalli l-Mulej jidħol id-dar u jpoġġi għall-mejda li tkun lesta u mħejjija għalih!

## 2. IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT (A)

*INĦEJJU T-TRIQ GĦALL-MULEJ*
*LI RIEĠA' ĠEJ*

### I QARI: IR-RIMJA MIZ-ZOKK TA' ĠESSE (Is 11:1-10)

Is-sultan Aħaż, sovran żgħir imdawwar minn ħafna saltniet qawwija, ifittex li jsalva lill-poplu tiegħu mill-perikli li kienu qegħdin jhedduh b'politika ta' pattijiet imsejsa fuq diplomazija brikkuna u mingħajr ebda skruplu. Isaija jikkundanna l-aġir tiegħu, nieqes mill-onestà, mill-fidi u mit-tama f'Alla. Isaija jdawwar ħarstu profetika lejn il-ġejjieni u jħabbar il-wasla ta' dak li huwa d-dixxendent awtentiku ta' David, is-Sultan kollu fedeltà lejn Alla. Dan il-Messija jkun mimli bl-Ispirtu tal-Mulej. Għaldaqstant isawwar il-vera paċi, u mhux trattati mibnija fuq id-diplomazija tal-interessi u tal-gwadann. Ġerusalemm għad tkun il-belt ideali, imdawla mill-għarfien ta' Alla u gwida għall-umanità kollha.

Isaija jħabbar li miz-zokk ta' Ġesse, mill-familja ta' David, tinbet rimja. Fuqu jistrieħ l-Ispirtu tal-Mulej, spirtu ta' għerf u qawwa. Dan huwa Ġesù, li fil-miġja tiegħu jidher mogħni b'dawn id-doni kollha tal-Ispirtu s-Santu. Hija opra favur il-foqra u l-imsejkna. Hija mfissra minn Isaija b'mod utopiku u kkulurit, u li tiġbed l-għajn. Ma jkunx hemm aktar ostilità u tensjoni, imma armonija u paċi. Dan ser iġib il-vera rikonċiljazzjoni ma' Alla u l-bnedmin bejniethom. Id-dehra ta' Isaija timlina tassew bit-tama u bil-ferħ. Hija dehra ideali li mhux faċli tattwa ruħha, imma lejha jeħtieġ li dejjem nimmiraw.

Ir-rimja ġdida miz-zokk ta' Ġesse tfakkarna fl-invażjoni tal-għadu mit-tramuntana, li minn fejn għadda qered kollox. Anki l-istess imsaġar ma baqa' xejn minnhom, għajr iz-zkuk tagħhom bħal donnhom bla ħajja. Fid-dawl ta' din il-qerda totali, titrawwem rimja miz-zokk, sinjal ta' ħajja ġdida li terġa' titfaċċa u turi l-fedeltà ta' Alla lejn il-wegħdiet tiegħu. Permezz tagħha tkompli d-dinastija ta' David, immarkata b'tant provi u infedeltajiet. Il-profeta joħlom sultan li jkun kollu kemm hu mogħti għas-servizz ta' Alla, iwettaq proġetti kollhom għerf u jkollu l-qawwa li jpoġġihom fil-prattika.

Dan sejjer ikun bħal rimja: sinjal li jagħti impressjoni ta' dgħufija, imma li hemm fih bidu u possibbiltà ta' ħajja ġdida. Dan ifisser li s-saltna sejra tkun ħielsa mill-qawwa politika u militari li kellu David. Alla jrid jerġa' jibda mill-ġdid. Dan jidher b'mod ċar fit-Testment il-Ġdid, meta Alla juri li jrid jibda mill-ġdid permezz ta' tarbija dgħajfa, mimduda f'maxtura; min qatt ħaseb li Alla kien ser jitlaq b'dan il-mod? Mhux ser ikun aktar don proviżorju tal-Ispirtu li jidher bħalma deher fl-Imħallfin, imma preżenza permanenti f'dak li Alla ħatar bħala l-Messija tiegħu. Jaħdem favur il-ġustizzja u l-fqar, jiftaħ fid-dinja tieqa għat-tama ta' tiġdid sħiħ mingħajr vjolenza, theddid u forza. Dan iż-żmien ġdid diġà nbeda: il-profezija toffri dan l-għerf lid-dinja kollha. Il-Ġenna hija diġà antiċipata fuq l-art, "għax mimlija hi l-art bl-għarfien tal-Mulej". Minn dak il-mument li fih l-umanità kollha tagħraf lil Alla b'mod għalkollox intimu, l-art kollha tbiddel il-wiċċ tagħha.

### II QARI: IL-WEGĦDIET IMWETTQA F'ĠESÙ (Rum 15:4-9)

Pawlu jipproponi lir-Rumani riflessjoni fuq it-tifsira tal-istorja tal-poplu l-magħżul. L-istorja ta' Israel turi li Alla jsejjaħ l-umanità kollha biex tgħix ħajja msejsa fuq l-imħabba kollha ħniena ta' Alla. F'din it-tradizzjoni ta' fidi, l-Insara huma mħeġġa jintegraw ruħhom, imqawwijin mill-istedina ta' Alla, waqt li jilqgħu wieħed lill-ieħor bħalma Alla laqagħhom, anki meta dawn kienu jgħixu fid-dnub.

San Pawl jgħidilna li permezz tal-profeti Alla kien għamel ħafna wegħdiet; imma dawn il-wegħdiet kollha jsiru realtà fi Kristu: "Kristu sar qaddej tal-Lhud ċirkonċiżi minħabba fis-sewwa ta' Alla, biex iseħħu l-wegħdiet li għamel lill-Patrijarki u biex il-pagani wkoll ifaħħru lil Alla minħabba fil-ħniena tiegħu".

Hija missjoni li ser tilħaq mhux biss il-poplu l-magħżul imma l-ġnus kollha, anki dawk pagani (li mhumiex ulied il-wegħda). Aħna, bħala wlied il-pagani, ġejna milqugħa minn Kristu għall-glorja ta' Alla. Kif nistgħu ma rroddux ħajr lil Alla għal dan kollu, waqt li ntennulu: "Jiena nfaħħrek fost il-ġnus u ngħanni t-tifħir ta' ismek"!

Dan l-Avvent iġedded fina l-mod kif inħarsu lejn l-istorja: minkejja dak li jtaqqal, jhedded u jmewwet l-istorja personali, familjari, nazzjonali u internazzjonali tal-preżent, Kristu Ġesù jibqa' t-tama waħdanija li qatt ma tiġi mhedda. B'ħarsitna lejh, l-Avvent inħossuh f'ħajjitna, ċerti li nkunu dejjem salvati, u ngawdu bħala frott tiegħu l-ferħ, il-paċi u l-milja tal-imħabba. Hekk nikkontribwixxu għall-bidla dejjem aktar pożittiva tad-dinja u tal-ħolqien ta' madwarna.

## VANĠELU: ĠWANNI L-BATTISTA JĦEJJI T-TRIQ GĦALL-MULEJ (Mt 3:1-12)

Dan it-tieni Ħadd tal-Avvent huwa kkaratterizzat mill-figura ta' Ġwanni l-Battista. San Mattew jippreżentah b'ħafna simboli li jsiru ċari u bis-sens fid-dawl tat-Testment il-Qadim. Id-dehra tad-deżert hija ta' importanza kbira għall-poplu ta' Israel. Kien fid-deżert fejn l-istorja kollha tal-poplu ta' Israel ġiet imsawra, meta l-poplu taħt it-tmexxija ta' Mosè ħareġ mill-Eġittu u ftit ftit issawwar fil-poplu ta' Alla, poplu fidil lejn il-Kelma tiegħu minkejja ħafna dubji u qtigħ ta' qalb.

Mill-istess deżert il-poplu reġa' lura mill-art tal-eżilju fil-Babilonja, biex jerġa' jibda l-bini u t-tiswir tas-saltna. Id-deżert huwa għalhekk il-post *per eccellenza* fejn wieħed jasal mgħobbi bid-dnubiet u bin-nuqqas ta' sigurtà, biex jerġa' jitlaq kompletament imġedded. Din mhijiex inizjattiva tal-bniedem, sempliċement mibnija fuq ir-rieda tajba tal-bniedem, imma hija t-tħabbira tas-salvazzjoni offruta minn Alla. Hija tassew predikazzjoni profetika dik ta' Ġwanni li toħroġ minn qalb tant ilħna biex tidwi, tinstema' u tħarrek il-qalb ta' ħafna f'Israel. Fi Ġwanni, l-aħħar fost il-profeti, tidher l-ogħla profezija, għax iħabbar l-intervent definittiv ta' Alla. Alla ser isalva lill-bniedem billi jidher fis-sura ta' bniedem! Din kienet is-sitwazzjoni tal-umanità fi żmien Ġwanni l-Battista: iż-żmien twil tad-deżert tat-Testment il-Qadim kien għadda u kienet waslet is-siegħa tal-ġdid, is-siegħa tal-Vanġelu. Fil-Battista kollox jitkellem fuq it-tama ta' possibbiltà ġdida mogħtija lill-bnedmin, biex jiltaqgħu ma' Alla u hekk jgħixu f'għaqda sħiħa miegħu.

Timpressjona l-figura ta' Ġwanni b'ilbiesu u bid-dieta tiegħu. Huwa ikel li bih kienu jmantnu t-tfal, jiġifieri dawk li huma fil-bidu tal-ħajja u għaldaqstant huma dgħajfa. Ġradijiet moqlija kienu tant mixtieqa mit-tfal tal-Orjent. Anki l-istess għasel kien jingħata lit-tfal biex jissaħħew. Kien ukoll l-ikel li normalment jittiekel fid-deżert, fejn wieħed ikollu jserraħ rasu fuq il-providenza ta' Alla, li tidher f'dan l-ikel li huwa jipprovdi fid-deżert u li jservi ta' ikel sustanzjuż fil-mixja tal-pellegrin. Huwa profeta mogħni b'missjoni li jħabbar messaġġ urġenti u ta' importanza mhux żgħira: "Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet".

Il-magħmudija fl-ilma li kien jistieden għaliha Ġwanni kienet imsejsa fuq is-simbolu tal-ilma li jnaddaf u joħloq mill-ġdid. Kien ġest li jindika u jfisser l-urġenza tal-konverżjoni tal-qalb. Min jilqa' l-magħmudija ta' Ġwanni kien juri fid-dieher il-ħtieġa li kien iħoss li jiltaqa' ma' Alla biex inaddaflu qalbu minn kull ħażen. Huwa twelid li jmiss kull aspett tal-ħajja hekk li f'kollox nirxuxtaw għal ħajja ġdida.

L-intervent ta' Alla hu fil-qrib u Ġwanni jippreżentah bħala ta' qawwa liema bħalha fil-konfront tal-midinbin. Tant li jmorru għandu anki l-Fariżej u s-Sadduċej! Il-profeta jseħħlu jaqra l-qalb ta' dawn u, quddiem il-verità li wriehom, kienu jitolbu l-magħmudija tiegħu. Huma nies suppervi, imkabbrin bihom infushom, sodisfatti biss b'għemilhom, persuni li mhumiex ubbidjenti lejn Alla imma li jfittxu biss is-sodisfazzjon personali tagħhom. Ġwanni huwa ħafna qalil magħhom: "Ja nisel il-lifgħat, min uriekom x'għandkom tagħmlu biex taħarbu mill-korla li ġejja?". Mhux biżżejjed li jiġu għand Ġwanni biex jitgħammdu, għax meħtieġ "frott xieraq ta' ndiema". Il-konverżjoni mhix riti reliġjużi imma bidla profonda ta' dak kollu li hu tal-persuna li tgħaddi minn stat ta' nuqqas ta' ubbidjenza u rabta ma' Alla għal stat ta' ubbidjenza sinċiera lejh f'kull ħaġa, sew kbira u sew żgħira.

Ħafna drabi aħna marbutin iżżejjed mar-rieda tagħna, waqt li ninħbew taħt atteġġjamenti li jidhru li huma tajba u ġusti. Ninsew li xejn mhu garanti għalina quddiem Alla, u Ġwanni kien ċar ħafna fuq dan: "U taħsbux li tistgħu tgħidu fikom infuskom: 'Għandna b'missier lil Abraham'". Il-ġudizzju kif joħroġ minn fomm Ġwanni huwa wieħed ta' qilla u ta' qawwa: "Il-mannara diġà tressqet ma' għerq is-siġra, u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar". Tassew kelmiet li jitolbu bidla f'ħajjitna! U dan jidher aktar b'qawwa fid-dawl tat-tħabbira li Ġwanni jagħmel ta' wieħed akbar minnu! Nafu li Ġesù ma jikkorrispondix eżattament ma' dak li jħabbar il-Battista. Mhux tant imħallef tal-ġustizzja tal-liġi, imma tal-ħniena ta' Alla.

Is-salvazzjoni hija ġrajja storika, unika u irrepetibbli. B'Alla li sar bniedem, is-salvazzjoni tgħammar fl-istorja tagħna l-bnedmin. Hija storja li fiha tgħammar it-Trinità; u Ġwanni jħabbar il-wasla ta' dan iż-żmien ġdid. Hija predikazzjoni li tfakkarna li hija storja mifdija minn Alla u twassal għal-laqgħa definittiva mal-Mulej Ġesù bl-aħħar tal-istorja.

Il-Mulej tana dan iż-żmien kollu tal-istorja biex nitħejjew għal dan il-mument: "Dak li għandu l-għarusa hu l-għarus; imma l-ħabib tal-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jinħtieġ jikber hu u niċkien jien" (Ġw 3:29-30). Li ma jiġrilniex li nkunu barra minn dan iż-żmien u nisimgħu lil Ġesù jgħidilna: "Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!" (Mt 7:23).

## 3. IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT (A)

*NGĦARFU S-SINJALI U NIFIRĦU BIL-MULEJ*
*LI RIEĠA' ĠEJ*

### I QARI: ALLA ĠEJ BIEX ISALVAKOM (Is 35:1-6a,10)

Dan it-tielet Ħadd jistedinna għall-ferħ. Anki l-istess antifona tad-dħul għall-Quddiesa ddaħħalna f'dan l-ispirtu: "Ifirħu dejjem fil-Mulej; nerġa' ngħidilkom, ifirħu. Il-Mulej qorob" (Fil 4:4-5). Il-Mulej hu fil-qrib u l-Avvent fit-tama tiegħu ma jqarraq b'ħadd. U għalhekk il-Knisja tistedinna biex nifirħu, għax tassew ħolqien ġdid qiegħed jintiseġ fil-ħajja ta' kull wieħed minna.

Din is-silta turina kemm Alla jrid dejjem joffrilna l-ferħ. Fil-ħajja jista' jkun hemm ħafna ġrajjiet ta' dwejjaq, imma l-proġett ta' Alla jagħtina l-ferħ akkost ta' kollox. Alla huwa missier ġeneruż li jrid li wliedu jkunu ferħanin! L-istorja tal-bnedmin tħaddan l-istorja ta' dawk il-ħafna emarġinati, imsieken u martri. Lil dawn il-profeta jistedinhom biex jimxu lejn il-Mulej li ġej biex isalvahom. Dawn sejrin iġeddu l-Eżodu tal-poplu Lhudi: mill-jasar ser jgħaddu għall-ħelsien. Anki d-deżert huwa mistieden sabiex jifraħ: "Ħa jifirħu d-deżert u l-art ħarra… u twarrad l-art xagħrija". Id-deżert hu l-aktar post ta' dwejjaq, mingħajr ħajja u ma jikber xejn fih. Imma anki d-deżert hu mistieden għall-ferħ, għax ser ikun kollu mibdul. Huwa ferħ frott ta' bidla mill-qiegħ, hekk li anki "il-mifdijin tal-Mulej jiġu lura, jiġu f'Sijon, jagħjtu bil-ferħ, il-hena jkun dejjem fuq rashom, sehemhom ferħ u hena".

Aħna qatt m'aħna konvinti biżżejjed li Alla jridna ferħanin, li jistedinna għall-ferħ u li jagħtina l-mezzi meħtieġa biex naslu għal dan il-ferħ. Dawn huma l-mezzi li jwasslu għat-trasformazzjoni pożittiva tal-eżistenza kollha tagħna. Hekk biss il-ħajja tidher fil-milja u fis-sbuħija tagħha. Dan hu l-messaġġ ta' Isaija f'sitwazzjoni u fi żmien li fihom l-Assirja kienet qiegħda tjassar is-Saltna ta' Fuq (ta' Israel) u teqred l-art ta' Ġuda. Il-qawwa tal-fidi tidher f'mument ta' disperazzjoni bħal dan, meta kontra kull tama l-bniedem tal-fidi jibqa' jittama u jistenna s-salvazzjoni!

### II QARI: QAWWU QALBKOM GĦAX IL-MULEJ HU FIL-QRIB (Ġak 5:7-10)

San Ġakbu jistedinna biex nipperseveraw f'atteġġjament ta' sahra u ta' sabar. Huwa veru li s-salvazzjoni ta' Alla dehret f'Ibnu magħmul bniedem, imma l-milja tal-frott għadna rridu niġbruha ġurnata wara l-oħra, fl-impenn kollu sabar u bla waqfien tagħna lkoll. San Ġakbu jqabbel il-misteru tas-salvazzjoni tagħna maċ-ċiklu tan-natura, fit-tiġdid bla ma jaqta' tagħha. Huwa proċess li ma jqarraqx, bħall-istennija kollha sabar tal-bidwi li thennih meta jasal il-mument tal-ħsad. Dan ifisser li hija meħtieġa storja ta' żmien biex is-Saltna ta' Alla tilħaq il-milja tagħha fl-istorja u f'kull wieħed minna.

Dan is-sabar jissarraf f'kollaborazzjoni fit-tiswir tal-milja. Dan hu l-ferħ veru ta' min jagħraf sejħa hekk għolja u jwettaqha b'libertà interjuri kbira. Ikunu xi jkunu d-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom l-istennija, nafu li mhix ser tisfa fix-xejn. Jekk għarafna u ħaddanna lil Ġesù bħala s-Salvatur tal-qalb tagħna, m'għandna xejn minn xiex nibżgħu, lanqas meta din l-istennija ttul u tidher bħala ħela ta' żmien. Għaldaqstant hija valida u f'waqtha t-twissija ta' San Ġakbu: "Stabru sa ma jasal il-Mulej".

### VANĠELU: "INTI HUWA DAK LI GĦANDU JIĠI?" (Mt 11:2-11)

F'din is-silta Ġesù ma jitkellimx direttament fuq il-ferħ imma, waqt li jirrispondi għall-mistoqsija ta' Ġwanni l-Battista, iħabbar li dak li kien ħabbar Isaija kien twettaq tassew.

Ġwanni jħossu mħawwad: fil-predikazzjoni tiegħu kien xandar Ġesù kollu setgħa u qawwa li kellu jqabbad in-nar kullimkien, Messija mħallef; u issa jisma' mill-ħabs fejn kien miżmum li Ġesù ma tantx kien jikkorrispondi għal dak li huwa kien xandar u ħabbar. Ġesù jidher kollu ħniena, tjubija u jilqa' lil kulħadd. U għalhekk jibgħat jistaqsih: "Inti huwa dak li għandu jiġi jew nistennew lil ħaddieħor?".

Ġesù jwieġeb b'referenza għall-profezija ta' Isaija, u jsemmi l-fatti konkreti li kienu qegħdin iseħħu quddiem għajnejn kulħadd. Huma sinjali ċari li juru t-trasformazzjoni tas-sitwazzjoni tal-bniedem li kien qiegħed iġib Ġesù fil-ministeru tiegħu. Ma' dan jiżdied sinjal li mhux ikkunsidrat f'Isaija: "il-Bxara t-Tajba titħabbar lill-fqar". Dan hu l-Vanġelu: messaġġ ta' ferħ ippriedkat lill-foqra, jiġifieri lil dawk li l-aktar jidhru 'l bogħod mill-ferħ.

Ġesù ma jirrispondix direttament għall-mistoqsija tagħhom, imma jagħtihom ix-xhieda ta' tant għemejjel tal-għaġeb li kien qiegħed iwettaq u li t-tradizzjoni tat-Testment il-Qadim kienet torbot mal-miġja tal-Messija. Jikkwota 'l-profeta Isaija waqt li jħalli barra l-vers "jagħti l-ħelsien lill-ħabsin"; Ġwanni kien ħabsi u ma kienx sejjer jiġi meħlus mill-ħabs li kien jinsab fih. Imma s-salvazzjoni li jipproponi Ġesù hija ta' dimensjoni oħra u twassal għall-veru ħelsien: mill-kundanna tad-dnub u mill-konsegwenzi tiegħu. Hija proposta ta' salvazzjoni għalkollox ġdida. Għal Ġwanni l-Battista, Ġesù jħabbar il-beatitudni "Henjin dawk li ma jitfixklux minħabba fija". Hija beatitudni li tgħodd anki għalina, li ħafna drabi m'aħniex kapaċi naċċettaw li "t-toroq ta' Alla mhumiex triqatna, il-ħsibijiet tiegħu mhumiex ħsibijietna".

Dawn huma s-sinjali li bihom Ġesù juri li hu tabilħaqq il-Messija, li Alla huwa preżenti fid-dinja u fl-istorja: ħidma ta' Alla li ttemm u xxejjen is-sitwazzjoni ta' dwejjaq u ta' diżgrazzja. Il-ħajja ta' Ġesù tqanqal entużjażmu tassew, għax huwa kollu ħniena u mogħdrija.

Ġesù jieħu l-okkażjoni biex jagħti x-xhieda tiegħu dwar Ġwanni: sinjal mibgħut minn Alla biex iħejji l-miġja tiegħu u l-aċċettazzjoni tal-messaġġ ta' Kristu. Huwa l-aħħar imma l-akbar fost il-profeti, għax ħejja b'mod immedjat it-triq tal-Iben ta' Alla inkarnat, tas-Salvatur, tal-veru Messija. Madankollu Ġesù jżid jgħid: "l-iżgħar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet hu akbar minnu". Hija sentenza li turi l-importanza tal-miġja ta' Ġesù. Tindika li frott tal-fidi fih ilkoll insiru akbar minn Ġwanni l-Battista. Hu kien biss iż-żmien tat-tħejjija. Imma aħna ninsabu fiż-żmien tal-milja, żmien li fil-kwalità tiegħu huwa differenti u superjuri minn żmien il-Battista, għax huwa ż-żmien tal-ferħ tassew.

Il-mistoqsija ta' Ġwanni l-Battista tistedinna biex inkunu dejjem b'għajnejna miftuħin biex naraw il-ħwejjeġ ta' madwarna b'mod għalkollox ġdid, biex iseħħilna napprezzaw l-azzjoni dejjem ġdida ta' Alla fl-istorja. Għarafna tassew fih is-Salvatur waħdieni mogħti għalina?

## 4. **IR-RABA' ĦADD TAL-AVVENT (A)**

*DAK LI DIĠÀ ĠIE F'SURA TA' BNIEDEM*
*HUWA DAK LI RIEĠA' ĠEJ*

### I QARI: IL-VERĠNI TNISSEL (Is 7:10-14)

Dan ir-raba' Ħadd tal-Avvent jintroduċina għall-misteru tat-tifkira tal-Milied. Iż-żmien qorob tant li "x-xebba ssir omm u jkollha iben, u ssemmih Għimmanu-El, għax Alla magħna".

Biex nifhmu din il-profezija hu meħtieġ ħjiel fuq il-kwadru storiku li fih ġie mibgħut il-profeta lil Aħaż. Wara s-sena 740 QK, ir-re ta' Ġuda, Aħaż, fittex li jaħrab it-theddida li nħolqot mill-koalizzjoni tal-istati tal-madwar, billi jissieħeb mas-sultan tal-Assirja. Hekk fetaħ il-bibien għall-ħakma tal-Assirja. Il-profeta Isaija jitlob lis-sultan biex jafda biss f'Alla, sid tal-istorja u tal-ġrajjiet. Kienet meħtieġa għażla ta' fidi, mogħnija b'għerf prattiku biex hekk iżomm fil-bogħod il-ħakma barranija. Nikkunsidraw l-għeja f'mument simili biex wieħed jibqa' jemmen, f'mument fejn tintalab il-politika u l-gwerra, fejn Alla ftit li xejn jiswa. Imma Alla jibqa' dispost li jagħti sinjal lil Aħaż biex jgħinu fil-fidi fqajra tiegħu. Imma Aħaż jirrifjuta u ma jaċċettax il-parir ta' Isaija. Jagħżel li jinħeba taħt pretest reliġjuż: ma jridx jittanta lill-Mulej. Hekk ikun qiegħed jirrifjuta li jħalli lil Alla jmexxih. Ħafna jgħidu li jemmnu f'Alla, imma kemm idaħħlu lil Alla fl-għażliet tal-ħajja ta' kuljum? Ħafna għażliet jitwettqu biss fid-dawl tal-protagoniżmu personali.

Il-profeta jinsisti mar-re Aħaż biex ikollu l-fidi, għax il-Mulej jishar fuq id-dar ta' David: Alla huwa aktar qawwi mis-saltniet ta' Damasku u tas-Samarija. Il-qawwa u s-setgħa tagħhom tispiċċa, imma mhux il-belt ta' Ġerusalemm, għax din tibqa' għal dejjem. Aħaż ma jagħtix widen u ma jemminx, u jagħżel li jitlob l-għajnuna lis-sultan tal-Assirja għall-prezz li jħallas it-tribut u jagħmel att ta' sottomissjoni (2 Slat 16:7-9). Imma Isaija jinsisti: "Itlob sinjal għalik mingħand il-Mulej Alla tiegħek, f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-smewwiet".

Sinjal mhux neċessarjament miraklu, imma fatt, ikun li jkun, li jagħti konferma ta' verità lil xi affermazzjoni li tkun saret. Aħaż ma jasalx għal dan għax il-fatt li wieħed jaċċetta sinjal ifisser li huwa lest li jafda fil-fidi tiegħu. Jipprova jiġġustifika l-fatt li ma aċċettax bl-iskuża li ma xtaqx ipoġġi lil Alla fil-prova! Imma Isaija mhux daqstant iblah! Minkejja li Alla jħalli lil Aħaż fil-libertà tal-għażla u tar-responsabbiltà tagħha, jagħtih xorta waħda s-sinjal. Dan huwa t-twelid ta' tarbija, sinjal ta' salvazzjoni. Huwa mogħti isem għoli: Għimmanu-El.

L-interpretazzjoni messjanika hija ħafna eqdem mill-interpretazzjoni tardiva li interpetat il-kelma *almah* f'sens ta' verġni. It-tifel li jitwieled lil Aħaż huwa Ħeżekija, li żgur ma jiġġustifikax għalih l-isem "Alla magħna". Il-politika tiegħu ġabet ħafna aktar diżgrazzji minn missieru u allura bla dubju neskludu li huwa kien is-sinjal mogħti. Meħtieġa interpretazzjoni oħra għall-oraklu profetiku. Is-salvazzjoni mħabbra tmur lil hemm minn iben Aħaż, Ħeżekija. Ikun il-Messija nnifsu l-imwieled minn mara, verġni li ġġib l-isem ta' Marija. Għaliha l-anġlu qal: "inti tnissel u jkollok iben" (Lq 1:31-33). Is-saltna tiegħu hija bla tmiem: dan hu l-veru Messija li jsalva d-dixxendenza Davidika mill-mistħija u l-għajb li waqgħu fuqhom. Huwa dak li l-Knisja f'dawn il-ġranet sejra tifraħ u tilqa' l-miġja mill-ġdid tiegħu fil-liturġija u fil-ħajja, u li minnu tistenna b'ħerqa s-salvazzjoni dejjiema.

Il-profeta għaldaqstant iħabbar li Alla sejjer jibqa' miexi fil-proġett tiegħu ta' salvazzjoni. L-inizjattiva tibqa' f'idejn Alla. Għad jitwieled dak il-werriet li fih jitwettqu l-profeziji marbutin mar-razza ta' David. Dan ikun is-sinjal li Alla huwa magħna. Fl-iben tal-Verġni tinħass u tidher il-preżenza ta' Alla bħala s-Salvatur waħdieni. Alla, minflok ma jitlaq il-proġett tiegħu, juri b'mod u manjiera mill-aktar evidenti u sorprendenti l-inizjattiva tiegħu ta'

mħabba. Il-profeta jasal biex jgħid: "Alla nnifsu sejjer jagħti s-sinjal". Jeħtieġ li nkunu konxji li Alla spiss jieħu inizjattivi ta' qawwa, b'effikaċja liema bħalha. Għalina hija konsolazzjoni kbira nkunu nafu li, anki jekk ma nitolbuhx, huwa dejjem lest biex jagħtina l-grazzji tiegħu. Alla tagħna huwa Alla li dejjem jaġixxi għas-salvazzjoni tagħna. Huwa Alla li ma jistenniex li aħna niċċaqilqu, għax jiċċaqlaq qabilna hu! "U hawn qiegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna. Aħna nħobbu għax Hu ħabbna l-ewwel" (1 Ġw 4:10,19).

L-inizjattiva hija dejjem f'idejn Alla. Ma kienx il-bniedem li talbu jew li immaġina li seta' jitwettaq misteru tant straordinarju. Għamlu għas-salvazzjoni tagħna biex iġib il-preżenza tiegħu fostna u l-għaqda sħiħa tagħna miegħu.

Din il-profezija tiċċara u tinftiehem b'mod sħiħ fid-dawl ta' dak li jseħħ fl-għarusa mwiegħda bħala mart Ġużeppi. Dan it-tnissil verġinali jixhed ix-xewqa hekk kbira ta' Alla li jkun il-Verb ta' Alla magħmul bniedem, b'mod li jiżgurana mill-għaqda sħiħa u totali ma' Alla, bla ħtieġa ta' intermedjarji fostna l-bnedmin.

Dan hu l-pjan ta' Alla, proġett infinit ta' mħabba. Dan nifhmuh u nilqgħuh fil-misteru tal-Inkarnazzjoni. Il-Milied hu fil-qrib: huwa l-Iben ta' Alla mwieled bniedem li tiegħu sejrin infakkru t-twelid. Alla jieħu l-inizjattivi, li għalkemm jistgħu jidhru partikolari u strambi, jekk infittxu tassew ir-rieda ta' Alla, jagħtuna ħafna frott għax iwassluna għall-għaqda ma' Alla, għall-paċi, għall-ferħ u għas-salvazzjoni.

## II QARI: IMWIELED FIL-ĠISEM MIR-RAZZA TA' DAVID (Rum 1:1-7)

San Pawl fil-bidu tal-Ittra lir-Rumani, komunità li kien għadu ma żarx, jintroduċi lilu nnifsu bħala "appostlu maħtur għall-Evanġelju ta' Alla". Dan ifisser li huwa mhuwiex predikatur ta' vanġelu frott tal-ħidma tal-bniedem, imma b'mandat minn Alla. San Pawl ibiddel il-forma klassika tal-eżordju tal-ittra f'test ta' għana duttrinali. Dak li kien indirizz fil-bidu ta' ittra, illum għandna nqisuh u napprezzawh bħala stqarrija prezzjuża tal-fidi tal-ewwel Insara u ta' konfront għall-ħajja Nisranija tagħna. Fil-qosor, insibu l-element l-aktar essenzjali tal-predikazzjoni tiegħu: il-qalba tal-Vanġelu mxandar minn Pawlu, taħt forma ta' innu f'ġieħ Ġesù Kristu. It-tiġdid tal-ħajja jitwettaq fil-persuna ta' Ġesù, il-Messija, iben David imħabbar mill-Iskrittura u mgħolli bħala Iben ta' Alla bil-qawwa tal-Qawmien. L-istennija ta' Israel twassal u tindirizza għalih. Huwa Alla preżenti f'nofsna.

Dan twettaq kollu fl-Għid, meta bil-qawmien mill-imwiet, b'qawwa u b'setgħa għamel li jidher dak li kien moħbi taħt id-dgħufija tal-laħam ta' bniedem. Temmen ifisser li tpoġġi l-pedament ta' ħajtek fih u tgħix għalih. Il-Knisja għalhekk ixxandru u tħabbru bħala l-Iben ta' Alla. Dawk li jilqgħu din l-aħbar jilqgħu don prezzjuż, u jsiru "il-maħbubin kollha ta' Alla… imsejħin biex ikunu qaddisin" (Rum 1:7).

## VANĠELU: IMĦABBAR LIL ĠUŻEPPI (Mt 1:18-24)

Kif il-vanġelu ta' Luqa jibni t-tħejjija għat-twelid ta' Ġesù madwar il-figura ta' Marija, il-vanġelu ta' Mattew (il-vanġelu taċ-ċiklu A) jibni kollox madwar il-figura ta' Ġużeppi. Dan id-dixxendent tal-familja ta' David huwa figura perfetta tal-istennija Nisranija tal-Milied, li issa huwa tant fil-qrib. Il-miġja ta' Ġesù fostna hija stedina biex inkunu mħejjija biex ninstabu ġusti quddiem Alla, jiġifieri ubbidjenti għax-xewqat tiegħu.

Ġesù hu iben David; Mattew jagħtina prova ta' dan sa mill-bidu tal-vanġelu tiegħu, billi jagħlaq il-ktieb tan-nisel bil-kelmiet: "Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Messija" (Mt 1:16). Dritt wara l-evanġelista jurina kif din il-paternità Davidika, Ġużeppi aċċettaha u laqagħha wara t-tbatija tad-dubju u tal-biża' li

għadda minnhom, wara li Marija nstabet li kienet tqila, liema tqala ma kellux x'jaqsam magħha. Marija nisslet b'mod verġinali, b'intervent ta' Alla nnifsu, li tiegħu Alla biss jaf il-mod u l-kif.

Ġużeppi kien mimli mħabba tenera lejn għarustu Marija. L-imġiba ta' Ġużeppi ma kienet timmerita l-ebda korrezzjoni min-naħa tal-anġlu. L-istedina biex ma jibżax tixhed li Ġużeppi kien beżgħan li joffendi lil Alla billi jżomm għalih waħda mara adultera. Li ma kienx għal dan, qatt ma kien jaħbat ma' rasu li jibgħat lil martu u jissepara minn magħha. Kif seta' jżomm din il-prattika tal-ġustizzja mfakkra mill-evanġelista Mattew, ladarba l-għarusa mwiegħda b'martu kienet tinsab fi tqala? Kif seta' jkompli missjoni bħal din li jilqa' l-opra tal-Ispirtu s-Santu? Ma kellux forsi jibgħatha bil-moħbi tan-nies ħalli hekk ma jfixkilx il-misteru ta' Alla msawwar fi bniedem fil-ġuf ta' Marija, u hekk iħalli lil Alla waħdu jsawwar il-misteru tiegħu? Dan kien skont San Mattew, li għadda mill-qalb u mill-moħħ tal-bniedem ġust, hu li kien imdorri jintelaq kompletament f'idejn Alla. Mt 6:33-34: "Mela fittxu l-ewwel is-saltna u l-ġustizzja tiegħu, u dan kollu jingħatalkom ukoll. Mela toqogħdux tħabblu raskom għal għada, għax il-jum ta' għada jħabbel rasu hu għalih innifsu".

Quddiem din ix-xewqa ta' mħabba u x-xewqa li jwettaq dak li hu ġust, l-anġlu jirrispetta dak li kien għaddej mill-qalb ta' Ġużeppi, imma fl-istess waqt jurih il-pjan ta' Alla li kien bil-wisq akbar mill-pjan tiegħu. L-anġlu jirreferi għal Marija bħala "l-għarusa tiegħek" u dan iserraħ il-moħħ u l-qalb ta' Ġużeppi. Jeskludi kull dubju mill-qalb ta' Ġużeppi dwar infedeltà jew adulterju min-naħa ta' Marija, waqt li jirrivela li huwa opra ta' Alla. Ġużeppi jilqgħu bħala ibnu veru: iħaddan il-missjoni essenzjali ta' missier lil hemm mill-ġenerazzjoni fiżika tat-tarbija u hekk jiġi mogħti d-dritt li jagħti l-isem lit-tarbija. Huwa jwettaq dan u hekk jagħtih identità soċjali, u Ġesù jiġi magħruf bħala veru dixxendent ta' David. Ġużeppi fehem li dan it-tnissil kien tassew misteru u huwa ma kellux jirtira imma jilqa' l-missjoni li kien qiegħed jafdalu Alla. Emmen f'Alla u ta l-approvazzjoni tiegħu għal dak li ġie kkmandat iwettaq! Qalbu setgħet mill-ġdid tħobb lil Marija mingħajr ebda dell ta' preġudizzju u bl-affett li kellu qabel lejha. Alla jsolvi t-tbatija ta' Ġużeppi u jmexxih biex jifhem il-misteru li kien qiegħed iseħħ quddiem għajnejh. L-anġlu jispjegalu: dak li kien qiegħed iżommu lura milli jaċċetta lil Marija u t-tqala tagħha kellu jkun il-motiv għaliex jilqagħha u jaċċettaha b'martu, u jkun missier tat-tarbija fil-ġuf. Ma kienet wettqet xejn kontra l-liġi ta' Alla, imma hija nisslet lil hemm minn kull liġi naturali. Ġużeppi jwarrab il-biża' li sa issa kien ħakmu u jifraħ bl-opra tal-Ispirtu s-Santu. Kif seta' jaċċetta verità bħal din? Ġużeppi ċertament huwa bniedem ta' fidi: għalih il-fidi u l-ġustizzja jmorru flimkien.

Kollox isir fis-skiet. Ġużeppi lanqas jitħalla spazju għalih biex iwieġeb u jagħti l-iva tiegħu. Lanqas l-anġlu ma jistenna t-tweġiba minnu! Il-qalb ta' bniedem ġust turina l-fidi tiegħu. Jitkellmu dawk il-mumenti ta' qabel u ta' wara li dwarhom il-vanġeli ma jirrakkuntawlna lanqas l-aktar dettall ċkejken. Ġużeppi huwa l-bniedem tal-fatti, il-qaddej kollu ubbidjenti lejn Alla.

Dawn l-aħħar ġranet tal-Avvent jippermettulna li niċċelebraw il-fedeltà ta' Alla li jwassal sat-tmiem il-pjan etern tiegħu: li tiġi mwaqqfa mill-ġdid is-Saltna li t-tieni miġja tiegħu ser twassal għall-perfezzjoni u l-milja. Il-fidi hija għalina l-kundizzjoni li jixraq li niskopruha mill-ġdid biex naslu għat-tifsira vera tar-realtà preżenti (li Alla ħadha fuqu fil-misteru tal-Inkarnazzjoni) li qegħdin ngħixu u tar-relazzjonijiet l-aktar prezzjużi ta' bejnietna. Fl-istorja aħna msejħin personalment u flimkien mal-oħrajn biex ikollna parti attiva fil-miġja u fl-attwalizzazzjoni tas-Saltna ta' Alla. Is-sinjal ta' din is-saltna ngħatalna: ix-xebba li tagħti l-ħajja lit-tarbija; sinjal ta' dgħufija imma sinjal tanġibbli tal-manifestazzjoni żgura tal-qawwa ta' Alla, u tal-imħabba tiegħu li qatt ma tiġi nieqsa skont il-wegħdiet li huwa għamlilna. Din hija l-Aħbar it-tajba li sejrin nilqgħu b'mod ġdid u ħaj f'dan il-Milied li huwa tant fil-qrib.

# 10. SUSSIDJU KATEKETIKU GĦAL OMELIJI TEMATIĊI TAL-ĦDUD TAL-AVVENT (SENA A)

Dun Giovanni Curmi

Nota:
Għall-Ħdud tal-Avvent qed jiġu proposti erba' temi marbutin maċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u mal-Jum tal-Ħadd. It-temi huma meħudin mill-Vanġeli tal-Ħdud tal-Avvent.

**1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**
Vanġelu: Mt 24:37-44
Tema omelitika: L-Aspett Eskatoloġiku tal-Quddiesa.

**2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent**
Vanġelu: Mt 3:1-12
Tema omelitika: Il-Quddiesa hi s-sagrifiċċju ta' Kristu għall-maħfra tad-dnubiet.

**3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent**
Vanġelu: Mt 11:2-11
Tema omelitika: Il-Quddiesa tagħmel preżenti lil Kristu fil-Kelma u fl-Ewkaristija.

**4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**
Vanġelu: Mt 1:18-24
Tema omelitika: Jum il-Mulej u l-obbligu tas-smigħ tal-Quddiesa.

Dan il-materjal jista' jintuża bħala sussidju fil-katekeżi tal-adulti.

**Abbrevjazzjonijiet tad-dokumenti tal-Maġisteru tal-Knisja:**

DD Ittra Appostolika *Dies Domini* tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-qdusija ta' Jum il-Mulej (il-Ħadd).
EE Enċiklika *Ecclesia de Eucharistia* tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar l-Ewkaristija u r-relazzjoni tagħha mal-Knisja.
KKK Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (it-tieni edizzjoni, 1997).
Lin Sinodu tal-Isqfijiet, il-XI-il Assemblea Ġenerali, *The Eucharist: Source and Summit of the life and mission of the Church – Lineamenta*.
MND Ittra Appostolika *Mane nobiscum Domine* tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika (Ottubru 2004–Ottubru 2005).
SC Kostituzzjoni dwar il-Liturġija *Sacrosanctum Concilium* tal-Konċilju Vatikan II.
SCar Eżortazzjoni post-sinodali *Sacramentum Caritatis* tal-Papa Benedittu XVI dwar l-Ewkaristija bħala l-għajn u l-quċċata tal-ħajja u l-missjoni tal-Knisja.

## 1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent (Sena A)

| | |
|---|---|
| Vanġelu: | Mt 24:37-44. |
| Keyword: | Ishru. |
| Tema omelitika: | L-Aspett Eskatoloġiku tal-Quddiesa. |
| Mill-Vanġelu: | L-Avvent jesprimi l-attenzjoni tal-Knisja lejn "żewġ miġjiet" ta' Kristu: dik fl-istorja (l-Inkarnazzjoni) u dik fl-aħħar taż-żmien, fil-glorja (it-tieni miġja). |
| Mil-Liturġija tal-Quddiesa: | "…inxandru bil-ferħ il-Qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja" (Akklamazzjoni).<br>"…aħna u nistennew u nittamaw il-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu" (Emboliżmu fir-Rit tal-Missierna). |
| Katekeżi Ewkaristika: | Barra li hi memorjal, preżenza u sagrifiċċju ta' Kristu, il-Quddiesa hi wkoll tħabbira u antiċipazzjoni tas-Saltna li għad trid tiġi fil-milja tagħha. |
| Pareneżi: | "Immorru ferħana f'dar il-Mulej" (mis-Salm). |
| Riferimenti Maġisteru: | SC 8: il-liturġija tal-art u l-liturġija tas-Sema.<br>SCar 30-32: l-Ewkaristija u l-Eskatoloġija.<br>EE 18-20: l-aspett eskatoloġiku tal-Quddiesa.<br>MND 15: l-Ewkaristija tmexxina lejn il-futur.<br>KKK 1370: il-membri kollha tal-Knisja jingħaqdu fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku (ara KKK 1136).<br>KKK 1402-1405: l-Ewkaristija: ir-rahan tal-ħajja ta' dejjem.<br>Lin 15: l-aspett eskatoloġiku tal-Ewkaristija. |

Riferimenti Patristiċi:

**San Ġwann Griżostmu:**
"St John Chrysostom looks at the Eucharist from the perspective of baptismal initiation, as the food of a life which is received and sustained in the struggle against Satan. His words of explanation are particularly helpful in understanding the eschatological aspect of the Sacrament: 'For when you see the Lord sacrificed, laid upon the altar, and the priest standing and praying over the victim, and all the worshippers empurpled with that precious blood, can you then think that you are still among men, and standing upon the earth? **Are you not, on the contrary, straightway translated to heaven, and casting out every carnal thought from the soul, do you not, with disembodied spirit and pure reason, contemplate the things which are in heaven?**'" (*De Sacerdotio*, III, 4: *SCh* 272, 142-144).

**San Injazju ta' Antjokja:**
"Come together in common, one and all without exception in charity, in one faith and in one Jesus Christ, who is of the race of David according to the flesh, the son of man, and the Son of God, so that with undivided mind you may obey the bishop and the priests, and break **one Bread which is the medicine of immortality and the antidote against death, enabling us to live forever in Jesus Christ**" (*Ad Ephesios*, 20: PG 5, 661).

## 2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent (Sena A)

| | |
|---|---|
| Vanġelu: | Mt 3:1-12. |
| Keyword: | Indmu. |
| Tema omelitika: | Il-Quddiesa hi s-sagrifiċċju ta' Kristu għall-maħfra tad-dnubiet. |
| Mill-Vanġelu: | L-aspett ta' sahra tal-Avvent jinbidel f'wieħed ta' ndiema u konverżjoni quddiem il-preżenza ta' Kristu li ġej. |
| Mil-Liturġija tal-Quddiesa: | "…Iħenn għalina Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna…" (*Confiteor*).<br>"…id-Demm li jixxerred għalikom u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet" (Konsagrazzjoni). |
| Katekeżi Ewkaristika: | Il-Quddiesa hi s-Sagrifiċċju tas-Salib għall-maħfra tad-dnubiet. Il-Quddiesa hi ċ-ċelebrazzjoni tal-ħniena tal-Missier. L-Ewkaristija tagħmilna parteċipi fis-sagrifiċċju espjatorju ta' Ġesù. L-Ewkaristija taħfer id-dnubiet venjali. L-Ewkaristija hi triq ta' konverżjoni. |
| Pareneżi: | "Iddrittaw il-mogħdijiet tal-Mulej" (mill-Vanġelu). |
| Riferimenti Maġisteru: | SC 47: l-Ewkaristija tagħmel preżenti fiż-żmien is-Sagrifiċċju tas-Salib.<br>SCar 20-21: l-Ewkaristija u s-Sagrament tal-Qrar.<br>KKK 1367: il-Quddiesa hi l-istess Sagrifiċċju tas-Salib.<br>KKK 1393: tqarbin u maħfra tad-dnubiet.<br>KKK 1395: maħfra tad-dnubiet venjali iżda mhux tad-dnubiet mejta (ara KKK 1457-1458). |

Riferimenti Patristiċi:

**San Ġwann Griżostmu:**
"In the *Divine Liturgy* of St John Chrysostom, for example, we find the prayer: 'We beseech, implore and beg you: send your Holy Spirit upon us all and upon these gifts… that those who partake of them may be purified in soul, **receive the forgiveness of their sins**, and share in the Holy Spirit'" (Anaphora).

**Teodoru ta' Mopswestja:**
"[If we have sinned], the Body and Blood of our Lord… will strengthen us… If with diligence we do good works and turn from evil deeds and truly repent of the sins that befall us, undoubtedly we shall **obtain the grace of the remission of our sins in our receiving of the Holy Sacrament**" (Catechetical Homilies, 16).

**San Efrem:**
"Our Lord Jesus took in His hands what in the beginning was only bread; and He blessed it, and signed it, and made it holy in the name of the Father and in the name of the Spirit; and He broke it and in His gracious kindness He distributed it to all His disciples one by one. He called the bread His living Body, and did Himself fill it with Himself and the Spirit. And extending His hand, He gave them the Bread which His right hand had made holy: 'Take, all of you eat of this, which My word has made holy. Do not now regard as bread that which I have given you; but take, eat this Bread [of life], and do not scatter the

crumbs; for what I have called My Body, that it is indeed. One particle from its crumbs is able to sanctify thousands and thousands, and is sufficient to afford life to those who eat of it. Take, eat, entertaining no doubt of faith, because this is My Body, and whoever eats it in belief eats in it Fire and Spirit. But if any doubter eat of it, for him it will be only bread. **And whoever eats in belief the Bread made holy in My name, if he be pure, he will be preserved in his purity; and if he be a sinner, he will be forgiven**’. But if anyone despise it or reject it or treat it with ignominy, it may be taken as a certainty that he treats with ignominy the Son, who called it and actually made it to be His Body”.

**San Ambroġ:**
“For as often as we eat this bread and drink the cup, we proclaim the death of the Lord. If we proclaim the Lord’s death, we proclaim the forgiveness of sins. If, as often as his blood is poured out, it is poured for the forgiveness of sins, I should always receive it, so that it may always forgive my sins. Because I always sin, I should always have a remedy” (*De Sacr.* 4, 6, 28: PL 16, 446).

## 3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent (Sena A)

| | |
|---|---|
| Vanġelu: | Mt 11:2-11. |
| Keyword: | Messija. |
| Tema omelitika: | Il-Quddiesa tagħmel preżenti lil Kristu fil-Kelma u fl-Ewkaristija. |
| Mill-Vanġelu: | Il-Battista u bħalu d-dixxipli huma msejħin biex jagħrfu l-preżenza tal-Messija minn dak li "jaraw u jisimgħu": il-preżenza salvifika ta' Ġesù tidher fis-sinjali li tagħtina ċ-ċelebrazzjoni liturġika . |
| Mil-Liturġija tal-Quddiesa: | "R/. Il-Kelma tal-Mulej. V/. It-tifħir lilek, Kristu" (Vanġelu).<br>"…dan hu Ġismi… dan hu Demmi" (Konsagrazzjoni).<br>"Il-Ġisem ta' Kristu" (Tqarbin). |
| Katekeżi Ewkaristika: | Is-sagrifiċċju tal-Quddiesa jagħmel preżenti mhux biss is-Sagrifiċċju tas-Salib, imma jagħmel preżenti lil Kristu nnifsu. |
| Pareneżi: | "Ejja, Mulej, ħa ssalvana" (mis-Salm). |
| Riferimenti Maġisteru: | SC 7: il-preżenza ta' Kristu fil-liturġija, speċjalment fl-ispeċi Ewkaristiċi.<br>MND 16: il-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija (ara EE 15).<br>EE 25: l-adorazzjoni Ewkaristika barra l-Quddiesa: Kristu preżenti.<br>KKK 1373-1381: il-preżenza ta' Kristu bil-qawwa tal-Kelma tiegħu u tal-Ispirtu s-Santu. |

Riferimenti Patristiċi:

**San Ġustinu:**
"After the president has given thanks, and all the people have shouted their assent, those whom we call deacons give to each one present to partake of the Eucharistic bread and wine and water; and to those who are absent they carry away a portion. We call this food Eucharist; and no one else is permitted to partake of it, except one who has been washed in the washing [baptism] which is for the remission of sins and for regeneration (2 Pet 3:21), and is thereby living as Christ has enjoined. **For not as common bread or common drink do we receive these**; but since Jesus Christ our savior was made incarnate by the word of God and had both flesh and blood for our salvation, so too, as we have been taught, the food which has been made into the Eucharist by the Eucharistic prayer set down by Him (1 Cor 11:23-26; Lk 22:19) and by the change of which our blood and flesh is nourished is both the flesh and blood of the incarnated Jesus" (*First Apology*, 128).

**San Ġwann Griżostmu:**
"You envy the opportunity of the woman who touched the vestments of Jesus, of the sinful woman who washed His feet with her tears, of the women of Galilee who had the happiness of following Him in His pilgrimages, of the Apostles and disciples who conversed with Him familiarly, of the people of the time who listened to the words of grace and salvation which came forth from His lips. You call happy those who saw Him… But, come to the altar and you will see Him, you will touch Him, you will give to Him holy kisses, you will wash Him with your tears, you will carry Him within you like Mary Most Holy".

**San Ambroġ:**

"You may perhaps say: 'My bread is ordinary'. But that bread is bread before the words of the Sacraments; where the consecration has entered in, the bread becomes the flesh of Christ. And let us add this: How can what is bread be the Body of Christ? By the consecration. The consecration takes place by certain words; but whose words? Those of the Lord Jesus. Like all the rest of the things said beforehand, they are said by the priest; praises are referred to God, prayer of petition is offered for the people, for kings, for other persons; but when the time comes for the confection of the venerable Sacrament, then the priest uses not his own words but the words of Christ. Therefore it is the word of Christ that confects this Sacrament… Before it be consecrated it is bread; but **where the words of Christ come in, it is the Body of Christ**. Finally, hear Him saying: 'All of you take and eat of this; for this is My Body'. And **before the words of Christ the chalice is full of wine and water; but where the words of Christ have been operative it is made the Blood of Christ**, which redeems the people" (*The Sacraments* 4:4:14; 4:5:23).

**4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent (Sena A)**

Vanġelu: Mt 1:18-24.

Keyword: Għimmanu-El.

Tema omelitika: Il-quddiesa f'Jum il-Mulej timmarka l-preżenza ta' Alla fost il-poplu tiegħu.

Mill-Vanġelu: F'Ġesù, Alla joqrob lejn l-umanità, anzi jgħammar fost il-bnedmin: "Alla magħna". L-għaqda u l-imħabba ta' Ġużeppi u Marija jissaħħu madwar il-preżenza tat-tarbija Ġesù. Min jilqa' lil Ġesù, l-"Għimmanu-El", isir parti mill-familja ta' Alla, il-Knisja.

Mil-Liturġija tal-Quddiesa: "Il-Mulej magħkom" (Vanġelu, Prefazju, Barka fi tmiem il-quddiesa).

Katekeżi Ewkaristika: Fid-duttrina tgħallimna li wieħed mill-preċetti tal-Knisja hu l-obbligu tas-smigħ tal-Quddiesa nhar ta' Ħadd. Għan-Nisrani l-Ħadd hu jum speċjali, anzi jum uniku li jiġi mqaddes bis-sehem fil-Quddiesa flimkien mal-komunità li tagħha hu membru. Hekk tissaħħaħ ir-rabta u l-għaqda mal-Knisja, li hi l-Ġisem ta' Kristu, u ma' Kristu, li hu r-Ras. Fil-Liturġija, u speċjalment fil-Quddiesa, titkompla l-opra tal-fidwa (ara SC 6), u min irid jidħol aktar fil-misteru ta' Kristu ma jistax ma jiħux sehem fit-twettiq tal-fidwa li tkompli sseħħ fil-Quddiesa: "Ma nistgħux ngħixu mingħajr l-Ewkaristija tal-Ħadd" – *"Sine dominico non possumus"* (il-martri ta' Abitene).

Pareneżi: "Ħa jidħol il-Mulej: hu s-Sultan tal-glorja" (mis-Salm).

Riferimenti Maġisteru:
SC 106: il-Ħadd: l-ewwel jum ta' festa.
MND 23: il-Ħadd: jum il-Mulej u jum il-Knisja.
SCar 72-74: it-tifsira tal-Ħadd, l-obbligu tal-Quddiesa u l-mistrieħ.
EE 41: l-importanza tal-Quddiesa tal-Ħadd.
DD 46-49: l-obbligu tal-Quddiesa tal-Ħadd.
KKK 2177-2179: l-Ewkaristija tal-Ħadd.
KKK 2180-2182: l-obbligu tal-Quddiesa tal-Ħadd.
KKK 2184-2187: mistrieħ, karità… nhar ta' Ħadd.

Riferimenti Patristiċi:

**San Injazju ta' Antjokja:**
"Ignatius of Antioch defined Christians as those who 'live according to Sunday', with faith in the Lord's resurrection and his presence in the Eucharistic celebration" (*Ad Magnesios*, 9:1).

**San Ġustinu:**
"No one may share the Eucharist with us unless he believes that what we teach is true, unless he is washed in the regenerating waters of baptism for the remission of his sins, and unless he lives in accordance with the principles given us by Christ.

We do not consume the eucharistic bread and wine as if it were ordinary food and drink,

for we have been taught that as Jesus Christ our Savior became a man of flesh and blood by the power of the Word of God, so also the food that our flesh and blood assimilates for its nourishment becomes the flesh and blood of the incarnate Jesus by the power of his own words contained in the prayer of thanksgiving.

The Apostles, in their recollections, which are called gospels, handed down to us what Jesus commanded them to do. They tell us that he took bread, gave thanks and said: 'Do this in memory of me. This is my body'. In the same way he took the cup, he gave thanks and said: 'This is my blood'. The Lord gave this command to them alone. Ever since then we have constantly reminded one another of these things. The rich among us help the poor and we are always united. For all that we receive we praise the Creator of the universe through his Son Jesus Christ and through the Holy Spirit.

**On Sunday we have a common assembly of all our members, whether they live in the city or the outlying districts**. The recollections of the apostles or the writings of the prophets are read, as long as there is time. When the reader has finished, the president of the assembly speaks to us; he urges everyone to imitate the examples of virtue we have heard in the readings. Then we all stand up together and pray.

On the conclusion of our prayer, bread and wine and water are brought forward. The president offers prayers and gives thanks to the best of his ability, and the people give assent by saying, 'Amen'. The Eucharist is distributed, everyone present communicates, and the deacons take it to those who are absent.

The wealthy, if they wish, may make a contribution, and they themselves decide the amount. The collection is placed in the custody of the president, who uses it to help the orphans and widows and all who for any reason are in distress, whether because they are sick, in prison, or away from home. In a word, he takes care of all who are in need.

We hold our common assembly on Sunday because it is the first day of the week, the day on which God put darkness and chaos to flight and created the world, and because on that same day our savior Jesus Christ rose from the dead. For he was crucified on Friday and on Sunday he appeared to his apostles and disciples and taught them the things that we have passed on for your consideration" (*I Apologia*, 66-67).

**Didakè:**
"On the Lord's Day of the Lord come together, break bread and hold Eucharist, after confessing your transgressions that your offering may be pure; but let none who has a quarrel with his fellow join in your meeting until they be reconciled, that your sacrifice be not defiled. For this is that which was spoken by the Lord: 'In every place and time offer me a pure sacrifice, for I am a great king', saith the Lord, 'and my name is wonderful among the heathen'" (XIV).

# 11. SKEMI TA' OMELIJI GĦALL-ĦDUD TAL-AVVENT (SENA A)

Mons. Carmelo Mercieca

Nota:
Għall-Ħdud tal-Avvent qed jiġu proposti erba' skemi ta' omelija It-temi huma marbutin mal-qari tal-Vanġeli tal-Ħdud tal-Avvent.

**1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**
Vanġelu: Mt 24:37-44
Tema omelitika: L-Aspett Eskatoloġiku tal-Quddiesa.

**2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent**
Vanġelu: Mt 3:1-12
Tema omelitika: Il-Quddiesa hi s-sagrifiċċju ta' Kristu għall-maħfra tad-dnubiet.

**3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent**
Vanġelu: Mt 11:2-11
Tema omelitika: Il-Quddiesa tagħmel preżenti lil Kristu fil-Kelma u fl-Ewkaristija.

**4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**
Vanġelu: Mt 1:18-24
Tema omelitika: Il-quddiesa tal-Ħadd hi sinjal tal-preżenza ta' Alla fost il-Poplu tiegħu.

Dan il-materjal jista' jintuża bħala sussidju fil-katekeżi tal-adulti.

# 1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

**L-EWKARISTIJA TFAKKARNA FIT-TIENI MIĠJA TAL-MULEJ ĠESÙ**

Vanġelu: Mt 24:37-44
Keyword: Ishru

## 1.1. Introduzzjoni

Żmien l-Avvent huwa żmien li fih nistennew il-miġja tal-Mulej. Issa l-Mulej għandu żewġ miġjiet:

a) L-ewwel miġja tiegħu seħħet fil-Milied: dan ser niċċelebrawh erba' ġimgħat oħra. Kristu ġie!
b) Imma Kristu għandu wkoll it-tieni miġja tiegħu: kif ngħidu fil-Kredu, "Hu għandu jerġa' jiġi fil-glorja". Kristu ġej!

## 1.2. Għar-riflessjoni

Aħna qed ngħixu bejn żewġ miġjiet. Tliet punti għar-riflessjoni:

a) l-Ewkaristija tħabbrilna t-tieni miġja tal-Mulej;
b) l-Ewkaristija hi forza li tmexxina lejn il-ħajja ta' dejjem;
c) l-Ewkaristija hija r-rahan tal-ħajja ta' dejjem.

## 1.3. L-Ewkaristija tħabbrilna l-ħajja ta' dejjem

a) Barra li l-Ewkaristija hija memorjal (tifkira), preżenza u sagrifiċċju,

b) hija wkoll **tħabbira tas-Saltna tal-Mulej li għad trid tiġi fil-milja tagħha**. Fil-lingwa Ingliża, wara l-Konsagrazzjoni nkantaw din l-akklamazzjoni: *"Christ has come. Christ is risen.* ***Christ will come again****"*. Bil-Malti f'din l-akklamazzjoni ta' wara l-Konsagrazzjoni bl-istess mod nitfgħu ħarsitna lejn il-futur: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej; inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek; **nistennewk sa ma tiġi fiil-glorja**".

c) Il-Quddiesa ddawrilna l-attenzjoni lejn it-tieni miġja: hekk wara l-*Missierna* s-saċerdot jgħid: "…aħna u **nistennew u nittamaw il-hena u l-miġja** tas-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu".

## 1.4. L-Ewkaristija hija forza li tmexxina lejn l-iskop u tgħinna ntiegħmu minn qabel il-milja tal-ferħ imwiegħed minn Kristu (Ġwanni Pawlu II, *Ecclesia de Eucharistia*, 18)

a) Forza li tagħtina enerġija spiritwali, twettaqna (issaħħaħna) fil-mixja tagħna f'din id-dinja. Għalhekk l-Ostja Mqaddsa hi l-ikel tal-qalbenin. Kif il-manna fid-deżert tat is-saħħa lill-poplu Lhudi, hekk l-Ewkaristija.

b) L-Ewkaristija tgħinna ntiegħmu u nduqu minn qabel il-milja tal-ferħ imwiegħed minn Kristu: "Il-ferħ tiegħi ikun fikom u l-ferħ tagħkom ikun sħiħ" (Ġw 15:11).

c) Ġwanni Pawlu II ikompli: "Dak li jiekol lil Kristu fl-Ewkaristija m'għandux għax joqgħod jistenna d-dinja l-ġdida sabiex jirċievi l-ħajja ta' dejjem. Din il-ħajja eterna jippossediha diġà minn din id-dinja stess" (*Ecclesia de Eucharistia*, 18).

d) **Sussidju**: **Il-Kardinal François-Xavier Nguyễn Văn Thuận** (1928-2002)

- **L-Ewkaristija tagħti l-qawwa u l-forza**

L-Arċisqof François-Xavier Nguyễn Văn Thuận (1928-2002), mill-Vjetnam, ġie arrestat mill-Gvern Komunista fl-1975. Dam disa' snin magħluq f'ċella waħdu, bla arja, bla dawl. Imma kellu x-xorti li kuljum jirċievi minn niesu flixkun żgħir b'tikketta "Mediċina għall-istonku". Filfatt kien inbid.

"Kont inqaddes kuljum fit-3.00pm, fl-art. Inqiegħed loqma ħobż f'id waħda u ftit inbid u qatra ilma fl-id l-oħra. Kont inqaddes bl-amment. Hekk Ġesù kien jagħtini l-forza u l-qawwa".

- **Adorazzjoni fil-ħabs**

Wara, bagħtuh erba' snin f'kamp tal-konċentrament f'sala ta' ħamsin priġunier. Jirrakkonta: "Fid-9.30pm *blackout*. Jien kont nitgħawweġ fis-sodda u fid-dlam niċċelebra l-Quddiesa. Sitta mill-priġunieri Kattoliċi kienu jassistu għall-Quddiesa. Wara l-Quddiesa kont naħbi l-ostji kkonsagrati taħt l-imħadda. X'meravilja! Kien hemm Ġesù f'nofsna biex idewwi u jfejjaq it-tbatija tagħna. Billejl il-priġunieri għamlu *roster* u bdew jagħmlu siegħa adorazzjoni kull wieħed, billejl flok ma jorqdu. L-għada waqt il-ħin liberu kont inqarbinhom bil-moħbi. Ġesù Ewkaristija b'mod tal-għaġeb kien qed jgħinna bil-preżenza siekta tiegħu. Hekk fid-dalma tal-ħabs Kristu kien qed jixħet fuqna raġġ ta' dawl qawwi ta' tama" (mill-ktieb tiegħu *Cinque Pani e due Pesci*).

### 1.5. L-Ewkaristija hija r-rahan tal-ħajja ta' dejjem

a) Il-Knisja għandha talba antika li biha ssellem lill-Ewkaristija: "O Mejda mqaddsa, li fiha Kristu jittieħed bħala ikel, issir it-tifkira tal-Passjoni tiegħu, ir-ruħ timtela bil-grazzja, u lilna jingħatalna r-rahan tal-ħajja ta' dejjem".

b) Xi jfisser "rahan"? Rahan ifisser pleġġ, garanzija, ċertezza. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika *Ecclesia de Eucharistia* (nru 18) jgħid hekk: "Filfatt fl-Ewkaristija aħna nirċievu l-garanzija tal-qawmien tal-ġisem fl-aħħar tad-dinja".

c) Din il-ħaġa ma vvintahiex il-Papa minn żniedu. Kien Kristu nnifsu li qalha: "Min jiekol Ġismi u jixrob Demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum" (Ġw 6:54).

d) Il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħid ukoll li permezz tal-Ewkaristija aħna nduqu **"is-sigriet tal-qawmien"**. Il-Papa jikkwota x'qal Sant'Injazju ta' Antjokja meta ddefinixxa l-Ħobż Ewkaristiku "duwa tal-immortalità" u "rimedju kontra l-mewt": Adam tana ż-żerriegħa tal-mewt; Kristu, it-tieni Adam, tana ż-żerriegħa u s-sigriet tal-ħajja ta' dejjem.

e) **Mistoqsija:** Kieku kien hawn tabib li kapaċi jagħtik mediċina biex ma tmutx, int ma tmurx għandu biex teħodha? Issa Kristu, it-tabib divin, tana din il-**mediċina biex ma mmutux**: "Dan huwa l-ħobż li niżel mis-Sema; mhuwiex bħal dak li kielu missirijietkom u mietu. Min jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem" (Ġw 6:58).

### 1.6. Konklużjoni

a) L-Avvent huwa żmien ta' "stennija attiva" għall-miġja tal-Mulej. San Pawl jagħmlilna tliet twissijiet:
   - inqumu min-ngħas: naħdmu għas-salvazzjoni tagħna;
   - inwarrbu mela l-għemil tad-dlam (l-għemil ħażin, id-dnub) u nilbsu l-armi tad-dawl (inwettqu għemejjel tajba);

- ngħixu kif jixraq: "Nilbsu lil Sidna Ġesù Kristu" ifisser li nixbhu lil Sidna Ġesù Kristu.

b) Talba: "Fl-Ewkaristija, Kristu għamel lilu nnifsu mediċina tal-immortalità. Nitolbuh, għalhekk, jagħtina t-tama ta' ħajja sħiħa li tgħinna b'fiduċja u ferħ fil-pellegrinaġġ tagħna fuq l-art, b'ħarsitna fuq il-ħajja bla tmiem" (Ġwanni Pawlu II).

c) Sussidju:
- **L-Arċisqof Fulton J. Sheen:** "M'iniex ngħid li l-ħajja ma nħobbhiex. Iżda rrid ngħid li issa nixtieq lil Alla. Jien qattajt sigħat sħaħ quddiemu fit-tabernaklu [kien jagħmel siegħa adorazzjoni kuljum]. Kellimtu lill-Mulej bosta drabi fit-talb. U ppridkajt fuqu. Issa nixtieq narah wiċċ imb'wiċċ" (Awtobijografija *Treasur in Clay*, p. 354).
- **Il-Beatu Kardinal John Henry Newman:** "Mulej tiegħi, tgħid għad narak? Żgur li ma jkunx hemm dehra isbaħ minnek. O kemm nixtieq narak, int li int l-għajn ta' kull grazzja. Mulej, jien ġej għandek, jien maħluq permezz tiegħek. Agħmel, Mulej, li sa fl-aħħar nirritorna għandek u nitgħaxxaq bik għal dejjem".

## 2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent

### IL-QUDDIESA HI S-SAGRIFIĊĊJU GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET

Vanġelu: Mt 3:1-12
Keyword: Indmu

### 2.1. Introduzzjoni

a) L-appell tal-liturġija tat-tieni Ħadd tal-Avvent huwa "Indmu". Quddiem il-preżenza ta' Kristu li ġej hemm bżonn "indiema ta' dnubietna u konverżjoni".

b) Twissija tal-Papa Benedittu XVI.
- Fl-Eżortazzjoni Appostolika *Sacramentum Caritatis* il-Papa wissiena li aħna ninsabu mdawrin b'kultura li tiċħad u tnessi li jeżisti d-dnub.
- Għalhekk ifakkarna li hemm rabta intima bejn il-Qrar u t-Tqarbin.

### 2.2. Għar-riflessjoni

Tliet punti għar-riflessjoni:
a) il-Quddiesa hi s-sagrifiċċju għall-maħfra tad-dnubiet;
b) l-Ewkaristija ssaffina mid-dnubiet tal-imgħoddi, mhux mid-dnubiet mejta iżda venjali;
c) l-Ewkaristija tħarisna mid-dnubiet tal-ġejjieni.

### 2.3. Il-Quddiesa hi s-sagrifiċċju għall-maħfra tad-dnubiet

a) X'ifisser sagrifiċċju?
- Fl-istorja tad-dinja nsibu li l-bnedmin, anki l-pagani, kienu joffru s-sagrifiċċju. Kif? Billi joqtlu annimal, ngħidu aħna ħaruf. L-annimal kien ikun il-vittma. Bit-tixrid tad-demm tal-annimal kienu jpattu għad-dnubiet tagħhom.

b) X'hemm bżonn għas-sagrifiċċju?
- Saċerdot li joffri u vittma (annimal li jiġi maqtul) li tiġi offruta.

c) Liema kien l-aqwa sagrifiċċju?
- Kien is-sagrifiċċju tal-Kalvarju. Dakinhar Kristu, is-Saċerdot il-Kbir, offra lilu nnifsu bħala l-Vittma lil Alla l-Missier. Għalhekk Kristu hu l-"Ħaruf Divin" li "jneħħi d-dnubiet tad-dinja".

d) Is-sagrifiċċju tal-Kalvarju u s-sagrifiċċju tal-altar huma l-istess?
- L-Ewkaristija tagħmel preżenti s-Sagrifiċċju tas-Salib (KKK 1366).
- Is-Sagrifiċċju ta' Kristu (fuq is-Salib) u s-Sagrifiċċju tal-Ewkaristija (fuq l-altar) huwa sagrifiċċju wieħed, għaliex fit-tnejn l-istess wieħed hu s-saċerdot u l-vittma (Kristu) (KKK 1367).
- Il-mod kif issir l-offerta mhux l-istess. Għax fuq il-Kalvarju Kristu offra lilu nnifsu bit-tixrid tad-demm, waqt li fuq l-altar isir mingħajr tixrid ta' demm (KKK 1367).

e) Liema huma l-iskopijiet li għalihom isir is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa?
- Erbgħa huma l-iskopijiet: biex naduraw lil Alla, biex nirringrazzjawh, biex inpattulu għad-dnubiet; biex nitolbuh il-grazzji li neħtieġu.

f) Is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa jsir bi tpattija għad-dnubiet tad-dinja?
- San Ġwann l-Evanġelista fl-Ewwel Ittra tiegħu jgħid: "U hu [Kristu] iħallas għal dnubietna, mhux għal tagħna biss iżda wkoll għal dawk tad-dinja kollha" (1 Ġw 2:2).

- Dan jidher ċar ukoll mill-kliem tal-Konsagrazzjoni: "Id-Demm li jixxerred għalikom u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet".

### 2.4. L-Ewkaristija ssaffina mid-dnubiet tal-imgħoddi

a) Il-KKK: "L-Ewkaristija ma taħfirx id-dnubiet mejta. Dawn jinħafru bis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (Qrar)" (nru 1395).

b) Il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika *Ecclesia de Eucharistia* jgħid: "L-Ewkaristija u l-Qrar huma żewġ sagramenti marbutin strettament flimkien… Billi l-Ewkaristija tagħmel preżenti s-Sagrifiċċju tas-Salib u tkomplih sagramentalment, dan ifisser li mill-Ewkaristija toħroġ il-ħtieġa kontinwa għall-konverżjoni… Jekk imbagħad in-Nisrani għandu fuq il-kuxjenza tiegħu l-piż ta' xi dnub gravi, allura jsir obbligatorju li wieħed jersaq għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni biex jieħu sehem sħiħ fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku" (nru 37).

c) Il-KKK: "Huwa propju tal-Ewkaristija li tkun is-sagrament ta' dawk li huma f'għaqda sħiħa ma' Kristu" (nru 1395).

d) Għalhekk San Pawl iwissi lill-Korintin biex qabel ma jersqu lejn it-Tqarbin ikollhom id-dispożizzjoni meħtieġa, jiġifieri li jkunu fil-grazzja ta' Alla. Inkella jkunu qed jieklu l-kundanna tagħhom. Żewġ twissijiet attwali:
   - "Mela kulmin jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej".
   - "Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob l-inbid".

e) Il-Papa Benedittu XVI fl-Eżortazzjoni Appostolika *Sacramentum Caritatis* jitkellem ċar u tond dwar il-ħtieġa "li wieħed ikun fil-grazzja ta' Alla biex ikun jista' jersaq għat-tqarbin".

f) L-Ewkaristija ssaffina mid-dnubiet venjali:
   - KKK 1393: "L-Ewkaristija ma tistax tgħaqqadna ma' Kristu jekk ma ssaffiniex fl-istess waqt minn dnubietna tal-imgħoddi".
   - KKK 1394: "L-Ewkaristija ssaħħaħ fina l-imħabba… U din l-imħabba ħajja tneħħi d-dnubiet venjali".

g) Xhieda:
   - **Sant'Ambroġ:** "Aħna u nħabbru l-mewt tal-Mulej, inħabbru l-maħfra tad-dnubiet… Jekk kuldarba li Demmu jixxerred għall-maħfra tad-dnubiet, jien imissni nirċevih dejjem biex dejjem jaħfirli dnubieti… Jien li nidneb [venjalment] kuljum, għandu jkolli dejjem din id-duwa [il-mediċina li hi l-Ewkaristija].
   - **Sant'Efrem:** "Kulmin jiekol minn dan il-Ħobż imqaddes, jekk ikun safi jiġi mħares biex jibqa' safi, u jekk ikun midneb jiġi maħfur [mid-dnubiet venjali]".
   - **Il-Kardinal Newman:** "Il-Knisja Kattolika għandha biex tiftaħar għax għandha d-don li żżomm il-qalb żagħżugħa kasta u safja… Dan għaliex hi tagħtina lil Kristu bħala ikel, u lill-Verġni Mbierka bħala Omm li tindukrana".
   - **Il-Papa Piju X** (fid-Digriet tal-20 ta' Diċembru 1905 dwar it-tqarbin ta' spiss): "Ix-xewqa ta' Ġesù Kristu u tal-Knisja li l-fidili jersqu kuljum lejn l-Ikla mqaddsa għandha dan l-iskop: li l-fidili, permezz ta' dan is-sagrament, jiksbu l-qawwa biex jirreżistu l-passjonijiet tal-ġisem; biex jissaffew mit-tbajja' tad-difetti tagħhom ta' kuljum" (ara Lawrence G. Lovasik, *The Eucharist in Catholic Life*).

## 2.5. L-Ewkaristija tħarisna mid-dnubiet tal-ġejjieni

a) KKK 1395: "L-Ewkaristija tħarisna mid-dnubiet mejta tal-ġejjieni… Aktar ma nissieħbu fil-ħajja ta' Kristu, aktar insiru ħbieb tiegħu u aktar isir diffiċli għalina li niksruha miegħu bid-dnub il-mejjet".

b) Xhieda:

Din ix-xhieda kollha turi ħaġa waħda: kif l-ikel tal-ġisem jagħti s-saħħa li tkun naqset, hekk l-Ewkaristija hija l-aqwa rimedju kontra l-mard spiritwali ta' kuljum.

- **Il-Papa Piju XII:** "Hija l-Ewkaristija li tnaqqas il-qawwa tal-passjonijiet; iżżid in-nar tal-imħabba; tiddistakka (toftom) lill-bniedem mill-ħwejjeġ baxxi; u terfa' lill-bniedem lejn il-ħwejjeġ tas-Sema".
- **San Tumas:** "Dan is-sagrament iżid il-karità fir-ruħ, bħala konsegwenza jberred il-ġibdiet tal-ġisem. Il-karità (l-imħabba lejn Alla) issaħħaħ il-qalb tal-bniedem fil-virtù u b'hekk jiġi mħares id-dnub".
- **Santu Wistin:** "Aktar ma tikber l-imħabba ta' Alla fir-ruħ, aktar tonqos il-ġibda għad-dnub".
- **San Ċirillu ta' Lixandra:** "Meta Ġesù Kristu jinsab fina, irażżan u jikkalma l-ġibdiet ħżiena tal-ġisem. Kristu jsaħħaħ fina l-qdusija u jitfi l-passjonijiet tagħna".
- **San Injazju ta' Loyola:** "Wieħed mill-effetti tal-għaġeb tat-Tqarbin huwa dan: huwa jħares lill-bnedmin biex ma jaqgħux fid-dnub u jgħin lil dawk li waqgħu minħabba d-dgħufija biex jerġgħu jqumu mill-ġdid" (ara Lawrence G. Lovasik, *The Eucharist in Catholic Life*).

## 3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent

**IL-QUDDIESA TAGĦMEL PREŻENTI LIL KRISTU**
**FIL-KELMA U FL-EWKARISTIJA**

Vanġelu: Mt 11:2-11
Keyword: Messija

### 3.1. Introduzzjoni

L-Avvent huwa żmien li fih nagħrfu aħjar il-preżenza tal-Messija li ġie u qiegħed fostna.

a) Il-Profeta Isaija jħabbar: "*Hawn hu* Alla tagħkom. Hu ġie biex isalvakom".

b) Bħal San Ġwann Battista, aħna d-dixxipli msejħin biex illum nagħrfu l-preżenza tal-Messija Ġesù minn dak li "naraw u nisimgħu". Il-preżenza ta' Ġesù tidher fis-sinjali li tagħtina ċ-ċelebrazzjoni liturġika.

c) Il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija *Sacrosanctum Concilium* fin-numru 7 titkellem dwar il-preżenza ta' Kristu fil-Liturġija, u tgħidilna li Kristu huwa preżenti dejjem mal-Knisja tiegħu, imma fuq kollox fil-Liturġija. Kristu huwa preżenti:
   a. fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa,
   b. fis-sagramenti,
   c. fil-Kelma tiegħu li tixxandar fil-Kotba Mqaddsa,
   d. meta l-Knisja titlob bis-Salmi.

Illum ser nirriflettu dwar kif:
   i. il-Quddiesa tagħmel preżenti lil Kristu bil-Kelma u bl-Ewkaristija,
   ii. Kristu huwa preżenti fl-Ewkaristija anki barra mill-Quddiesa.

### 3.2. Kristu preżenti fil-Kelma tiegħu

a) L-ewwel parti tal-Quddiesa hija l-Liturġija tal-Kelma. Fil-Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium*, 7, il-Konċilju jgħidilna: "Ikun Kristu nnifsu li jitkellem meta fil-Knisja jinqraw il-Kotba Mqaddsa".
   - Għalhekk wara l-qari tal-Vanġelu, wara li s-saċerdot jgħid "Il-Kelma tal-Mulej", il-ġemgħa twieġeb "It-tifħir lilek, Kristu".
   - Fix-xandir tal-Kelma ta' Alla hemm preżenti u jaħdem Kristu, it-Tieni Persuna tat-Trinità, il-Verb, jiġifieri l-Kelma ta' Alla *in persona*.
   - Napprezzaw il-Kelma ta' Alla, kif jgħidilna San Pawl: "L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla u tiswa ħafna biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett imħejji għal kull ħidma tajba" (2 Tim 3:16-17).

b) Sussidju:
   - **Mons. Vincenzo Paglia:**
      a. "Fil-qari tal-Iskrittura huwa Alla stess li jkellimna. Hu biss għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem. Hu l-aqwa espert dwar dawk il-ħwejjeġ li jolqtuna lilna l-bnedmin. Hu jaf aktar minna l-problemi tagħna. Għalhekk, waqt il-qari tal-Iskrittura noqogħdu bilqiegħda u bil-kalma kollha noqogħdu nisimgħuh".
      b. "Il-Bibbja hi importanti daqskemm hi importanti l-Ewkaristija" (Ittra Pastorali *Domenica è festa*).

- **Ċesarju ta' Arles jgħid:**
    a. "Kif noqogħdu attenti waqt li jitqassam il-Ġisem ta' Kristu, biex l-ebda frak ma jaqa' fl-art, hekk ukoll irridu noqogħdu attenti biex ma nħallu l-ebda Kelma ta' Alla tintilef billi nkunu mifxulin, inparlaw jew naħsbu f'xi ħaġa oħra".
    b. "Min jisma' l-Kelma ta' Alla bi traskuraġni mhux anqas ħati minn dak li b'negliġenza jħalli l-Ġisem ta' Kristu jaqa' fl-art".

### 3.3. Kristu preżenti fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa

a) Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna:
- "Fil-Konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid, is-sustanza tal-ħobż tinbidel fis-sustanza tal-Ġisem ta' Kristu, u s-sustanza tal-inbid tinbidel fis-sustanza tad-Demm ta' Kristu" (nru 1376).
- Il-preżenza ta' Kristu tibda mill-mument tal-Konsagrazzjoni u tibqa' sakemm jibqgħu l-ispeċi Ewkaristiċi. Kristu hu preżenti taħt kull speċi kollu kemm hu.

b) L-Isqof Vincenzo Paglia jgħid:
- "Ir-rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija jirrepeti l-kliem u l-ġesti ta' Ġesù. U dak li jingħad iseħħ f'dak il-ħin stess. Anki hawn jista' jingħad dak li Kristu qal fis-sinagoga ta' Nazareth: 'Din il-kitba seħħet *illum* intom u tisimgħu' (Lq 4:21)".
- "*Illum* fuq l-altar qed jiġi offrut l-istess sagrifiċċju li Kristu ċċelebra fl-Aħħar Ċena, meta offra Ġismu u Demmu taħt ix-xbihat tal-ħobż u tal-inbid u tah lill-Appostli".
- "Meta s-saċerdot jieħu l-ħobż, jerfa' għajnejh lejn is-Sema u jlissen l-istess kliem tal-Aħħar Ċena – 'Dan hu Ġismi, dan hu Demmi' – dak il-ħin huwa Ġesù stess li qed jagħmel dan permezz tas-saċerdot" (Ittra Pastorali *Domenica è festa*).

c) Sant'Ambroġ:
- "Il-ħobż hu sempliċement ħobż qabel il-kliem tal-Konsagrazzjoni. Iżda fil-Konsagrazzjoni l-ħobż isir il-Ġisem ta' Kristu… Meta jiġi l-mument tal-Konsagrazzjoni s-saċerdot ma jużax il-kliem personali tiegħu, iżda jlissen il-kliem ta' Kristu. Għalhekk huwa l-kliem ta' Kristu li jagħmel is-sagrament.
- L-istess, *qabel* ma jingħad kliem Kristu, il-kalċi hu mimli nbid u ilma. *Wara* jsir id-Demm ta' Kristu li jifdi lill-bnedmin.

### 3.4. Kristu preżenti fl-Ewkaristija barra mill-Quddiesa

a) Il-Knisja tagħti l-kult tal-adorazzjoni lill-Ewkaristija mhux biss waqt il-Quddiesa iżda wkoll barra miċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Kif?
- tħares b'għożża kbira l-ostji kkonsagrati;
- meta toħroġ purċissjoni bl-Ewkaristija;
- meta tikkonservahom f'post l-aktar xieraq: fit-Tabernaklu tal-knisja.

b) Ġwanni Pawlu II (*Mane nobiscum Domine*, n. 7):
- Kristu wegħidna: "Jiena magħkom dejjem" (Mt 28:20). Taħt l-ispeċi Ewkaristiċi hemm realment preżenti Kristu.
- Preżenza reali: Kristu jagħmel lilu nnifsu sostanzjalment preżenti fir-realtà tal-Ġisem u d-Demm tiegħu.
- Il-fidi titlob li meta aħna quddiem l-Ewkaristija nemmnu li ninsabu quddiem Kristu nnifsu. "L-Ewkaristija hija l-misteru tal-preżenza. Permezz tagħha, Kristu jwettaq il-wegħda li għamlilna li jibqa' magħna sa tmiem id-dinja".
- L-**adorazzjoni Ewkaristika** hi kontinwazzjoni tal-Quddiesa: "Wara l-Quddiesa, il-preżenza ta' Kristu tissokta taħt l-ispeċi qaddisa li jiġu kkonservati wara l-Quddiesa".

c) Il-Papa Ġwanni Pawlu II jistedinna:
- "Kif nistgħu ma nħossux il-ħtieġa li nieqfu fit-tul f'konverżazzjoni spiritwali u f'adorazzjoni siekta quddiem Kristu preżenti fis-Santissmu Sagrament? Dak Kristu li fil-Galilija kien jipprietka, kien iterraq, kien jitma' u kien ifejjaq, huwa l-istess Kristu li għandna hawn fil-knisja".
- "Kemm drabi kont għamilt din l-esperjenza u ksibt qawwa, konsolazzjoni u għajnuna!".
- "L-Ewkaristija hija teżor li ma jistax jitkejjel. Mela mhux biss niċċelebrawh imma wkoll nieqfu nitolbu quddiem l-Ewkarsitija barra mill-Quddiesa. Hekk aħna nistgħu nersqu qrib l-għajn ta' kull grazzja".

d) Ġwanni Pawlu II (*Dominicæ cœnæ*):
- "Ġesù jistenniena f'dan is-Sagrament tal-Imħabba. Ma niċħdulux din iż-żjara. Immorru niltaqgħu miegħu fl-adorazzjoni u l-kontemplazzjoni mimlijin fidi u lesti li npattu għall-ħtijiet kbar u delitti fid-dinja. Jalla ma tiġi nieqsa qatt l-adorazzjoni tagħna".

e) San Alfons dwar l-adorazzjoni:
- "Fost il-ħafna devozzjonijiet, dik li naduraw lil Ġesù Sagramentat hija l-ewwel waħda wara s-sagramenti; l-aktar għażiża għal Alla; l-iżjed utli għalina".

## 4. Ir-Raba’ Ħadd tal-Avvent

### IL-QUDDIESA TAL-ĦADD HI SINJAL TAL-PREŻENZA TA’ ALLA FOST IL-POPLU TIEGĦU

Vanġelu: Mt 1:18-24.
Keyword: Isemmuh Għimmanu-El

### 4.1. Introduzzjoni

Il-profeta Isaija kien ħabbar li “xebba ser tnissel u jkollha Iben u jsemmuh Għimmanu-El, li bi lsienna jfisser ‘Alla magħna’”.

Din il-profezija seħħet bit-twelid tal-Messija. Tassew li Ġesù hu Alla magħna, Alla li qiegħed fostna, Alla għalina.

Fl-Ewkaristija “għandna lil **Alla magħna** u f’nofsna” (Kardinal Josef Ratzinger, *Il Dio vicino. L’Eucaristia cuore della vita cristiana*).

Illum ser nirriflettu fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Jum tal-Ħadd:
- x’ifisser il-Jum tal-Ħadd,
- l-obbligu tal-quddiesa nhar ta’ Ħadd,
- il-Quddiesa tal-Ħadd aktar minn obbligu hi bżonn.

### 4.2. X’ifisser Jum il-Ħadd?

a) It-tielet Kmandament tad-Dekalogu jfakkar il-qdusija tas-Sibt: “Is-seba’ jum hu s-Sibt tal-mistrieħ, jum qaddis għall-Mulej” (Eż 31:15).

b) “Il-ħarsien ta’ ‘Jum il-Mulej’ huwa rigal prezzjuż li Alla għamel lill-poplu tiegħu: ‘Dan hu l-Jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih’ (Salm 117:24)” (Nota tal-Konferenza Episkopali Taljana, *Il giorno del Signore*).

c) Għaliex Jum il-Mulej hu l-Ħadd?
- Il-Ħadd ħa post is-Sibt tal-Lhud għax, kif jgħid il-Papa Ljun il-Kbir, “dak kollu li Alla għamel kbir u qaddis għamlu nhar il-Ħadd: il-bidu tal-ħolqien, il-qawmien ta’ Kristu mill-mewt, u l-inżul tal-Ispirtu s-Santu seħħew fil-Jum tal-Ħadd. Għalhekk ma hemm ebda jum aktar qaddis għan-Nisrani mill-Jum tal-Ħadd” (CEI, *Il giorno del Signore*; Ġwanni Pawlu II, *Dies Domini*, 19-30).

d) Is-Santi Padri jinsistu li l-Ħadd hu jum speċjali għax hu t-tifkira tal-Għid:
- “jum il-Qawmien tal-Mulej” (Tertulljanu),
- “jum il-Qawmien ta’ Kristu u jum il-qawmien tagħna” (Ewsebju ta’ Ċesarija).

e) Għaliex il-Knisja minn dejjem ħarset il-Jum tal-Ħadd?
- Jum il-Ħadd il-Knisja rċevietu u mhux ivvintatu. Hi tħares Jum il-Mulej bħala sinjal tal-fedeltà tagħna lejn Alla. Kull nhar ta’ Ħadd il-Mulej isejħilna, jistedinna, ilaqqagħna.
- Jum il-Mulej isir il-jum għall-Mulej fil-ferħ, fil-kant. Għalhekk hu jum ta’ festa, li ngħadduh fil-ferħ, fil-kant, fil-mistrieħ, fl-ikla fraterna (CEI, *Il giorno del Signore*; *Sacrosanctum Concilium*, 106).

### 4.3. L-obbligu tal-Quddiesa tal-Ħadd

a) Minn fejn ġejja din id-drawwa li l-Insara jiċċelebraw l-Ewkaristija fil-jum tal-Ħadd?
- KKK 2177: "Iċ-ċelebrazzjoni kull nhar ta' Ħadd u tal-Ewkaristija tal-Mulej hi l-qalba tal-ħajja tal-Insara" (*Dies Domini*, 31-36).
- KKK 2178: "Din id-drawwa ġejja minn żmien l-Appostli. 'Id-dixxipli kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli, fl-għaqda bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb' (Atti 2:42)".

b) Hemm obbligu tas-smigħ tal-Quddies nhar ta' Ħadd?
- Iva. Il-Preċett tal-Knisja jgħidilna b'mod preċiż kif inħarsu u nqaddsu l-Ħadd. Il-Liġi tal-Knisja tgħid: "Fil-Ħdud u l-ġranet l-oħra kkmandati, l-Insara għandhom jissieħbu fil-Quddiesa" (Kan. 1247).
- KKK 2181: "Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija f'jum il-Ħadd hi l-pedament u t-twettiq tal-ħajja Nisranija kollha… Dawk li jonqsu minn dan id-dmir għax iridu, jagħmlu dnub gravi".

c) Alla mhux kullimkien jinsab? Mela xi ħtieġa hemm li tmur tfittxu fil-knisja?
- "Min jistaqsini għala nhar ta' Ħadd trid tmur il-Knisja ngħidlu tweġiba sempliċi: Biex tiltaqa' ma' Kristu Rxoxt. U din il-laqgħa hi deċiżiva għall-ħajja. Aqra l-vanġelu ta' San Luqa, kap. 24: il-laqgħa ta' Ġesù mad-dixxipli ta' Għemmaws f'Ħadd il-Għid. Kull Quddiesa tirrepeti l-ġrajja ta' Għemmaws. Jekk irridu niltaqgħu ma' Kristu Rxoxt, l-uniku mezz huwa l-Quddiesa" (Mons. Isqof Vincenzo Paglia, *Domenica è festa*).

d) Ma nistax nassisti għall-Quddiesa waħdi, bir-radju jew televiżjoni?
- "Il-Quddiesa bir-radju jew TV qatt ma tissodisfa l-preċett għax irid ikun hemm il-preżenza fiżika u s-sehem personali u dirett mal-ġemgħa tal-fidili" (CEI, *Il giorno del Signore*).
- "Permezz tal-Quddiesa aħna nagħtu xhieda tal-identità tagħna ta' Nsara. U permezz tal-Quddiesa din l-identità Nisranija nsaħħuha" (KKK 2182).

e) Ma nistgħux ngħaddu mingħajr il-Quddiesa tal-Ħadd?
- **Ġwanni Pawlu II:** "Kristu tana kmand: 'Agħmlu dan b'tifkira tiegħi'. Għal din ir-raġuni niltaqgħu flimkien kull nhar ta' Ħadd f'isem il-Mulej, biex nitmantnew fil-Mejda tal-Kelma tiegħu u tal-Ħobż tal-Ħajja. Din hija ubbidjenza lejn ix-xewqa ta' Kristu, awl il-lejl qabel ma bata. Ma nistgħux insejħu lilna nfusna Nsara u mbagħad nittraskuraw il-kmand ta' Kristu 'Agħmlu dan b'tifkira tiegħi'" (*Angelus*, 5 ta' Ġunju 1983).
- **Benedittu XVI:** Il-Papa semma' l-martirju ta' 49 Nisrani fi żmien Djoklezjanu f'Abitene (raħal żgħir fit-Tuneżija tal-lum), għaliex iltaqgħu l-Ħadd biex jiċċelebraw l-Ewkaristija. Xħin il-Prokonslu ta' Djoklezjanu staqsa lil wieħed minnhom għala kisru l-kmand tal-Imperatur u ltaqgħu l-Ħadd għall-Ewkaristija, in-Nisrani wieġeb: "Mingħajr [ma niltaqgħu] il-Ħadd [għall-Ewkaristija] ma nistgħux ngħixu". Din il-ġrajja, li seħħet fis-sena 304, tgħodd għas-seklu 21 (Kungress Ewkaristiku f'Bari, 29 ta' Mejju 2005).

### 4.4. Għaliex il-Quddiesa tal-Ħadd hi bżonn għal kull Nisrani?

a) **L-Isqfijiet Taljani:** "Mhux Alla li għandu bżonna iżda aħna li għandna bżonnu. Meta nissieħbu fl-Ewkaristija mhux aħna qed nagħmlu pjaċir lil Alla iżda hu Alla li qed jagħmel pjaċir lilna, għax qed joffrilna l-Kelma tiegħu u lil Ibnu stess li jsir ikel u xorb tagħna biex idawwal u jfarraġ il-mixja tagħna f'din il-ħajja" (CEI, *Il giorno del Signore*).

b) **Benedittu XVI:** "Il-preċett tal-Ħadd mhuwiex sempliċiment dmir impost minn barra. In-Nisrani għandu bżonn li jieħu sehem fil-Quddiesa tal-Ħadd u jiekol il-ħobż Ewkaristiku. Hekk huwa jsib l-enerġija u l-qawwa meħtieġa għall-mixja li jrid jagħmel fil-ħajja" (Kungress Ewkaristiku f'Bari, 29 ta' Mejju 2005).

c) **L-Arċisqof Timothy Nolan ta' New York:** "Il-Kattoliku li jattendi l-Quddiesa tal-Ħadd jgħaddi ħajja aktar kuntenta, aktar qaddisa, aktar f'saħħitha. Poġġi l-Quddiesa fiċ-ċentru tal-jum tal-Ħadd. Il-Ħadd huwa l-qofol tal-ħajja tagħna. Il-jum tal-Ħadd iddedikat lill-Mulej jagħti tifsira u skop lill-ġimgħa kollha" (Ittra Pastorali *Keeping the Lord's Day holy*, 17 ta' Marzu 2010).

d) **Ġwanni Pawlu II:** "Nistieden lil kull wieħed u waħda biex niskopru mill-ġdid il-jum tal-Ħadd. La tibżgħux tagħtu l-ħin tagħkom lil Kristu. Iż-żmien mogħti lil Kristu hu żmien mirbuħ għax iservi biex itejjeb ir-relazzjonijiet umani tagħkom u jagħmel ħajjitkom aktar umana" (*Dies Domini*, 6).

### 4.5. Konklużjoni: ġrajja reċenti

Scott Hahn kien professur tat-Teoloġija u l-Eseġeżi Biblika. Kien membru tal-Knisja Presbiterjana fl-Amerika.

Qabel kien jaħseb li l-Ewkaristija hija biss simbolu u mhux il-preżenza reali ta' Kristu. Darba attenda b'rispett kbir għall-Quddiesa u baqa' msaħħar warajha. Ikkonverta u daħal fil-Knisja Kattolika, hu u martu Kimberley. Qara li darba l-Papa Ġwanni Pawlu II sejjaħ il-Quddiesa "il-Ġenna fl-art". Għalhekk kiteb ktieb dwar il-kobor u s-sbuħija tal-Quddiesa u semmieh *The Lamb's Supper: The Mass as in Heaven on earth* (Ed. *Double Day*, New York).

Fid-daħla tal-ktieb wera x-xewqa li mmorru għall-Quddiesa b'aktar entużjażmu: "Jeħtieġ li nħarsu lejn il-Quddiesa b'għajnejn ġodda, u nitolbu fil-Quddiesa b'qalb ġdida".

# IR-RABA' TAQSIMA: SUSSIDJI PASTORALI

## 12. NOVENA TAL-MILIED 2010

Dun Giovanni Curmi

**Tema:**

**"Daħlu d-dar u raw lit-tifel, u nxteħtu fl-art iqimuh"**
(ara Mt 2,11)

**Objettivi:**

- Biex nagħrfu aktar it-tifsira tal-Ewkaristija f'Jum il-Mulej.
- Biex nifhmu aktar iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

| | Tema | Messaġġ | Kelma ta' Alla | Sinjal | Ġest | Riferimenti Teoloġiċi u Kateketiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Akkoljenza | Alla jilqagħna fid-dar tiegħu. | Xi Maġi mil-Lvant ġew Ġerusalemm (Mt 2:1). | Id-dawl tal-kewkba. | Akkoljenza fil-bieb tal-knisja lil min se jieħu sehem fin-Novena: jingħata biljett-programm bi stedina għan-Novena kollha. | Normi Ġenerali tal-Missal Ruman (2003) 47-50; KKK 1348 |
| 2. | Stqarrija tal-ħtijiet u maħfra | Alla jħobbna u jaħfrilna. | Telqu lura lejn arthom minn triq oħra (Mt 2:12). | Silwett iswed tal-kastell ta' Erodi / Silwett ta' żewġ toroq f'direzzjoni differenti. | L-eżami tal-kuxjenza jsir fid-dlam. | NĠMR 51-52 |
| 3. | Xandir tal-Kelma | Alla jitkellem magħna. | Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej (Mt 1:22) / Hekk inkiteb mill-profeta (Mt 2:5). | Skroll kbir / Tiżjin tal-ambone. | L-Evanġelarju jinġarr fil-purċissjoni tal-bidu / Tberik tal-ġemgħa liturġika bl-Evanġelarju. | NĠMR 55-64; KKK 1349; Sacramentum Caritatis 45 |
| 4. | Offertorju | Alla jifraħ bid-doni ta' mħabbitna. | Fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb, inċens u mirra (Mt 2:11). | Deheb, inċens u mirra. | Mal-offerti jittellgħu għotjiet ta' karità li jingħataw lil xi istituzzjoni (il-ġemgħa tkun imħejjija minn qabel). | NĠMR 73-76; KKK 1350-1351; SC 47 |
| 5. | Konsagrazzjoni | Alla jurina l-ikbar imħabba fuq is-Salib. | Inxteħtu fl-art iqimuh (Mt 2:11). | Bambin fil-maxtura. | Jiġi mtawwal ftit il-ħin tal-adorazzjoni fis-skiet wara l-konsagrazzjoni ta' kull speċi. | NĠMR 79d,e; KKK 1353 (2)-1354.1362ss |

| | Tema | Messaġġ | Kelma ta' Alla | Sinjal | Ġest | Riferimenti Teoloġiċi u Kateketiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 6. | **Missierna u paċi** | Alla jsejħilna biex ngħixu ta' aħwa bħala l-familja waħda tiegħu. | Il-Maġi daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija (Mt 2:11). | Siġra taż-żebbuġ / Ħamiem abjad. | Waqt il-*Missierna* l-ġemgħa kollha żżomm l-idejn ta' xulxin. | NĠMR 81-82; KKK 2759ss |
| 7. | **Tqarbin** | Alla jsir ikel għalina. | Imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! (Lq 1:42) / U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? (Lq 1:43). | Għeneb u żbul / Ħobż u nbid. | Isir it-tqarbin tal-ġemgħa biż-żewġ speċi. | NĠMR 84-86; KKK 1355.1384ss; SC 50 |
| 8. | **Radd il-Ħajr** | Alla jistħoqqlu kull tifħir u radd il-ħajr. | Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kulma kienu raw u semgħu (Lq 2:20) / Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew (Mt 2:20). | Strumenti mużikali. | Jitkanta t-*Te Deum*. | NĠMR 88; KKK 1359-1361 |
| 9. | **Mandat** | Alla jixtieq li naqsmu l-imħabba tiegħu mal-oħrajn. | Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu billejl u telaq lejn l-Eġittu (Mt 2:14) / Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kulma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija (Lq 2:17). | Simboli tal-pellegrin: ħatar, ħorġa u arzella. | Il-ġemgħa tiġi mistiedna tieħu impenn li twettaq ġest ta' solidarjetà/karità fi żmien il-Milied. | NĠMR 90c; SC 51 |

# 13. SKEMA TA' NOVENA TAL-MILIED GĦAT-TFAL

Dun Anton Teuma – Kummissjoni Kateketika, Parroċċa Kerċem

**Tema:**

**"Daħlu d-dar u raw lit-tifel, u nxteħtu fl-art iqimuh"** (ara Mt 2:11)

**Għanijiet:**

- Biex nagħrfu aktar it-tifsira tal-Ewkaristija f'Jum il-Mulej.
- Biex nifhmu aktar iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

Skema fil-qosor:

## 1. L-Ewwel Jum

Tema: Akkoljenza.

Messaġġ: **Alla jilqagħna fid-dar tiegħu.**
- Il-Knisja hija d-dar tal-Missier.
- Meta aħna nitbiegħdu minn din id-dar inkunu qisna mitlufin.
- Alla jilqagħna fid-dar tiegħu permezz tal-ġenituri, il-kappillan, il-katekisti, in-nies tal-parroċċa li jilqgħuna fil-knisja, u sħabna t-tfal l-oħra.
- Alla jilqagħna permezz ta' dawk li jnaddfu l-knisja u permezz ta' dawk li jieħdu ħsieb jippreparaw għall-Quddiesa – is-sagristan, l-abbatini.
- Il-qniepen.
- Is-saċerdot jilqagħna bit-tislima tiegħu: *Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu Santu tkun magħkom lkoll*.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Djalogu qasir bejn it-tliet Maġi:
- il-kobor tal-ħolqien,
- is-sbuħija tas-sema u l-kwiekeb,
- kemm hu kbir il-Ħallieq,
- kemm iħobbna li laqagħna f'din id-dar sabiħa li għamlilna,
- is-sbuħija tal-kewkba li hija sinjal ta' xi ħaġa kbira li lesta Alla għalihom,
- ma jibżgħux jitilqu jimxu għax qegħdin fid-dar li lesta Alla; telqu wara l-kewkba.

Jista' jsir riferiment għall-ġrajja tal-ħolqien tad-dinja. Alla jlesti ġnien sabiħ biex fih ikun jista' jpoġġi l-bniedem. Jew riferiment ieħor għall-Eżodu: Alla li jħejji art sabiħa u mwiegħda, li tnixxi ħalib u għasel, biex fiha jpoġġi l-poplu magħżul tiegħu.

Sinjal: Id-dawl tal-kewkba.

Ġest: Sinjal ta' akkoljenza: merħba mit-tfal, biljett ta' stedina għan-Novena kollha.

## 2. It-Tieni Jum

Tema: Stqarrija tal-ħtijiet u maħfra

Messaġġ: **Alla jħobbna u jaħfrilna.**

Diversi drabi fil-Quddiesa aħna nitolbu maħfra lil Alla:
- Fil-bidu nett niġu mistiedna naħsbu dnubietna u nitolbu maħfra permezz ta' *Mulej, ħniena* jew *Nistqarr 'l Alla*.

- Nerġgħu nitolbu maħfra lil Alla fit-talba tal-*Missierna*.
- Fil-*Ħaruf ta' Alla*.
- Ukoll meta ngħidu: *Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid Kelma waħda u ruħi tkun imfejqa*.

Alla hu Missier ħanin li jaħfrilna kull darba li aħna nitolbuh maħfra bis-serjetà.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Il-Maġi jitilfu d-dawl tal-kewkba u jidħlu fil-palazz ta' Erodi:
- Erodi kien bniedem egoista,
- supperv: ried jagħmel Ruma oħra minn Ġerusalemm,
- kien jisraq lill-oħrajn biex hu jkollu ħafna ġid,
- kien joqtol lil kulmin kien imerih, saħansitra lil uliedu stess.

Alla ried li l-Maġi jispiċċaw għandu biex hu wkoll jinduna li Alla jħobbu u li għalih ukoll kien twieled ħellies (riferiment għall-film *The Nativity Story*).

Sinjal: Silwett ta' kastell iswed.

Ġest: Eżami tal-kuxjenza jsir fid-dlam.

## 3. It-Tielet Jum

Tema: Xandir tal-Kelma.

Messaġġ: **Alla jitkellem magħna.**
Alla jitkellem magħna permezz tal-Kelma tiegħu, fl-ewwel qari, fis-salm, fit-tieni qari u fil-Vanġelu. Meta Alla jitkellem magħna, jitlobna nisimgħuh. Il-kelma "Vanġelu" tfisser Aħbar sabiħa, Aħbar ta' ferħ. Fil-Vanġelu nqumu bilwieqfa għax hija l-Kelma ta' Ġesù għalina, u aħna nixtiequ noqogħdu attenti tant li ma nitilfu xejn minnha. Qabel ma nisimgħu l-Kelma ta' Ġesù fil-Vanġelu, aħna nagħmlu sinjal tas-salib fuq moħħna, fuq fommna u fuq qalbna: fuq moħħna biex nuru x-xewqa tagħna li nisimgħu u nifhmu l-Kelma; fuq fommna biex nisktu u nitkellmu bil-Kelma li nisimgħu; fuq qalbna biex nuru x-xewqa tagħna li nħobbu l-Kelma li nisimgħu. Aħna nirringrazzjaw lil Alla li jkellimna billi ngħidu: *Irroddu ħajr lil Alla*. U wara l-Vanġelu nfaħħru lil Ġesù li jkellimna billi ngħidu: *It-tifħir lilek, Kristu*. Permezz tal-omelija, Ġesù jkompli jkellimna u jfissrilna dak li jkun qalilna fil-qari. Nagħmlu l-ħila kollha tagħna biex noqogħdu attenti u nisimgħu. Il-Mulej ikellimna permezz tal-ewwel qari, permezz tas-salm, permezz tat-tieni qari u l-Vanġelu. Aħna nirrispondu għal din il-Kelma permezz tal-vers tas-salm responsorjali.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Erodi jqabbad lill-għorrief tal-Iskrittura biex ifittxu jekk hemmx miktub fejn kellu jitwieled il-Messija. Huma fittxew u sabu li fil-ktieb ta' Mikea hemm miktub li kellu jitwieled f'Betlehem. Erodi, imbagħad, bagħat lill-Maġi f'Betlehem biex ifittxu lit-tarbija. Qalilhom biex, meta jsibuh, jerġgħu lura u jgħidulu fejn hu.

Sinjal: Skroll kbir.

Ġest: Wara x-xandir tal-Kelma, titqassam kopja tal-qari tal-ġurnata lil kulħadd. Fi ftit ħin ta' silenzju kulħadd jipprova jara liema sentenza jew kelma tolqtu l-aktar.

## 4. Ir-Raba' Jum

Tema: Offertorju.

Messaġġ: **Alla jifraħ bid-doni ta' mħabbitna.**

Fil-ħin tal-Offertorju aħna noffru xi ftit flus lis-saċerdot. Minn dawn il-flus jinxtraw il-ħobż u l-inbid li s-saċerdot juża fil-Quddiesa. Dawn imbagħad isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Uħud minna jagħmlu purċissjoni u jressqu f'isimna lkoll dawn id-doni lejn l-altar. Il-flus, il-ħobż u l-inbid jirraopreżentaw lilna lkoll: aħna nixtiequ noffru lilna nfusna lil Ġesù kif hu joffri lilu nnifsu lilna. Aħna noffru lil Ġesù l-ħajja kollha tagħna – il-ġenituri, l-aħwa, il-ħbieb, ix-xogħol, l-istudju, in-nuqqasijiet u l-iżbalji tagħna, il-ferħ, in-niket, id-diffikultajiet. Ħafna drabi dan kollu nkunu tlabnieh fit-talbiet tagħna lil Alla. Aħna nistgħu noffru wkoll ix-xejn tagħna.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Meta joħorġu mid-dar ta' Erodi, il-Maġi jieqfu jitkellmu bejniethom dwar ir-rigali li ġiebu biex jagħtuhom lis-sultan tal-Lhud li twieled: Melkjor ġab id-deheb, għax it-tarbija li twieldet hija s-Sultan tas-sema u tal-art. Gaspar ġab l-inċens, għax it-tarbija li twieldet hija Alla. Baltassar ġab il-mirra, għax it-tarbija li twieldet kellha tifdi lid-dinja permezz tal-mewt fuq is-salib.

Sinjal: Deheb, inċens u mirra.

Ġest: Matul l-Avvent it-tfal ikunu kitbu flimkien mal-katekista l-kwalitajiet pożittivi tagħhom, kif ukoll dak li jista' jtellifhom milli jħaddmuhom. Jingħalqu f'*envelopes* u jittellgħu waqt l-Offertorju. Kemm it-tfal u kemm l-adulti joffru oġġetti li l-aktar jirrappreżentawhom.

## 5. Il-Ħames Jum

Tema: Konsagrazzjoni.

Messaġġ: **Alla jurina l-ikbar imħabba fuq is-Salib.**

F'dan il-mument Ġesù jagħti lilu nnifsu fil-ġisem u fid-demm: *Dan hu Ġismi li jingħata għalikom. Dan hu Demmi li jingħata għalikom. Agħmlu dan b'tifkira tiegħi*. Hekk il-ġrajja tal-Kalvarju tiġri fil-Quddiesa – Ġesù jmut u jqum għalina. Ġesù jsir ukoll preżenti verament. Ġesù jiġi ħaj f'nofsna. Għalhekk f'dan il-mument noqogħdu għarkupptejna u nieħdu sehem b'qima u adorazzjoni. Meta s-saċerdot jgħolli l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù aħna nbaxxu rasna b'sinjal ta' adorazzjoni u nistqarru: *Mulej tiegħi u Alla tiegħi, jiena nħobbok u nadurak*.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Wara triq twila, il-Maġi jaslu fid-dar fejn kien hemm it-tarbija. Huma jinżlu għarkupptejhom, wiċċhom mal-art jadurawha. Jindunaw li qegħdin fil-preżenza tal-istess Sid tal-ħolqien.

Sinjal: Il-Bambin tal-Milied. It-tfal jagħmlu żifna ta' adorazzjoni.

Ġest: Nagħmlu sew il-ġest ta' qima wara l-elevazzjoni tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Wara mument ta' skiet, wara kull elevazzjoni tista' tingħad l-akklamazzjoni ta' San Tumas: *Mulej tiegħi u Alla tiegħi*.

## 6. Is-Sitt Jum

Tema: Missierna u paċi.

Messaġġ: **Alla jixtieq li aħna ngħixu bħala aħwa ta' familja waħda, ulied Missier wieħed.**

Fit-talba tal-*Missierna* lkoll nagħrfu li aħna m'aħniex individwi li m'għandniex x'naqsmu ma' xulxin, imma lkoll kemm aħna aħwa. Il-ħbieb tista' tagħżilhom, imma lill-aħwa tista' biss taċċettahom u tħobbhom kif inhuma. Qabel ma nersqu biex nieklu mill-istess ħobża – mill-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù – jeħtieġ li nkunu paċi bejnietna, anki jekk ma naqblux fuq kollox. Meta niġu biex nagħtu l-paċi lil xulxin noqogħdu attenti biex nagħtuha mill-qalb. F'dan il-mument sabiħ aħna jkollna l-okkażjoni li naħfru lil xulxin għall-weġgħat li nkunu għamilna lil xulxin.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Il-Maġi jmorru jifirħu lil Marija u lil Ġużeppi, u jgħannquhom.

Sinjal: Ħamiem abjad tal-bar.

Ġest: Il-*Missierna* ssir waqt li kulħadd jaqbad id f'id.

## 7. Is-Seba' Jum

Tema: Tqarbin.

Messaġġ: **Alla jsir ikel għalina.**

Meta nieklu flimkien aħna nsiru dejjem iżjed familja waħda. Fl-Ewkaristija mhux biss nieklu flimkien, imma lkoll kemm aħna nieklu l-istess ħobża li hi Ġesù nnifsu. Il-Kelma "tqarbin" ġejja mill-kelma "toqrob". Mhemmx mod isbaħ kif noqorbu lejn Ġesù u kif Ġesù joqrob lejna minn dak li nieklu mill-istess Ġisem u nixorbu mill-istess Demm ta' Ġesù. Dan il-mument jitlob ġabra kbira. Immorru nitqarbnu b'ġabra kbira u meta nerġgħu lura fil-bank ninżlu għarkupptejna, inbaxxu rasna u f'qalbna nagħmlu r-ringrazzjament ta' wara t-tqarbin.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Marija terfa' lil Ġesù mill-maxtura u tnewlu lill-Maġi wieħed wieħed. Il-Maġi, mimlijin bil-ferħ, jerfgħu lil Ġesù f'idejhom u jrossuh magħhom.

Sinjal: L-għeneb u żbul.

Ġest: Tqarbin biż-żewġ speċi.

## 8. It-Tmin Jum

Tema: Radd il-Ħajr.

Messaġġ: **Alla jistħoqqlu kull tifħir u radd il-ħajr.**

Il-Kelma "Ewkaristija" tfisser ringrazzjament. Ġesù, l-Iben, jaf li rċieva kollox mingħand il-Missier u għalhekk jerġa' jagħti kollox lill-Missier għalina, saħansitra lilu nnifsu. Ngħidu grazzi lil Ġesù għax hu jagħti lilu nnifsu lill-Missier u lilna. F'dak il-mument nagħrfu li l-Missier tana kollox: il-ġenituri, il-familja, il-ħajja tagħna, il-ħbieb tagħna, il-ħolqien; kollox irċivejna mingħandu u għalhekk minn qalbna nirringrazzjawh.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Il-Maġi, wieħed wieħed, joffru d-doni tagħhom lil Ġesù, lil Marija u lil Ġużeppi. Ifaħħru u jroddu ħajr lil Alla.

Sinjal: Xi strument mużikali.

Ġest: Kant tas-Salm 137 b'mima.

## 9. Id-Disa' Jum

Tema: Mandat.

Messaġġ: **Alla jixtieq li naqsmu l-imħabba tiegħu mal-oħrajn.**

Meta s-saċerdot jgħidilna: *Morru fil-paċi ta' Kristu*, ikun qed jistendinna biex ngħixu l-Kelma li nkunu smajna fil-qari, biex inħobbu lill-oħrajn kif ħabbna Ġesù, u biex aħna wkoll inwasslu bil-kelma tagħna l-Aħbar it-Tajba. Meta ngħidu: *Irroddu ħajr lil Alla*, aħna nkunu qed nagħrfu li rċivejna ħafna rigali mill-Quddiesa u nkunu nixtiequ naqsmuhom ma' dawk li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum.

Elementi tal-istorja tal-Milied: Il-Maġi jerġgħu lura minn triq oħra, mhux biss biex ma jmorrux għand Erodi imma wkoll biex ixandru ma' nies oħra, nies pagani, l-imħabba ta' Alla murija lilna f'Ġesù li ġie fostna bħala ħuna.

Sinjal: Torċa tixgħel u ċappa melħ.

Ġest: Kulħadd jingħata xemgħa ħamra li tiġi mixgħula wara t-tqarbin. Isir l-innu tal-aħħar u n-nies kollha toħroġ mill-knisja f'purċissjoni madwar ir-raħal. Ix-xemgħa tingħata bħala stedina għall-Quddiesa tat-Twelid ta' Ġesù.

- Fit-Tqarbin possibilment jitkanta dejjem il-kant *Aħna slaten li ġejjin*.

# 14. NOVENA TAL-MILIED 2010

Dun Anton Teuma

***DAĦLU D-DAR***
***U RAW LIT-TIFEL,***
***U NXTEĦTU FL-ART IQIMUH***
*(ARA MT 2:11)*




## Il-ġrajja tal-Maġi tiġri f'kull Quddiesa

Programm:

1. Alla jilqagħna fid-dar tiegħu.
2. Alla jħobbna u jaħfrilna.
3. Alla jieħu gost jitkellem magħna.
4. Alla jifraħ bid-doni ta' mħabbitna.
5. Alla jurina l-ikbar imħabba fuq is-Salib.
6. Alla jixtieq li aħna ngħixu bħal aħwa ta' familja waħda.
7. Alla jsir ikel għalina.
8. Alla jistħoqqlu kull tifħir u radd il-ħajr.
9. Alla jixtieq li naqsmu l-imħabba tiegħu mal-oħrajn.

## 1. Alla jilqagħna fid-dar tiegħu.

**Skop:** Nifhmu u ngħixu aħjar it-tislima tas-saċerdot fil-bidu tal-Quddiesa. Nagħrfu li Alla għamlilna dar sabiħa fejn noqogħdu qabel ma ħalaq lilna, u meta nitwieldu huwa jilqagħna fiha. Nintebħu li l-Missier jistedinna fid-dar tiegħu biex niċċelebraw l-Ewkaristija. Nitħeġġu biex nilqgħu din l-istedina tiegħu bil-ferħ; u nħalluh jilqagħna f'daru u jħobbna.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** Il-Maġi josservaw il-kobor u s-sbuħija tal-ħolqien u jagħrfu l-kobor u l-imħabba tal-Ħallieq.

**Sinjal:** Il-kewkba u d-dawl tagħha.

**Ġest:** Grupp ta' tfal jew adulti jilqa' fid-dar ta' Alla lil dawk kollha li qed jieħdu sehem, billi jagħtihom biljett b'messaġġ ta' merħba u stedina għall-bqija tal-jiem tan-Novena.

**Żvolġiment:**

Qabel il-Quddiesa xi żgħażagħ jew adulti jilqgħu bi tbissima lin-nies li jkunu deħlin, jirringrazzjawhom li għoġobhom jattendu u jindikawlhom il-post fejn jistgħu joqogħdu fil-knisja.

Il-kewkba tixgħel tkun f'post fejn tidher (varjazzjoni: tifel liebes ta' anġlu jimxi quddiem nett fil-purċissjoni tad-dħul; ipoġġi l-kewkba f'post fejn tidher). Wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-kewkba, flimkien ma' sinjali oħra li jiżdiedu minn ġurnata għall-oħra, jibqgħu fil-post sal-aħħar tan-Novena.

Fil-bidu tal-Quddiesa animatur jagħmel introduzzjoni qasira għas-suġġett ġenerali tan-Novena kollha: il-ġrajja tal-Maġi tgħinna nifhmu aktar il-Quddiesa. Issir ukoll introduzzjoni għas-suġġett tal-lum: Alla jilqagħna fid-dar tiegħu.

Is-saċerdot jilqa' l-ġemgħa bit-tislima mħeġġa: "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu Santu tkun magħkom ilkoll".

**Fil-ħin tal-omelija tista' ssir mima qasira:**

(Ninsabu fil-Persja, fil-Lvant imbiegħed. Tliet għorrief qegħdin jistudjaw is-sema. Min iħares b'għajnejh, min iħares b'teleskopju kbir u min iqalleb fil-parċmini l-kbar li għandhom fl-art.)

| | |
|---|---|
| Gaspar: | Intom qed taraw bħali? Illum fis-sema hemm moviment stramb tal-pjaneti. |
| Melkjor: | Iva, u kultant qed nilmaħ kewkba ikbar ħafna mill-oħrajn. Ara, ara, għadha kif għaddiet! |
| Baltasar: | Iva, ilmaħtha jien ukoll, u tħalli warajha faxx ta' dawl qawwi! |
| Gaspar: | Meta fis-sema tiġri xi ħaġa bħal din, aktarx li fuq l-art tkun qed tiġri ġrajja kbira. |
| Melkjor: | Min jaf x'inhu jiġri fuq l-art?! |
| Baltasar: | Aktarx it-twelid ta' sultan speċjali! |
| Gaspar: | Il-kewkba tidher miexja lejn il-punent, aktarx lejn l-art ta' Israel! |

Melkjor: Hemmhekk jemmnu li l-kwiekeb ġew maħluqin minn Alla wieħed li jsejħulu Jaħweh.

Baltasar: Fil-ktieb tal-Lhud, li jsejħulu l-Bibbja, għandhom miktub ir-rakkont ta' kif Alla ħalaq il-kwiekeb u d-dinja kollha kemm hi.

Gaspar: Fil-ktieb li jgħidulu l-Ġenesi hemm miktub hekk: (jaqra Ġen 1:1-31; 2:4b-9).

Melkjor: Dak ifisser li Alla ħalaq id-dinja biex ilesti dar sabiħa fejn joqgħod il-bniedem!

Baltasar: Veru! Tassew li Alla jħobbna lilna l-bnedmin! L-ewwel ħalaq ix-xemx, il-qamar, il-kwiekeb, il-baħar, il-muntanji, is-siġar, l-annimali. Imbagħad ħalaq lilna.

Gaspar: Iva, l-ewwel ħalqilna dar sabiħa ħafna fejn nistgħu noqogħdu, imbagħad ħalaq lilna!

Melkjor: Dan Alla tassew iħobbna!

Baltasar: Ħbieb, tridx inħejju ruħna għall-vjaġġ? Għax il-kewkba l-kbira miexja lejn l-art ta' Israel.

Gaspar: Iva, immorru. Naħseb li ser tkun triq twila u tqila biex nimxuha.

Melkjor: Imma ma naqtgħux qalbna, għax id-dinja, kollha kemm hi, hija d-dar li għamel Alla għalina.

Baltasar: U aħna, nimxu kemm nimxu, se nibqgħu dejjem f'din id-dar li Alla għamel għalina.

(Gaspar, Melkjor u Baltasar jiġbru l-parċmini kbar li għandhom u jmorru.)

**Is-saċerdot ikompli jiżviluppa s-suġġett waqt l-omelija:** Alla jilqagħna fid-dar tiegħu. Alla jħejjilna d-dinja, art sabiħa, dar sabiħa fejn noqogħdu. Alla ħejja art sabiħa, art imwiegħda lill-poplu ta' Israel biex joqgħod fiha. Din l-art hija xbieha tad-dar sabiħa, l-art imwiegħda li ħejjielna biex immorru noqogħdu fiha miegħu. Meta niġu l-knisja biex nieħdu sehem fl-Ewkaristija, Alla jilqagħna fid-dar tiegħu biex iħobbna. Din il-laqgħa tagħna miegħu fil-knisja hija xbieha tal-laqgħa tagħna miegħu fil-Ġenna.

Alla jilqagħna fid-dar tiegħu permezz tal-ġenituri, il-kappillan, il-katekisti, in-nies tal-parroċċa li jilqgħuna fil-knisja. Alla jilqagħna permezz ta' dawk li jnaddfu l-knisja u permezz ta' dawk li jieħdu ħsieb jippreparaw għall-Quddiesa, is-sagristan u l-abbatini. Il-ħoss sabiħ tal-qniepen idoqqu wkoll huwa sinjal tal-merħba li jagħtina Alla.

**Ġest:** Wara t-tqarbin grupp ta' tfal lebsin ta' anġli jew kwiekeb jagħti lil dawk preżenti biljett ta' merħba u stedina għall-ġranet l-oħra tan-Novena.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur li jintroduċi d-diversi mumenti partikolari. Importanti li jkun kapaċi janima l-kant.
2. Żgħażagħ jew adulti li jilqgħu lin-nies huma u deħlin.
3. It-tliet Slaten Maġi.
4. Anġli biex iqassmu l-biljett ta' merħba u stedina għall-jiem l-oħra tan-Novena.
5. Kewkba, possibbilment tixgħel (anġlu li jerfa' l-kewkba fil-purċissjoni tal-bidu).
6. Programm tan-Novena biex jitqassam lil kulħadd.
7. Teleskopju u parċmini kbar għall-Maġi.
8. Biljetti ta' merħba u stedina biex jitqassmu lil kulħadd.

## 2. Alla jħobbna u jaħfrilna.

**Skop:** Nifhmu u ngħixu aħjar l-eżami tal-kuxjenza. Nintebħu li Alla tant iridilna ġid li, meta nonqsuh, jaħfrilna. Nitħeġġu biex nitolbu maħfra lil Alla speċjalment fil-mument tal-eżami tal-kuxjenza tal-Quddiesa. Din it-talba ta' maħfra tirrepeti ruħha diversi drabi fil-Quddiesa.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** Il-Maġi jitilfu d-dawl tal-kewkba u jidħlu fil-palazz ta' Erodi.

**Sinjal:** Silwett iswed tal-kastell ta' Erodi.

**Ġest:** Tingħata importanza lill-eżami tal-kuxjenza li jsir fil-Quddiesa.

**Żvolġiment:**

L-animatur jintroduċi t-tieni jum tan-Novena.

Il-kastell iswed jitqiegħed fil-post imħejji, ħdejn il-kewkba. Il-kewkba li lbieraħ kienet tixgħel, illum tkun mitfija (varjazzjoni: tifel liebes ta' anġlu bil-kastell f'idejh jimxi quddiem nett fil-purċissjoni tad-dħul u jpoġġih fil-post imħejji).

**Ġest:** Issir introduzzjoni għall-eżami tal-kuxjenza. Jista' jsir ftit itwal mis-soltu. Kulħadd jiġi mistieden jinżel għarkupptejh (min jiflaħ). Jintefa d-dawl tal-knisja minbarra ftit dawl fuq il-presbiterju. Isir l-eżami tal-kuxjenza animat (ara Appendiċi 1).

**Fil-ħin tal-omelija tista' titkompla l-mima:**

(Sara u Anna, żewġ qaddejja tal-palazz, jiltaqgħu flimkien huma u għaddejjin bix-xogħol tagħhom.)

| | |
|---|---|
| Sara: | Smajt x'ġara? |
| Anna: | X'ġara? |
| Sara: | Erodi kkundanna liż-żewġ uliedu Alexandros u Aristobulos għall-mewt. |
| Anna: | Għaliex? X'għamlu ħażin? |
| Sara: | Jien naħseb li m'għamlu xejn ħażin, imma Erodi ried jeħles minnhom għax beża' li jeħdulu t-tron, beża' li jsiru rejiet minfloku. |
| Anna: | Mela ġralhom bħalma kien ġara lil ommhom. Erodi kien qatel lil Mariamne għax beża' li ssir reġina minfloku. |
| Sara: | U lil Doroteja, il-mara li kellu qabel Mariamne, ukoll kien ħeles minnha. L-ewwel keċċieha u mbagħad kienu sabuha mejta. Mhux hu kien qatilha?! |
| Anna: | Imbagħad kien qatel ukoll lil Kostobar, li kien jiġi ħu Mariamne. |
| Sara: | Anki lil Salomè, il-mara ta' Kostobar, kien qatilha miegħu. |
| Anna: | Kulħadd jibża' minnu! |
| Sara: | Erodi tbiegħed minn Alla. Tħallat wisq mar-Rumani u mal-Griegi! Il-bniedem li jitbiegħed minn Alla jasal li jagħmel kollox. |
| Anna: | Jagħmel kulma jiġi għal idejh. L-aqwa li joqgħod sewwa hu. Jitratta lil kulħadd ħażin. Tabilħaqq! F'dan il-kastell hawn l-ispirtu ħażin! |
| Sara: | Kellu bżonn jisma' aktar il-kliem tal-profeti. Kellu bżonn jerġa' jaqra dak li Jaħweh għamel ma' missirijietna meta ħariġna mill-art tal-Eġittu u meta tana l-kmandamenti fuq il-muntanja Sinaj. |

(Jinstama' taħbit fuq il-bieb tal-palazz. Sara tmur tiftaħ.)

| | |
|---|---|
| Sara: | Min intom? |
| Melkjor: | Aħna għorrief li ġejjin mil-Lvant. Nixtiequ nitkellmu mar-Re Erodi. |
| Sara: | Għaddu (il-Maġi jidħlu). X'għandkom bżonn? |
| Gaspar: | Qegħdin infittxu r-Re li twieled. Imxejna s'hawn wara d-dawl tal-kewkba tiegħu li rajna fil-Lvant. Intom tafu b'xi ħaġa? |
| Anna: | Re ieħor! Naħseb li aħjar ma ssemmux rejiet oħra hawn ġew, jekk tridu toħorġu ħajjin! |
| Baltasar: | Nixtiequ nkellmu lil Erodi biex naraw jafx b'xi ħaġa. |
| Sara: | Erodi jinsab Ġeriko. Għandu jasal aktar tard. Tistgħu tmorru dduru dawra mal-belt ta' Ġerusalemm, imbagħad terġgħu tiġu. |
| Melkjor: | Sewwa. Mela niġu aktar tard. |
| Anna: | Nittama li ma jispiċċawx ħażin! |
| Sara: | Imma kif ma jindunax kemm qiegħed fl-iżball?! Kieku jieqaf jirrifletti ftit jinduna li tbiegħed minn Alla. Jinduna kemm jista' jiffranka tbatija lill-oħrajn! Bil-mibegħda u l-qerq li għandu f'qalbu qiegħed iġiegħel ħafna nies ibatu. |

**Is-saċerdot fl-omelija jista' jiżviluppa dawn il-punti:** Meta aħna nkunu sinċieri magħna nfusna u ma' Alla, mill-ewwel nindunaw bid-dgħufijiet tagħna. Alla jilqa' fi ħdanu l-bniedem niedem u jagħtih il-maħfra. Il-bniedem li ma jafx lilu nnifsu ma jagħrafx li hu midneb u ma jitlobx maħfra. Min ma jitlobx maħfra ma jistax igawdi l-imħabba b'xejn ta' Alla.

Diversi drabi fil-Quddiesa aħna nitolbu maħfra lil Alla. Fil-bidu nett niġu mistiedna naħsbu dnubietna u nitolbu maħfra permezz ta' *Mulej ħniena* jew *Nistqarr 'l Alla*. Nerġgħu nitolbu maħfra lil Alla fit-talba tal-*Missierna* u fil-*Ħaruf ta' Alla*, u wkoll meta ngħidu: *Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda u ruħi tkun imfejqa*. Alla hu Missier ħanin li jaħfrilna kuldarba li aħna nitolbuh maħfra bis-serjetà.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur.
2. Silwett tal-kastell (anġlu li jerfgħu fil-purċissjoni tad-dħul).
3. Xi ħadd li janima l-eżami tal-kuxjenza (ara Appendiċi 1).
4. Xi ħadd inkarigat li jitfi d-dawl tal-knisja waqt l-eżami tal-kuxjenza.
5. It-tliet Slaten Maġi.
6. Anna u Sara.

### 3. Alla jitkellem magħna.

**Skop:** Nifhmu u ngħixu aħjar ix-xandir tal-Kelma waqt il-qari. Nagħrfu li Alla jkellimna permezz tal-Kelma tiegħu u jixtieq li aħna nagħtuh widen.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** L-għorrief u l-kittieba jfittxu fil-Kotba Mqaddsa t-tifsira tad-dehra tal-Kewkba, fil-palazz ta' Erodi.

**Sinjal:** Skroll jew parċmina kbira li tidher.

**Ġest:** Wara x-xandir tal-Kelma titqassam kopja tal-qari tal-ġurnata lil kulħadd. Fi ftit ħin ta' silenzju kulħadd jipprova jara liema sentenza jew kelma tolqtu l-aktar.

**Żvolġiment**:

L-animatur jintroduċi t-tielet jum tan-Novena.

Skroll kbir jitqiegħed fil-post imħejji, ħdejn il-kewkba tixgħel u s-silwett tal-kastell (varjazzjoni: tifel liebes ta' anġlu jista' jidħol fil-purċissjoni tal-bidu u jpoġġi l-iskroll fil-post imħejji).

Qabel is-smigħ tal-Kelma ta' Alla, issir stedina partikolari għall-attenzjoni. Alla fl-imgħoddi kellimna permezz tal-profeti, imma issa dan l-aħħar kellimna u għadu jkellimna permezz ta' ibnu Ġesù nnifsu.

**Wara l-qari tal-vanġelu tista' titkompla l-mima:**

(Fil-palazz ta' Erodi. Erodi jidħol jgħaġġel fil-palazz min-naħa tax-xellug. Fl-istess waqt jidħlu jgħaġġlu Sara u Anna min-naħa tal-lemin, bil-buqar u friskatur [fuħħar jew ram] u xugaman f'idejhom. Jagħmlu nkin u jaħslulu jdejh.)

| | |
|---|---|
| Anna: | (Waqt li taħsillu jdejh) Maestà, tliet għorrief mil-Lvant qegħdin jistennewk biex ikellmuk. |
| Erodi: | Min huma? X'iridu? |
| Sara: | Qalu li qegħdin ifittxu r-re li twieled. Imxew wara kewkba! |
| Erodi: | (B'vuċi għolja) Ir-re li twieled! Minhu dan ir-re li twieled? Sejħilhom. |

(Anna toħroġ tgħaġġel issejjaħ lill-Maġi, u sadanittant Erodi, nervuż, jippassiġġa minn naħa għall-oħra. Sara toqgħod b'rasha baxxuta fil-ġenb. Wara ftit jidħlu l-Maġi. Jagħmlu nkin quddiem is-sultan.)

| | |
|---|---|
| Gaspar: | Maestà, aħna ġejjin mil-Lvant wara d-dawl ta' kewkba. |
| Melkjor: | Skond l-istudji tagħna, din il-kewkba speċjali hija sinjal li twieled is-Sultan tal-Lhud, li hu wkoll is-sultan tal-univers. |
| Erodi: | U fejn twieled dan is-sultan tal-Lhud? |
| Baltasar: | Il-kewkba mxiet lejn l-art tagħkom, l-art ta' Israel. Dan ifisser li s-sultan twieled qrib Ġerusalemm! |
| Erodi: | Kif jista' jkun? U jien ma naf xejn!… Sara, sejjaħ l-għorrief u l-kunsilliera tal-palazz. |

(Sara tagħmel inkin u toħroġ, waqt li Erodi jkompli jitkellem mal-Maġi.)

Jien u ġej minn Ġeriko, rajtha l-kewkba li qegħdin issemmu intom! U xejn m'għoġbitni! Imma mbagħad ma baqgħetx tidher. Mela, skond l-istudji tagħkom, din tfisser li twieled re kbir f'Israel!

(Sadanittant jidħlu tliet għorrief bil-parċmini f'idejhom. Erodi jdur lejhom u jgħidilhom:)

Fittxu xi tfisser il-kewkba kbira li dehret f'dawn l-inħawi. Għiduli malajr fejn għandu jitwieled dan is-Sultan tal-Lhud!

Għaref 1: Maestà, aħna nfittxu fil-Kelma ta' Alla, fil-Bibbja. Għax fil-Bibbja nistgħu nsibu t-tifsira vera tal-ġrajjiet kollha li jiġrulna u tal-ġrajjiet li jiġru madwarna.

Għaref 2: Maestà, iva. Ara x'hawn miktub! Il-kewkba tfisser li għandu jitwieled Sultan kbir. Ara xi nsibu miktub fit-Torah: "Il-kelma ta' Balgħam bin Begħor; l-oraklu ta' bniedem b'għajnejh miftuħa; l-oraklu ta' wieħed jisma' kliem Alla, ta' wieħed jagħraf l-għerf tal-Għoli, u jara dehriet Alla li jista' kollox… Qiegħed naraha, imma mhux għalissa; inħares lejha, imma mhux fil-qrib. Għad titla' kewkba minn Ġakobb… u jqum xettru minn Israel… Jaħkem bniedem ġej minn Ġakobb… Israel jagħmel l-għeġubijiet ta' ħila".

Għaref 3: Maestà, u hemm kitba oħra li tgħid li dan is-Sultan kbir għandu jitwieled f'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk inkiteb mill-profeta Mikea: "U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Israel".

(Erodi, inkwetat, jippassiġġa bl-għaġla minn naħa għall-oħra. Imbagħad idur lejn l-għorrief:)

Itilqu minn hawn!

(L-għorrief joħorġu u Erodi jibqa' waħdu mal-Maġi:)

Għiduli ftit… Meta rajtuha din il-kewkba?

Gaspar: Rajniha l-ewwel darba ftit aktar minn sena ilu.

Erodi: U fejn rajtuha?

Melkjor: Rajniha fil-Lvant imbiegħed u bdiet miexja 'l hawn, lejn il-punent.

Baltasar: U aħna mxejna warajha!

Erodi: Dak ifisser li s-Sultan tal-Lhud li twieled għad m'għandux sentejn!… Morru… ħaffu fittxuh… u meta ssibuh qisu li tiġu tgħiduli biex jien ukoll niġi nagħtih qima.

(Il-Maġi jitilqu, waqt li Erodi jibqa' jippassiġġa għal ftit, imbagħad joħroġ hu wkoll).

**Is-saċerdot fl-omelija jista' jiżviluppa dawn il-punti:** Alla jitkellem magħna permezz tal-Kelma tiegħu, fl-ewwel qari, fis-salm, fit-tieni qari u fil-vanġelu. Meta Alla jitkellem magħna, jitlobna nisimgħuh. Aħna nwieġbu għal din il-Kelma permezz tal-vers tas-salm responsorjali.

Il-kelma "vanġelu" tfisser aħbar sabiħa u ta' ferħ. Fil-vanġelu nqumu bilwieqfa għax hija l-Kelma ta' Ġesù għalina, u aħna nixtiequ noqogħdu attenti tant li ma nitilfu xejn minnha. Qabel ma nisimgħu l-Kelma ta' Ġesù fil-vanġelu, aħna nagħmlu sinjal tas-salib fuq moħħna, fuq fommna u fuq qalbna: fuq moħħna biex nuru x-xewqa tagħna li nisimgħu u nifhmu l-Kelma; fuq fommna biex nisktu u nitkellmu bil-Kelma li nisimgħu; fuq qalbna biex nuru x-xewqa tagħna li nħobbu l-Kelma li nisimgħu. Aħna nirringrazzjaw lil Alla li jkellimna billi ngħidu: "Irroddu ħajr lil Alla". U wara l-vanġelu nfaħħru lil Ġesù li jkellimna billi ngħidu: "It-tifħir lilek, Kristu".

Permezz tal-omelija Ġesù jkompli jkellimna u jfissrilna dak li jkun qalilna fil-qari. Nagħmlu l-ħila kollha tagħna biex noqogħdu attenti u nisimgħu.

**Ġest:** L-animatur jintroduċi l-ġest. Xi tfal lebsin ta' anġli jqassmu kopja tal-qari tal-ġurnata lil kulħadd. Fi ftit ħin ta' silenzju kulħadd jipprova jara x'jixtieq jgħidlu Alla permezz ta' xi sentenza jew kelma.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur.
2. Parċmini, skroll (anġlu li jerfa' l-iskroll fil-purċissjoni tad-dħul).
3. It-tliet Slaten Maġi.
4. Erodi.
5. Sara u Anna.
6. Tliet għorrief.
7. Parċmini u skrolls għall-għorrief.
8. Kopja tal-qari tal-ġurnata għal kulħadd.
9. Tfal lebsin ta' anġli biex iqassmu l-qari.

**Avviż għal għada:** Tfal u adulti, kulħadd jaħseb iġib miegħu xi ħaġa x'noffru lil Ġesù f'ħutna li jinsabu fil-bżonn (jistgħu jkunu oġġetti tal-ikel, ġugarelli, oġġetti oħra biex jingħataw karità; kull parroċċa tiddeċiedi skond id-destinatarji tal-karità).

### 4. Alla jifraħ bid-doni ta' mħabbitna.

**Skop:** Nifhmu u ngħixu aħjar is-sens tal-Offertorju. Nagħrfu li Alla jħobbna ħafna u għalhekk inħossu l-bżonn li aħna noffrulu mhux biss minn dak li għandna imma wkoll lilna nfusna.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** Il-Maġi jitkellmu bejniethom dwar id-doni li bi ħsiebhom jagħtu lis-Sultan li twieled.

**Sinjal:** Id-deheb, l-inċens u l-mirra.

**Ġest:** Fil-ħin tal-Offertorju n-nies preżenti tita' tqiegħed l-oġġetti li tixtieq toffri f'riġlejn l-altar. Jistgħu jittellgħu wkoll *envelopes* mit-tfal: fihom ikun hemm miktubin il-kwalitajiet pożittivi tagħhom flimkien mad-difetti tagħhom. B'dan il-mod it-tfal joffru lilhom infushom lil Ġesù (l-*envelopes* jistgħu jitħejjew fil-katekiżmu matul iż-żmien tal-Avvent) (minflok l-*envelopes*, jistgħu jintużaw ritratti tat-tfal).

**Żvolġiment**:

L-animatur jintroduċi r-raba' jum tan-Novena.

It-tliet Slaten Maġi jistgħu jtellgħu r-rigali tad-deheb, inċens u mirra fil-bidu tal-purċissjoni tad-dħul u jpoġġuhom fil-post imħejji ħdejn is-sinjali tal-ġranet ta' qabel.

**Waqt l-omelija' tista titkompla l-mima:**

(Gaspar, Melkjor u Baltasar għadhom kif ħarġu mill-palazz ta' Erodi.)

| | |
|---|---|
| Gaspar: | Araw, il-kewkba reġgħet dehret! |
| Melkjor: | Mela issa żgur li nsibuh lis-Sultan tal-Lhud li twieled. |
| Baltasar: | Dan huwa s-Sultan, ħallieq tal-univers. Kulma hawn madwarna ġie maħluq minnu. |
| Gaspar: | Ħalaq is-sema, l-art u l-baħar. Ħalaq is-siġar, l-annimali u l-bnedmin. Ħalaq lili u lilkom ilkoll! |
| Melkjor: | Għalhekk jistħoqqlu li nagħtuh l-isbaħ rigali! |
| Baltasar: | Tassew! Anki jekk ir-rigali li se nagħtuh tahomlna kollha Hu! |
| Gaspar: | (Waqt li joħroġ id-deheb minn taħt il-mantell) Jien ser nagħtih id-deheb, għax hu s-sultan tal-univers. Ma sibtx ħaġra aktar sabiħa u prezzjuża mid-deheb biex nurih kemm inħobbu u nirrispettah. |
| Melkjor: | (Waqt li joħroġ l-inċens minn taħt il-mantell) Jien ġibt l-ifjen inċens, biex nagħtih qima għax hu Alla. Lil Alla nqimuh billi noffrulu l-aktar fwejjaħ li jfuħu, u ma sibtx fwejjaħ aktar ifuħu mid-deheb biex nurih kemm inħobbu u nirrispettah. |
| Baltasar: | (Waqt li joħroġ il-mirra minn taħt il-mantell) Jien ġibt il-mirra, li mhix biss fwieħa imma wkoll l-aħjar mediċina, għax dan is-Sultan għandu jbati biex jurina kemm iħobbna. U jien ma sibtx mediċina aktar tajba mill-mirra biex nurih kemm inħobbu u nirrispettah. |
| Gaspar: | Tassew rigali sbieħ. Għax hekk jistħoqqlu s-Sid ta' kollox, Dak li tana kulma għandna, u Dak li jżommna ħajjin! |

**Is-saċerdot fl-omelija jista' jkompli jiżviluppa dawn il-punti:** Fil-ħin tal-offertorju aħna noffru xi ftit flus lis-saċerdot. Minn dawn il-flus jinxtara l-ħobż u l-inbid li s-saċerdot juża fil-Quddiesa. Dawn imbagħad isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù.

Uħud minna jagħmlu purċissjoni u jressqu f'isimna lkoll dawn id-doni lejn l-altar. Il-flus, il-ħobż u l-inbid jirrappreżentaw lilna lkoll: aħna nixtiequ noffru lilna nfusna lil Ġesù kif hu joffri lilu nnifsu lilna. Aħna noffru lil Ġesù l-ħajja kollha tagħna: il-ġenituri, l-aħwa, il-ħbieb, ix-xogħol, l-istudju, in-nuqqasijiet u l-iżbalji tagħna, il-ferħ, in-niket, id-diffikultajiet.

Noffru wkoll lil Ġesù mill-ġid tagħna biex inkunu nistgħu nagħmlu karità ma' min jinsab fil-bżonn. Ħafna drabi dan kollu nkunu tlabnieh fit-talbiet tagħna lil Alla. Aħna nistgħu noffru wkoll ix-xejn tagħna.

**Ġest:** L-animatur jintroduċi l-ġest. Fl-Offertorju, wara li jitilgħu l-ħobż u l-inbid, tista' ssir purċissjoni minn dawk kollha preżenti u jressqu lejn l-altar xi oġġetti li mbagħad jingħataw għall-karità.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur.
2. Ir-rigali tad-deheb, inċens u mirra.
3. Tlett Slaten Maġi.
4. Oġġetti li jġibu n-nies għall-Offertorju.
5. *Envelopes* bil-kwalitajiet pożittivi u negattivi/ritratti tat-tfal.

## 5. Alla jurina l-ikbar imħabba fuq is-salib.

**Skop:** Nifhmu aktar il-mument tal-Konsagrazzjoni: l-ogħla sinjal ta' mħabba ta' Alla għalina meta Ġesù jingħata fuq is-salib bħala ikel. Nagħrfu l-preżenza tiegħu mimlija mħabba.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** Wara triq twila l-Maġi jaslu fid-dar fejn kien hemm it-tarbija. Huma jinżlu għarkupptejhom u wiċċhom mal-art u jadurawha. Jintebħu li qegħdin fil-preżenza tal-istess Sid tal-ħolqien.

**Sinjal:** It-tarbija ta' Betlehem.

**Ġest:** Nagħmlu sew il-ġest ta' adorazzjoni wara l-elevazzjoni tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Wara mument ta' skiet, wara kull elevazzjoni, tista' tingħad l-akklamazzjoni ta' San Tumas: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi, jiena nħobbok u nadurak".

**Żvolġiment:**

L-animatur jintroduċi l-ħames jum tan-Novena.

Jitpoġġa Ġesù tarbija fil-post imħejji, flimkien mas-sinjali tal-jiem ta' qabel (varjazzjoni: tifel liebes ta' anġlu jitla' quddiem nett fil-purċissjoni tad-dħul bil-Bambin f'idejh u jpoġġih fil-post imħejji).

**Waqt l-omelija tista' titkompla l-mima:**

(Marija u Ġużeppi, bit-tarbija Ġesù. Jidħlu t-tliet Slaten Maġi u wieħed wieħed jinżlu għarkupptejhom u wiċċhom mal-art quddiem Ġesù. Jibqgħu mal-art għal ftit ħin. Imbagħad jidħol grupp ta' anġli li jagħmlu żifna ta' adorazzjoni madwar il-familja ta' Nazareth.)

**Is-saċerdot fl-omelija jista' jkompli jiżviluppa dawn il-punti:** Fil-mument tal-Konsagrazzjoni Ġesù jagħti lilu nnifsu fil-Ġisem u fid-Demm: "Dan hu Ġismi li jingħata għalikom. Dan hu Demmi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Hekk il-ġrajja tal-Kalvarju tiġri fil-Quddiesa: Ġesù jmut u jqum għalina.

Ġesù jsir ukoll preżenti verament. Ġesù jiġi ħaj f'nofsna. Għalhekk f'dan il-mument noqogħdu għarkupptejna u nieħdu sehem b'qima u adorazzjoni. Meta s-saċerdot jgħolli l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù, aħna nbaxxu rasna b'sinjal ta' adorazzjoni u nistqarru: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi, jiena nħobbok u nadurak".

Wara l-Prefazju l-animatur jispjega x'ser jiġri waqt il-Konsagrazzjoni.

**Ġest:** Is-saċerdot jgħolli l-Ġisem ta' Ġesù għal ftit minuti. Aħna noqogħdu fis-skiet għarkupptejna b'rasna baxxuta. Imbagħad kulħadd jgħid flimkien: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi, jiena nħobbok u nadurak". L-istess jiġri hekk kif is-saċerdot jgħolli d-Demm ta' Ġesù.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur.
2. Marija, Ġużeppi u Ġesù tarbija.
3. It-tliet Slaten Maġi.
4. Tfal lebsin ta' anġli li jagħmlu ż-żifna.
5. Mużika tal-Milied biex fuqha ssir iż-żifna.

## 6. Alla jixtieq li aħna ngħixu bħala aħwa ta' familja waħda, ulied Missier wieħed.

**Skop:** Nifhmu aktar it-talba tal-*Missierna* u l-Paċi. Nintebħu li aħna lkoll aħwa, ulied l-istess Missier. Inħossu x-xewqa li nħobbu lil xulxin bħal aħwa u lil Alla bħala Missierna.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** Il-Maġi jifirħu lil Ġużeppi u lil Marija.

**Sinjal:** Żewġ ħamimiet jew qawsalla magħmula bid-dwal.

**Ġest:** It-talba tal-*Missierna* titkanta, filwaqt li kulħadd jaqbad id f'id. Waqt il-Paċi, tfal lebsin ta' anġli jirċievu l-paċi mingħand is-saċerdot u jwassluha lill-bqija tal-ġemgħa.

**Żvolġiment:**

L-animatur jintroduċi s-sitt jum tan-Novena.

Jinxtegħlu l-kuluri tal-qawsalla f'post determinat, jew jitpoġġew żewġ ħamimiet, possibbilment bojod (ibbalzmati) fil-post imħejji. Jistgħu jiġu mtellgħa minn tifel/tifla liebes ta' anġlu fil-purċissjoni tal-bidu.

**Waqt il-ħin tal-omelija tista' titkompla l-mima:**

(Marija u Ġużeppi bit-tarbija Ġesù. Il-Maġi jħallu r-rigali tagħhom fl-art u wieħed wieħed imorru jagħtu t-tislima tal-paċi l-ewwel lil Marija, imbagħad lil Ġużeppi, imbagħad lil Ġesù.

Wara, jidħlu grupp ta' anġli [ta' ġilda differenti] u jkantaw l-għanja *Taf xejn il-kulur t'Alla?* Jistgħu jagħmlu mima tal-kliem. [Ara Appendiċi 2].)

**Is-saċerdot jista' jkompli jiżviluppa dawn il-punti waqt l-omelija:** Fit-talba tal-*Missierna* lkoll nagħrfu li aħna m'aħniex individwi li m'għandniex x'naqsmu ma' xulxin, imma lkoll kemm aħna aħwa. Il-ħbieb tista' tagħżilhom, imma lill-aħwa tista' biss taċċettahom u tħobbhom kif inhuma. Qabel ma nersqu biex nieklu mill-istess ħobża – mill-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù – jeħtieġ li nkunu paċi bejnietna, anki jekk ma naqblux fuq kollox. Meta niġu biex nagħtu l-paċi lil xulxin, noqogħdu attenti biex nagħtuha mill-qalb. F'dan il-mument sabiħ aħna jkollna l-okkażjoni li naħfru lil xulxin għall-weġgħat li nkunu għamilna lil xulxin.

**Ġest waqt it-talba tal-*Missierna*:** L-animatur jintroduċi t-talba tal-*Missierna*. Aħna lkoll aħwa li għandna Missier wieħed. Aktar ma nkunu magħqudin flimkien, aktar ikun kuntent bina l-Missier, u aktar inkunu nistgħu nħossu l-imħabba tal-Missier għalina. Ilkoll kemm aħna naqbdu f'idejn xulxin u bħala familja waħda nitolbu t-talba li għallimna Ġesù, ħuna l-kbir. Waqt it-talba tal-*Missierna* kulħadd, inkluż is-saċerdot, jaqbad id f'id ma' ta' maġenbu.

**Il-ġest tal-paċi**: L-animatur jintroduċi s-sinjal tal-paċi. Aħna familja waħda għax nieklu minn ħobża waħda. It-tfal li kantaw l-għanja jersqu lejn l-altar, jirċievu l-paċi mingħand is-saċerdot, imbagħad imorru jagħtuha lil kulħadd fil-knisja. Illum il-paċi tingħata billi kulħadd jieħu b'idejn xulxin.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur.
2. Marija, Ġużeppi u Ġesù tarbija.
3. It-tliet Slaten Maġi.
4. Tfal lebsin ta' anġli li jkantaw l-għanja *Taf xejn il-kulur t'Alla?*
5. Mużika u kliem tal-għanja.

## 7. Alla jsir ikel għalina.

**Skop:** Nifhmu li Ġesù huwa l-Ħobż li jagħtina l-ħajja. Huwa mhux biss imut għalina, imma jagħtina lilu nnifsu biex niekluh. Hu jibqa' magħna ħaj biex nagħrfu li qatt mhu ser iħallina waħidna.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** Marija tagħti lil Ġesù f'idejn il-Maġi.

**Sinjal:** Għeneb u żbul f'maxtura.

**Ġest:** Isir it-tqarbin biż-żewġ speċi.

**Żvolġiment:**

L-animatur jintroduċi s-seba' jum tan-Novena.

Titpoġġa maxtura biż-żbul u l-għeneb u Ġesù Bambin jitqiegħed fuqha (varjazzjoni: tifel/tifla liebes ta' anġlu jista' jtella' l-maxtura biż-żbul u bl-għeneb fil-purċissjoni tad-dħul u jpoġġiha fil-post imħejji).

**Waqt il-ħin tal-omelija tista' tikompla l-mima:**

(Mużika tal-Milied fl-isfond. Marija u Ġużeppi bit-tarbija Ġesù. Il-Maġi għarkupptejhom. Bil-mod il-mod, Marija tqum minn postha bit-tarbija Ġesù f'idejha, toqrob lejn Gaspar u tagħtih f'idejh lil Ġesù. Gaspar iħaddnu miegħu, imbagħad jagħtih mill-ġdid lil Marija. Marija tagħti lil Ġesù lil Melkjor u mbagħad tagħtih lil Baltasar. Fl-aħħar Marija terġa' tmur f'postha waqt li l-Maġi joqorbu lejn il-Familja Mqaddsa u jiffurmaw kwadru flimkien magħha.)

**Is-saċerdot jista' jkompli jiżviluppa dawn il-punti:** Meta nieklu flimkien aħna nsiru dejjem iżjed familja waħda. Fl-Ewkaristija mhux biss nieklu flimkien, imma lkoll kemm aħna nieklu l-istess ħobża li hi Ġesù nnifsu. Il-Kelma "tqarbin" ġejja mill-kelma "toqrob". Mhemmx mod isbaħ kif noqorbu lejn Ġesù u kif Ġesù joqrob lejna minn dak li nieklu mill-istess Ġisem u nixorbu mill-istess Demm ta' Ġesù. Dan il-mument jitlob ġabra kbira. Immorru nitqarbnu b'ġabra kbira u meta nerġgħu lura fil-bank ninżlu għarkupptejna, inbaxxu rasna u f'qalbna nagħmlu r-ringrazzjament ta' wara t-tqarbin.

**Ġest:** L-animatur jintroduċi t-tqarbin imqaddes. Meta nitqarbnu Ġesù jiġi għandna u jsir ħaġa waħda magħna u aħna nsiru ħaġa waħda miegħu. Hu jilqagħna kif aħna u aħna wkoll jixraq li nilqgħuh kif inhu. Il-Maġi ħaduh fuq idejhom; aħna aktar ixxurtjati minnhom: neħduh fina, fil-qalb tagħna. Illum it-tqarbin se jsir bil-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Fil-Ġisem tiegħu Ġesù jagħtina l-imħabba kollha li għandu lejn il-bnedmin. Fid-Demm tiegħu Ġesù jagħtina l-Ispirtu tiegħu, il-ħajja tiegħu. Nersqu bil-ġabra, l-ewwel nieħdu f'idejna l-Ġisem ta' Ġesù, imbagħad nieħdu mid-Demm ta' Ġesù.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur.
2. Marija, Ġużeppi u Ġesù tarbija.
3. It-tliet Slaten Maġi.
4. Mużika tal-Milied.
5. Pissidi u kalċijiet biżżejjed b'tali mod li t-tqarbin ikun jista' jsir b'mod faċli.

## 8. Alla jistħoqqlu kull tifħir u radd il-ħajr.

**Skop:** Nagħrfu l-ġid kbir li Alla jagħmel magħna u nħossu l-bżonn li nirringrazzjawh.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** Il-Maġi joffru r-rigali tagħhom lil Ġesù u jroddulu ħajr.

**Sinjal:** L-arpa li fuqha kienu jindaqqu s-salmi, jew strument ieħor mużikali bħal tanbur, trumbetta jew *shofar*.

**Ġest:** Fir-radd ta' ħajr wara t-tqarbin jitkanta s-salm 137 minn kulħadd.

**Żvolġiment:**

L-animatur jintroduċi t-tmien jum tan-Novena.

Titpoġġa l-arpa (il-*kinnor*) ta' David (mhux l-arpa moderna) fil-post imħejji (varjazzjoni: tista' titpoġġa minn tifel/tifla liebes ta' anġlu li jimxi quddiem fil-purċissjoni tad-dħul u jpoġġiha fil-post imħejji).

**Waqt l-omelija tista' titkompla l-mima:**

(Mużika tal-Milied fl-isfond. Marija u Ġużeppi bit-tarbija Ġesù. Il-Maġi joffru r-rigali tagħhom wieħed wieħed lil Ġesù.)

Gaspar: (Bid-deheb f'idejh jersaq lejn Ġesù u waqt li jħares 'il fuq jgħid:) Ħu l-għotja tiegħi li ġibtlek minn fost il-ħaġar prezzjuż tal-Lvant. Nixtieq irroddlok ħajr, infaħħrek u nirringrazzjak, għax inti, li inti Sultan, ma rajthiex bi kbira li ssir qaddej. Irroddlok ħajr, għax inti ma ġejtx biex tkun moqdi imma biex taqdi (u jħalli d-deheb f'riġlejn Ġesù).

Melkjor: (Bl-inċens f'idejh jersaq lejn Ġesù u waqt li jħares 'il fuq jgħid:) Ħu l-għotja tiegħi, li ġibtlek minn fost il-fwejjaħ l-aktar prezzjużi tal-Orjent offruti lil allat. Irroddlok ħajr, infaħħrek u nirringrazzjak, għax inti Alla u ma qgħadtx tfittex tiegħek, imma ċċekkint billi sirt bniedem. Ħadt fuqek in-natura ta' lsir biex tkun qrib tagħna u toqgħod magħna (u jħalli l-inċens f'riġlejn Ġesù).

Baltasar: (Bil-mirra f'idejh jersaq lejn Ġesù u waqt li jħares 'il fuq jgħid:) Ħu l-għotja tiegħi li ġibtlek minn fost l-ifjen ħxejjex tal-Lvant. Irroddlok ħajr, infaħħrek u nirringrazzjak, għax int mhux biss sirt bniedem, imma se tieħu l-mewt tas-salib biex turina kemm hi kbira mħabbtek għalina. U bil-pjagi tiegħek aħna se nfiqu (u jħalli l-mirra f'riġlejn Ġesù).

**Waqt l-omelija s-saċerdot jista' jiżviluppa dawn il-punti:** Il-Kelma "Ewkaristija" tfisser ringrazzjament. Ġesù, l-Iben, jaf li rċieva kollox mingħand il-Missier u għalhekk jerġa' jagħti kollox lill-Missier għalina, saħansitra lilu nnifsu. Ngħidu grazzi lil Ġesù għax hu jagħti lilu nnifsu lill-Missier u lilna. F'dak il-mument nagħrfu li l-Missier tana kollox: il-ġenituri, il-familja, il-ħajja tagħna, il-ħbieb tagħna, il-ħolqien; kollox irċevejna mingħandu u għalhekk minn qalbna nirringrazzjawh.

**Ġest:** L-animatur jintroduċi sew il-mument tar-ringrazzjament ta' wara t-tqarbin. Kulħadd iqum bilwieqfa. Jitkanta s-salm 137. Jista' jiġi mimat mit-tfal. Ara Appendiċi 3.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur.
2. Il-*kinnor* (din tista' ssir billi tinqata' njama jew *hardboard* forma ta' U. Titpoġġa linja orizzontali li minnha jinżlu diversi kordi b'mod vertikali. [Ara stampa.]).
3. Marija, Ġużeppi u Ġesù tarbija.
4. It-tliet Slaten Maġi.
5. Mużika tal-Milied.
6. Id-deheb, l-inċens u l-mirra.
7. Kliem tas-Salm 137 (ara Appendiċi 3).

## 9. Alla jixtieq li naqsmu l-imħabba tiegħu mal-oħrajn.

**Skop:** Nagħrfu li aħna msejħin biex inxandru ma' kulħadd il-Bxara t-Tajba tal-Mulej li ġie f'nofsna biex jeħlisna. Nitħeġġu biex inwassluh għand l-oħrajn bil-ferħ.

**Xena mill-ġrajja tal-Maġi:** Il-Maġi jerġgħu lura minn triq oħra, mhux biss biex ma jmorrux għand Erodi, imma wkoll biex ixandru ma' nies oħra, nies pagani, l-imħabba ta' Alla murija lilna f'Ġesù li ġie fostna bħala ħuna.

**Sinjal:** Torċa Rumana tixgħel u ċappa melħ ("Intom il-melħ tal-art… Intom id-dawl tad-dinja").

**Ġest:** Kulħadd joħroġ mill-knisja b'xemgħa ħamra tixgħel f'idu, biex nagħtuha lil xi ħadd bħala stedina għall-Quddiesa ta' Nofsillejl.

**Żvolġiment:**

L-animatur jintroduċi l-aħħar jum tan-Novena.

Torċa tixgħel u ċappa melħ kbira biżżejjed li tidher jitqiegħdu fil-post imħejji (varjazzjoni: żewġt itfal lebsin ta' anġli jistgħu jimxu bit-torċa u l-melħ fil-purċissjoni tal-bidu, u jpoġġuhom fil-post imħejji).

**Waqt il-ħin tal-omelija tista' titkompla l-mima:**

(Dawl kemm jista' jkun baxx. Billejl. Marija, Ġużeppi u Ġesù reqdin fuq naħa. Il-Maġi reqdin fuq naħa oħra. Mużika tal-Milied fl-isfond.

Jidher anġlu fin-nofs u jkellem lill-Maġi, filwaqt li huma jibqgħu reqdin.)

Anġlu: Gaspar, Melkjor, Baltasar, meta tkunu sejrin lura lejn il-Persja terġgħux tgħaddu minn Ġerusalemm. Mhux veru li Erodi jrid jiġi jqim lil Ġesù. Erodi qiegħed jibża' li Ġesù se jeħodlu s-saltna, għalhekk iddeċieda li joqtlu. Iridkom tmorru lura biex tgħidulu fejn hu ħalli jsibu malajr.

Imma inżlu lejn il-Baħar il-Mejjet, aqsmu lejn l-art tal-Midjaniti u mbagħad lejn l-art tal-Ammoniti, u ibqgħu sejrin lejn il-Lvant mid-deżert.

Intom u sejrin, għidu lill-pagani li tiltaqgħu magħhom li twieled il-Feddej. Għidulhom li intom rajtuh u ltqajtu miegħu.

Għidulhom li intom fittixtu fil-ħolqien u rajtu l-kewkba tiegħu. Għall-ewwel ħsibtuha alla, iżda mbagħad indunajtu li hija biss ħolqien ta' Alla. Għidulhom biex ma jibqgħux jaduraw lil alla x-xemx, jew lil alla l-qamar, jew lil alla l-baħar. Għax ix-xemx, il-qamar u l-baħar għamilhom Alla wieħed li jista' kollox, u li hu akbar minnhom.

Għidulhom lill-pagani li mbagħad qallibtu fl-Iskrittura, biex stajtu tindunaw fejn hu u tmorru tiltaqgħu miegħu. Li kieku ma kinux il-Kotba Mqaddsa, ma kontux taslu li ssibuh.

Għidulhom lill-pagani li dan Alla kbir intom rajtuh f'tarbija ċkejkna. Għidulhom li dan Alla ġie joqgħod magħna, sar bħalna u wieħed minna. Għidulhom li dan Alla ġie fostna mhux biex jikkundannana iżda biex iħobbna. Għidulhom li dan Alla tagħna jilqa' lil kulħadd, ħżiena u tajbin.

Għidulhom li twieled għalina f'maxtura tal-ikel. Għidulhom li sar ikel għalina biex aħna nkunu nistgħu nieħdu s-saħħa.

Għidulhom li intom mortu biex tagħtuh ir-rigali, imma ntbaħtu li hu takom lilu nnifsu bħala rigal.

Tinsewx l-imħabba kbira li wrew magħkom Ġużeppi u Marija. Tinsewx l-imħabba kbira ta' Ġesù għalikom. Morru issa intom ukoll u ħobbu lill-oħrajn.

(Il-Maġi jqumu bilmod, jixegħlu t-torċi tagħhom u joħorġu. Mużika tal-Milied fl-isfond.)

**Is-saċerdot jista' jkompli jiżviluppa dawn il-punti waqt l-omelija:** Meta s-saċerdot jgħidilna: "Morru fil-paċi ta' Kristu", ikun qed jistedinna biex ngħixu l-Kelma li nkunu smajna fil-qari, biex inħobbu lill-oħrajn kif ħabbna Ġesù, u biex aħna wkoll inwasslu bil-kelma tagħna l-Aħbar it-Tajba. Meta ngħidu: "Irroddu ħajr lil Alla" aħna nkunu qed nagħrfu li rċevejna ħafna rigali mill-Quddiesa u nkunu nixtiequ naqsmuhom ma' dawk li magħhom niltaqgħu fil-ħajja ta' kuljum.

**Ġest:** L-animatur jintroduċi l-mument tal-*missio*. Kulħadd jingħata xemgħa ħamra li tiġi mixgħula wara t-tqarbin. Isir l-innu tal-aħħar fid-dlam bix-xemgħa tixgħel, u wara n-nies kollha toħroġ mill-knisja purċissjoni fil-lokal. Ix-xemgħa tingħata bħala stedina għall-Quddiesa tat-Twelid ta' Ġesù.

**Persuni/oġġetti neċessarji:**

1. Animatur.
2. Torċa Rumana u ċappa melħ.
3. Marija, Ġużeppi u Ġesù tarbija.
4. It-tliet Slaten Maġi.
5. Torċa Rumana għal kull wieħed mill-Maġi.
6. Mużika tal-Milied.
7. Xemgħa ħamra għal kulħadd bi stedina għall-Quddiesa ta' Nofsillejl.

## Appendiċi 1: Eżami tal-Kuxjenza

### 1. Jien u Alla

Kemm ħsibijiet jgħaddu minn rasi sa minn xħin niftaħ għajnejja? Niftakar ta' spiss f'Alla matul il-ġurnata? Nirringrazzjah xħin inqum filgħodu? Nitolbu jagħtini ġurnata tajba? Nitlob qabel niekol u wara li nispiċċa? Ngħid talba flimkien ma' marti jew ma' żewġi u ma' wliedi qabel ma norqod?

Nattendi għall-Quddiesa tal-Ħadd, mhux bħala obbligu imma għax nixtieq niltaqa' ma' Ġesù? Inkun attent? Ġismi jkun fuq il-bank… Qalbi u moħħi jkunu hemm ukoll? Meta jkolli ċans nipprova mmur għall-Quddies ta' matul il-ġimgħa?

Nipprova nattendi għal-laqgħat biex nisma' l-Kelma ta' Alla għalija? Bħal Marija, oħt Marta, nagħżel is-smigħ tal-Kelma ta' Alla qabel ix-xogħol u d-divertiment? Qed niprova ngħixha?

Alla l-Missier tani sitt ijiem biex naħdem… Is-seba' jum qiegħed nużah għall-mistrieħ tiegħi u tal-familja tiegħi? Qiegħed nużah għal xi żjara lill-ħbieb, għal xi żjara fl-isptar?

Meta nkun għajjien, bin-nervi jew imdejjaq, ġieli jeħlu miegħi Alla, il-Verġni Mbierka jew il-qaddisin, billi ma nikkontrollax qalbi u lsieni?

Nemmen fl-għajn u fis-saħta?

### 2. Jien u l-oħrajn

Kif inkellem lil żewġi jew lil marti? Kif inkellem lil uliedi? Kif inkellem lill-ġenituri tiegħi? Aktar bir-rabja milli bil-kalma? Ngħid kliem ta' mħabba, żegħil, kuraġġ, jew aktar kliem li bih nikkritika u naqta' qalb dak li jkun? Inweġġa' bi lsieni jew aktar indewwi b'xi kelma?

Ngħir għall-oħrajn? Kif nitkellem dwarhom? Minn wara darhom nikkritikahom? Nieħu gost bid-deni tagħhom?

Nipprova nħobb lil kulħadd? Anki lil dawk li ma jaħsbuhiex bħali? Lil dawk li mhumiex tal-istess partit politiku tiegħi? Lil dawk li huma sinjuri jew fqar aktar minni? Lil dawk li huma aktar għorrief jew aktar injoranti minni? Lil dawk li jbegħduni bi kliemhom u bl-imġiba tagħhom?

Nipprova naħfer lil dawk li jweġġgħuni? Jekk ma jirnexxilix naħfer, talinqas lest li nitlob għalihom? Lest li ngħinhom jekk ikunu jeħtieġu l-għajnuna tiegħi? Lest li nitlob lil Alla biex jgħinni naħfer? Meta nweġġa' lil xi ħadd – lil żewġi, lil marti, lil uliedi, lill-ġenituri tiegħi… – lest li nitlob maħfra bis-serjetà?

Kapaċi nagħti minn dak li hu tiegħi meta jkun hemm bżonn? Kapaċi nagħti mill-ħin tiegħi biex ngħin? Kapaċi nagħti karità minn dak li l-Mulej ipprovdieli? Meta naf li xi ħadd qiegħed ibati, sempliċement nitħassru jew immur ħdejh nisimgħu, ngħinu jerfa' l-piż tad-diffikultà tiegħu?

Ix-xogħol u l-proġetti tiegħi jiġu qabel il-persuna? Ix-xogħol jiġi qabel il-mara/ir-raġel? Ix-xogħol jiġi qabel it-tfal?

Naqdi dmiri sewwa fuq ix-xogħol? Inkun fil-ħin u nitlaq fil-ħin? Lill-gvern, jew ma' min naħdem, qiegħed nagħtih il-ġurnata tax-xogħol? Nieħu dak li mhux tiegħi? Inħallas dejjem ta' dak li nieħu? Faċli għalija li dak li hu ta' ħaddieħor nagħmlu tiegħi?

Kapaċi nitlob għajnuna lill-oħrajn meta għandi bżonn? Jew biex ma nurix li għandi bżonn tal-oħrajn lest li nitkisser u nitgħaffeġ?

Jiena fidil lejn marti? Fidil lejn żewġi? Is-sesswalità hija l-ogħla att ta' mħabba fiż-żwieġ… L-imħabba lejn marti/żewġi ddum il-ġurnata kollha? Bis-sesswalità qiegħed infittex biss li nissodisfa l-bżonnijiet tiegħi jew li nħobb verament lil marti jew lil żewġi?

### 3. Jien u jien innifsi

Naċċetta lili nnifsi kif jien? Ingerger minħabba s-sitwazzjoni li qiegħed fiha? Ingerger għall-ġenituri tiegħi? Għal marti? Għal żewġi? Għal uliedi? Għal sħabi ta' fuq ix-xogħol? Naf nidħak u nieħu pjaċir?

Nipprova naċċetta s-salib tiegħi? Naħrab mit-tbatija? Kapaċi nibki? Jew naħbi s-sentimenti tiegħi?

Nieħu ħsieb ġismi? Niekol iżżejjed? Jew nixxaħħaħ mill-ikel biex infaddal? Qiegħed insib ħin għall-mistrieħ tiegħi? Naħdem iżżejjed? Min-naħa l-oħra nibża' minn kull biċċa xogħol, kbira jew żgħira? Qiegħed norqod biżżejjed?

Għandi kontroll fuq id-delizzju tiegħi? Nikkontrolla fuq it-TV? Kompjuter? Nikkontrolla fuq ix-xorb? Nilgħab flus? Nonfoq flusi bir-raġuni u mhux bl-aptit? Nagħti flus biżżejjed lil marti/żewġi, għall-ħtiġijiet tal-familja, jew ma nafdax? Nagħti flus skond il-qies lil uliedi?

Hemm xi ħaġa f'ħajti li nħobbha aktar milli nħobb lil Alla?

Sinċier miegħi nnifsi? Kapaċi nammetti u naċċetta bis-serenità meta niżbalja?

## **Appendiċi 2: Taf xejn il-kulur t'Alla?** (David Azzopardi)

Taf xejn il-kulur t'Alla
hux abjad jew ħamrani,
inkella huwiex iswed,
kannella jew safrani?

*Ma nafx... Nafx biss li Alla
ilkoll jarana sbieħ,
għax aħna lkoll uliedu,
kulħadd l-istess għalih.*

Allura għaliex niġġieldu
u nxerrdu demm xulxin?
Għaliex dan il-ġlied kollu,
bejnietna mifrudin?

*Ma nafx... Naf biss li Alla...*

Għaliex jekk tkun miċ-Ċina,
mill-Afrika ta' Fuq,
mill-Asja jew mill-Indja
jaħarbek kull maħluq?

*Ma nafx... Naf biss li Alla...*

## Appendiċi 3: Roddu ħajr lill-Mulej għax hu tajjeb (Salm 135[136])

Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Li firex l-art fuq l-ilmijiet, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Li għamel id-dawl il-kbar, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu darab l-Eġizzjani f'uliedhom il-kbar, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U ħareġ lil Iżrael minn ġo nofshom, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Ħariġhom b'id qawwija u bi driegħ merfugħ, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu feraq fi tnejn il-Baħar tal-Qasab, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U għadda lil Iżrael minn ġo nofshom, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Ġarraf il-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu fil-Baħar tal-Qasab, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu mexxa fid-deżert il-poplu tiegħu, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U xejjen slaten qawwija, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Qered slaten kbar, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Qered lil Siħon, sultan tal-Amurrin, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U 'l Għog, sultan ta' Basan, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U l-art tagħhom qassamha b'wirt, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
B'wirt lil Iżrael, qaddej tiegħu, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Meta konna magħkusin ftakar fina, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U ħelisna mill-għedewwa tagħna, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Lil kulħadd hu jagħti l-ikel, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lil Alla tas-smewwiet, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

# 15. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI GĦAL ŻMIEN L-AVVENT

Dun Giovanni Curmi

**"Issemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom"**

## Ambjentazzjoni:

*Qabel iċ-ċelebrazzjoni titħejja maxtura mdaqqsa vojta mingħajr tiben. Il-maxtura vojta hi sinjal taż-żmien tal-Avvent ikkaratterizzat mill-istennija tal-miġja ta' Ġesù. Fl-istess ħin il-maxtura hi wkoll sinjal tar-ruħ li tistenna l-preżenza salvifika ta' Kristu. Fil-post fejn issir iċ-ċelebrazzjoni jitħejja xi tiben f'kontenitur apposta.*

*Wara l-eżortazzjoni taċ-ċelebrant u l-għoti tal-paċi, dawk preżenti jiġu mistiedna jagħmlu ġest simboliku: ipoġġu ftit tiben fil-maxtura b'sinjal li permezz tal-maħfra issa r-ruħ qed tilqa' fiha mill-ġdid lil Ġesù. Fl-istess waqt il-ġest idaħħal aktar lill-ġemgħa fl-istennija liturġika tat-twelid tal-Feddej.*

### 1. Riti tal-Bidu

Anim: Fil-mixja liturġika li qegħdin nagħmlu biex nitħejjew għaċ-ċelebrazzjoni tat-twelid tal-Mulej Ġesù fil-Milied, il-Knisja tistedinna biex nilqgħu lil Ġesù bħala s-Salvatur tagħna. Fost is-sinjali tas-salvazzjoni tiegħu, Kristu l-Mulej ħallielna s-Sagrament tal-Maħfra, li permezz tiegħu aħna nħallu 'l Ġesù jkun għalina mill-ġdid Salvatur. Nitħejjew għal din iċ-ċelebrazzjoni tal-Qrar permezz tal-kant.

## Kant

## Tislima

Ċel: Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

Ġem: Amen.

Ċel: Il-Mulej Ġesù, li ġie jgħarrafna l-imħabba kollha ħniena tal-Missier, u sawwab fuqna l-Ispirtu tal-maħfra, ikun magħkom ilkoll.

Ġem: U miegħek ukoll.

## Tħeġġiġ

Ċel: "Imbierek il-Mulej, Alla ta' Israel, għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu" (Lq 1:68): hekk jistqarr Żakkarija fl-innu ta' radd il-ħajr lil Alla għat-twelid ta' ibnu. Hu jistqarr li l-missjoni tal-Battista kellha tkun dik li jmur qabel il-Mulej biex iħejji t-triq u jgħarraf lill-poplu bis-salvazzjoni li kellha titwettaq permezz tal-maħfra tad-dnubiet (ara Lq 1:76-77).

Dan kollu seħħ tassew fi Kristu. Fit-twelid tal-Messija Alla ġie jżur il-bniedem mill-għoli bħax-xemx tielgħa, biex idawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, u hekk imexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem (ara Lq 1:78-79).

Nistqarru li kultant ninħakmu mid-dlam tad-dnub, u għalhekk nersqu lejn il-Mulej li, permezz tal-maħfra tiegħu, se jroddilna mill-ġdid id-dawl u jdewwaqna l-imħabba bla tarf tiegħu.

## Talba

Ċel: Nitolbu.
Mulej, Alla tagħna,
int issejħilna biex inkunu perfetti u qaddisa quddiemek fl-imħabba;
imma aħna nagħrfu d-dgħufija tagħna li xi drabi twassalna għad-dnub.
Anki jekk joktru dnubietna, int ma titbegħidx minna,
imma tisma' l-karba tagħna u tmidd idek lejna biex taħfrilna.
Aħna u nitħejjew biex niċċelebraw il-miġja
ta' Ibnek fostna fil-ġranet tal-Milied,
li ġie fostna biex isalvana minn dnubietna,
agħtina li nduqu minn issa l-maħfra u s-salvazzjoni tiegħu.
Hu li hu Alla,
u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.
Ġem: Amen.

## 2. Liturġija tal-Kelma

Anim: Permezz tal-Kelma tiegħu l-Mulej jibqa' jitkellem magħna. Hu jfakkarna li hemm toroq u għażliet li jbegħduna minnu u mill-aħwa, u jistedinna biex ngħixu fl-imħabba tiegħu, li hi tjieba, ġustizzja, ħniena u verità. Minkejja l-kruha tad-dnub, speċjalment meta jsir offiża li tweġġa' lill-oħrajn, il-Mulej iħabbrilna li hu ma jerġax lura minn imħabbtu lejna. Garanzija ta' din il-verità hi l-miġja tal-Iben il-waħdieni tiegħu fostna bħala bniedem, Ġesù, li ġie biex isalva l-bniedem mid-dnub u jressqu mill-ġdid lejn il-qalb tal-Missier.

## Lezzjoni

Lett: Qari mill-ktieb tal-Profeta Isaija (59:1-21).

Araw, id il-Mulej ma qsaritx li ma ssalvax,
lanqas widnejh ma tqalu biex jisimgħu.
Imma ħżunijietkom firdukom minn Alla tagħkom,
u dnubietkom ħbewlu wiċċu minnkom,
biex ma jismagħkomx.
Għax wiċċ idejkom imċappas bid-demm,
u subgħajkom bil-ħażen.
Xufftejkom jgħidu l-gideb,
u lsienkom itaqtaq il-qerq.
Ħadd ma jagħmel kawża għall-ġustizzja;
ħadd ma jiddefendi s-sewwa.
Jittamaw fix-xejn u jlissnu l-gideb;
inisslu l-ħażen u jildu d-deni.
Ifaqqsu bajd is-sriep,
u jinsġu għanqbut il-brimb.
Min jiekol mill-bajd tagħhom imut;
u jekk tkisser waħda minnhom tfaqqas lifgħa.
L-għanqbut tagħhom ma jlibbisx,
u b'xogħolhom in-nies ma jilbsux

għax xogħolhom xogħol il-ħażen,
u għemil il-vjolenza għemil idejhom.
Riġlejhom mgħaġġla għad-deni,
u ħfief biex ixerrdu d-demm bla ħtija.
Ħsibijiethom ħsibijiet il-ħażen,
qerda u ħerba hemm fi triqathom.
Triq is-sliem ma jafuhiex,
u m’hemmx id-dritt f’mixjiethom.
Għawwġu mogħdijiethom,
u min jgħaddi minnhom ma jafx bi sliem.
Għalhekk tbiegħed is-sewwa minna,
u l-ġustizzja ma taslilniex.
Stennejna d-dawl, u sibna d-dlam;
stennejna d-dija, u dħalna fis-swied.
Bħal għomja mal-ħajt inteftfu,
inteftfu bħan-nies mingħajr għajnejn.
Nitfixklu f’nofsinhar bħal filgħaxija
u fl-aqwa tagħna qisna mejtin.
Ilkoll ingergru bħall-orsijiet,
u ngorru dejjem bħall-ħamiem.
Nistennew il-ġustizzja, u ma ssibhiex;
nistennew is-salvazzjoni, u din titbiegħed minna.
Għax dnubietna kotru quddiemek;
u ħtijietna jixhdu kontrina.
Għax dnubietna magħna,
u ħżunijietna nafuhom:
nidinbu u niċħdu lill-Mulej,
u nerġgħu lura minn wara Alla tagħna;
naħqru u nxewxu,
kliem il-gideb minn qalbna llissnu.
Twarrab is-sewwa,
u l-ġustizzja baqgħet ’il bogħod.
Is-sinċerità tfixklet fil-pjazza,
u l-onestà ma tistax tidħol.
Għabet is-sinċerità,
u min jitbiegħed mill-ħażen jisirquh.
Il-Mulej ra dan u ddispjaċieh,
għax is-sewwa ma kienx hemm.
U ra li ma kien hemm ħadd,
u stagħġeb li ħadd ma ndaħal.
Il-qawwa ta’ driegħu għenitu,
u s-sewwa tiegħu wieżnu.
Libes il-ġustizzja bħal kurazza,
u l-elmu tas-salvazzjoni f’rasu.
Libes il-ħwejjeġ tal-vendetta,
u tgħatta bil-mantar tal-ħeġġa.
Skont għemilhom iħallashom;
saħna kontra l-avversarji tiegħu,
u ħlas għall-għedewwa tiegħu,
u jagħtihom ħaqqhom lill-artijiet tax-xtut.
U jaraw mill-punent isem il-Mulej,
u minn tlugħ ix-xemx il-glorja tiegħu.
Għax tiġi bħal xmara mfawra,
misjuqa b’nifs il-Mulej.

U feddej jiġi għal Sijon,
u għal nies Ġakobb li jħallu dnubhom,
oraklu tal-Mulej.
"Dan hu l-patt tiegħi magħhom", jgħid il-Mulej.
"L-Ispirtu tiegħi li hemm fik u kliemi li qegħidt f'fommok,
ma jitbegħdux minn fommok jew minn fomm uliedek, u wlied uliedek,
minn issa u għal dejjem," jgħid il-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.
R/. Irroddu ħajr lil Alla.

**Salm 32 – L-hena ta' min jaqla' l-maħfra** *(alternat)*

Anim: Is-salm ser nistqarruh b'mod alternat mal-lettur.

Lett:
Hieni l-bniedem li ħtijietu maħfura,
li għandu d-dnub tiegħu mistur!
Hieni l-bniedem li ebda ħażen ma jgħoddlu l-Mulej,
u ma għandu ebda qerq f'qalbu!

Ġem:
Jien bqajt sieket, u nfena ġismi,
jiena u nokrob il-jum kollu.
Għax lejl u nhar it-toqol ta' idek fuqi;
saħħti nfniet bħal bis-sħana tas-sajf.

Lett:
Id-dnub tiegħi jien stqarrejtlek,
u l-ħażen tiegħi ma ħbejthulekx.
Jien għedt: "Quddiem il-Mulej nistqarr ħtijieti".
U int ħfirtli l-ħażen tad-dnub tiegħi.

Ġem:
Għalhekk kulmin hu twajjeb
lilek jitlob fi żmien in-niket.
Jekk ifuru ilmijiet kotrana, lilu qatt ma jilħquh.
Int kenn għalija, mit-taħbit tħarisni,
iddawwarni u tferraħni bil-ħelsien tiegħek.

Lett:
Ngħallmek u nurik it-triq li għandek tieħu;
inwissik, u nżomm għajnejja fuqek.
Tkunux bla sens bħaż-żiemel u l-bagħal,
li bil-lġiem u r-riedni trażżanhom,
biex jirnexxilek tiġbidhom lejk.

Ġem:
Ħafna huma t-tbatijiet tal-ħżiena;
iżda min jittama fil-Mulej jitħaddan bil-ħniena.
Ifirħu, twajbin, u thennew fil-Mulej;
għajtu bil-ferħ, intom ilkoll ta' qalbkom safja.

## Kant tal-Hallelujah

Hallelujah. R/. Hallelujah.

Lett: "Hi se jkollha Iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt 1:21).

Hallelujah.

## Vanġelu

Ċel: Qari mill-Evanġelju skont San Mattew (1:18-25).

It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom". Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: 'Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El', li jfisser 'Alla magħna'". Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu. Imma baqa' ma għarafhiex sa ma kellha iben, u semmieh Ġesù.

Il-Kelma tal-Mulej.
R/. It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni/Omelija

### 3. RIT TAR-RIKONĊILJAZZJONI

## Eżami tal-kuxjenza

Anim: "Il-Kelma tal-Mulej hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar" (Lhud 4:12). Inħallu l-Kelma ta' Alla tinżel fil-fond ta' qalbna, tqanqal il-ħsieb tagħna u tħarrek il-kuxjenza tagħna, biex nagħrfu fejn għandna d-dnub ħalli nersqu lejn il-Mulej u nitolbuh jagħtina s-salvazzjoni tiegħu permezz tal-maħfra sagramentali.

- *Wara kull riflessjoni jinżamm mument qasir ta' skiet.*

Lett: "Xufftejkom jgħidu l-gideb, u lsienkom itaqtaq il-qerq… Jittamaw fix-xejn u jlissnu l-gideb; inisslu l-ħażen u jildu d-deni".

- *X'qegħdin ilissnu xufftejja? Fuqhiex idur l-aktar ilsieni?*

Lett: "Ħadd ma jagħmel kawża għall-ġustizzja; ħadd ma jiddefendi s-sewwa… Triq is-sliem ma jafuhiex, u ma hemmx id-dritt f'mixjiethom. Għawġu mogħdijiethom, u min jgħaddi minnhom ma jafx bi sliem".

- *Jien ngħawweġ triqti biex nasal fejn irrid nasal? Nista' nimxi aktar dritt?*

Lett: "Riġlejhom mgħaġġla għad-deni, u ħfief biex ixerrdu d-demm bla ħtija… Ħsibijiethom ħsibijiet il-ħażen, qerda u ħerba hemm fi triqathom".

- *Nipprova nirbaħ ħsibijiet ta' rabja, ta' ħażen, ta' deni?*

Lett: Is-sinċerità tfixklet fil-pjazza, u l-onestà ma tistax tidħol.

- *Jien persuna sinċiera? Onest/a f'dak li nagħmel? Inpoġġi fil-ġenb il-prinċipji tiegħi jekk ikun hemm bżonn?*

**Stqarrija tal-ħtijiet**

Ċel: Ejjew flimkien nistqarru li aħna ħatja quddiem il-Mulej, biex niksbu mingħandu maħfra u grazzja.

Ġem: Mulej, tiftakarx fid-dnubiet tiegħi;
jekk, minħabba d-dgħufija tan-natura tiegħi,
żbaljajt fil-kliem, fl-għemil u fil-ħsibijiet, inti aħfirli,
għax inti għandek il-qawwa li taħfer id-dnubiet.
Jekk ninża' l-għata ta' ġismi,
agħmel li ruħi tkun misjuba mingħajr ħtija.
U aktar minn hekk, agħmel, o Alla tiegħi,
li tilqa' f'idejk ir-ruħ tiegħi
mingħajr ħtija u mingħajr tebgħa
bħala offerta li togħġbok.
*(Girgor ta' Nissa, Ħajja ta' Santa Macrina)*

**Invokazzjonijiet ta' maħfra**

Ċel: "Ħżunijietkom firdukom minn Alla tagħkom, u dnubietkom ħbewlu wiċċu minnkom, biex ma jismagħkomx". Mulej, ħniena.

Ġem: Mulej, ħniena.*

Ċel: "Araw, id il-Mulej ma qsaritx li ma ssalvax, lanqas widnejh ma tqalu biex jisimgħu". Kristu, ħniena.

Ġem: Kristu, ħniena.*

Ċel: "Hieni l-bniedem li ħtijietu maħfura, li għandu d-dnub tiegħu mistur! Hieni l-bniedem li ebda ħażen ma jgħoddlu l-Mulej, u ma għandu ebda qerq f'qalbu!". Mulej, ħniena.

Ġem: Mulej, ħniena.*

Ċel: Iħenn għalina Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.

Ġem: Amen.

*(* L-invokazzjonijiet ta' maħfra jistgħu jkunu kantati, anki bil-Latin, bħall-innijiet ta' Taizè.)*

**Kant: Missierna**

Ċel: Qabel nersqu għall-Qrar, ejjew flimkien inkantaw it-talba li għallima l-Imgħallem tagħna Ġesù.

**Qrara u Assoluzzjoni individwali**

Anim: Dawk li jixtiequ, jistgħu jersqu għand saċerdot biex jistqarru dnubiethom u jirċievu l-maħfra sagramentali.

- *Waqt li jsir il-Qrar individwali, jiġi alternat skiet, kant u qari mis-Salmi. Għall-bżonn wieħed jista' juża ftit* background music *adattata.*

**Eżortazzjoni wara l-Qrar u Għoti tal-paċi**

Ċel: Għeżież, bil-ministeru tas-saċerdot u permezz tas-sagramenti tal-Knisja aħna rċivejna l-maħfra tal-Mulej Ġesù. L-indiema li wasslitna biex nitolbu maħfra u l-proponiment imsaħħaħ mit-tewba biex nitħeġġu iżjed għall-qdusija, isaħħu fina r-rieda li nimxu wara Ġesù, megħjunin mill-grazzja tiegħu.

B'sinjal tal-għaqda li sseħħ bejnietna kull darba li nitħabbu mill-ġdid ma' Alla, agħtu l-paċi lil xulxin.

**Ġest**

Anim: F'nofs il-knisja għandna maxtura vojta. Din il-maxtura riedet tfisser kemm is-sinjal tal-istennija tagħna għall-festa tal-Milied f'dan iż-żmien tal-Avvent, u kemm ix-xewqa tar-ruħ li, permezz tal-maħfra sagramentali, tilqa' mill-ġdid fiha lil Kristu l-Feddej.

B'sinjal tal-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla li ksibna permezz tal-Qrar, u biex inkomplu nitħeġġu fl-istennija tal-miġja tal-Mulej, dawk li jixtiequ nitolbuhom jieħdu ftit tiben imħejji apposta u jqiegħduh fil-maxtura: sinjal li qed inħejju u nitħejjew, kemm individwalment u kemm bħala komunità, biex nilqgħu fostna lil Ġesù. Il-ġest tat-tiben għalina jfisser talba, it-talba tal-*marana thà*: "Ejja, Mulej Ġesù".

*Dawk li jixtiequ, jieħdu mit-tiben imħejji apposta u jersqu wara xulxin biex ipoġġu t-tiben fil-maxtura.*

**Radd il-ħajr u Tifħir lil Alla**

Anim: B'sinjal ta' gratitudni lil Alla, li tana l-maħfra tiegħu, ejjew flimkien maċ-ċelebrant irroddu ħajr lil Alla u nfaħħruh għall-kobor ta' mħabbtu għalina.

Ċel: Hallelujah! Is-salvazzjoni u l-glorja u l-qawwa ta' Alla tagħna,
għax veri u ġusti huma l-ġudizzji tiegħu. Hallelujah!

Ġem: Hallelujah! Faħħru lil Alla tagħna, qaddejja tiegħu kollha,
u intom li tibżgħu minnu, kemm żgħar u kemm kbar. Hallelujah!

Ċel: Hallelujah! Għax ħa s-saltna l-Mulej, Alla tagħna li jista' kollox.
Nifirħu u nithennew u nagħtuh glorja. Hallelujah!

Ġem: Hallelujah! Għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf,
u l-Għarusa tiegħu ħejjiet ruħha. Hallelujah! *(Apok 19:1-2,5-7)*

Ċel: Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

Ġem: Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## Talba

Ċel: Nitolbu.
O Alla li tħobb il-bnedmin,
qed joqrob iż-żmien li fih niċċelebraw
il-miġja fostna bħala bniedem ta' Ibnek il-waħdieni:
agħmel li bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li rċivejna,
aħna nkomplu l-mixja tagħna
biex niltaqgħu ma' Kristu Ibnek li ġej.
Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

Ġem: Amen.

## 4. RITI TAL-GĦELUQ

Ċel: Il-Mulej Ġesù, li se jitwieled għalina biex iġedded il-patt ta' mħabba u maħfra tal-Missier mal-umanità, ikun magħkom ilkoll.

Ġem: U miegħek ukoll.

Ċel: Iberikkom Alla li jista' kollox: † il-Missier u † l-Iben u † l-Ispirtu s-Santu.

Ġem: Amen.

Ċel: Morru fil-paċi ta' Kristu mħabbra f'Betlehem lill-bnedmin ta' rieda tajba.

Ġem: Irroddu ħajr lil Alla li sar bniedem bħalna.

## Kant

*NB Jixraq li wara ċ-ċelebrazzjoni jsir hemm mument qasir ta' fraternità fost dawk li ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjoni, biex jissaħħu r-rabtiet fost il-membri tal-komunità.*

# 16. SKEMI TA' ADORAZZJONI GĦALL-ĠIMGĦAT TAL-AVVENT

Dun Geoffrey G. Attard

Nota:
Hi drawwa li nhar ta' Ħamis issir l-adorazzjoni fil-parroċċi u l-knejjes tagħan. Il-Pjan Pastorali jħeġġeġ biex toktor l-imħabba tal-poplu tagħna lejn l-Ewkaristija, mhux biss waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, imma wkoll fil-qima li tingħata lill-Ewkaristija barra mir-rit liturġiku tal-quddiesa. L-adorazzjoni tilħaq dan l-għan.

L-iskemi huma marbuta mal-Ħdud tal-Avvent. Il-qari propost huwa dak tal-Ħdud tal-Avvent. Wieħed jista' jaqra biss silta waħda jew aktar.Għalhekk jistgħu jintużaw kemm bħala preparazzjoni għall-Ħadd li jkun ġej, jew bħala riflessjoni fuq il-Ħadd li jkun ġie ċċelebrat.

Dawn l-iskemi jistgħu jsiru kif inhuma, jew jiġu adattati skont il-ħtieġa. Wieħed jista' jagħmel għażla tal-materjal, u jużа biss parti minnu.

# I. ADORAZZJONI GĦALL-EWWEL ĠIMGĦA TAL-AVVENT (SENA A)

1. **ESPOŻIZZJONI tal-Ewkaristija u Kant**

2. **VIŻTA**

3. **TALBA TAL-BIDU**

Mulej Alla, agħtina l-grazzja li nbiegħdu minna l-għemejjel tad-dlam u li nilbsu l-armatura tad-dawl, issa li ninsabu f'dan il-pellegrinaġġ tagħna f'din id-dinja fejn l-Iben tiegħek Ġesù Kristu ġie fostna mżejjen bl-umiltà, ħalli fl-aħħar jum, meta jerġa' jiġi fil-maestà glorjuża tiegħu sabiex jiġġudika lill-ħajjin u lill-mejtin, aħna nkunu nistgħu nerġgħu nqumu għall-ħajja ta' dejjem.

Mulej, hekk kif qed iżżernaq is-Saltna tiegħek, begħedna, nitolbuk, mid-dlam tad-dnub, u dawwalna bid-dawl tal-qdusija sabiex inkunu dejjem lesti li nilqgħu 'l Ibnek Ġesù.

Mulej, nitolbuk ukoll sabiex iżżomm lilna, qaddejja tiegħek, dejjem lesti ħalli nishru għall-wasla ta' Ibnek Ġesù, sabiex meta jiġi u jħabbat fuq il-bieb tal-qalb tagħna jsibna dejjem nishru fit-talb, b'għanjiet ta' tifħir fuq xofftejna. Ammen.

4. **QARI mill-ktieb tal-Profeta Isaija (Is 2:1-5)**

5. **INNU**

6. **QARI mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani (Rum 13:11-14)**

7. **Kant: Hallelujah**

8. **QARI mill-Evanġelju skont San Mattew (Mt 24:36-44)**

9. **KUMMENTARJU**

Matul din il-ġimgħa rridu nħarsu lejn il-vanġelu ta' San Mattew. Aħna se nisimgħu dwar l-istorja ta' dan il-vanġelu u dwar id-differenzi importanti li dan għandu miż-żewġ vanġeli Sinottiċi l-oħra, Mark u Luqa. Inħarsu wkoll lejn it-temi ewlenin tal-Vanġelu skont San Mattew. Huma kontinwament jiġu quddiemna aħna u nqattgħu din is-sena li ġejja fuqna naqraw dan il-vanġelu sabiħ. Waħda mit-temi ewlenin hija introdotta fil-vanġelu tal-lum, u nsibuha fil-kapitlu 24 ta' Mattew. Huwa qari li jittratta ż-żmien tat-tmiem, imsejjaħ minn xi wħud il-Parusija, li ġġib magħha l-wasla tas-Saltna. Ix-xbihat li jissemmew huma ferm qawwija. Fis-silta ta' qabel il-vanġelu li għadna kif smajna jissemmew ix-xemx li se tiddallam, il-qamar li ma jagħtix aktar dawl u l-kwiekeb li jaqgħu mis-smewwiet. L-awtur jippreżentalna stampa ċara tal-poplu ta' żmien Noè, li jkun qed igawdi l-ħajja u jixxala bla ma jintebaħ li wasal id-dilluvju li sa jeqridhom ilkoll! Tista' timmaġina kif l-ewwel semmiegħa ta' dan il-vanġelu mtlew bil-biża', speċjalment meta semgħu kif "wieħed jitħalla u l-ieħor jittieħed". Din hija twissija qawwija kontra l-għażż u l-indifferenza! Ma nistgħux ngħixu ħajjitna daqslikieku ma hemmx Ġudizzju universali. Ħadd ma jaf meta l-Mulej se jsejħilna. Forsi jkun illum stess! U inti lest biex tidher fis-Saltna quddiem il-Ħallieq tiegħek? Il-vanġelu ta' Mattew jistaqsi dawn il-mistoqsijiet tqal imma b'mod dirett. Dawn huma l-mistoqsijiet li aħna nsibuha diffiċli nistaqsu. Imma m'għandniex nippretendu li dawn il-mistoqsijiet se jaħarbu minn quddiemna!

10. **SKIET**

## 11. MEDITAZZJONI

Aħna l-Insara nibdew is-sena liturġika, is-sena tal-Knisja, fl-Avvent. Dan għandu jkun żmien ta' eċitament u antiċipazzjoni, aħna u nħarsu 'l quddiem biex infakkru l-miġja ta' Ġesù fid-dinja. Tradizzjonalment il-fidili kienu jħejju lilhom infushom permezz tas-sawm u t-talb. Dan iż-żmien ta' riflessjoni speċjali huwa mmarkat mill-ilbies vjola, li kien il-kulur imperjali Ruman għal-luttu. Dan jintlibes biex bħal donnu jfakkar f'perjodu ta' niket qabel l-istorbju u l-ferħ tal-Inkarnazzjoni. F'dan iż-żmien aħna nkunu tant mifxula bix-xiri tar-rigali, bit-tisjir u bis-sens ta' ċelebrazzjoni li jibda mal-bidu ta' Diċembru, li faċilment nitilfu s-sens ta' tħejjija. Għalhekk għandna nagħmlu minn kollox sabiex nieħdu bis-serjetà dan il-qari li smajna. Dan jista' jiswielna bħala dixxiplina personali u spiritwali li tgħinna biex nidħlu bil-mod fiż-żmien tal-Avvent.

## 12. INNU

## 13. TALBIET

Mulej Alla, żomm lilna l-qaddejja tiegħek dejjem imħejjija aħna u nistennew il-miġja ta' Ġesù Ibnek, sabiex meta jiġi u jħabbat isibna nishru fit-talb u bl-għana ta' tifħir fuq xofftejna. *Nitolbu.*

Mulej Alla tat-tama u tal-ferħ, iftaħ il-qlub tagħna sabiex nilqgħu fina lil Ibnek Ġesù Sidna u jsibna nistennewh bil-ħerqa. *Nitolbu.*

Ejja, Mulej Ġesù, kun int is-Sultan tagħna; ejja u aħkem fuq il-qalb u fuq il-moħħ tagħna, sabiex jitbiegħed kull dlam u jiddi fostna d-dawl tiegħek tal-għaġeb. *Nitolbu.*

Missier tas-Sema, aħna u nħejju ruħna għall-festa tal-Milied, għinna sabiex qalb il-ħajja mgħaġġla ta' bħalissa nsibu fuq kollox ħin għar-riflessjoni u għat-talb, ħalli nimmeditaw fuq l-għaġeb kbir tal-imħabba tiegħek għalina murija fi Kristu Ġesù Sidna. *Nitolbu.*

## 14. KUMMENTARJU II: SALTNA ĠDIDA

Il-kittieba tat-Testment il-Ġdid kienu jemmnu li Alla kien Sultan u li s-saltna tiegħu xi darba għad titwaqqaf fuq l-art. Huma kienu eċitati l-aktar dwar il-konvinzjoni li din is-Saltna l-ġdida kienet diġà bdiet iżżernaq, u li Alla kien se jidħol fl-istorja tal-bnedmin. Huma kienu jemmnu wkoll li din il-miġja tal-Mulej kienet se tagħmel differenza radikali fil-mod ta' kif kienu l-affarijiet. L-aktar li kien jimpurtahom ma kienx mill-fatt li s-Saltna ta' Alla kienet se tkun tixbah lil dik ta' sultan, imma mill-fatt li kienet qed toqrob malajr. Kien jinteressahom l-aktar mill-immedjatezza tagħha. Il-profeti tat-Testment il-Qadim kienu ħejjew it-triq għal dawn il-konvinzjonijiet. Is-silta tat-Testment il-Qadim minn Isaija ssaħħaħ it-twemmin f'dak li Alla kellu jagħmel wara li n-nazzjon ta' Israel kellu jerġa' lura lejn art twelidu mill-jasar tal-eżilju tal-Babilonja. Imma r-rwol tal-profezija huwa tassew kumpless: aħna faċilment nużaw it-terminu sabiex nispjegaw it-tħabbir tal-ġejjieni, imma ninsew li l-profeta qed jitkellem il-kliem ta' Alla: il-profezija mhix tħabbira tal-ġejjieni daqskemm hija xandira tal-preżent. Importanti wkoll niftakru li l-profeziji jinsabu wkoll f'testi li jistgħu jinqraw sabiex iħallu l-effett fuq il-ħajja u l-fidi tal-qarrejja kontemporanji. Mela huma ma jfakkrux biss dak li seħħ fl-imgħoddi. Is-salm 122 jorbot ma' din l-idea u għalhekk kien salm li kien jitkanta mill-pellegrini huma u jersqu lejn Ġerusalemm. Jidher mill-esperjenza ta' ħafna li, għal dawk li żaru u ħarsu lejn Ġerusalemm b'dan is-salm f'moħħhom, ikun diffiċli ħafna li ma jħossuhomx imqanqla quddiem is-sbuħija ta' post li jidher li huwa ċ-ċentru teoloġiku tad-dinja kollha. Kulmin jaħseb dawn il-ħsibijiet illum huwa biss fit-tmiem ta' linja twila ta' predeċessuri li "talbu għas-sliem ta' Ġerusalemm".

Mit-twemmin fil-miġja ta' Alla u s-sentimenti ta' stagħġib imqaddes quddiem id-dehra tal-Belt il-Qaddisa, imiss issa li nikkunsidraw is-silta ta' Pawlu fl-Ittra lir-Rumani, li tenfasizza fuq l-istennija tiegħu li jara lil Ġesù. Din hija s-silta famuża li jingħad li kkawżat il-konverżjoni ta' Santu Wistin: "Ngħixu kif jixraq, bħal f'binhar, mhux bl-ikel iżżejjed u s-sokor, mhux biż-żina u t-tbahrid, mhux bil-ġlied u l-għira. Imma ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu" (Rum 13:13-14). Din hija s-sejħa għal ħajja li tiġi megħjuxa fil-kuntest ta' ġejjieni etern offrut lill-ġnus kollha u magħruf biss minn dawk li jwieġbu bil-fidi f'Ġesù Kristu. Mattew 24 jipprovdilna wieħed minn dawk it-testi bażiċi għal din il-kumplessità ta' twemmin. Hawn jinsab Ġesù, qrib it-tmiem tal-ħajja tiegħu, iwissi lid-dixxipli tiegħu li t-tmiem taż-żminijiet riesaq malajr u li l-ġrajjiet li jakkumpanjaw din il-miġja se jkunu spettakulari. It-tixbihat huma tassew qawwija u ġejjin mit-tradizzjoni apokalittika li pprovdiet il-kuntest għall-predikazzjoni ta' Ġesù. F'dinja fejn il-bidu u t-tmiem attwali tal-istorja huma temi ta' esplorazzjoni xjentifika aktar milli ta' domma teoloġika, jeħtieġ li naqraw sewwa l-kliem tal-Mulej Ġesù u nippenetraw fl-essenzjal tagħhom. Dak li qed jgħid Ġesù huwa fil-qosor u jurina kif b'mod sempliċi u f'kull mument aħna nistgħu nesperjenzaw il-preżenza glorjuża ta' Alla, li huwa Missier Sidna Ġesù Kristu.

X'tama hemm għad-dinja? Nistgħu nħarsu 'l quddiem lejn xi ħaġa? Jew inkella aħna kkundannati li naraw kollox dieħel ġo ċirku vizzjuż ta' titjib u qerda? It-tweġiba mit-Tradizzjoni Nisranija kienet dejjem li t-tama vera tinsab filli niffissaw ħarsitna fuq Alla. It-tweġiba propja għal Alla hija waħda ta' tjieba u kompassjoni għall-proxxmu tagħna. Dawn il-kwalitajiet jistgħu jirrivelaw il-Kristu li huwa glorjożament preżenti fil-proxxmu tagħna.

## 15. SKIET

## 16. MEDITAZZJONI: Il-HANUKKAH

Kull meta jitfaċċa Diċembru l-komunitajiet Lhud jiċċelebraw festa ta' dwal imsejħa *Hanukkah*.

Madwar elfejn u mitt sena ilu s-Sultan Antjoku – il-ħakkiem Grieg tas-Sirja – kellu kontroll fuq l-art ta' Israel, il-ġar tiegħu fin-nofsinhar. Waqt li l-Lhud jemmnu f'Alla wieħed, is-Sultan insista li huma jqimu diversi allat, fosthom lilu stess. Kien hemm ribelljoni Lhudija kontra l-forzi wisq akbar tal-armati li kienu jokkupaw lil pajjiżhom. Wara tliet snin ta' gwerra l-mexxej Lhudi Ġuda l-Makkabew ħa f'idejh it-Tempju ta' Ġerusalemm. It-Tempju kien safa ddesakrat u abbużat, għaliex kienu tqiegħdu l-istatwi tal-allat pagani fih. Il-Lhud reġgħu ddedikaw it-Tempju mill-ġdid. Saru tmint ijiem ta' festi. Fit-Tempju l-lampi taż-żejt tal-Menorah – gandlier ewlieni b'seba' friegħi ħerġin minnu – reġgħu nxtegħlu, imma kien hemm biss żejt biex idum jaqbad ġurnata waħda biss. B'mod mirakoluż iż-żejt baqa' jixgħel għal tmint ijiem, sakemm inkiseb żejt ġdid, u b'hekk il-*Hanukkah* saret "il-festa tat-tmint ijiem". Illum kull meta jiċċelebraw il-*Hanukkah* il-Lhud ifakkru d-dedikazzjoni mill-ġdid tat-Tempju f'Ġerusalemm u anki jiddedikaw lilhom infushom mill-ġdid lil Alla. Dan ikun żmien sabiħ u jingħataw ir-rigali. It-tfal jilagħbu logħba li jkun fiha għatu li jdur u li jkun fiha erba' ittri bl-Għebrajk b'taqsira għall-frażi: "Hawnhekk seħħ miraklu kbir". Mal-wasla tal-lejl tal-ewwel ġurnata tal-*Hanukkah* tinxtegħel xemgħa waħda. Kull lejl tinxtegħel oħra. Fl-aħħar it-tmint ifriegħi jkunu nxtegħlu.

## 17. BARKA SAGRAMENTALI

## 18. INNU TAL-GĦELUQ

## II. ADORAZZJONI GĦAT-TIENI ĠIMGĦA TAL-AVVENT (SENA A)

1. **ESPOŻIZZJONI tal-Ewkaristija u Kant**

2. **VIŻTA**

3. **QARI mill-ktieb tal-Profeta Isaija (Is 11:1-10)**

4. **INNU**

5. **QARI mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani (Rum 15:4-13)**

6. **Kant: Hallelujah**

7. **QARI mill-Evanġelju skont San Mattew (Mt 3:1-12)**

8. **KUMMENTARJU**

Ġwanni l-Battista huwa persuna qawwija ferm. Ġwanni ma jaħsibhiex darbtejn biex jinsulta lill-Fariżej u lil dawk ta' wiċċ b'ieħor. Huwa persunaġġ li juża lingwaġġ vjolenti! Għandna mnejn nistaqsu: Imma għaliex matul din it-tieni ġimgħa tal-Avvent il-Knisja tipperżentalna figura daqshekk qawwija, fi żmien ta' stennija bħal dan? Imma Ġwanni kien bniedem tassew onest; kien imxebba' bin-nies u bir-reliġjon li kien qed jilmaħ madwaru, reliġjon ta' nies ipokriti, oqbra mbajda, nies li jgħidu ħaġa mbagħad jagħmlu oħra. Huwa sejjaħ lin-nies "sriep" – hu jinqeda b'din it-tixbiha sabiex jirrendi l-messaġġ tiegħu aktar ċar u mifhum! Huwa dmir tagħna li matul dan iż-żmien partikulari ma nippruvawx innaqqsu mill-qawwa tal-messaġġ ta' Ġwanni. Jeħtieġ li nifhmu li issa s-Saltna tinsab fil-qrib u nibdew ngħixu kif suppost. Jekk ma nindmux u ma nirrikonoxxux l-awsterità ta' Ġwanni, dan l-Avvent aktar ikun ħsiebna kif inżejnu d-dar u nieklu l-kejkijiet milli kif sa nħejju ruħna għall-Milied.

9. **SKIET**

10. **TALBIET**

Mulej, qajjem il-qawwa tiegħek u ejja fostna, u ieqaf magħna bil-qawwa kollha tiegħek, ħalli dnubietna u l-ħażen tagħna ma jtellfuniex fit-tellieqa li lkoll irridu nagħmlu sabiex naslu għandek. Agħtina l-grazzja ħanina tiegħek u ejja ħa ssalvana. *Nitolbu.*

Mulej, saffi l-qlub tagħna u l-imħuħ tagħna, sabiex meta jerġa' jiġi Ibnek u Sidna, ma jiġix biss bħala Mħallef imma wkoll bħala Salvatur, u ħalli nkunu lesti sabiex nilqgħuh fil-qalb tagħna. *Nitolbu.*

Mulej, Missier ta' kull qdusija, il-wegħdiet tiegħek ma jitħarrkux u l-kliem tiegħek ma jinbidilx għal kemm itulu l-ġenerazzjonijiet. Ġedded it-tama tagħna fik, aħna u nistennew il-miġja fil-glorja ta' Ibek Ġesù Kristu, l-Imħallef u l-Feddej tagħna. *Nitolbu.*

O Alla, inti s-Sid ta' kull żmien u ta' kull post, int is-Sid tal-Ħolqien kollu. Aħna min aħna biex inti tiġi għandna? Madankollu inti żort il-poplu tiegħek sabiex tifdih. Aħna u nħejju sabiex niċċelebraw it-twelid ta' Ibnek, agħmel li qlubna jaqbżu bil-ferħ għall-ħoss tal-Kelma tiegħek, u qanqalna bl-Ispirtu tiegħek sabiex inbierku l-għemejjel tiegħek. Aħna nitolbuk dan permezz ta' Kristu Ibnek Sidna. Amen.

## 11. KUMMENTARJU

Ġwanni l-Battista adotta stil ta' ħajja li kien tassew partikulari u ħaddan ministeru pubbliku. Hu ma beżax jipponta sebgħu lejn il-mexxejja tal-poplu li ma kinux qed imexxu sewwa. B'qawwa liema bħalha hu għamel stqarrijiet ċari u kemm kemm mhux vjolenti kontra l-elitisti spiritwali ta' żmienu. Kulħadd kellu "jħejji t-triq għall-Mulej". Aħna kultant inkunu ttentati naħsbu li l-Iskrittura nkitbet għal dawk in-nies li ma jiġux il-knisja. It-tagħlim ta' Ġwanni l-Battista u ta' Ġesù aktar tard kien dejjem jinstema' qawwi f'widnejn dawk li kienu "is-sriep tas-soċjetà". Il-parabboli kienu jgħallmu u l-qamħ u s-sikrana minn dejjem kienu mħalltin ma' xulxin fl-għalqa. Anki n-nagħaġ u l-mogħoż jgħixu flimkien fl-istess għalqa. Dan ifisser li t-tajjeb u l-ħażin jinsabu jgħammru flimkien. Imma huwa d-dmir tagħna li nagħżluhom minn xulxin.

Għalhekk aħna llum nistaqsu jekk it-toroq tagħna humiex se jwasslu għand il-Mulej dan il-Milied. Nistaqsu lilna nfusna: Imma r-reliġjon tagħna hija bla ħajja? Imma l-għemejjel tagħna huma għemejjel tad-dawl jew għemejjel tad-dlam? Ir-reliġjon tagħna u l-azzjonijiet reliġjużi tagħna jeħtieġ li jwasslu għand Alla. Ir-reliġjon tagħna, sabiex tkun tagħmel sens, trid tkun reliġjon dejjem friska, dejjem tinbidel, inkella tistaġna u ssir tinten jew tqila biha nfisha. Il-fidi tagħna fi Kristu ma tridx tkun ġabra ta' liġijiet jew regoli biss, imma trid tkun stil ta' ħajja, manjiera ta' għajxien. Kemm Insara waqgħu fin-nassa ta' reliġjon komda li vvintaw huma stess u li daħlu fiha bl-istess mod li jdaħħlu f'riġlejhom papoċċ tas-sodda għall-kumdità tagħhom! Kemm hu faċli għalina li r-reliġjon issir f'ħajjitna bħal papoċċ li nilbsuh kuljum u nitfgħuh 'il barra minn riġlejna meta ma jkollniex bżonnu aktar! Il-kelmiet tal-Mulej Ġesù dan il-Milied huma ċari f'widnejna: ma nistgħux noħolqu kompromess magħhom!

Iva, Ġwanni l-Battista qed ikellem lilna wkoll illum. Ikellimna fil-knisja waqt il-mumenti ta' ġabra, ikellimna fi djarna, ikellimna fl-iskola, ikellimna fuq il-post tax-xogħol. Ġwanni qed jistaqsina jekk il-fidi li aħna nistqarru fil-knisja kull nhar ta' Ħadd u l-Ewkaristija li aħna nieħdu sehem fiha humiex parti importanti mill-ħajja tagħna. Jisfidana sabiex dak li nesperjenzaw il-Ħadd, aħna ngħixuh ukoll matul il-ġimgħa fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Alla mhux ir-reliġjon tagħna jrid, imma lilna! U dan huwa li qed jgħidilna Ġwanni.

Ġwanni jistedinna wkoll sabiex niddrittaw il-mogħdijiet tagħna. Is-Saltna ta' Alla mhijiex oġġett tal-aħħar taż-żmien, imma tinsab hawnhekk u issa. Bil-Latin kienu jħobbu jużaw l-espressjoni *"hic et nunc"*. Hawn hi mela s-Saltna ta' Alla! M'hemmx bżonn nistaqsu meta sa tiġi, għax is-Saltna tinsab hawn, bħala parti minn ħajjitna. Hija tħaddanna, tisfidana, tidħol fl-aktar avvenimenti ordinarji ta' ħajjitna. Is-Saltna tinsab preżenti f'dak il-ħabib jew ħabiba marradija li għandna, tinsab f'dak ir-raġel miżżewweġ li jinsab mifxul u li qed jitlob l-għajnuna tagħna, f'dik il-persuna mifxula li qed titlobna nieqfu magħha fuq il-linja tat-telefon, tinsab il-ħin kollu f'ħajjitna, anzi fil-qalba nett tagħha. Kull meta nsibu ruħna f'sitwazzjonijiet fejn ma nkunux nafu kif se nwieġbu jew inġibu ruħna, hemm hi s-Saltna ta' Alla. Min jaf kemm drabi nħossuna msejħin sabiex nagħmlu l-ġid permezz ta' azzjonijiet ċkejknin u li ma jitolbu ebda tbatija jew sforz! Kif inwieġbu aħna quddiem dawn iċ-ċirkustanzi? Qed insiru aħna "Ewkaristija" għall-oħrajn, jiġifieri qegħdin ningħataw f'qadi għal ħutna? Kif nirreaġixxu u kif inġibu ruħna: minn dan jagħrfuna li aħna Nsara, dixxipli ta' Ġesù. Huwa f'dawn il-postijiet ordinarji tal-ħajja ta' kuljum li aħna nuru verament xi tfisser il-qawwa ta' Alla fil-ħajja tagħna.

Aħna u nagħmlu dan kollu aħna nsiru nixbhu lil Ġwanni l-Għammiedi huwa u jiddikjara u jxandar is-Saltna ta' Alla. Ħajjitna, l-għemejjel tagħna, kliemna… dan kollu jagħti xhieda tas-Saltna ta' Alla f'ħajjitna. Jekk irridu nkunu ta' riklam għall-Mulej, jeħtieġ li ngħixu għalih billi niddrittaw il-mogħdijiet tagħna.

## 12. SKIET

## 13. MEDITAZZJONI

Meta Kristu jerġa' jiġi fil-glorja tal-Qawmien tiegħu sabiex jiġġudika d-dinja, l-ewwel li jagħmel huwa li jistaqsi lil kull wieħed u waħda minna. Aktarx li mhux ħa jistaqsina "X'għamilt int u kif għext f'ħajtek?", imma "Inti lest?" jew "Inti lesta?". L-Avvent huwa ż-żmien li fih inħarsu 'l quddiem u nħejju rwieħna għall-festa li ġejja.

Il-ħajja tista' tidher wisq bla sens mingħajr il-preżenza ċentrali ta' Alla. Bħal donna nħossuna maqbuda u msakkra fl-umanità tagħna. Aħna u ninfetħu għal Kristu, id-dawl tad-dinja, Hu jdaħħalna f'realtà ġdida u jerġa' jsaħħaħ u jġedded fina dawk il-postijiet f'ħajjitna li bħal donnhom ikunu ddallmu jew tkissru b'effett tad-dnub. Hekk kif l-Avvent idaħħalna ħelu ħelu fiż-żmien tal-Milied, aħna nħarsu lejn id-dawl ta' Kristu li sa jerġa' jiġi sabiex iġedded kollox, dak l-istess Kristu li meta ġie għall-ewwel darba ma ġiex bi glorja u eżaltazzjoni, imma permezz ta' dawl ħelu u dgħajjef fi stalla tal-annimali. Għal xi wħud il-ferħ Nisrani huwa marbut biss mal-Milied: jgħaddi l-Milied, u jispiċċa l-ferħ Nisrani. Imma dan mhuwiex Milied tassew, dan mhuwiex ferħ tassew. Il-ferħ awtentiku huwa dak li joħroġ mill-qawwa tal-misteru tal-Inkarnazzjoni. Aħna ġejna msejħin sabiex ninbidlu billi nħarsu lejn id-dawl ta' dan il-misteru kbir.

Il-miġja ta' Kristu fil-Milied hija ġrajja għall-univers kollu. Hija ġrajja kożmika, ġrajja tal-istorja li tolqot lil kull wieħed u waħda minna, Insara u m'aħniex. It-tagħlim tiegħu u d-dawl tiegħu jinfdu fil-qalba tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. It-tagħlim tiegħu jistedinna sabiex nevalwaw il-ħajja tagħna u nibdluha fid-dawl tal-Avvent li ninsabu fih.

## 14. INNU

## 15. TALBIET

Mulej, aħna ninsabu mibgħuta fl-isem tal-Missier tal-foqra, fl-isem tal-Iben tal-Ġustizzja u fl-isem tal-Ispirtu tal-Imħabba. Għinna sabiex ngħixu l-wegħda li għamiltilna li ninbidlu, ħalli nsiru sinjali ta' tama li twassal għal dinja ta' ġustizzja u sliem. *Nitolbu.*

Mulej, għallimna sabiex inħobbuk u nafdaw fik dejjem aktar; ħallina nfaħħru l-isem qaddis tiegħek bil-lejl u binhar, sabiex inservuk fid-dar tiegħek tat-talb u fid-dinja ta' madwarna. *Nitolbu.*

Mulej, Sid tat-tama, irroddulek ħajr għall-wegħdiet tiegħek li twettqu f'Ibnek Ġesù. Aħna nifirħu bil-miġja tiegħek fid-dinja. Permezz tal-Kelma tiegħek u tas-sagramenti mqaddsa għinna nitħejjew sabiex nirċievu lil Ġesù bħala l-Mulej u s-Salvatur tagħna b'innijiet ta' radd il-ħajr u tifħir. *Nitolbu.*

Mulej Ġesù, Feddej u Mħallef tal-ġnus, li ġejt sabiex ikollna l-ħajja u l-ħajja bil-kotra, u li għallimtna li għad terġa' tiġi fil-glorja sabiex teħodna miegħek, għinna sabiex ngħixu bħala poplu li jistenna l-imgħallem tiegħu, ħalli ma nistħux meta tidher quddiemna imma nkunu lesti biex nilqgħuk. *Nitolbu.*

Agħtina, Mulej, li nifirħu bil-miġja ta' Ibnek fostna, ħalli nħejju t-triq billi nxerrdu l-imħabba fost ħutna. *Nitolbu.*

Mulej, Sid is-sewwa, mibgħut fostna mill-Missier, iddi fuqna u xejjen id-dlam tad-dnub, ħalli nilqgħuk fostna, int li int Alla u li tgħix u ssaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## 16. KUMMENTARJU II: ĠWANNI L-BATTISTA

Il-vanġeli ma joffrux wisq dettalji bijografiċi dwar Ġwanni l-Battista. Aktar ningħataw l-impressjoni ta' kif kien Ġwanni, u ta' x'kienu l-predikazzjoni tiegħu u l-effett ta' din il-predikazzjoni fuq il-poplu ta' Israel tal-qedem. Ix-xbieha li ningħataw hija ta' profeta: predikatur pubbliku li jiġi jxandar il-messaġġ ta' Alla.

Ġwanni jiġi ppreżentat lilna fit-twettiq tal-profezija ta' Mattew 3:3, li tikkwota lil Isaija 40:3. Il-kliem preċiż ta' Isaija jirreferi għall-miġja lura ta' Israel mill-eżilju tal-Babilonja. F'Isaija t-test jenfasizza t-triq li Alla kien qed iħejji għall-poplu sabiex jerġa' lura mid-deżert lejn art twelidu. Imma Mattew jiffoka fuq persuna u mhux fuq sitwazzjoni. Il-persuni hija Ġwanni fid-deżert iħejji t-triq għall-Mulej.

Ġwanni għex ħajja axxetika: ċaħda tal-ġisem. Fit-tradizzjoni Ġudajka d-deżert jissimbolizza post ta' penitenza u purifikazzjoni. Il-poplu ta' Israel dam madwar erbgħin sena jiġġerra fid-deżert qabel ma tħalla jidħol fl-Art Imwiegħda. Fi kliem ieħor id-deżert jissimbolizza l-post fejn tibda l-battalja umana kontra l-qawwiet tal-ħażen li jirreżistu lil Alla.

Il-ħidma ta' Ġwanni tikkonsisti fil-predikazzjoni u l-magħmudija (Mt 3:1-2). Sabiex nifhmu l-qawwa tal-ilmijiet tal-Ġordan kontra d-dnub, l-ewwel irridu nkunu nafu l-istorja tat-tindif mill-ġdiem ta' Nagħman tas-Sirja rrakkuntata f'2 Slaten 5. Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet innovazzjoni; ngħidu aħna, il-karattru li kienet tagħti – għalkemm xorta mhux sagramentali – kien karattru differenti mill-purifikazzjoni ta' kuljum li kienu jagħmlu l-membri tal-komunità ta' Qumran, msejħa Esseni.

Il-predikazzjoni ta' Ġwanni u l-magħmudija tiegħu kienu jiffokaw fuq it-tema tal-indiema (Mt 3:1-2 u 7-10). L-indiema, bil-Grieg *metanoia*, mhijiex esperjenza ta' malajr. Hija aktar minn kwistjoni ta' emozzjonijiet. Mhijiex lanqas sempliċiment azzjoni ta' rieda. Imma tfisser li wieħed jibdel ħajtu għalkollox u jagħtiha direzzjoni ġdida: id-direzzjoni lejn Alla (Ġoel 2:12-13). skont Mattew 3:5 ħafna nies wieġbu għal dik ta' Ġwanni.

Ġwanni għaraf li xi ħadd ħafna iżjed qawwi kien ġej biex jgħammed bl-Ispirtu s-Santu lil dawk li hu kien għammed biss bl-ilma (Mt 3:11-12). Il-miġja tal-Ispirtu s-Santu kienet marbuta mat-tmiem taż-żmien u mal-miġja tal-Messija, ibbażata fuq Ġoel 2: 28 u Isaija 44:3 jew Eżekjel 36:26-28.

Ġwanni l-Battista huwa l-persuna adattata sabiex tgħinna niffukaw fuq l-istaġun tal-Avvent. Matul l-Avvent aħna nħejju rwieħna – anki permezz tal-Ewkaristija – għall-miġja tal-Mulej. U fuq kollox il-ġrajja ta' Ġwanni fil-vanġeli għandha x'taqsam kollha mas-sens ta' tħejjija. Imma nistaqsu: Preparazzjoni għal xiex?

Il-ħidma kollha ta' Ġwanni u l-ministeru sħiħ tiegħu kienu lkoll dwar li wieħed ikun lest għall-miġja tal-Messija.

Huwa aktar faċli li wieħed jaħseb dwar is-Saltna ta' Alla bħala xi saltna li qiegħda f'xi dinja oħra, bħal biex donna nevitaw li rridu nibdlu din id-dinja! Mattew uża l-kelma "Sema" ("Saltna tas-Sema") minħabba li fost il-Lhud kien hemm bħal xewqa qawwija li wieħed ma jużax il-frażi "Saltna ta' Alla". Jekk Alla, li qed isaltan, jinsab "fis-Sema", l-urġenza tal-predikazzjoni ta' Ġwanni ma tagħmel ebda sens; u lanqas it-tagħlim ta' Ġesu! L-urġenza li jqajjem fina Ġwanni hija dik li twassal lin-nies sabiex iħejju t-triq issa u hawnhekk! "Ibdlu l-attitudni tagħkom *issa*", qed jgħidilhom! "Ibdlu s-soċjetà tagħkom, ħalli l-bidla personali tkun waħda ċara". L-udjenza ta' Ġwanni riedet banju ritwali sabiex tkun tista' tibqa'

egoista, u għalhekk isejħilhom "sriep" u jwissihom fuq il-periklu ta' min jaħseb li se jsalva bil-qawwa tiegħu biss (Mt 3:7)!

Ġwanni ġie sabiex jgħammed, ħalli n-nies ikunu jistgħu jibdlu l-attitudni tagħhom u jfittxu t-triq id-dritta li jitkellem dwarha Isaija (Iż 40:4). Ir-ritwal tal-ħasil bl-ilma biss ma jibdel xejn. In-nies għandhom bżonn jibdlu wkoll l-attitudni tagħhom. Ġwanni kien ħabbar li l-Messija jew Ħellies kien riesaq bil-midra f'idu sabiex iderri u jsaffi l-qamħ mill-ħmieġ li jintrabat miegħu (Mt 3:12). Il-qamħ huwa l-għajn tal-għajxien, is-sors tal-ħajja. It-tiben mhux tajjeb għall-ikel tal-bniedem u għalhekk jintefa' 'l barra għall-ħruq. It-tiben qisu simbolu ta' dawk in-nies egoisti nieqsa mill-imħabba lejn l-oħrajn. Il-qamħ huwa x-xbieha tal-poplu li huwa ddedikat għall-ħtiġijiet tal-oħrajn.

## 17. INNU

## 18. MEDITAZZJONI II: KOLLOX GĦAD IKUN SEWWA

Fis-seklu erbatax, fl-Ingilterra, preċiżament f'Norwich, kien hemm mara mistika jisimha Ġuljana li mardet. Hekk kif bdiet taqleb għall-aħjar, hija kellha diversi viżjonijiet ta' Ġesù. Hi kitbet hekk fost l-oħrajn dwar dak li rat:

"Alla wrieni xi ħaġa żgħira, id-daqs ta' karawetta, u qegħidhieli f'idi… Jien ħarist lejha u flejtha, u bdejt ngħid bejni u bejn ruħi: Din xi tkun?

'Din tirrappreżenta dak kollu li ġie maħluq', kienet it-tweġiba. Jien bdejt nistagħġeb kif ħaġa hekk żgħira setgħet tibqa' teżisti u ma tkissritx jew sfat fix-xejn. It-tweġiba f'moħħi kienet din: Din teżisti u se tibqa' teżisti għax Alla jħobbha. Kulma jeżisti, jeżisti frott l-imħabba ta' Alla. F'dan l-oġġett ċkejken jien rajt tliet veritajiet: l-ewwel li Alla għamilha, it-tieni li Alla jħobbha, it-tielet li Alla jieħu ħsiebha".

Is-soru Ġuljana ta' Norwich kienet qiegħda tenfasizza l-punt li Alla għamel kollox, li hu jħobb kollox, u li fl-imħabba tiegħu hu jħares dak kollu li ħalaq. Hi kitbet ukoll li fl-imħabba ta' Alla kollox isib is-sura tiegħu. Il-frażi eżatta bl-Ingliż, li hija ferm famuża fl-ispiritwalità Anglo-Sassona, hija din: *"All shall be well and all manner of things shall be well"*.

## 19. TALBA

Alla Missierna, fl-imħabba tiegħek hemm post għal kull wieħed u waħda minna. Jalla aħna lkoll nikbru fil-fidi li "Int tiġborna u tħaddanna f'imħabbtek", u li kollox sa jaħdem għall-akbar ġid tagħna. Ammen.

## 20. BARKA SAGRAMENTALI

## 21. INNU TAL-GĦELUQ

## III. ADORAZZJONI GĦAT-TIELET ĠIMGĦA TAL-AVVENT (SENA A)

### 1. ESPOŻIZZJONI tal-Ewkaristija u Kant

### 2. VIŻTA

### 3. MEDITAZZJONI: X'nagħmlu meta nħossu li Alla mhux qed jismagħna?

Qatt waqaft ftit biex taħseb għaliex Alla jippermetti li jiġru ċerti ħwejjeġ? Ġieli tispiċċa tħossok irrabjat meta nies twajbin ibatu jew meta nies ħżiena bħal donnhom jibbenefikaw mill-imġiba ħażina tagħhom? L-eżistenza tat-tbatija fid-dinja hija problema enormi għal dawk kollha li jqiegħdu t-tama tagħhom f'Alla, u ċerti affarijiet ta' madwarna jġiegħluna nagħmlu mistoqsijiet dwar il-fidi tagħna.

F'Mattew 11, Ġwanni l-Battista kellu l-istess dubji dwar Ġesù. Ġwanni l-Battista kien jinsab maqful f'ħabs remot, 'il bogħod minn kulħadd. Erodi dalwaqt kien se jtemmlu ħajtu. Sadattant Ġesù kien qiegħed idur mal-Galilija u mal-Lhudija jippriedka bi kliem ta' faraġ u maħfra, u jindirizzah lil dak it-"tiben" li Ġwanni ħass li kellu jinħaraq. Xi skop kien hemm fil-kliem ta' Ġesù li nsibu fil-vanġelu tat-tielet Ħadd tal-Avvent, meta jgħid li ġie biex jeħles lill-ħabsin u lill-imjassrin, meta Ġwanni nnifsu kien għadu priġunier ta' Erodi? Hemm min hu tal-fehma li Ġwanni l-Battista ried li Ġesù jqajjem armata, l-istess kif aħna nkunu nixtiequ xi kultant li Alla jindaħal f'ħajjitna u jeqred lill-ħżiena. Madankollu Ġesù qatt u mkien ma jwiegħed li sa jibni saltna ta' din id-dinja li teqred il-ħażen kollu. Ġesù qal li s-Saltna tiegħu mhijiex ta' din id-dinja (Ġw 18:36).

Is-Saltna ta' Alla tiġi fil-milja kollha tagħha, imma jeħtieġ li nitgħallmu nistennew. Dawk li qiegħdu t-tama tagħhom f'Ġesù mhumiex se jkunu mħarsa mill-ħażen li għadu preżenti f'din id-dinja. Dan jidher ovvju mill-ħajja li Ġesù stess għex u li ma kinitx ta' xi sultan ta' din id-dinja. Minflok, huwa mexa t-triq tal-Kalvarju.

Għalissa jeħtieġ li nistennew u nafdaw fil-wegħdiet ta' Ġesù li għad jiġi mill-ġdid sabiex iwaqqaf Saltna ta' sliem u ġustizzja fost il-bnedmin. Aħna nafu li dan huwa minnu, għaliex is-Saltna tiegħu tinsab diġà fil-qlub ta' dawk li jafu l-imħabba ta' Alla u l-barka tal-maħfra.

### 4. TALBIET

Mulej tal-ħniena u l-qawwa, li Ibnek jgħix u jsaltan fuq kulħadd, agħtina li ngħixu l-ubbidjenza skont ir-rieda mqaddsa tiegħek, ħalli meta jidher aħna nqumu għall-ħajja ta' dejjem. Dan nitolbuh permezz ta' Ġesù Kristu, li hu ħaj u li jsaltan miegħek fl-għaqda tal-Ispirtu s-Santu, Alla wieħed għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Mulej Alla, li lilek qed nistennew il-ħin kollu, int bgħatt il-qaddej tiegħek Ġwanni l-Battista sabiex iħejji l-poplu tiegħek għall-miġja tal-Messija. Dawwal lill-ministri u l-qaddejja kollha tal-verità tiegħek sabiex idawru l-qlub diżubbidjenti tagħna dejjem lejk, ħalli meta Kristu jerġa' jiġi fil-glorja sabiex ikun l-Imħallef tagħna, aħna nibqgħu wieqfa quddiemu bil-kuraġġ qaddis tiegħek, int li int ħaj, u li tgħix u ssaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, Alla wieħed għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

### 5. QARI mill-ktieb tal-Profeta Isaija (Is 35:1-10)

### 6. INNU

### 7. QARI mill-Ittra ta' San Ġakbu Appostlu (Ġak 5:7-10)

## 8. Kant: Hallelujah

## 9. QARI mill-Evanġelju skont San Mattew (Mt 11:2-11)

## 10. KUMMENTARJU: X'NAGĦMLU META ALLA JIDDIŻAPPUNTANA?

Fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli, kapitlu 6, Pawlu u Silas jinsabu fil-ħabs. Imma mhux għat-tul! Sa ħin iċ-ċena, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, ikun hemm terremot li jiftaħ il-bibien taċ-ċella u joħorġu ħielsa! Allura jewwilla dan hu li għandna nistennew minn għand Alla: li jeħlisna kuldarba li nkunu fl-inkwiet? It-tweġiba hija qasira: le. Fil-qari minn Mattew 11 illum Ġwanni l-Battista jinsab fil-ħabs. Josephus, kittieb Lhudi, jgħidilna li Ġwanni kien jinsab fil-ħabs ta' Makeraws. Dan kien il-ħabs li Erodi kellu fid-deżert, fil-lvant ta' Qumran, fejn instabu l-kopji tal-kotba tal-Bibbja. Huwa minn dan il-ħabs remot li Ġwanni jibda jistaqsi fih innifsu dwar min hu Ġesù. Tidwi għalhekk b'qawwa l-mistoqsija tiegħu: "Inti dak li għandu jiġi jew nistennew lil ħaddieħor?" (11:3).

Hemm bżonn nifhmu li wara dan in-nuqqas ta' fidi hemm realtà partikulari. Ġwanni kien bniedem tajjeb u qaddis. Imma kien bniedem li dak li għandu jgħid ħa jgħidu; bil-Malti ngħidu: bla kantunieri, ta' żaqqu f'fommu! Ma kienx se jibża' lanqas minn Erodi. Ma kienx se jbaxxi rasu quddiem it-theddid u l-kliem fieragħ. Ġwanni kien bniedem speċjali. Il-vanġelu ta' Luqa jgħidilna li anki qabel ma kienu twieldu Ġwanni u Ġesù, Marija żaret lil qaribtha Eliżabetta. Mattew jgħidilna li meta Ġwanni ppriedka, Ġesù mar jippreżenta lilu nnifsu quddiem Ġwanni sabiex jitgħammed minnu. Meta mar jitgħammed instema' dan il-kliem: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih insib l-għaxqa tiegħi" (Mt 3:17). Imma wara l-magħmudija ta' Ġesù, Ġwanni ħassu mifxul għalkollox. Hu kien qatta' l-ministeru tiegħu jgħajjat lin-nies sabiex jersqu għall-indiema u jgħidilhom li l-Ġudizzju jinsab fil-qrib. "Il-mannara tqiegħdet ma' għonq is-siġra", kienet l-għajta tiegħu. Hu min jaf kemm ra nies ħżiena quddiemu u kien konvint li Alla se jeqridhom bin-nar li ma jintefiex. Imma minflok ma jilmaħ il-mannara nieżla, Ġwanni jsib ruħu fil-ħabs. Jekk Ġesù kien verament il-Messija, allura għaliex Ġwanni kien fil-ħabs? Fl-aħħar mill-aħħar aħna nafu li Ġwanni kien se jisfa b'rasu maqtugħa. Allura dan ifisser li Ġesù huwa falliment? Ġwanni kien qed jistenna Alla tan-nar u l-qerda, imma Ġesù ppriedka Saltna ta' maħfra u ħlewwa… u lil min ippriedka? Ġesù ppriedka lil dak l-istess "tiben" li Ġwanni ried jara maħruq fin-nar. Ġesù ma kienx preċiżament l-istess kif forsi seta' ħasbu Ġwanni. Minflok ma talab in-nar jinżel mis-sema, Ġesù talab maħfra, barka u sliem. Hu xandar il-barkiet għall-foqra, il-mansweti u l-umli (5:1-11). Hu sejjaħ lid-dixxipli sabiex iħobbu l-għedewwa tagħhom (5:42-48). Hu ħeġġeġ lid-dixxipli sabiex ma jiġġudikawx lill-oħrajn (7:1-5). Ġesù kien aktar jinteressah li jfejjaq milli li juża l-mannara. Nies bħal Ġwanni riedu mexxej qawwi u Messija li jreġġa' lura l-glorja trijonfanti ta' Israel. Ġesù wera rabja wkoll, imma quddiem l-ipokrezija. Imma l-ministeru tiegħu kellu karatteristika waħda qawwija: il-glorifikazzjoni ta' min hu dgħajjef. Tista' tidher ta' dwejjaq l-esperjenza tal-predikazzjoni tal-Vanġelu lil min hu fqir, dgħajjef, minsi u batut. Imma Ġesù kien konvint li l-aktar importanti f'għajnejn Alla kienu l-foqra, il-maħqurin, il-batuti, dawk ta' qalbhom maqsuma u l-imnikktin. Il-ħabsin u l-imjassra kienu importanti, imma dawn ma kinux neċessarjament dawk li fiżikament jinsabu fil-ħabs.

Hemm lezzjonijiet qawwija li rridu nitgħallmu minn dak li smajna fil-vanġelu u l-Liturġija tal-Kelma. *L-ewwel u l-aktar verità ovvja* hija li aħna nistgħu nkunu sinċieri fil-qadi tal-Mulej u xorta waħda nsibu ruħna b'rasna maqtugħa, mela ppersegwitati. Is-servizz leali u l-fedeltà lejn Alla mhumiex garanzija ta' ħelsien mill-qalb ħażina tad-dinja. Is-Saltna ta' Alla tinsab ġewwa fina, imma aħna xorta waħda ngħixu f'dinja fejn jiġru ħwejjeġ mill-iktar koroh.

*Dan iwassalna għat-tieni verità.* Nistgħu nħossuna vera *"down"* meta niġu wiċċ imb'wiċċ mar-realtà tat-tbatija u l-mewt. Ġwanni l-Battista kien qed jipprova jifhem il-paradoss. Min

jaf kemm staqsa bejnu u bejn ruħu: Kif jista' jkun li jeżisti s-Salvatur li ġej fid-dinja u xorta hawn il-ħażen? Ġwanni ried li Ġesù jispjega għaliex kien għadu ma għamel xejn biex ineħħi l-ħażen. Aħna llum aktarx nistaqsu l-istess mistoqsija. Għaliex Alla, li suppost li hu ħanin, jippermetti tant sofferenza madwarna? Ġesù jgħid lil Ġwanni li l-qawwa tiegħu għandha metodu ieħor ta' kif taħdem. It-tweġiba ta' Ġesù hija magħmula b'mod li tiġbed l-attenzjoni għall-karatteristiċi tal-ministeru tiegħu: "Morru għidu lil Ġwanni dak li rajtu u smajtu: l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, il-Vanġelu jixxandar lill-foqra". Il-ministeru ta' Ġesù huwa inqas dwar il-Ġudizzju u aktar dwar il-maħfra. L-implikazzjoni hija ċara: jekk se nqiegħdu t-tama tagħna f'Ġesù bħala dak li jisparixxi minn quddiemna d-dwejjaq u l-inġustizzja, mela allura t-tama tagħna se tfalli sew. Ġesù huwa l-mexxej li spiċċa fuq salib. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet fuq il-ħajja tat-talb tagħna. Fuq kollox anki l-Ewkaristija hija l-misteru tal-imħabba ta' Alla taħt forma umli u dgħajfa f'għajnejn il-bnedmin, imma fil-verità hija l-qawwa ta' Alla fostna.

## 11. SKIET

## 12. MEDITAZZJONI

Qatt waqaft u ħsibt għaliex ċerti affarijiet jiġru ladarba Ġesù huwa Alla? Darba wieħed ħabib tiegħi li kien iħobb il-kaċċa qalli din l-istorja:

"Darba qomt filgħodu u smajt iċ-ċriev jiġru. Imma rajt ċerva minnhom li tant kienet ġriet li wara li qabżet ix-xatba ħassitha hekk għajjiena li waqgħet fuq għarkupptejha. Wara ftit żewġt iklieb kbar bdew jiġru warajha. Imbagħad iċ-ċerva, imwerwra għall-aħħar, telqet tiġri u ġiet timtedd bejn għarkupptejja. Jiena rfajt lil dik iċ-ċerva ċkejkna u ħaddantha miegħi, u għajjatt waħda sew ma' dawk il-klieb kbar. Ħassejt li lanqas il-klieb kollha ta' dawk l-inħawi ma kienu se jirbħu lil dik iċ-ċerva ċkejkna u dgħajfa wara li fid-dgħufija tagħha hija kienet talbet il-ħarsien tiegħi".

Din nistħajjel li hija l-istorja tagħna ma' Alla. Min jaf kemm drabi l-klieb tad-dnub ġrew warajja u jiġru warajna lkoll. Imma aħna nfittxu li nistrieħu fid-dirgħajn felħana ta' Alla.

## 13. INNU

## 14. TALB

Mulej Alla, Missier ta' kull qawwa u għajn ta' kull setgħa, saħħaħ fija r-rieda li nagħmel il-ġid, sabiex Kristu jsibni lest u mħejji fi-miġja tiegħu ħalli jsejjaħli sabiex ngħix miegħu meta jerġa' jiġi fil-glorja. *Nitolbu.*

Mulej, sawwab fuqna matul dan l-Avvent l-Ispirtu Qaddis tiegħek u agħtina s-seba' doni tiegħu: id-don tal-fehma sabiex inkunu mdawla, id-don tal-kunsill sabiex nimxu fuq il-passi tiegħu, id-don tal-għerf sabiex niddixxernu t-tajjeb, tal-pjetà sabiex inkunu mimlija kompassjoni, id-don tal-biża' qaddis sabiex ninġibdu lura minn kull ħażen, u d-don tal-għerf sabiex intiegħmu minn issa l-ħlewwa ta' mħabbtek. *Nitolbu.*

Mulej Alla lilna mwiegħed, mill-ġdid nersqu lejk u nistennew il-preżenza tiegħek. Agħtina s-sabar sabiex infittxu t-tifsira ta' dawn il-jiem qaddisa. Agħtina wkoll il-kuraġġ sabiex nistennew fi żminijiet ta' tbatija u niket. Agħtina l-kompassjoni ħalli nistennew lil xulxin. Agħtina l-fidi sabiex nistennew il-Messija meta nkunu mhedda mill-Erodijiet tad-dinja tal-lum. Agħtina wkoll it-tama sabiex nistennew is-Salvatur, imqar meta ma nisimgħux l-anġli jgħannu għalenija. *Nitolbu.*

Għal dawk kollha li huma mxennqa għall-ikel, u għal dawk li għandhom l-ikel, sabiex jixxenqu bil-ġuħ għall-ġustizzja. *Nitolbu.*

## 15. BARKA SAGRAMENTALI

## 16. INNU TAL-GĦELUQ

## IV. ADORAZZJONI GĦAR-RABA’ ĠIMGĦA TAL-AVVENT (SENA A)

1. **ESPOŻIZZJONI tal-Ewkaristija u Kant**

2. **VIŻTA**

3. **MEDITAZZJONI:**

Darba kien hemm kontroversja kbira fuq ix-xbieha tan-Nativitá li kien hemm fil-mużew ta’ Madame Tussauds f’Londra. Dan għaliex diversi politikanti Ingliżi kienu rrappreżentati bħala ragħajja jew Slaten Maġi. Anki fil-figuri ta’ Marija u Ġużeppi tqiegħdu atturi kontroversjali. Mhux kulħadd ħa pjaċir u kien hemm min ħassu offiż. Imma żgur li din il-ġrajja wasslet biex ħafna u ħafna nies jieqfu u jirriflettu dwar it-tifsira tan-Nativitá. Matul is-snin ħafna kienu dawk in-nies li libsu l-ilbies tar-ragħajja, tal-Maġi jew tal-Familja Mqaddsa sabiex jirrappreżentaw din il-ġrajja. Dawn kienu nies ordinarji, xi wħud minnhom nies magħrufa u tajbin.

Forsi dan huwa l-aktar aspett importanti tal-ġrajja tan-Nativitá. Il-Vanġelu jgħidilna li kienu nies ordinarji ferm dawk li kienu fost ir-ragħajja li l-anġlu deherilhom sabiex iwasslilhom l-aħbar tat-twelid tal-Messija Bin Alla. Anki l-istess Maġi jidher li kienu nies umli u twajba. Marija kienet mara mingħajr pretensjonijiet, filwaqt li Ġużeppi kien mastrudaxxa sempliċi u twajjeb. Mela allura jista’ jkun li l-esperjenza tal-mużew ta’ Madame Tussauds tista’ sservi biex tfakkarna li l-ġrajja tat-twelid ta’ Ġesù hija ġrajja li għaliha kulħadd huwa mistieden. Ħadd ma jista’ jħossu barrani għaliha. F’dak il-lejl il-kewkba ddiet b’dawl qawwi fuq Betlehem għaliex dawlha kien qiegħed hemm sabiex jarah kulħadd. Sfortunatament ftit kienu dawk li ġew jaraw. Imma aħna lkoll imsejħa sabiex naqsmu fil-ferħ ta’ dak il-lejl qaddis. U fost dawk li huma msejħa u mistiedna hemm int u jien. Ġesù ma jridx figuri tax-xama’ imma jrid nies ħajjin, irid lilek u lili. Għalhekk Ġesù qed jistaqsina matul it-tmiem ta’ dan l-Avvent: Int se tieħu sehem fil-ġrajja tal-Nativitá li se sseħħ mill-ġdid? Int se tfittex li tiskopri s-sens veru tat-tifsira tal-Milied?

4. **QARI mill-ktieb tal-Profeta Isaija (Is 7:10-16)**

5. **INNU**

6. **QARI mill-Ittra ta’ San Pawlu Appostlu lir-Rumani (Rum 1:1-7)**

7. **Kant: Hallelujah**

8. **QARI mill-Evanġelju skont San Mattew (1:18-25)**

9. **KUMMENTARJU**

Meta Marija skopriet li kienet tqila, hija tgħarrset ma’ Ġużeppi. Dan ma kienx żwieġ sħiħ, imma mill-banda l-oħra kien aktar serju minn għerusija li ssir fi żmienna. Kien perjodu li jieħu madwar sena. L-għerusija kienet simili ħafna għall-istess żwieġ, bid-differenza li jkunu jonqsu d-drittijiet sesswali. Marija kienet daħlet f’kuntratt quddiem xhieda li jagħti drittijiet legali lil raġel fuq il-mara tiegħu. Dan seta’ jinkiser biss bil-mewt jew inkella bil-proċess formali tad-divorzju. Dan kien jiġri l-aktar jekk it-tfajla tkun akkużata b’adulterju. Marija x’aktarx li kellha biss madwar tlettax-il sena meta l-ġenituri tagħha bdew iħejjuha għaż-żwieġ.

Kien matul dan il-perjodu li Marija ħarġet tqila "mill-Ispirtu s-Santu". Ġużeppi jispikka tassew bħala raġel tal-affari tiegħu. Anki qabel ma żaru l-anġlu tal-Mulej, hu ma jsemmi f'ebda mument il-kastig. Minflok hu jiddeċiedi li jiddivorzja lil Marija fis-skiet sabiex ma joħloqx tbatija għalxejn. Għalhekk il-vanġelu ta' Mattew jibda b'att ta' tjubija u maħfra: din hija tassew era ta' grazzja! Wara li kien iddeċieda x'se jagħmel, l-anġlu tal-Mulej deherlu f'ħolma u qallu: "Ġużeppi, bin David, la tibżax tieħu lil Marija b'martek, għax dak li sa tnissel ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi jkollha iben u int issemmih Ġesù, għax hu jsalva lill-poplu tiegħu minn dnubiethom". Din hija l-ewwel waħda minn tliet okkażjonijiet fejn anġlu jidher lil Ġużeppi waqt ħolma (ara wkoll 2:13,19). F'kull każ l-anġlu jitlob lil Ġużeppi biex jaġixxi u Ġużeppi jobdi.

Il-kelmiet li l-anġlu juża huma lkoll importanti. L-anġlu jsejjaħlu "bin David". Dan huwa importanti għax juri li Ġużeppi ġej min-nisel u d-dar ta' David. L-anġlu qallu wkoll li hu kellu jsemmi lit-tarbija. B'dan il-mod Ġużeppi jagħmel lil Ġesù tassew ibnu u jdaħħlu fid-dar ta' David. L-anġlu jiddikjara li l-isem huwa importanti għaliex l-isem jipponta fid-direzzjoni tar-rwol ta' Ġesù fis-salvazzjoni u l-maħfra, "għax hu jsalva lill-poplu tiegħu minn dnubiethom". L-isem "Ġesù" huwa l-forma Griega tal-Għebrajk *Yehousa*, li jfisser "Jaħweh huwa salvazzjoni". Ta' min ifakkar li dan mhuwiex neċessarjament dak li riedu n-nies. Huma riedu Messija li jkeċċi bil-qawwa lir-Rumani, li kienu l-ħakkiema oppressivi ta' Israel. Huma riedu ġellied qalbieni, hu ried maħfra mid-dnub. Din il-maħfra hija importanti fil-vanġelu ta' Mattew. Ġesù jaħfer ukoll lil dawk li qatluh.

Jingħad li dan kollu seħħ sabiex titwettaq il-profezija ta' Isaija 7:14: "Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u jsemmuh Għimmanu-El, li jfisser 'Alla magħna'".

Huwa importanti li nifhmu dak li qed jiġri meta Mattew jikkwota lil Isaija. Isaija kien qed jitkellem fuq is-Sultan Aħaż, sultan tas-saltna ta' Ġuda fin-nofsinhar tal-art tal-Palestina fis-seklu 8 QK. Is-silta oriġinali nkitbet fi żmien meta Ġuda kien mhedded b'invażjoni militari. Isaija jgħid lis-Sultan Aħaż li Alla se jagħtih sinjal: dan is-sinjal se jkun mara żagħżugħa li diġà tkun tqila u għandha tagħti lit-tarbija l-isem simboliku ta' Għimmanu-El. Il-Lhud kienu jafu li dan l-isem ifisser "Alla magħna". Isaija mbagħad jgħid lis-Sultan Aħaż li qabel ma t-tfajjel jasal fl-età li jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, il-kriżi fuq il-pajjiż tkun għaddiet għalkollox. Is-silta mela twiegħed ħelsien lil Aħaż u lis-saltna tiegħu ta' Ġuda. Mattew jieħu din is-silta u jqiegħed fiha t-tifsira tat-twelid ta' Ġesù. Mattew mela juża din it-tħabbira madwar tlettax-il darba. Bħala Lhudi huwa jrid juri li Ġesù huwa t-*tiġdid* jew *milja* tat-Testment il-Qadim tal-Lhud. X'qawwa kbira nsibu fl-Iskrittura u f'Ġesù nnifsu!

10. **SKIET**

11. **MEDITAZZJONI**

Saru ħafna dibattiti dwar jekk il-ġrajjiet tat-twelid imsemmija minn Mattew fil-vanġelu tiegħu għandhomx jittieħdu litteralment. Imma l-fidi tagħna ma tiġix affettwata mill-verità litterali ta' dawn il-kitbiet. Imqar kieku ma kellniex f'idejna r-rakkont tat-Twelid, il-fidi tagħna ma kinitx tiddgħajjef. F'waħda mill-omeliji tiegħu dwar il-Milied, il-mistiku Dumnikan Meister Eckhart, li għex fis-seklu tlettax u kien ukoll teologu u predikatur, tkellem dwar it-twelid verġinali ta' Ġesù bħala xi ħaġa li sseħħ f'kull wieħed u waħda minna. Mela l-ġrajja tat-twelid verġinali hija l-istorja ta' Kristu li qed jitwieled ġewwa fina permezz tal-unjoni tal-Ispirtu s-Santu ta' Alla mal-ġisem tagħna. Fl-aħħar nett il-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù mhijiex biss dwar il-passat imma dwar it-twelid intern li jseħħ ġewwa fina. Il-ġrajja tal-Milied tisfida t-twemmin razzjonali tagħna u titlob minna li nemmnu xi ħaġa li tibqa', xi ħaġa li tmur lil hinn mir-raġuni: jiġfieri li Alla inkarna u sar wieħed minna.

**12. INNU**

## 13. TALBIET

Mulej Alla, aħna u nikkontemplaw il-kobor tat-twelid tiegħek, għinna sabiex bħalek insiru umli u qajjem fina x-xewqa li nindirizzaw il-bżonnijiet ta' ħutna, speċjalment dawk li huma l-aktar fil-bżonn. *Nitolbu.*

Mulej, ħalli l-ġmiel tal-glorja tiegħek jikber fil-qalb tagħna bħaż-żerniq ta' filgħodu li jeqred ftit ftit id-dlam tal-lejl u jġib miegħu d-dawl li jagħti l-ħajja. *Nitolbu.*

Mulej, Sid tal-imgħoddi, taż-żmien ta' issa u tal-ġejjieni, tar-rabta l-qadima u tal-ġdida, kellimna llum permezz tal-Kelma tiegħek li hija Kristu. *Nitolbu.*

Mulej, ejja, nitolbuk, u uri l-wiċċ tiegħek ħanin fuq ir-ruħ tagħna, filwaqt li tagħtina lilek innifsek. *Nitolbu.*

Mulej Alla tas-sliem, li qajjimt mill-ġdid mill-mewt lir-Ragħaj tan-nagħaġ tiegħek, Ibnek Ġesù, permezz tad-demm tal-Patt il-Ġdid, agħmilna lkoll perfetti sabiex il-ħidma tagħna tkun dejjem togħġbok, int li int Alla u li tgħix u ssaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## 14. MEDITAZZJONI (żjieda): ĠUŻEPPI

Għalkemm għexet mal-familja tagħha, Marija kienet mgħarrsa ma' Ġużeppi u nstab li kienet tqila bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Fi kliem ieħor din ma kinitx biss l-iskoperta tagħha; il-familja tagħha kollha kienet taf. Dan ħalla lil Ġużeppi f'dilemma: jekk jiżżewwiġx lil Marija u jammetti li huwa missier it-tarbija jew inkella jekk jakkużahiex li kellha relazzjoni barranija. Jekk jiddivorzjaha u jixliha b'adulterju jkun qed ipoġġi lil ħajjitha fil-periklu; l-adulterju kien akkuża li twassal għall-mewt. Jekk jiddivorzjaha mingħajr akkużi, Ġużeppi kien isalva r-reputazzjoni tiegħu kif ukoll dik ta' Marija.

## 15. KUMMENTARJU

Jidher stramb kif fid-dinja kultant l-affarijiet ma jiġrux kif tkun tridhom. Faċli timmaġina lil Ġużeppi u Marija u l-familji tagħhom jippreparaw għat-tieġ li riesaq. Tieġ jew għerusija kien istituzzjoni soċjali importanti ħafna fid-dinja tal-qedem, u l-ġenituri u n-nanniet kienu jirranġaw iż-żwieġ ta' wliedhom sa mit-twelid. L-ordni soċjali fid-dinja tal-qedem kien mibni fuq relazzjonijiet bejn familji estiżi, u ż-żwieġ kien mezz ewlieni sabiex jissaħħu l-alleanzi u r-rabtiet ekonomiċi bejn il-familji. Normalment in-nisa minn kull familja kienu jippropronu u jinnegozjaw l-arranġament taż-żwieġ; il-mexxejja tal-familji kienu mbagħad japprovaw l-unjoni. Għalhekk iż-żwieġ propost ta' Marija u Ġużeppi kien ikun xi ħaġa li jafha kulħadd fil-komunità ċkejkena tagħhom, aktarx sa minn xhur jew snin qabel. Hekk kif Marija tgħarrset, hija ħarġet tqila. Dan ċertament ma kienx parti mill-pjan! Aktarx li din lanqas kienet xi ħaġa fuq l-aġenda ta' Ġużeppi. F'daqqa waħda dak kollu li kien jidher sewwa, inqaleb ta' taħt fuq. Dan għaliex Alla kellu pjanijiet differenti. Imma l-iskop ta' moħħu kien dalwaqt se joħroġ għad-dawl: it-twelid verġinali ta' ibnu.

Bħal Ġużeppi aħna kultant insibuna sfidati jew mhedda mill-kobor tal-pjan ta' Alla fil-ħajja tagħna, speċjalment jekk dan ma jaqax fil-pjanijiet tagħna. Ir-rieda ta' Alla u l-viżjoni tagħna kemm-il darba ma jaqblux. Ġużeppi nbidel minħabba fil-pjan ta' Alla għal ħajtu. Miktub qrib is-sena 730 QK, il-qari ta' Isaija dwar it-twelid verġinali juri li l-pjanijiet ta' Alla kienu ilhom li tlestew bosta u bosta snin qabel ma twieled Ġużeppi, u kellhom jibqgħu jaffettwaw l-umanità għal aktar minn elfejn sena wara dakinhar. U hekk kif Ġużepi nbidel permezz tal-pjan ta' Alla għal ħajtu, aħna wkoll jeħtieġ li nkunu lesti li ninbidlu permezz tal-pjanijiet tiegħu għalina.

Aħna u nirriflettu fuq it-twelid tal-Mulej, forsi l-Milied huwa l-aħjar żmien sabiex nistaqsu lilna nfusna dwar kif il-pjan ta' Alla qed jaffettwa lil kull wieħed u waħda minna. Kif dan il-pjan qed jibdel lil ħajjitna b'modi li ma konniex nistennewhom? Il-kultura u l-esperjenza jgħidulna sabiex nieħdu kollox taħt il-kontroll tagħna, sabiex nippjanaw il-futur, sabiex nafdaw fil-kapaċitajiet tagħna. Mistoqsija li kultant nistgħu nisimgħu hija din: Imma min huwa tassew fil-kontroll? Kull meta jkun se jitwettaq xi proġett kbir, ikun hemm involuti dawk li nsejħulhom *management consultants*! Dawn in-nies kien ikollhom ħafna problemi li kieku għexu fi żmien it-twelid ta' Ġesù, għax it-twelid verġinali tiegħu xejn ma kien ippjanat jew mistenni mill-ġenituri tiegħu. Ħafna drabi aħna wkoll nintebħu li m'għandniex kontroll tas-sitwazzjoni.

Aħna u nħarsu lejn is-sena l-ġdida, aħna nkunu fi żmien adattat sabiex nistaqsu lilna nfusna liema huma l-pjanijiet li Alla għandu għalina fis-sena l-ġdida! Imma aħna lesti li nippermettulu li jkollu mqar ftit mill-kontroll? Lesti li nkunu ubbidjenti għar-rieda tiegħu u għall-pjan tiegħu l-istess kif kien Ġużeppi? Aħna nemmnu li Alla forsi jridna naffettwaw lill-oħrajn sabiex is-Saltna tiegħu tiġi fid-dinja?

## 16. SKIET

## 17. KUMMENTARJU II

"Ix-xebba ssir omm u jkollha iben, u ssemmih Għimmanu-El, isem li jfisser 'Alla magħna'"… isem li jfisser li żewġ naturi ngħaqdu f'persuna waħda. Qabel ma kien iż-żmien Hu kien Alla, imnissel mill-Missier; imma fil-milja taż-żmien hu sar Għimmanu-El, Alla magħna, fil-ġuf ta' ommu. Bla ma waqaf ikun dak li dejjem kien, hu beda jkun dak li aħna aħna, billi ħa n-natura tagħna b'tali mod li ma tilifx tiegħu. Imma mhux kollox kien ward u żahar!

Malli sema' li kienet tqila, bil-liġi Ġużeppi kellu jirritorna lil Marija għand missierha sabiex tingħata l-mewt. Imma Ġużeppi kien bniedem tal-unur. Hu jiddeċiedi li jiddivorzjaha fis-skiet. Forsi wkoll jimmaġina u jittama li l-missier veru tat-tarbija joħroġ fid-dawl u jistqarr li hu l-missier tat-tarbija. Imma l-aktar ħaġa tal-għaġeb hija li fl-ewwel ktieb tat-Testment il-Ġdid aħna nibdew niksbu s-sens li r-regoli tal-logħba qegħdin jinbidlu. Aħna nibdew nintebħu li r-rabtiet tal-Liġi li kienu jiggwidaw lill-poplu ta' Israel u ta' Ġuda issa qed jidhru f'dawl ġdid, dawl li juri li l-era l-ġdida tal-grazzja li tissupera l-Liġi issa qiegħda magħna: l-era tal-Għimmanu-El. L-Għimmanu-El mhuwiex il-prodott tal-evoluzzjoni umana, imma huwa l-intervent ta' Alla traxxendenti fl-istorja umana. Anki waqt li kien qed jiġi kkonċeput, il-Liġi kienet qed tibda tiġġedded fil-persuna ta' Ġużeppi, li beda jemmen li l-Mulej kien qed ikellmu permezz ta' ħolma.

Għall-kuntrarju ta' Aħaż fit-Testment il-Qadim, Ġużeppi jidher li huwa lest li jemmen li qed jisma' l-Kelma ta' Alla u jaġixxi fuq dak it-twemmin; Aħaż ipprefera jemmen fil-qawwa tiegħu stess u fit-trattat mas-sultan tal-Assirja! Ġużeppi huwa lest li jisma' l-Kelma tal-Mulej, imqar fil-ħolm tiegħu; Aħaż min-naħa l-oħra huwa magħluq u jafda biss fit-trattat li kellu f'moħħu. Ġużeppi jemmen il-wegħda ta' Alla u jsemmi t-tarbija Ġesù b'ubbidjenza għall-ħolma; Aħaż jirrifjuta l-wegħda ta' Alla u jsofri konsegwenzi serji: is-sultan li fih kien qed jafda li sa jiġi u jipproteġih fil-verità jaħkem lilu u lil artu. Kieku Ġużeppi ġab ruħu bħal Aħaż, hu kien jimxi mal-inklinazzjoni tiegħu u jibgħat lil Marija fis-skiet; kieku Aħaż aġixxa bħal Ġużeppi, min jaf kif l-istorja tal-poplu ta' Alla kienet tinbidel?

L-Inkarnazzjoni ta' Alla f'Ġesù Kristu hija kemm misteru u kemm miraklu. Tixbah ħafna lil xi storja ta' Holywood. Waħda verġni tnissel iben divin, u żagħżugħ kwiet jemmen fl-anġli tant li jemmen li qed jismagħhom. Aktar tard xi nies mistiċi mil-Lvant, li aħna nsejħulhom

Maġi, jitfaċċaw fuq ix-xena u jistqarru li jinsabu miexja wara l-kewkba u anki jħallu rigali li jiswew il-flus. U dan kollu jseħħ qabel il-massakru tal-innoċenti, l-eżilju lejn l-Eġittu u l-ġrajjiet strambi tat-tfulija bikrija ta' Ġesù. Kemm kien aktar faċli għal Ġużeppi li kieku emmen li dak li ġralu kien biss ħolma waħda twila!

Imma din ma kinitx sempliċi ħolma, lanqas kienet sempliċiment storja bħal dawk ta' Holywood. Din kienet ir-realtà ta' Alla inkarnat fostna. Meta nirriflettu fuq l-istorja tal-Milied, aħna nemmnu li Alla għadu jista' jitkellem magħna? Nemmnu aħna li Alla għadu jista' jintervieni fid-dinja tal-lum l-istess kif tkellem ma' Ġużeppi u ndaħal f'dak l-ewwel Milied? Jew inkella naħsbu li din kienet biss ħolma?

## 18. INNU

## 19. TALBIET

Saħħaħ, Mulej, il-Knisja tiegħek f'isem Ġesù sabiex tagħraf il-qawwa tas-Salvatur, l-Għimmanu-El. Żommna magħqudin flimkien fl-ubbidjenza u l-fidi li wasslu lil Ġużeppi u l-Familja Mqaddsa sabiex jagħmlu r-rieda tiegħek u jwasslu s-salvazzjoni lill-ġnus kollha. *Nitolbu.*

Missier, nitolbuk issawwab il-grazzja tiegħek fil-qlub tagħna, sabiex aħna nemmnu l-Kelma tiegħek billi nilqgħu lil Kristu sabiex jgħammar fil-qlub tagħna u fil-ħajja tagħna l-jiem kollha ta' ħajjitna. *Nitolbu.*

Missier qaddis, aħna rroddulek ħajr għad-don tal-Iben tiegħek li int tajtna f'Betlehem. Jalla l-qlub tagħna jkunu dejjem miftuħa għalih sabiex naqduh ilkoll bl-għemejjel tagħna. *Nitolbu.*

Missier, aħna qegħdin nitħejjew għat-twelid ta' Ibnek Ġesù. Aħna u nimmeditaw fuq it-twelid tiegħu fl-umiltà tal-għar ta' Betlehem, fakkarna li jum wieħed għad jiġi fil-glorja. *Nitolbu.*

Mulej Alla, Ħallieq ta' kollox, li għażilt b'Omm Ibnek lil Marija dejjem Verġni, imlina bil-fiduċja tal-wegħdiet tiegħek sabiex nagħmlu dejjem f'ħajjitna r-rieda qaddisa tiegħek. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## 20. BARKA SAGRAMENTALI

## 21. INNU TAL-GĦELUQ

# 17. *LIVE-IN WEEKEND* GĦALL-ADOLEXXENTI

Dun Giovanni Curmi

**« Bierek, Qasam, Ta » (ara Mt 4:19)**

**Tema ċentrali: Il-Quddiesa**

L-għan tal-*live-in* hu li f'ambjent ta' logħob interattiv l-adolexxenti jiġu megħjuna jagħrfu t-tifsira u l-valur tal-Quddiesa, b'mod partikulari tal-Quddiesa tal-Ħadd. Il-*live-in* hu mħawwar b'*ice breakers*, animazzjoni ta' eżerċizzi prattiċi, u mumenti ta' talb. Il-*live-in* jilħaq il-qofol tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

Jekk il-*live*-in se jiġi adattat għall-istudenti li qed jitħejjew biex jirċievu l-Griżma tal-Isqof, hu importanti li l-katekisti jkunu preżenti għal-*live-in* jew imexxu l-*live-in* bħala animaturi.

Barra l-preparazzjoni minn qabel min-naħa tal-animaturi, għal-*live-in* ikollok bżonn:

1. Bibbja għal kull adolexxent.
2. Simboli tal-Ewkaristija/Quddiesa: għeneb, żbul, ħobż, inbid – dawn jistgħu jservu ta' *setting* għal fejn isiru l-laqgħat. Jistgħu jintużaw fl-aħħar eżerċizzju.
3. Biro/Lapes għal kull adolexxent.
4. Fotokopji tal-eżerċizzi ta' animazzjoni li jkunu se jsiru.
5. Karti żejda għall-kitba.
6. Kotba tal-kant.
7. Karti bis-siltiet Bibliċi għat-talb ta' filgħaxija.
8. Kopji bir-rakkonti tal-qaddisin.
9. Lista bil-kelmiet "grazzi".
10. *Markers* biex l-adolexxenti jiktbu l-kelma "grazzi" fuq il-kartonċin.
11. Kartonċin ikkulurit.
12. Imqassijiet.

Fil-programm hemm imniżżla xi *ice breakers*. Wieħed jista' jibdel, iżid jew inaqqas skont il-gosti tiegħu. Biżżejjed wieħed jidħol fuq l-internet biex isib logħob u *ice breakers* kemm irid. Żewġ siti interessanti huma:
http://www.jubed.com/youth_ministry/
http://www.group-games.com/index-of-all-group-games.

**Programm**:

**<u>Il-Ġimgħa</u>**

**17 30 Il-grupp jinġabar fejn ser isir il-*live-in***

- L-animatur jagħti merħba lill-adolexxenti. Jiddeskrivi l-għan tal-*live-in* u flimkien mal-adolexxenti jelenka l-*ground rules* li jridu jiġu osservati mill-parteċipanti. L-adolexxenti jqiegħdu l-ħwejjeġ personali fil-kmamar li jkunu ġew assenjati lilhom.

**18 00 *Ice breakers***

- Isiru eżerċizzi ta' moviment u *team-building* biex il-grupp jingħaqad aktar. Il-grupp jirrappreżenta l-"Knisja-komunità" li tinġabar flimkien biex tiċċelebra l-Quddiesa. Iż-żewġ *ice breakers* magħżula huma *Fruit salad* u *Human knot*.

**18 15 <u>Animazzjoni 1</u>: Il-Quddiesa**

- Permezz ta' dan l-eżerċizzju l-animatur jista' jispjega l-partijiet tal-Quddiesa, l-ilbies u l-materjal meħtieġ għaċ-ċelebrazzjoni, u s-sena liturġika.

**19 15 Mistrieħ (Jitqassmu l-ħajjiet tal-Qaddisin)**

- L-animaturi jkollhom ċans jaqraw il-ħajja fil-qosor ta' diversi qaddisin. Il-qaddisin huma l-mudell il-kbir ta' dawk li għażlu lil Ġesù u mxew warajh. Matul il-mixja li ssir wara l-ikel, kull adolexxent jirrakkonta lil sħabu dak li jkunu qara.

- Il-ħajjiet tal-qaddisin jistgħu jittieħdu minn fuq l-internet. Possibbilment ikun hemm taħlita ta' qaddisin ta' epoki differenti.

**20 00 Ikel**

**21 30 Mixja (Rakkont tal-ħajja tal-Qaddisin)**

- Il-mixja jkollha għan mhux biss ta' mistrieħ u ċans biex l-adolexxenti jitkellmu flimkien, iżda wkoll li tkun formattiva bħall-mixja tad-dixxipli ta' Għemmaws. Fil-mixja kull adolexxent jirrakkonta l-ħajja ta' qaddis/a li jkun qara qabel.

**23 00 Talb flimkien u rqad**

**<u>Is-Sibt</u>**

**07 30 Qawmien**

**08 00 Talb flimkien**

**08 30 Kolazzjon**

**09 30 <u>Animazzjoni 2</u>: Il-valur tas-silenzju u l-atteġġjament ta' smigħ**

- Is-silenzju u l-atteġġjament ta' smigħ huma żewġ elementi importanti fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Is-silenzju mhuwiex biss nuqqas ta' ħsejjes, imma kundizzjoni biex wieħed jisma'. Is-smigħ hu l-atteġġjament tad-dixxiplu quddiem il-Mulej li jitkellem, speċjalment fl-ewwel parti tal-Quddiesa – il-Liturġija tal-Kelma.

**10 30 Mistrieħ**

**11 00 Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla**

- Issir ċelebrazzjoni żgħira tal-Kelma ta' Alla. L-għan hu biex l-adolexxenti jagħrfu l-valur tal-ewwel parti tal-Quddiesa: il-Liturġija tal-Kelma.

**12 00 Ikel**

**13 00 Mistrieħ**

**15 00 Mixja / Scavenger hunt**

- L-attività titħejja mill-animaturi tal-*Live-in.*

**17 00 <u>Animazzjoni 3</u>: Preparazzjoni tal-liturġija tal-Quddiesa**

- L-adolexxenti jiġu megħjuna jippreparaw għall-Quddiesa ta' għada. B'dan il-mod l-animatur jista' jwassal lill-adolexxenti biex jifhmu l-importanza li wieħed ikun ippreparat minn qabel għall-Quddiesa – jiġifieri jkollu atteġġjamenti ta' stennija, tħejjija u disponibbiltà biex jiltaqa' mal-Kelma ta' Alla u jieħu sehem fis-Sagrifiċċju tas-Salib.

**18 00 Mistrieħ**

**18 30 Adorazzjoni Ewkaristika**

- Isir mument ta' talb quddiem l-Ewkaristija, possibbilment esposta. L-għan hu biex l-adolexxenti jagħrfu l-valur tat-tieni parti tal-Quddiesa: il-Liturġija Ewkaristika.

- L-adorazzjoni trid titħejja minn qabel mill-animaturi tal-*live-in*.

**19 30 *Ice breakers***

- L-*ice breakers* għandhom l-iskop li joffru mistrieħ wara l-attivitajiet tal-ġurnata u fl-istess waqt isaħħu r-relazzjonijiet tal-grupp. L-*ice breakers* huma t-tnejn marbuta mal-logħob bil-bżieżaq: *Balloon smash* u *Balloon volleyball*.

**20 00 Ikel**

**21 30 DVD**

- L-animatur jista' jagħżel DVD skont il-messaġġ li jixtieq iwassal f'rabta mat-tema tal-Quddiesa. Jista' jkun, ngħidu aħna, DVD dwar il-ħajja ta' xi qaddis li "qasam" u "ta" ħajtu għall-oħrajn, jiġifieri li sar "Ewkaristija" ħajja.

**23 00 Talb personali u rqad (Tingħata s-silta biblika għat-talb u l-meditazzjoni personali)**

- Kull adolexxent jiġi mogħti karta b'vers jew silta qasira mill-Bibbja biex qabel jorqod jaqraha u jimmeditaha. L-għada filgħodu, fil-ħin tax-*sharing* flimkien, l-adolexxenti jaqsmu s-silta u r-riflessjoni li jkunu għamlu bħala t-talba ta' filgħaxija.

- Is-siltiet iridu jitħejjew minn qabel il-*live-in*.

## Il-Ħadd

**07 30 Qawmien**

**07 45 Talb flimkien**

- Isir mument qasir ta' talb personali fis-skiet, imbagħad isir talb vokali flimkien. Jista' jinqara salm flimkien, u jsir talb vokali, bħat-talba tal-Angelus. F'każ li l-*live*-in ikun qed isir għal studenti fis-sena tal-Griżma tal-Isqof, xieraq li ssir talba flimkien lill-Ispirtu s-Santu.

**08 00 Kolazzjon**

**09 00 *Sharing* tas-silta biblika li fuqha sar it-talb personali u tad-DVD**

- L-adolexxenti jġibu magħhom is-silta qasira mill-Bibbja li talbu fuqha qabel raqdu l-lejl ta' qabel. L-animatur jgħinhom jaqsmu flimkien dak li talbu u x'irriflettew dwar is-silta. B'dan il-mod l-animatur jgħinhom jifhmu aktar li l-Kelma ta' Alla waqt il-Quddiesa tixxandrilna biex aħna nkunu nistgħu nagħmluha parti minna.

- Isir ukoll *sharing* qasir tad-DVD li jkun intwera.

**09 30 *Ice breakers***

- L-*ice breaker Amoeba* hi logħba ta' kuntatt fiżiku, li jgħin biex joħloq is-sens tal-grupp. Fl-istess waqt hi logħba ta' "eliminazzjoni tal-avversarju". Minnha l-animatur irid joħroġ kuntrast: il-Quddiesa hi "l-istedina" tal-Mulej biex ningħaqdu flimkien f'familja waħda, il-post fejn ħadd mhu eskluż.

**09 45 <u>Animazzjoni 4</u>: Ir-radd il-ħajr**

- Il-Quddiesa hi minnha nfisha ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr. Il-kelma "Ewkaristija" tfisser propju azzjoni ta' radd il-ħajr. Il-Quddiesa hi r-radd il-ħajr lil Alla għall-għeġubijiet tiegħu fl-istorja tas-salvazzjoni, li jilħqu l-qofol tagħhom fl-offerta ta' Ġesù fuq is-Salib għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

- Is-sehem fil-Quddiesa għandu l-iskop li jgħinna nikbru f'atteġġjamenti ta' radd il-ħajr f'ħajjitna, kemm fil-konfront ta' Alla u kemm fil-konfront tal-oħrajn.

**10 30 Mistrieħ**

**11 00 Quddiesa**

- Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa hi l-qofol tal-*live-in*. L-adolexxenti kollha se jkunu mħejjija mill-ġurnata ta' qabel għaċ-ċelebrazzjoni, u kulħadd se jkollu "ministeru" x'jaqdi.

- Barra li jirrifletti dwar is-silta tal-Vanġelu, fl-omelija ċ-ċelebrant jipprova jgħaqqad flimkien id-diversi partijiet tal-*live-in*.

**12 00 Ikel**

**13 30 *Sharing* finali**

- Hu importanti li fi tmiem il-*live-in* l-animatur jgħin lill-adolexxenti jagħmlu *sharing* u jagħtu *feedback*.

- Il-*live-in* jista' jintemm billi kull adolexxent jagħmel proponiment konkret marbut maċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Ħadd li jkun ġej.

- Ikun opportun li fl-ewwel laqgħa ta' katekeżi l-katekist jirritorna fuq dan il-*live-in*.

## Animazzjoni:

### Il-Ġimgħa

**1. *Ice breakers***

Faċli wieħed isib tagħrif dwar l-*ice breakers* minn fuq l-internet. Hawnhekk hawn xi suġġerimenti:

**i. *Fruit salad***
http://www.greatgroupgames.com/fruit-salad.htm

**ii. *Human knot***
http://www.group-games.com/ice-breakers/human-knot-icebreaker.html

**2. Il-Quddiesa (45 minuta)**

- **Logħba: *Word-search***

i. **Eżerċizzju:** L-adolexxenti jingħataw karta biex jagħmlu *word-search* ta' kelmiet li għandhom x'jaqsmu mal-Quddiesa. Jekk in-numru tal-adolexxenti jkun kbir, l-adolexxenti jistgħu jinqasmu fi gruppi iżgħar u ssir speċi ta' kompetizzjoni ta' min se jispiċċa l-ewwel jew min isib l-akbar numru ta' kliem. (30 minuta)

ii. ***Sharing***: Isir *sharing* tal-kelmiet li nstabu u jiġu spjegati mill-animatur: b'dan il-mod tkun qed issir tifsira tal-Quddiesa. Hu importanti li l-animatur iħalli lill-adolexxenti jfissru huma l-ewwel x'jifhmu bil-"kelmiet" tal-Quddiesa. (15-il minuta)

iii. **Kelmiet:**

abbati
abjad
aħdar
aħmar
akklamazzjoni
alba
altar
ambone
amittu
ammen
ampullozzi
antiktestment
avvent
ċinglu
djaknu
dossoloġija
epiklesi
evanġeljarju
ġdidtestment
glorja
għid
hallelujah
ilma
inbid
kalċi
kant
kolletta
konsagrazzjoni
korporal
kredu
lezzjonarju
liturġija
maħfra
messal
milied
missierna
mulej
offertorju
omelija
ostja
paċi
palla
patena
pissidi
pjaneta
prefazju
purċissjoni
qassis
quddiesa
raddilħajr
randan
ritpenitenzjali
sagristan
salib
salm
secreta
stola
tabernaklu
talbaewkaristika
talbatalfidili
tislima
tqarbin
vanġelu
vjola

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | A | L | B | A | T | A | L | F | I | D | I | L | I | S | O | F | F | E | R | T | O | R | J | U |
| T | T | A | A | Ċ | F | I | N | O | J | Z | Z | A | R | G | A | S | N | O | K | M | N | U | U | J |
| Q | U | D | D | I | E | S | A | A | K | I | T | S | I | R | A | K | W | E | A | B | L | A | T | Z |
| A | A | B | B | A | T | I | L | R | A | D | D | I | L | Ħ | A | J | R | Ċ | Ċ | R | X | M | T | A |
| R | X | D | O | B | K | L | L | A | W | D | A | V | U | V | P | S | Ġ | T | K | E | U | P | I | F |
| B | O | Ħ | Q | Ħ | D | K | P | T | E | Ħ | E | R | A | U | D | I | D | J | A | K | N | U | M | E |
| I | S | M | E | S | S | A | L | L | D | T | R | N | P | I | S | S | I | D | I | O | L | L | A | R |
| N | T | I | E | K | L | D | G | A | T | M | Ġ | K | Ħ | P | A | S | D | A | O | R | E | L | E | P |
| Ġ | J | Ġ | B | L | F | U | R | G | M | E | I | G | X | F | L | A | T | T | O | P | Q | O | F | K |
| X | A | H | B | E | I | F | I | O | L | A | L | B | A | U | I | Q | E | E | Q | O | B | Z | D | P |
| Q | F | H | D | Z | Z | J | B | U | I | N | Z | P | X | A | B | L | S | N | P | R | T | Z | R | U |
| A | Q | I | E | Z | R | R | A | L | L | T | E | Z | V | R | V | I | T | A | P | A | I | I | X | R |
| J | Ġ | P | I | J | B | E | F | K | A | I | E | R | J | F | A | V | M | J | I | L | S | P | P | Ċ |
| I | I | A | L | O | D | O | E | A | J | K | P | Z | O | O | E | I | E | P | I | K | L | E | S | I |
| Ġ | L | Ċ | I | N | G | L | U | N | Z | T | T | Z | L | F | N | L | N | N | Ħ | K | I | V | E | S |
| O | M | I | M | A | E | P | Ċ | R | N | E | X | M | A | R | O | I | T | H | T | A | M | A | F | S |
| L | Ċ | L | R | R | E | P | P | E | E | S | P | I | U | T | B | L | Ħ | Ġ | T | L | A | N | Ż | J |
| O | A | Ħ | A | J | F | J | L | B | T | T | A | S | A | A | M | M | E | N | P | Ċ | U | Ġ | O | O |
| S | Ċ | Ħ | M | U | L | E | J | A | I | M | L | S | E | B | A | A | E | Ż | A | I | D | E | H | N |
| S | D | U | Ħ | A | Q | R | D | T | N | E | L | I | K | V | J | Q | Q | H | T | F | D | L | I | I |
| O | I | A | A | G | Ħ | V | D | W | E | N | A | E | U | F | H | A | L | L | E | L | U | J | A | H |
| D | B | L | D | G | Q | F | Ġ | Ġ | P | T | X | R | D | R | A | N | D | A | N | W | J | A | Ż | Ġ |
| E | N | O | D | S | E | C | R | E | T | A | N | N | E | F | X | F | F | A | A | J | T | R | Ż | E |
| L | I | T | U | R | Ġ | I | J | A | I | X | O | A | R | U | P | D | E | G | L | O | R | J | A | P |
| I | D | S | R | N | A | T | S | I | R | G | A | S | K | O | L | L | E | T | T | A | B | U | I | B |

**Soluzzjoni:**

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | A | L | B | A | T | A | L | F | I | D | I | L | I | | O | F | F | E | R | T | O | R | J | U |
| T | | | | | | I | N | O | J | Z | Z | A | R | G | A | S | N | O | K | | | | U | J |
| Q | U | D | D | I | E | S | A | A | K | I | T | S | I | R | A | K | W | E | A | B | L | A | T | Z |
| A | A | B | B | A | T | I | | R | A | D | D | I | L | Ħ | A | J | R | | | | | M | T | A |
| R | | | | | K | | | A | | | A | | | V | | S | Ġ | | | | | P | I | F |
| B | O | | | | | K | | T | | Ħ | | | A | | D | I | D | J | A | K | N | U | M | E |
| I | S | M | E | S | S | A | L | L | D | | | N | P | I | S | S | I | D | I | O | | L | A | R |
| N | T | | E | | | | | A | | | Ġ | | Ħ | | A | S | D | A | | R | | L | | P |
| | J | | | L | | | R | | | E | | G | | | L | A | T | T | | P | | O | | |
| | A | | | E | I | | | | L | A | L | B | A | | I | Q | E | E | | O | | Z | | P |
| | | | D | Z | | J | | U | I | N | Z | | | A | B | | S | N | | R | T | Z | | U |
| A | | | E | Z | | | A | L | L | T | | Z | V | | V | | T | A | | A | I | I | | R |
| J | | | I | J | | | | K | A | I | | | J | | | V | M | J | | L | S | | | Ċ |
| I | | | L | O | | | | A | J | K | | | O | O | E | | E | P | I | K | L | E | S | I |
| Ġ | | Ċ | I | N | G | L | U | N | Z | T | | | L | | N | | N | N | | K | I | V | | S |
| O | | | M | A | | | | R | N | E | | M | A | | O | I | T | | T | A | M | A | | S |
| L | | L | R | R | | | | E | E | S | P | I | | | B | L | | | | L | A | N | | J |
| O | A | | A | J | | | | B | T | T | A | S | A | A | M | M | E | N | P | Ċ | | Ġ | | O |
| S | | | M | U | L | E | J | A | I | M | L | S | | B | A | A | | | A | I | | E | | N |
| S | D | | Ħ | A | | | | T | N | E | L | I | | | J | | | | T | | | L | | I |
| O | I | A | A | | Ħ | | | | E | N | A | E | U | | H | A | L | L | E | L | U | J | A | H |
| D | B | L | | | | F | | | P | T | | R | D | R | A | N | D | A | N | | | A | | |
| | N | O | | S | E | C | R | E | T | A | N | N | E | | | | | | A | | | R | | |
| L | I | T | U | R | Ġ | I | J | A | I | | | A | R | | | | | G | L | O | R | J | A | |
| | | S | | N | A | T | S | I | R | G | A | S | K | O | L | L | E | T | T | A | | U | | |

## Is-Sibt

### 1. Il-valur tas-silenzju u l-atteġġjament ta' smigħ (45 minuta)

i. ***Ice breaker*: Ir-radar u l-pilota.** Hu meħtieġ ftit spazju. L-eżerċizzju hu mimika tal-*control tower* li jrid jgħin pilota jillandja ajruplan fuq ir-*runway* meta l-pilota ma jkunx jista' jara. Adolexxent jagħmel il-parti tal-pilota: jiġi mgħammad u jitqiegħed fit-tarf ta' kamra. Fit-tarf l-ieħor ikun hemm adolexxent li mill-*control tower* se jmexxi l-pilota minn tarf għall-ieħor tal-kamra. Fin-nofs jitqiegħdu xi ostakli (bħala siġġijiet, *cushions*) biex il-pilota jkun jeħtieġlu jdur magħhom. (Wieħed joqgħod attent li l-ostakli ma joħolqux inċidenti!) Fi tmiem l-*ice breaker* l-animatur irid jgħin lill-adolexxenti jifhmu li biex il-pilota jasal fid-destinazzjoni jeħtieġ li jkun hemm komunikazzjoni tajba bejn il-*control tower* u l-pilota. Dan jista' jseħħ biss jekk ikun hemm il-possibbiltà ta' komunikazzjoni tajba. Jekk il-ħin jippermetti l-eżerċizzju jista' jiġi ripetut minn koppji oħra ta' adolexxenti. (10 minuti)

ii. **Eżerċizzju:** Wara l-*ice breaker* l-animatur jagħti karta u biro lil kull adolexxent. Huma jingħataw ftit ħin biex iduru mal-post/joħorġu barra kulħadd għal rasu fis-silenzju, u filwaqt li jużaw is-sens tas-smigħ jiktbu lista ta' ħsejjes differenti li jisimgħu, kemm dawk tan-natura (eż. għasafar) u kemm dawk maħluqa mill-bniedem (eż. karozza). (20 minutA)

iii. ***Sharing***: Kull adolexxent jirrakkonta l-esperjenza tiegħu u l-ħsejjes li sema'. L-atteġġjament ta' smigħ – allura s-silenzju – hu meħtieġ waqt ix-xandir tal-Kelma ta' Alla u fil-mumenti preskritti mil-liturġija biex wieħed "jisma'" u biex jidħol fi djalogu ma' Ġesù (ringrazzjament wara t-tqarbin, il-ġabra meta wieħed jidħol fil-knisja qabel il-Quddiesa). (15-il minuta)

iv. **Rakkont Bibliku ta' riferiment:** Is-sejħa ta' Samwel (1 Sam 3): is-silenzju bħala atteġġjament ta' smigħ.

### 2. Ċelebrazzjoni tal-Kelma

- Iċ-ċelebrazzjoni tista' tiġi adattata, jew mibdula.

i. Jitħejja ambone jew *stand* sabiħ biex fuqu titpoġġa l-Bibbja.

ii. (Jekk possibbli) Il-Bibbja titwassal proċessjonalment, akkumpanjata minn żewġ xemgħat.

iii. Kant.

iv. Monizzjoni qasira – din iċ-ċelebrazzjoni trid turi l-importanza tal-ewwel parti tal-Quddiesa: il-Liturġija tal-Kelma.

v. Kant: Hallelujah.

vi. Qari: Eżek 2:8–3:3: il-Profeta ordnat jiekol il-ktieb.

vii. Mument qasir ta' skiet.

viii. Riflessjoni u *sharing* fuq il-qari:
   - Rakkont: Fl-Aħħar Gwerra Dinjija xi suldati fuq il-front Russu kienu waslu biex jiġu attakkati bir-riskju li jitilfu ħajjithom. Biex iqawwihom għal dan il-mument u għall-

possibbiltà tal-mewt, il-*pastor* tagħhom berikhom bil-Bibbja ċkejkna li kellu fil-but, u ta lil kull wieħed mis-suldati paġna mill-Bibbja. Kien hemm fost is-suldati min kiel il-paġna mogħtija lilu bħala att ta' fiduċja u abbandun f'Alla. Fl-attakk ħafna mis-suldati ġew maqtula.

- Il-post tal-Kelma ta' Alla fil-Quddiesa: il-**mejda** tal-Kelma.
- Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja tad-dixxiplu/tal-adolexxent/tal-istudent li qed jitħejja biex jirċievi l-Griżma tal-Isqof.

ix. Mument qasir ta' skiet.

x. Invokazzjonijiet: talb spontanju.

xi. L-adolexxenti jingħataw envelop magħluq b'sentenza mill-Bibbja li fuqha jridu jitolbu qabel jorqdu. L-envelop jinfetaħ biss qabel l-irqad. (Inkella dawn it-talbiet jingħataw filgħaxija stess qabel l-irqad.)

xii. Kant tal-Missierna.

xiii. Talba ta' għeluq.

xiv. Barka bil-Ktieb tal-Bibbja.

xv. Kant.

## 3. Preparazzjoni tal-liturġija tal-Quddiesa (tal-għada)

### i. Eżerċizzju

F'dan l-eżerċizzju l-adolexxenti jridu jiffurmaw sentenza billi jgħaqqdu l-ittri skont in-numri. Is-sentenza għandha x'taqsam mal-esperjenza taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

| A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | GĦ | H |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
| **Ħ** | **I** | **IE** | **J** | **K** | **L** | **M** | **N** | **O** | **P** |
| 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 |
| **Q** | **R** | **S** | **T** | **U** | **V** | **W** | **X** | **Z** | **Ż** |
| 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 |

27 1 21 24    16 12    15 13 18    6 25 21

12 16 - 17 5 14 4 1    17 1 9 10 19 17,

21 1 2 1 4    12 16 - 11 19 2 30,

21 1 16    12 16 - 2 1 22 15 1,

21 1 23 17 25    25

24 1 10 25 16 10 19 17.

**SILTA** (LQ 24:30):

W A Q T   L I   K I E N   F U Q
I L - M E J D A   M A G Ħ H O M ,
Q A B A D   I L - Ħ O B Ż ,
Q A L   I L - B A R K A ,
Q A S M U   U
T A H U L H O M .

ii. **Qari ta' Lq 24:13-35**

- L-animatur jaqra s-silta tar-rakkont ta' Għemmaws.

iii. **Ħidma fi gruppi**

L-adolexxenti jinqasmu f'żewġ gruppi (u għall-bżonn f'sottogruppi):

- grupp jipprepara l-qari Bibliku (lezzjoni u salm), l-għażla tal-kant u jħejji t-talb għal waqt il-Quddiesa – l-invokazzjonijiet ta' maħfra fil-bidu tal-Quddiesa u t-talbiet tal-fidili (it-talb ta' radd il-ħajr se jkun marbut ma' eżerċizzju partikulari); dan il-grupp ikun responsabbli wkoll mill-issettjar tal-ambjent tal-Quddiesa;
- grupp ieħor iħejji *role play*/mima dwar is-silta tal-vanġelu ta' Għemmaws (Lq 24:13-35) biex jippreżentaha waqt il-Quddiesa.

**4. *Ice breakers***

i. ***Balloon smash***

http://www.jubed.com/youth_ministry/view/Balloon-Smash/

ii. ***Balloon volleyball***

Meħtieġa żewġ bżieżaq minfuħa għal kull parteċipant. Possibbilment il-bżieżaq ikunu ta' diversi kuluri biex tinħoloq aktar korjografija u gost.

Aqsam il-grupp fi tnejn. Meħtieġ xi ħadd (jew aktar) li jagħmilha ta' *referee* biex iżomm il-punti u jiddeċiedi jekk bużżieqa tkunx messet mal-art. L-ispazju għal-logħba jiddependi min-numru ta' parteċipanti. Aqsam iż-żewġ gruppi bħallikieku qegħdin fuq *pitch* tal-*volleyball*, b'xibka immaġinarja bejniethom.

Meta tibda l-logħba kull parteċipant irid jitfa' l-bżieżaq tiegħu n-naħa l-oħra. Il-logħba tikkonsisti filli kull grupp jipprova jitfa' l-bżieżaq in-naħa l-oħra bla ma jħalli l-bżieżaq imissu l-art in-naħa tiegħu. Biex il-bżieżaq jintefgħu fil-ġenb oppost, jistgħu jintużaw l-idejn, is-saqajn, ir-ras… iżda l-bżieżaq ma jistgħux jinqabdu bl-idejn. Kull bużżieqa li tmiss mal-art hu punt mirbuħ għat-tim l-ieħor. L-istess jekk bużżieqa tinfaqa'. Il-logħba tintemm jew wara li ma jibqax aktar bżieżaq fl-ajru jew wara li jintemm il-ħin miftiehem tal-logħba.

*Varjazzjoni:* Tista' tassenja punti differenti skont il-kulur tal-bużżieqa.

**5. Siltiet Bibliċi għat-talb ta' qabel l-irqad**

- L-animatur iħejji siltiet bibliċi biex jitqassmu lill-adolexxenti.

## Il-Ħadd

### 1. *Ice breakers*

#### i. *Amoeba*

http://www.group-games.com/action-games/amoeba.html

### 2. Ir-radd il-ħajr

i. **Ġesù jrodd ħajr:** L-animatur jispjega lill-adolexxenti li fil-vanġeli spiss niltaqgħu ma' Ġesù jirringrazzja lill-Alla (eż. fit-tkattir tal-ħobż, meta t-72 dixxiplu rritornaw mill-ħidma missjunarja, fl-Aħħar Ċena, u oħrajn). L-atteġġjament tiegħu ta' radd il-ħajr fil-konfront tal-Missier kien ifisser li Ġesù kien ċert mill-imħabba tal-Missier lejh. L-atteġġjament ta' radd il-ħajr ifisser li aħna konxji li niddependu minn xulxin, li rċevejna u għadna nirċievu ħafna affarijiet "b'xejn" mingħand l-oħrajn (eż. il-ħajja, in-nifs…). Il-Quddiesa – "Ewkaristija" (= "radd il-ħajr") – hi l-istedina li jagħmel Ġesù biex flimkien miegħu rroddu ħajr lil Alla għall-imħabba bla qies tiegħu lejna.

ii. **Il-kelma "GRAZZI":** L-adolexxenti jiġu mistiedna jpittru l-kelma "grazzi" bid-diversi lingwi fuq il-kartonċin, u mbagħad iqassuhom u jpoġġuhom fl-art quddiemhom.

- Grazzi
- Thank you (Ingliż)
- Grazie (Taljan)
- Merci (Franċiż)
- Danke (Ġermaniż)
- Obrigado (Portugiż)
- Gracias (Spanjol)
- Dank u (Olandiċ)
- Tack (Żvediż)
- Tak Mange tak (Daniż)
- Diolch (Welsh)
- Hvala (Bożnijaku)
- Dankon (Esperanto)
- kia ora (Maori)
- Дзякуй (Bjelorussu)
- Рахмет (Kazak)
- Ευχαριστώ (Grieg)
- ありがとう (Ġappuniż)
- 당신을 감사하십시오 (Korejan)
- شكرا (Għarbi)
- néá'eše (Cheyenne)

Għal aktar kliem b'lingwi diversi wieħed jista' jfittex fuq: http://www.omniglot.com/language/phrases/thankyou.htm.

iii. ***Sharing*:** L-adolexxenti jiġu megħjuna jsibu raġunijiet konkreti f'ħajjithom għala għandhom għax iroddu ħajr (eż. persuni, esperjenzi…).

iv. **Talba:** L-adolexxenti jiġu mistiedna jiktbu talba personali ta' radd il-ħajr f'forma ta' *card*. Dawn it-talbiet imbagħad jinqraw waqt il-Quddiesa, fir-ringrazzjament ta' wara t-tqarbin.

**Programm fuq jumejn:**

## L-Ewwel Jum

0830 Il-grupp jinġabar fejn ser isir il-*live-in*
0900 *Ice breakers*
0915 Animazzjoni 1: Il-Quddiesa
1000 Mistrieħ
1015 Animazzjoni 2: Il-valur tas-silenzju u l-atteġġjament ta' smigħ
1100 Mistrieħ
1130 Ċelebrazzjoni tal-Kelma
1200 Ikel
1300 Mistrieħ
1500 Mixja / Scavenger hunt
1630 Animazzjoni 3: Preparazzjoni tal-liturġija tal-Quddiesa (ta' għada)
1800 Mistrieħ
1830 Adorazzjoni Ewkaristika
1915 *Ice breakers*
2000 Ikel
2100 DVD
2230 Talb personali u rqad

## It-Tieni Jum

0730 Qawmien
0745 Talb flimkien
0800 Kolazzjon
0900 *Sharing* tal-Kelma ta' Alla u tad-DVD
0930 *Ice breakers*
0945 Animazzjoni 4: Ir-radd il-ħajr
1030 Mistrieħ
1100 Quddiesa
1200 Ikel
1300 *Sharing* finali

# WERREJ

Daħla ........ 3

**L-Ewwel Taqsima: L-Ewkaristija u Jum il-Ħadd fil-Kotba Mqaddsa**

1. L-Ewkaristija prefigurata fit-Testment il-Qadim ........ 5
2. Iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika fil-Knisja Apostolika ........ 14
3. L-Ewkaristija fir-Raba' Vanġelu ........ 22
4. Lectio Divina fuq l-Ewwel Jum tal-ġimgħa ........ 26

**It-Tieni Taqsima: Il-Liturġija tal-Avvent u tal-Quddiesa**

5. Notamenti dwar l-Avvent u l-Milied ........ 28
6. Tifsir tal-Liturġija tal-Quddiesa ........ 32
7. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ........ 37
8. Dak li ġara fl-Għar ta' Betlem… Dak li jiġri fuq l-altar f'kull quddies f'kull ħin … 46

**It-Tielet Taqsima: Għajnuna għall-omelija u għall-katekeżi tal-adulti**

9. Tifsir tal-Qari Bibliku tal-Ħdud tal-Avvent (Sena A) ........ 48
   I. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent ........ 48
   II. It-Tieni Ħadd tal-Avvent ........ 51
   III. It-Tielet Ħadd tal-Avvent ........ 54
   IV. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent ........ 56
10. Sussidju kateketiku għall-Omeliji tal-Ħdud tal-Avvent (Sena A) ........ 59
   I. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent ........ 60
   II. It-Tieni Ħadd tal-Avvent ........ 61
   III. It-Tielet Ħadd tal-Avvent ........ 63
   IV. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent ........ 65
11. Skemi ta' Omeliji għall-Ħdud tal-Avvent (Sena A) ........ 67
   I. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent ........ 68
   II. It-Tieni Ħadd tal-Avvent ........ 71
   III. It-Tielet Ħadd tal-Avvent ........ 74
   IV. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent ........ 77

## Ir-Raba' Taqsima: Sussidji Pastorali


12. Proposta ta' Novena tal-Milied 2010 ………………………………………. 80
13. Skema ta' Novena tal-Milied għat-Tfal ………………………………………. 82
14. Novena tal-Milied ………………………………………. 87
    I. L-Ewwel Jum: Alla jilqagħna fid-dar tiegħu ……………………………. 88
    II. It-Tieni Jum: Alla jħobbna u jaħfrilna ………………………………………. 91
    III. It-Tielet Jum: Alla jitkellem magħna ………………………………………. 93
    IV. Ir-Raba' Jum: Alla jifraħ bid-doni ta' mħabbitna ……………………………. 96
    V. Il-Ħames Jum: Alla jurina l-ikbar imħabba fuq is-salib …………. 98
    VI. Is-Sitt Jum: Alla jixtieq li aħna ngħixu bħala aħwa ta' familja waħda, ulied Missier wieħed ………………………………………. 100
    VII. Is-Seba' Jum: Alla jsir ikel għalina ………………………………………. 102
    VIII. It-Tmin Jum: Alla jistħoqqlu kull tifħir u radd il-ħajr …………. 104
    IX. Id-Disa' Jum: Alla jixtieq li naqsmu l-imħabba tiegħu mal-oħrajn …………. 106
    X. Appendiċi 1: Eżami tal-kuxjenza ………………………………………. 108
    XI. Appendiċi 2: Taf xejn il-kulur t'Alla? ……………………………. 110
    XII. Appendiċi 3: Roddu ħajr lill-Mulej għax hu tajjeb (Salm 135[136]) …………. 111
15. Ċelebrazzjoni Penitenzjali għal żmien l-Avvent ……………………………. 112
16. Skemi ta' adorazzjonijiet ewkaristiċi għal matul il-ġimgħat tal-Avvent …………. 120
    I. Adorazzjoni għall-ewwel ġimgħa tal-Avvent ……………………………. 121
    II. Adorazzjoni għat-tieni ġimgħa tal-Avvent ……………………………. 124
    III. Adorazzjoni għat-tielet ġimgħa tal-Avvent ……………………………. 129
    IV. Adorazzjoni għar-raba' ġimgħa tal-Avvent ……………………………. 133
17. *Live-in weekend* ta' jumejn għall-adolexxenti ……………………………. 138